— wara li kkunsidra t-Tieni Laqgħa tal-Partijiet (MOP-2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, f'Almaty, il-Kazakhstan, mill-25 sas-27 ta' Mejju 2005,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0336/2006),

1. Japprova l-konklużjoni ta' l-emenda;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

(1) ĠU C 92 E, 20.4.2006, p.383.

**P6_TA(2006)0475**

## L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazju ta' oġġetti impurtati minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazju ta' oġġetti impurtati minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi (COM(2006)0076 — C6-0078/2006 — 2006/0021(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0076) (1),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0078/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0361/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha kif meħtieġ, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinforma lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*Artikolu 3, punt (1 a) (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***(1a) "passiġġieri bil-vapur jew b'vapur tal-kruċieri" tfisser kwalunkwe passiġġier li jivvjaġġa permezz ta' vapur bi skeda, vapur ta' linja jew vapur tal-kruċieri għal distanza ta' mill-anqas 50 kilometru;*** |

Emenda 2

*Artikolu 8, paragrafu 1, subparagrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT u d-dazju l-importazzjoni ta' oġġetti, għajr dawk imsemmija fit-Taqsima 3, li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 220 *per* kull persuna | 1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT u d-dazju l-importazzjoni ta' oġġetti, għajr dawk imsemmija fit-Taqsima 3, li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-***EUR 330*** *għal* kull persuna |

Emenda 3

*Artikolu 8, paragrafu 1 subparagrafu 2*

| | |
|---|---|
| Fil-każ tal-*vjaġġaturi* bl-ajru, il-limitu minimu monetarju speċifikat fl-ewwel subparagrafu għandu jkun EUR 500. | Fil-każ tal-*passiġġieri* bl-ajru, ***jew passiġġieri bil-baħar jew fuq kruċiera***, il-limitu minimu monetarju speċifikat fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ***EUR 1 000***. |

Emenda 4

*Artikolu 8, paragafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu ibaxxu l-limitu monetarju għal vjaġġaturi ta' taħt ***il-ħmistax-il sena***, ikunu x'ikunu l-mezzi tat-trasport. Madankollu, il-limitu monetarju ma' jistax ikun inqas minn EUR 110. | 2. L-Istati Membri jistgħu ibaxxu l-limitu monetarju għal vjaġġaturi ta' taħt ***is-sittax-il sena***, ikunu x'ikunu l-mezzi tat-trasport. Madankollu, il-limitu monetarju ma' jistax ikun inqas minn EUR 110. |

Emenda 5

*Artikolu 9, paragafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jiddistingwu bejn vjaġġaturi bl-ajru u vjaġġaturi oħra billi japplikaw il-limiti minimi tal-kwantità speċifikati fil-paragrafu 1 għall-vjaġġaturi għajr dawk bl-ajru. | 2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jiddistingwu bejn vjaġġaturi bl-ajru, ***jew passiġġierii bil-baħar jew fuq kruċiera***, u vjaġġaturi oħra billi japplikaw il-limiti minimi tal-kwantità speċifikati fil-paragrafu 1 għall-vjaġġaturi għajr dawk bl-ajru, ***jew bil-baħar jew fuq kruċiera***. |

Emenda 6

*Artikolu 10, paragafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. Barra mill-eżenzjoni li jaħseb għaliha l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT u d-dazju total ta' ***4 litri*** ta' inbid u 16-il litru birra. | 3. Barra mill-eżenzjoni li jaħseb għaliha l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT u d-dazju total ta' ***8 litri*** ta' inbid u 16-il litru birra. |

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| Emenda 7<br>*Artikolu 11* | |
| L-eżenzjonijiet skond l-Artikoli 9 jew 10 m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' vjaġġaturi taht is-***17***-il sena. | L-eżenzjonijiet skond l-Artikoli 9 jew 10 m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' vjaġġaturi ***taħt it-tmintax-il sena*** |
| Emenda 8<br>*Artikolu 12* | |
| L-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT u d-dazju, *fil-każ tal-kwalunkwa mezz ta' trasport bil-mutur, il-kombustibbli ta' ġot-tank u kwantità ta' kombustibbli* li ma taqbiżx l-10 litri ġo kontenitur li jinġarr, bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jkopru l-pussess u t-trasport tal-*kombustibbli* | L-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT u d-dazju, *kwantità ta' fjuwil* li ma taqbiżx l-10 litri li tkun ġo kontenitur li jinġarr, ***trasportat f'vettura,*** bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jkopru l pussess u t-trasport tal-*fjuwil* ***Madanakollu, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jimmonitorjaw ir-rata ta' xiri tal-petrol minn barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' evażjoni ta' taxxa fir-reġjuni tagħhom li huma fuq il-fruntiera, u li jieħdu l-passi meħtieġa kontra dan.*** |
| Emenda 9<br>*Artikolu 14, paragrafu 1, punt (a)* | |
| ***(a) kull persuna bħala resident fiż-żona tal-fruntiera*** | ***imħassar*** |
| Emenda 10<br>*Artikolu 16, paragrafu 3 a (ġdid)* | |
| | ***3a. Il-limiti monteraji msemmija fl-Artikolu 8(1) u (2) għandhom jiġu riveduti ta' l-anqas kull ħames snin, b'mhux inqas mill-indiċi armonizzat ta' prezzijiet tal-konsumatur jew mid-dejta uffiċjali mill-Eurostat dwar ir-rata medja ta' inflazzjoni ta' l-Istati Membri, skond liema tkun l-ogħla, sakemm il-Kunsill ma' jiddeċidix mod ieħor b'mod unanimu.*** |

**P6_TA(2006)0476**

## It-Tielet Kontribut tal-Komunità lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Ewwel Pagament tat-Tielet Kontribut tal-Komunità lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl (COM(2006)0305 — C6-0251/2006 — 2006/0102(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0305) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 203 tat-Trattat Euratom,

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra Artikolu 308 tat-Trattat KE, li bis-saħħa tiegħu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0251/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0374/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE u l-Artikolu 119, it-tieni paragrafu, tat-Trattat Euratom;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda sostanzjalment il-proposta tal-Kummissjoni;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
| --- | --- |
| Emenda 1<br>*Artikolu 1, paragrafu 2* | |
| The appropriations shall be authorised by the budgetary authority within the limits of the financial perspective. | L-approprjazzjonijiet għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja. ***Il-kontribuzzjoni għandha tkun iffinanzjata skond l-approprjazzjonijiet baġitarji annwali disponibbli.*** |
| Emenda 2<br>*Artikolu 2, paragrafu 1, subparagrafu 2* | |
| The Commission shall forward all relevant information to the Court of Auditors and shall ***request from the EBRD*** any supplementary information that ***the Court of Auditors*** may wish to receive, as regards the aspects of the operation of the Chernobyl Shelter Fund that relate to the Community's contribution. | Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni relevanti kollha ***lill-awtorità baġitarja u*** lill-Qorti ta' l-Awdituri u għandha ***tipprovdi*** kwalunkwe informazzjoni supplimentari li huma jistgħu jkunu jixtiequ li jirċievu, fir-rigward ta' l-aspetti ta' l-operazzjoni tal-Fond tax-Xelter ta' Chernobyl li tirrelata mal-kontribuzzjoni tal-Komunità. |

**P6_TA(2006)0477**

## Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea, dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (COM(2006)0082 — C6-0105/2006 — 2006/0023(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0082) [1],

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni tal-31 ta' Ottubru 2003,

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2), 57(2), 95, 107(5), 179, 181a, 190 (5), 195(4), 199, 207(3), 218(2), 223 l-aħħar paragrafu, 224 il-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, 225a il-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, 245(2), 248(4) l-aħħar paragrafu, 255(2), 255(3), 260 it-tieni paragrafu, 264 it-tieni paragrafu, 266 l-aħħar paragrafu, 279, 280, 283 u 300(2) l-ewwel paragrafu tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0105/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju (A6-0380/2006),

1. Japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjonixz tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| Emenda 1<br>*Premessa 4 a (ġdida)* | |
| | ***(4a) Huwa ta' l-akbar importanza li l-Istati Membri kollha li għadhom ma għamlux hekk, jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni mingħajr aktar dewmien,*** |

**P6_TA(2006)0478**

## Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-EAFRD *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) (COM(2006)0237 — C6-0237/2006 — 2006/0082(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0237) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0237/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0319/2006),

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk għandu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta mill-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TA(2006)0479**

## Talba għad-difiża ta' l-immunità ta' Gabriele Albertini

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar talba għad-difiża ta' l-immunità u tal-privileġġi ta' Gabriele Albertini (2006/2099(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Gabriele Albertini għad-difiża ta' l-immunità tiegħu fir-rigward tal-proċedimenti kriminali mressqa kontrih quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Milan, imwettqa fil-25 ta' April 2006, imħabbra fis-seduta plenarja tas-27 ta' April 2006,

— wara li semgħa lil Gabriele Albertini skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986 [1]

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0378/2006),

1. Jiddeċiedi li jħares l-immunità u l-privileġġi ta' Gabriele Albertini;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni, u r-rapport tal-kumitat responsabbli lill-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika Taljana.

(1) Il-Każ 101/63 *Wagner* v *Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195 u l-Każ 149/85 *Wybot* v *Faure u oħrajn* [1986] ECR 2391.

---

**P6_TA(2006)0480**

## Talba għad-difiża ta' l-immunità ta' Gabriele Albertini

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar talba għad-difiża ta' l-immunità u tal-privileġġi ta' Gabriele Albertini (2006/2122(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Gabriele Albertini għad-difiża ta' l-immunità tiegħu fir-rigward tal-proċedimenti kriminali mressqa kontrih quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Milan, imwettqa fit-28 ta' April 2006, imħabbra fis-seduta plenarja tal-15 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra s-smigħ ta' Gabriele Albertini skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986 [1]

— wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0383/2006),

A. billi Gabriele Albertini huwa Membru tal-Parlament Ewropew li kien elett fis-sitt elezzjoni diretta ta' l-10 sat-13 ta' Ġunju 2004 u billi l-kredenzjali tiegħu kienu verifikati mill-Parlament fl-14 ta' Diċembru 2004 [2],

B. billi waqt is-seduti tal-Parlament Ewropew il-Membri tiegħu jgawdu l-immunitajiet fit-territorju ta' l-Istat tagħhom mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom u billi l-immunità ma tistax tkun invokata meta Membru jinqabad fl-att li jwettaq reat; billi dan ma jostakolax lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu [3],

C. billi d-dispożizzjoni li tapplika fil-każ ikkonċernat hija t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 68, tal-Kostituzzjoni Taljana, li tippermetti li jitressqu proċedimenti kriminali kontra Membri tal-Parlament mingħajr ebda formalitajiet speċjali, meta jitqies li, mingħajr il-permess tal-Kamra li jappartjeni għaliha l-Membru, ma tistax issir tiftixa kemm fuq il-persuna u lanqas fuq id-domiċilju ta' Membru tal-Parlament u Membru ma jistax ikun arrestat jew miċħud b'mod ieħor mil-liberta' personali tiegħu jew tagħha jew miżmum f'detenzjoni, ħlief f'każ ta' infurzar ta' kundanna ta' ħtija finali jew f'każ fejn il-Membru jinqabad fl-att li jwettaq reat li għalih l-arrest ikun obbligatorju f'każ ta' *flagrante delicto,*

D. billi l-akkużi mressqa kontra Gabriele Albertini mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Distrettwali ta' Milan jittratta t-tressiq ta' emendi vojta skond il-proċedura tal-baġit tal-Kunsill tal-Belt ta' Milan bil-ħsieb li dawn jimtlew aktar tard skond l-emendi mressqa mill-oppozzizzjoni, biex ikun evitat it-tressiq ta' emendi wara l-iskadenza, li jkun każ inammissibbli,

E. billi t-tressiq ta' emendi vojta jista' jitqies bħala aspett tal-politika u tal-ħajja politika u billi, sakemm l-att finali li għalih qed jirreferu ma jkunx adottat, emendi bħal dawn huma sempliċiment atti ta' proċedura interna bl-ebda effett estern, b'mod partikolari u fuq kollox minn naħa tal-liġi kriminali, peress li t-tressiq ta' emendi bħal dawn ifisser reat impossibbli u fi kwalunkwe każ reat mhux eżistenti,

F. billi, fi proċedimenti oħrajn (Każ Nru. 9384/03 R.G.N.R.), l-istess Qorti Distrettwali ta' Milan, sejħet biex jitqiesu allegazzjonijiet simili għal dawk imwettqa kontra Gabriele Albertini iżda mbagħad għal dawk imwettqa minn Gabriele Albertini nnifsu kontra l-avversarji politiċi tiegħu, sostniet li m'hemm ebda każ x'tindirizza u ċaħdet il-każ,

G. billi l-fatt li l-istess Qorti adottat attitudni għal kollox opposta f'żewġ każijiet sostanzjalment simili jirriżulta fi trattament inugwali mingħajr raġuni li jwassal għas-suġġeriment li Gabriele Albertini tressaq il-Qorti inġustament,

H. billi l-kwistjoni kkonċernata hija estremament delikata u l-konsegwenzi tagħha għall-prerogattivi tal-Parlament Ewropew m'humiex aċċettabbli, peress li m'hemm ebda ġustifikazzjoni għal trattament inugwali ta' Gabriele Albertini, li jwassal għall-kwistjoni ta' *fumus persecutionis,*

[1] 1 Każ 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, u l-Każ 149/85 *Wybot v Faure u Oħrajn* [1986]ECR 2391.
[2] 2 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-verifika tal-kredenzjali (ĠU C 226 E, 15.9.2005, p. 51).
[3] 3 L-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

I. billi kwalunkwe każ ta' persekuzzjoni politika ta' wieħed mill-Membri tiegħu huwa attakk fuq l-integrità tal-Parlament Ewropew bħala istituzzjoni politika eletta b'mod demokratiku mill-popli ta' l-Ewropa, u jfisser disprezz għal Parlament,

J. billi l-attitudni diskriminatorja tal-Qorti Taljana qed tagħmel ħsara lil Gabriele Albertini;

K. billi, jekk l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew diġà daħal fis-seħħ, li dan għadu ma seħħx, minkejja li l-Parlament Ewropew approvah darbtejn, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2002 [1] u tas-17 ta' Diċembru 2003 [2], il-proċedimenti kontra Gabriele Albertini setgħu kienu sospiżi;

1. Jiddispjaċih li, fil-fatt, il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 ma jallokax il-mezzi lill-Parlament Ewropew biex jieħu azzjoni li torbot biex jipproteġi lill-Gabriele Albertini u għalhekk jiddeċiedi li ma jiddefendix l-immunità tiegħu;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni, u r-rapport tal-kumitat responsabbli lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti Distrettwali ta' Milan fir-rigward tal-każ kriminali Nru 8629/05 R.G.

(1) ĠU C 27 E, 30.1.2004, p. 139.
(2) ĠU C 91 E, 15.4.2004, p. 230.

**P6_TA(2006)0481**

## Talba għad-difiża ta' l-immunità ta' Gérard Onesta

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-talba għall-ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi ta' Gérard Onesta (2006/2121(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Monica Frassoni għall-ħarsien ta' l-immunità ta' Gérard Onesta f'konnessjoni mal-proċeduri kriminali miġjuba kontra dan ta' l-aħħar quddiem it-Tielet Kamra tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ta' Toulouse, Franza, imressqa fis-17 ta' Mejju 2006, imħabbra fis-seduta plenarja fil-31 ta' Mejju 2006,

— wara li sema' lil Gérard Onesta skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0386/2006),

A. billi Gérard Onesta huwa Membru tal-Parlament Ewropew li kien elett fis-sitt elezzjoni diretta ta' l-10 sat-13 ta' Ġunju 2004 u billi l-kredenzjali tiegħu kienu vverifikati mill-Parlament fl-14 ta' Diċembru 2004 [2],

(1) Il-kawża 101/63 *Wagner* v *Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, u l-kawża 149/85 *Wybot* v *Faure u others* [1986] ECR 2391.
(2) Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-verifika tal-kredenzjali (ĠU C 226 E, 15.9.2005, p. 51).

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

B. billi waqt is-seduti tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu jgawdu fit-territorju ta' l-Istat tagħhom l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom u billi l-immunità ma tistax tkun invokata meta Membru jinqabad fl-att li jwettaq reat; billi dan ma jostakolax lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu ([1]),

C. billi d-dispożizzjoni applikabbli għall-każ imsemmi hija l-Artikolu 26, it-tieni subparagrafu, tal-Kostituzzjoni Franċiża, li f'konformità magħha l-ebda Membru Parlamentari m'għandu jkun arrestat għal delitt serju jew reat serju ieħor, l-anqas m'għandu jkun suġġett għal xi miżura ta' kustodja jew ta' semikustodja, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Bureau ta' l-assemblea li tagħha huwa membru; billi awtorizzazzjoni bħal din m'għandhiex tkun meħtieġa fil-każ ta' delitt serju jew reat serju ieħor mwettqa *flagrante delicto* jew fil-każ ta' sentenza finali,

D. billi l-Qorti ta'l-Appelli Kriminali ta' Toulouse ikkundannat lil Gérard Onesta għal tliet xhur ħabs, u b'hekk applikat sanzjoni aktar stretta minn dik merfugħa għall-akkużati l-oħra, u billi l-istess Qorti msemmija ġġustifikat din id-deċiżjoni differenti billi stqarret illi, fil-kapaċità tiegħu bħala Membru ta' Parlament Gérard Onesta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, aktar minn kull ċittadin ieħor, il-mezzi sabiex isemma' leħnu f'fora politiċi, b'mod partikulari bl-appoġġ ta' membri oħra eletti tal-partit tiegħu, tal-grupp tiegħu fl-Assemblea u, jekk meħtieġ, tal-media, peress li hu, skond il-Qorti Franċiża, espert fl-arti tal-komunikazzjoni,

E. billi l-fatt li Gérard Onesta ġie kkastigat b'aktar severità għall-unika raġuni li għandu status ta' Membru ta' Parlament jikkostitwixxi diskriminazzjoni ċara kontra politiċi eletti, kemm-il darba jidher li, peress li huma għandhom mezzi oħra u aktar effettivi ta' espressjoni, mhumiex permessi li jkunu involuti f'dimostrazzjonijiet pubbliċi bl-istess mod bħaċ-ċittadini l-oħra u billi dan il-fatt, għalhekk, iġib miegħu l-konklużjoni inaċċettabbli li Membri ta' Parlament jistgħu biss jaġixxu f'assemblei politiċi u li, barra minn dawn il-fora, igawdu inqas jeddijiet u mezzi ta' espressjoni minn kull ċittadin ieħor,

F. billi l-użu diskriminatorju mill-awtoritajiet Franċiżi tal-frażi "fraglante delicto" kontra Membri tal-Parlament biss — magħżula minn fost aktar minn 400 persuna involuta — tikkonstitwixxi abbuż ta' proċedura, bl-iskop waħdieni li jiġi evitat il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet,

G. billi Gérard Onesta jsostni li l-intenzjoni tiegħu kienet li jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet kontra Franza talli naqqset milli ddaħħal fil-liġi tagħha id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u Tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament ([2]),

H. billi l-affari inkwistjoni hija delikata ħafna u l-konsegwenzi għall-prerogattivi tal-Parlament Ewropew huma inaċċettabbli, peress li l-attitudni diskriminatorja tal-qorti Franċiża u l-preġudizzju politiku sussegwenti għad-drittijiet ċivili ta' Gérard Onesta għandhom ikunu kkundannati bil-qawwa,

I. billi, wara li pprova r-rimedji domestiċi kollha, Gérard Onesta, fi kwalunkwe każ hu intitolat li jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu, u li l-Parlament Ewropew diġà qed jikkunsidra miżuri ta' appoġġ,

J. billi kull każ ta' persekuzzjoni politika ta' wieħed mill-Membri tiegħu hu attakk fuq l-integrità tal-Parlament Ewropew bħala istituzzjoni politika eletta b'mod demokratiku mill-popli ta' l-Ewropa, u jfisser disprezz għall-Parlament, u billi, bħala istituzzjoni demokratika, il-Parlament Ewropew hu marbut li jiddefendi l-prerogattivi tiegħu billi juża l-mezzi kollha disponibbli għalih,

1. 1 Jesprimi dispjaċir li, fil-fatt, il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 ma jallokax il-mezzi lill-Parlament Ewropew biex jieħu azzjoni li torbot biex jipproteġi lil Gérard Onesta u għalhekk jiddeċiedi li ma jiddefendix l-immunità tiegħu.

([1]) Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965.
([2]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

**P6_TA(2006)0482**

## Azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marittimu ***I

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marittimu (Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima) (COM(2005)0505 — C6-0346/2005 — 2005/0211(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0505) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0346/2005),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0373/2006),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6_TC1-COD(2005)0211**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva** *2007/…/KE* **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marittimu (Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) ta' dan,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-*Kummissjoni,*

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu *skond il*-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

([1]) *ĠU C 185, 8.8.2006, p. 20.*
([2]) *ĠU C 206, 29.8.2006, p. 5.*
([3]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2006.*

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

Billi:

(1) L-ambjent marittimu huwa wirt prezzjuż li għandu jiġi protett, restawrat u ttrattat bħala tali bil-għan aħħari li jipprovdi oċeani u ibħra bijoloġikament diversi u dinamiċi li jkunu sikuri, nodfa, f'saħħithom u produttivi.

*(2)* ***L-Ewropa hija mdawra minn erba' ibħra — il-Mediterran, il-Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar l-Iswed; u minn żewġ oċeani — l-Atlantiku u l-Artiku.***

*(3)* ***It-territorju fuq l-art tal-Komunità huwa fil-fatt magħmul minn peniżola li għandha kosti twal eluf ta' kilometri u t-territorju marittimu tal-Komunità huwa akbar minn dak ta' l-art.***

*(4)* ***Jidher ċar li d-domanda li hemm għal riżorsi naturali u servizzi ekoloġiċi tal-baħar, bħalma huwa l-assorbiment ta' l-iskart, hija kbira wisq u l-Komunità teħtieġ li tnaqqas l-effett tagħha fuq l-ibħra, kemm fit-territorju Komunitarju kif ukoll lil hinn minnu.***

*(5)* ***Minħabba s-sensittivitajiet partikolari ta' l-ekosistema tal-Baħar Baltiku, li jirriżultaw min-natura magħluqa u salmastra tiegħu, l-Istati Membri li jinsabu madwar il-Baltiku għandhom ifittxu li jindirizzaw bħala kwistjoni ta' urġenza t-theddid partikolari għall-Baħar Baltiku, bħall-ewtrofikazzjoni, l-introduzzjoni ta' speċijiet invażivi u s-sajd żejjed.***

*(6)* Konformi mad-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità [1], strateġija tematika għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' l-ambjent marittimu *kellu jiġi żviluppat*, sa żmien tliet snin mill-adozzjoni ta' dak il-Programm, bl-għanijiet ġenerali li tippromwovi użu sostenibbli ta' l-ibħra u tikkonserva l-ekosistemi marittimi.

*(7)* ***L-istrateġija tematika fuq l-ambjent tal-baħar — imsejsa fuq approċċ integrat — għandha tinkludi, kif jixraq, objettivi kwalitattivi u kwantitattivi u skedi ta' ħin li jippermettu li jiġu mqabbla u evalwata l-miżuri li ssir dispożizzjoni għalihom. Azzjonijiet li għandhom il-mira li jimplimentaw l-istrateġija għandhom ikunu konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Għandha ssir kunsiderazzjoni wkoll għaż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati u l-użu aħjar ta' l-istrumenti ta' finanzjar varji tal-Komunità, marbutin b'mod dirett jew indirett mal-ħarsien ta' l-ambjent marittimu.***

*(8)* ***L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għandhom ikollhom il-mira li jikkonservaw l-ekosistema. Dan l-approċċ għandu jikkunsidra zoni bijoġeografiċi bħala protetti, kif ukoll attivitajiet tal-bniedem li jkollhom impatt fuq l-ambjent marittimu.***

*(9)* ***Jeħtieġ li jibqgħu jiġu stabbiliti miri bijoloġiċi u ambjentali u oqfsa ta' referenza li jqisu l-objettivi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' ambjenti naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa*** [2] ***(id-Direttiva ta' l-Ambjenti Naturali), u tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma*** [3]***, u ta' objettivi oħrajn li sar ftehim internazzjonali fuqhom.***

*(10)* Biex jiġi promoss użu sostenibbli ta' l-ibħra u tikkonserva l-ekosistemi marittimi, għandha tingħata prijorità *sabiex jinkiseb stat* ambjentali tajjeb fl-ambjent marittimu tal-Komunità, it-tkomplija tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' dak l-ambjent, u l-iżgurar li ma jkunx hemm iktar deterjorament.

*(11)* Biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, hemm bżonn ta' qafas leġiżlattiv trasparenti u koerenti, ***li tinkludi definizzjoni ta' stat ambjentali tajjeb u li hija marbuta mal-prinċipju tal-Politika Komuni tas-Sajd,*** biex tipprovdi qafas ġenerali *għal* azzjoni u tippermetti li l-azzjoni meħuda tkun koordinata, *u* konsistenti, u integrata sew ma' azzjonijiet marbuta ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità kif ukoll ma' ftehim internazzjonali.

[1] *ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.*
[2] ***ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).***
[3] ***ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).***

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

*(12)* Il-kundizzjonijiet, il-problemi u l-ħtiġijiet diversi tar-Reġjuni Marittimi varji li jiffurmaw l-ambjent marittimu fil-Komunità jeħtieġu soluzzjonijiet differenti u speċifiċi. Dik id-diversità għandha titqies fil-preparazzjoni, l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-miżuri biex jintlaħaq *stat* ambjentali tajjeb fl-ambjent marittimu tal-Komunità fil-qafas ta' Reġjuni u Sotto-Reġjuni Marittimi.

*(13)* Għalhekk huwa xieraq li ***l-Istati Membri li għandhom Reġjun tal-Baħar komuni għandhom jiżguraw li tiġi prodotta Strateġija għall-Baħar konġunta, waħda għal kull reġjun jew sotto-reġjun għall-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom.*** Kull Stat Membru għandu jiżviluppa Strateġija *Marittima* għall-ilmijiet Ewropej tiegħu li, filwaqt li tkun speċifika għall-ilmijiet tiegħu, tkun tirrifletti l-perspettiva ġenerali tar-Reġjun *tal-Baħar partikolari*. L-Istrateġiji *Marittimi* għandhom jirriżultaw fl-eżekuzzjoni ta' programmi ta' miżuri mfassla biex jilħqu stat ambjentali tajjeb.

*(14)* Minħabba n-natura transkonfinanti ta' l-ambjent marittimu, l-iżvilupp ta' Strateġiji Marittimi għandu jkun koordinat għal kull Reġjun Marittimu. Peress li r-Reġjuni Marittimi huma kondiviżi kemm bejn Stati Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw l-aktar koordinazzjoni mill-viċin possibbli ma' l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi oħrajn konċernati. Fejn hu prattiku u xieraq, strutturi istituzzjonali eżistenti stabbiliti f'Reġjuni Marittimi għandhom *jintużaw* biex jiżguraw tali koordinazzjoni.

*(15)* Billi azzjoni fil-livell internazzjonali hija indispensabbli biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, din id-Direttiva għandha ttejjeb l-effettività tal-kontribut tal-Komunità taħt ftehimiet internazzjonali.

***(16)* *Minħabba l-interazzjoni ta' l-interessi ta' nazzjonijiet tat-tbaħħir u tas-sajd u l-bastimenti u l-attivitajiet tagħhom fl-ambjent marittimu, huwa imperattiv li jiġu kkoordinati l-isforzi biex l-ambjent tal-baħar jitħares mir-riskji assoċjati mat-theddid ta' dawn il-bastimenti fir-Reġjun tal-Baħar ma' l-istat fejn ikun irreġistrat il-bastiment. Fejn il-bastimenti ta' pajjiżi terzi joperaw fir-Reġjun marittimu, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom biex iħarsu l-ambjent marittimu fi ħdan il-qafas tal-korpi u l-istituzzjonijiet eżistenti.***

*(17)* Il-Komunità u l-Istati Membri huma parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) approvata *bid*-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE ([1]). L-obbligi tal-Komunità u l-Istati Membri taħt dawk il-*ftehim* għandhom għalhekk jitqiesu bis-sħiħ f'din id-Direttiva.

*(18)* Din id-Direttiva għandha wkoll issostni l-pożizzjoni qawwija meħuda mill-Komunità, fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika *approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KE* ([2]), dwar il-twaqqif tat-telfien tal-bijodiversità, waqt li tiżgura l-użu konservazzjonali u sostenibbli tal-bijodiversità marittima u dwar il-ħolqien ta' netwerk globali ta' żoni marittimi protetti sa l-2012. Barra dan, hi għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Seba' Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD/COP7), li adottat programm elaborat ta' ħidma dwar il-bijodiversità marittima u kostali b'numru ta' skopijiet, għanijiet u attivitajiet maħsuba biex iwaqqfu t-telfien tal-bijodiversità bijoloġika nazzjonali, reġjonali u globali u li jassiguraw il-kapaċità ta' l-ekosistema marittima li ssostni l-provvista ta' *merkanzija* u servizzi, u programm ta' ħidma dwar żoni protetti bl-għan li jitwaqqfu u jinżammu sistemi nazzjonali u reġjonali rappreżentattivi ekoloġikament ta' żoni marittimi protetti sa l-2012. L-obbligu li l-Istati Membri jiddeżinjaw żoni Natura 2000 taħt id-Direttiva dwar *l-Ambjenti Naturali* jagħmel kontribut importanti lil dan il-proċess.

***(19)* *Approċċ razzjonali għandu jiġi definit għall-implimentazzjoni sħiħa tan-netwerk Natura 2000 fl-ambjent marittimu. Dan l-approċċ għandu jinkludi proposti għall-adattament ta' l-annessi għad-Direttiva ta' l-Ambjenti Naturali relatati ma' ambjenti u speċijiet marittimi, u għandu japplika u jaġġusta dawk il-miżuri ta' instrumentazzjoni tekniċi u finanzjarji li huma neċessarji.***

***(20)* *L-iżgurar ta' l-integrazzjoni ta' l-għanijiet ta' konservazzjoni, il-miżuri amministrattivi u l-attivitajiet ta' sorveljanza u evalwazzjoni mfasslin għal zoni marittimi protetti fl-Istrateġiji Marittimi hija kruċjali għall-kisba ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva.***

([1]) ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

(21) Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi *għat-twettiq* ta' l-obbligi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri skond diversi *ftehim* internazzjonali rilevanti oħrajn li permezz tagħhom daħlu għal impenji importanti rigward il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu mit-tniġġis: il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittimu taż-Żona tal-Baħar Baltiku, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/157/*KE* (1), il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittimu tal-Grigal ta' l-Atlantiku, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/*KE* (2), u l-Anness V il-ġdid tagħha dwar il-Protezzjoni u l-Konservazzjoni ta' l-Ekosistemi u d-Diversità Bijoloġika taż-Żona Marittima u l-Appendiċi III *korrispondenti*, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/340/*KE* (3), u tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittimu u *r-Reġjun* Kostali tal-*Mediterran, approvata* bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/*KEE* (4), *u l-emendi tagħha mill-1995, appruvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/802/KE* (5), *kif ukoll* l-Protokoll tagħha dwar il-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran *mit*-Tniġġis minn Sorsi Bbażati Fuq l-Art, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/101/*KEE* (6).

***(22) Huwa neċessarju li jkunu mistiedna l-pajjiżi tal-viċinanzi biex jipparteċipaw f'dan il-proċess u jiżviluppaw sħubiji magħhom, b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, waqt li jitqiesu, inter alia, l-inizjattivi ta' sħubija li tnedew fil-kuntest tas-Samit Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.***

***(23) Għandha titqies ukoll il-bijodiversità u l-potenzjal għal riċerka tal-baħar assoċjati ma' ambjenti fil-baħar fond lil hinn mir-reġjuni l-iktar imwarrba u għandu jingħata appoġġ, taħt programmi speċifiċi, għat-tfassil ta' studji xjentifiċi bil-għan li ssir karatterizzazzjoni aħjar ta' l-ekosistemi bil-baħar fond.***

***(24) Għal ħarsien effettiv ta' l-ambjent tal-baħar, l-Istati Membri għandhom joħolqu oqsfa u pjattaformi li jippermettu proċessar transsettorjali ta' kwistjonijiet tal-baħar. Għalhekk, l-iżvilupp ta' l-istat ta' l-ilmijiet tal-baħar m'għandux jitqies min-naħa ambjentali biss, iżda għandu jgħaqqad ix-xjenza naturali ma' l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u amministrattiv taż-zona.***

(25) Peress li l-programmi ta' miżuri mwettqa skond l-Istrateġiji *Marittimi jkunu* effettivi ***u kemm jista' jkun effettivi f'sens ta' spejjeż*** biss jekk ikunu maħsuba fuq il-bażi ta' għarfien ***xjentifiku*** sod ta' l-istat ta' l-ambjent *marittimu* f'zona partikolari u mfassla viċin kemm jista' jkun tal-bżonnijiet ta' l-ilmijiet ikkonċernati fil-każ ta' kull Stat Membru u fil-perspettiva ġenerali tar-Reġjun *marittimu* kkonċernat, huwa meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet għall-preparazzjoni f'livell nazzjonali ta' qafas xieraq***, inkluża riċerka marittima u operazzjonijiet ta' monitoraġġ,*** għat-tfassil ta' politika b'mod infurmat.

(26) Bħala l-ewwel pass f'dik il-preparazzjoni, l-Istati Membri li jmissu ma' Reġjun *Marittimu* għandhom jagħmlu analiżi tal-karatteristiċi u ***l-funzjonijiet*** ta' l-ilmijiet *marittimi* tagħhom, b'mod li jidentifikaw il-pressjonijiet u l-impatti predominanti fuq dawk l-ilmijiet, l-użu ekonomiku u soċjali tagħhom u l-ispiża tad-degradazzjoni ta' l-ambjent *marittimu*.

(27) Fuq il-bażi ta' tali analiżi, l-Istati Membri għandhom imbagħad jiddeterminaw għall-ilmijiet Ewropej sett ta' karatteristiċi li jikkostitwixxu *stat* ambjentali tajjeb. Għal dawn l-għanijiet, huwa xieraq li ssir dispożizzjoni għal termini li jiddeskrivu kwalitajiet ġeneriċi, kriterji dettaljati u standards li jridu jiġu żviluppati fil-futur qrib mill-Kummissjoni bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha.

***(28) Il-Komunità għandha toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-kwalità tar-riċerka u l-korp ta' għarfien magħmula mill-universitajiet iddedikati għall-istudju tax-xjenzi marittimi. L-informazzjoni xjentifika u teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-istadji varji maħluqa minn din id-Direttiva għandhom għalhekk jiġu miksuba minn sorsi affidabbli u għandha tkun garantita s-sostenibilità taz-zoni tal-kosta fejn is-soltu jinsabu dawn iċ-ċentri ta' tagħlim.***

***(29) L-appoġġ għal riċerka dwar l-ambjent tal-baħar għandu jkun parti mis-Seba' Programm ta' Qafas dwar ir-riċerka u l-iżvilupp (2007-2013).***

---

(1) ĠU L 73, 16.3.1994, p. 19.
(2) ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1.
(3) ĠU L 118, 8.5.2000, p. 44.
(4) ĠU L 240, 19.9.1977, *p. 1.*
(5) *ĠU L 322, 14.12.1999, p. 32.*
(6) ĠU L 67, 12.3.1983, p. 1.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

*(30)* Il-pass li jmiss biex jintlaħaq *stat* ambjentali tajjeb għandu jkun li jiġu stabbiliti miri ambjentali u programmi ta' monitoraġġ għal valutazzjoni kontinwa, li jippermettu li l-istat ta' l-ilmijiet konċernati jiġi evalwat fuq bażi regolari.

*(31)* Fuq il-bażi ta' dawn l-oqsfsa, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw programmi ta' miżuri maħsuba biex jilħqu *stat* ambjentali tajjeb fl-ilmijiet konċernati, filwaqt li jakkomodaw il-ħtiġi-jiet Komunitarji u internazzjonali eżistenti u l-ħtiġijiet tar-Reġjun Marittimu konċernat.

*(32)* Minkejja li hu xieraq, meta titqies il-preċiżjoni tal-punt fokali meħtieġ, li dawk il-passi *li* jittieħdu mill-Istati Membri, huwa essenzjali, sabiex tkun żgurata l-koeżjoni ta' l-azzjoni madwar il-Komunità kollha u fir-rigward ta' l-impenji f'livell globali, li kemm il-qafas preparatorju *kif ukoll* il-programmi ta' miżuri jkunu soġġetti għall-approvazzjoni *mill*-Kummissjoni.

***(33) L-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-immaniġġjar tal-programmi ta' miżuri jistgħu jeħtieġu spiża sostanzjali. Meta wieħed iqis li l-programmi ta' miżuri huma l-mezz kif jistgħu jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, il-Komunità għandha tikkontribwixxi għan-nefqa ta' l-Istati Membri waqt il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni ta' dawk il-programmi.***

*(34)* Għall-finijiet ta' ġustizzja u fattibilità, huwa xieraq li jsiru dispożizzjonijiet għall— każijiet fejn ikun impossibbli għal Stat Membru li jilħaq il-livell ta' ambizzjoni tal-miri ambjentali stabbiliti.

*(35)* F'dak il-kuntest hu neċessarju li ssir dispożizzjoni għal żewġ tipi ta' każi speċjali. L-ewwel wieħed jikkonċerna sitwazzjoni fejn ikun impossibbli għal Stat Membru li jilħaq il-miri ambjentali stabbiliti minħabba azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni min-naħa ta' pajjiż ieħor, kawżi naturali jew *force majeure*, jew minħabba azzjonijiet li dak l-Istat Membru jkun ħa hu stess għal raġunijiet ta' interess pubbliku li kienu meqjusa li jissuperaw l-impatt negattiv fuq l-ambjent. Huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jieħdu miżuri *ad hoc* f'tali każijiet minflok il-miżuri integrati fil-programm ta' miżuri tagħhom. Miżuri a*d hoc* għandhom ikunu mfassla biex ma jħallux aktar deterjorament fl-istatus ta' l-ilmijiet marittimi affettwati u biex itaffu l-impatt ħażin fuq ir-Reġjun Marittimu konċernat.

*(36)* It-tieni tip ta' każ speċjali huwa fejn Stat Membru jidentifika kwistjoni li għandha impatt fuq l-istatus ambjentali ta' l-ilmijiet marittimi Ewropej tiegħu, anke forsi tar-Reġjun Marittimu konċernat kollu, iżda li ma tistax tiġi solvuta b'miżuri meħuda fil-livell nazzjonali. F'tali każijiet, għandha ssir dispożizzjoni biex il-Kummissjoni tiġi infurmata fil-qafas tas-sottomissjoni ta' programmi ta' miżuri.

*(37)* Madankollu, huwa meħtieġ li l-flessibilità introdotta għall-każijiet speċjali tkun soġġetta għal kontroll f'livell Komunitarju. Rigward l-ewwel tip ta' każ, huwa għalhekk xieraq li, matul il-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni qabel tapprova l-programm ta' miżuri, tingħata l-attenzjoni dovuta lill-effikaċja ta' kwalunkwe miżura *ad hoc* meħuda. Barra dan, f'każijiet fejn l-Istat Membru jirreferi għal azzjoni meħuda għal raġunijiet ta' importanza *akbar* fl-interess pubbliku, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe modifika jew alterazzjoni li ssir lill-ambjent marittimu bħala konsegwenza ma jeskludux jew jikkompromettux b'mod permanenti l-kisba ta' *stat* ambjentali tajjeb fir-Reġjun Marittimu konċer-nat.

*(38)* Fir-rigward tat-tieni tip ta' każ speċjali, il-Kummissjoni għandha, qabel tapprova l-programm ta' miżuri, tikkunsidra l-validità tal-pożizzjoni meħuda mill-Istat Membru konċernat, jiġifieri, li l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali ma jkunux biżżejjed, u li għalhekk l-azzjoni f'livell Komunitarju hija meħtieġa.

*(39)* Minħabba n-natura dinamika ta' l-ekosistemi marittimi u tal-varjabilità naturali tagħhom, u l-fatt li l-pressjonijiet u l-impatti fuqhom ikunu se jvarjaw bl-evolviment ta' tipi differenti ta' attività *tal-bniedem* u l-impatt tat-tibdil fil-klima, huwa essenzjali li jingħaraf li d-definizzjoni ta' *stat* ambjentali tajjeb hija dinamika u flessibbli u trid tiġi adattata maż-żmien. B'hekk, huwa xieraq li l-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu tkun flessibbli u adattabbli. Għalhekk huwa neċessarju li ssir dispożizzjoni għall-aġġornar ta' l-Istrateġiji Marittimi fuq bażi regolari.

*(40)* Hu neċessarju wkoll li ssir dispożizzjoni għall-pubblikazzjoni ta' programmi ta' miżuri u aġġornamenti tagħhom, u għal rapporti interim li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni, u li jiddeskrivu l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm.

*(41)* Biex jiġi żgurat l-involviment attiv tal-pubbliku ġenerali fit-twaqqif, l-implimentazzjoni u l-aġġornament ta' l-Istrateġiji Marittimi, huwa meħtieġ li tingħata informazzjoni xierqa dwar l-elementi differenti tal-Istrateġiji Marittimi, jew l-aġġornamenti relatati magħhom, kif ukoll, meta jintalbu, dokumenti u informazzjoni ta' sfond rilevanti użati għall-iżvilupp ta' l-Istrateġiji Marittimi.

*(42)* Huwa xieraq li l-Kummissjoni għandha tippreżenta l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sa sentejn minn meta tirċievi l-programmi ta' miżuri kollha u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-***2017***. Rapporti sussegwenti mill-Kummissjoni għandhom jiġu ppubblikati kull sitt snin minn dakinhar 'il quddiem.

*(43)* Għandha ssir dispożizzjoni għall-adozzjoni ta' adattamenti ta' standards għall-valutazzjoni ta' l-istatus ta' l-ambjent marittimu, monitoraġġ, miri ambjentali u ta' formati tekniċi għall-finijiet ta' trasmissjoni u pproċessar ta' data sabiex ikunu kompatibbli mad-Direttiva *2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi infrastruttura għall-informazzjoni Spazjali fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)* [1].

*(44)* Miżuri li jirregolaw l-immaniġġjar tas-sajd jistgħu jittieħdu***, inter alia,*** fil-kuntest tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd [2], ibbażata fuq pariri xjentifiċi, u għalhekk huma indirizzati ***wkoll*** minn din id-Direttiva. Il-kontroll tar-rimi u l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-użu ta' materjal radjuattiv huwa regolat mill-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat Euratom u għalhekk m'hux indirizzat minn din id-Direttiva.

***(45) Riformi futuri tal-Politika Komuni tas-Sajd għandhom iqisu l-impatti ambjentali tas-sajd u l-objettivi ta' din id-Direttiva.***

*(46)* Billi l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawn *għanijiet*.

***(47) Azzjoni ta' l-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni u fuq approċċ imsejjes fuq l-ekosistema.***

*(48)* Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikulari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, din tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni fl-oqsma ta' politika tal-Komunità ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u titjib fil-kwalità ambjentali konformi mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

*(49)* Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni ta' poteri konferiti fuq il-Kummissjoni [3],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### Artikolu 1

*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ***li fih l-Istati Membri għandhom*** *jinkisbu stat* ambjentali tajjeb fl-ambjent *marittimu* sa mhux aktar tard mis-sena ***2017 u jieħdu miżuri li:***

***a) iħarsu u jippreservaw l-ambjent marittimu jew jippermettu l-irkupru tiegħu jew, fejn ikun applikabbli, jerġgħu jġibu bħal qabel il-proċess u l-istruttura tal-bijodiversità marittima u ta' l-ekosistemi marittimi;***

---

[1] ĠU ….

[2] *ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.*

[3] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).*

*b)* *jipprevjenu u jaqtgħu t-tniġġis fl-ambjent marittimu sabiex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impatt sinifikanti fuq il-bijodiversità marittima, l-ekosistemi marittimi, is-saħħa tal-bniedem jew l-użu leġittimu tal-baħar jew riskji sinifikanti għalihom;*

*c)* *jillimitaw l-użu ta' servizzi u prodotti marittimi u attivitajiet oħrajn fl-ambjent marittimu għal livelli li huma sostenibbli u li ma jikkompromettux l-użu u l-attivitajiet ta' ġenerazzjonijiet futuri u lanqas il-kapaċità ta' ekosistemi marittimi li jirreaġixxu għal bidliet naturali jew ikkaġunati mill-bniedem.*

Artikolu 2

*Kamp* ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva hija applikabbli għall-ilmijiet marittimi Ewropej kollha ***u għandha tqis il-ħtieġa li tkun żgurata l-kwalità ta' l-ambjent marittimu ta' Stati assoċjati u applikanti.***

***Artikolu 3***

***Obbligi, impenji u inizjattivi eżistenti***

***Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr ħsara għal:***

***a)*** ***obbligi, impenji u inizjattivi eżistenti ta' l-Istati Membri, jew tal-Komunità, fuq livell Komunitarju jew internazzjonali fir-rigward tal-ħarsien ambjentali fl-ilmijiet marittimi Ewropej; u***

***b)*** ***il-kompetenza ta' Stati Membri fl-istrutturi istituzzjonali internazzjonali eżistenti.***

***Artikolu 4***

***Tifsiriet***

***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:***

***1)*** ***"Ilmijiet marittimi Ewropej" għandha tfisser:***

— ***l-ilmijiet Ewropej kollha fuq in-naħa lejn il-baħar tal-linja ta' bażi minn fejn il-wisa' ta' l-ilmijiet territorjali jiġu mkejla, estiż sal-limitu ta' barra taz-zona koperta mis-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' Stati Membri, inkluż il-qiegħ ta' dawk l-ilmijiet u l-ħamrija ta' taħt il-wiċċ tagħhom; u***

— ***l-ilmijiet tal-marea kollha — jew fl-Istati Membri jew biswithom — li minnhom titkejjel id-distanza ta' l-ilmijiet territorjali, u kwalunkwe art jew qiegħ tal-baħar miksija kontinwament jew minn żmien għall-ieħor b'dawk l-ilmijiet;***

***2)*** ***"stat ambjentali" għandha tfisser l-istat ġenerali ta' l-ambjent ta' l-ilmijiet ikkonċernati, filwaqt li jitqiesu:***

***a)*** ***l-istruttura, il-funzjoni u l-proċessi ta' l-ekosistemi marittimi kostitwenti; u***

***b)*** ***il-komponenti, il-kondizzjonijiet u l-fatturi, kemm jekk akustiċi, bijoloġiċi, kimiċi, klimatiċi, ġeografiċi, ġeoloġiċi, fiżiċi jew fiżjografiċi, li jinteraġixxu u li jiddeterminaw il-kundizzjoni, il-produttività, il-kwalità u l-istat ta' l-ekosistemi marittimi msemmija f'punt (a).***

***Il-komponenti, il-kondizzjonijiet u l-fatturi msemmija f'punt (b) jinkludu dawk li jinħolqu bħala riżultat ta' attivitajiet tal-bniedem, irrispettivament minn jekk attivitajiet bħal dawn iseħħux fl-ilmijiet marittimi Ewropej inkwistjoni jew le;***

***3)*** ***"stat ambjentali tajjeb" għandha tfisser l-istat ta' l-ambjent meta:***

***a)*** ***l-istruttura, il-funzjoni u l-proċessi ta' l-ekosistemi marittimi kostitwenti jippermettu lil dawn l-ekosistemi biex jiffunzjonaw fil-mod ta' manteniment proprju naturali tagħhom. L-ekosistemi marittimi iżommu l-kapaċità naturali tagħhom li jirkupraw minn bidla usa' fil-klima;***

*b) l-attivitajiet kollha tal-bniedem ġewwa u barra z-zona kkonċernata huma mmaniġġjati b'mod li jagħmel il-pressjoni kollettiva tagħhom fuq l-ekosistemi marittimi kompatibbli ma' stat ambjentali tajjeb. Attivitajiet tal-bniedem fl-ambjent marittimu m'għandhomx jaqbżu livelli li huma sostenibbli fuq skala ġeografika xierqa għal skopijiet ta' evalwazzjoni. Jinżamm il-potenzjal għal użu u għal attivitajiet ta' ġenerazzjonijiet futuri fl-ambjent tal-baħar;*

*c) il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar huma mħarsa, id-deterjorazzjoni tagħhom hija evitata, l-irkupru huwa possibbli u fejn ikun possibbli, il-funzjonijiet, il-proċessi u l-istruttura tagħhom jerġgħu jsiru bħal qabel;*

*d) it-tniġġis u l-enerġija, inkluż l-istorbju, fl-ambjent tal-baħar jitnaqqsu b'mod stabbli sabiex jiġi żgurat li l-impatt fuq jew ir-riskji għall-bijodiversità marittima, l-ekosistemi marittimi, is-saħħa tal-bniedem jew l-użu leġittimu tal-baħar jiġu minimizzati; u*

*e) il-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-Anness -I huma ssodisfati;*

*4) "tniġġis" għandha tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attività tal-bniedem, ta' sustanza jew enerġija, inkluż l-istorbju, fl-ambjent tal-baħar li jirriżulta jew jista' jirriżulta f'effetti ta' ħsara bħal ħsara għal bijodiversità tal-baħar u għal ekosistemi tal-baħar, periklu għas-saħħa tal-bniedem u xkiel għall-użu leġittimu tal-baħar;*

*5) "zoni marittimi protetti" għandha tfisser zoni fejn għandhom ikunu limitati jew ipprojbiti attivitajiet identifikati bħala li qed jeżerċitaw pressjoni importanti u/jew impatt fuq l-ambjent marittimu. Zoni marittimi protetti huma identifikati minn Stati Membri waqt il-fażi ta' preparazzjoni ta' l-Istrateġija marittima, u jappartjenu għal sistema ta' ppjanar ta' l-ispazju marittimu li hija konsistenti fuq livell tal-Komunità, reġjonali hew sub-reġjonali, u bi qbil ma' impenji internazzjonali li għalihom il-Komunità hija parti.*

*Artikolu 5*

Reġjuni u Sotto-Reġjuni Marittimi

1. L-Istati membri għandhom ***jimplimentaw*** din id-Direttiva ***b'referenza għal*** dawn ir-Reġjuni *Marittimi* li ġejjin:

a) il-Baħar Baltiku;

b) l-Oċean Atlantiku tal-Grigal;

c) il-Baħar Mediterran;

***d) il-Baħar l-Iswed.***

2. L-Istati Membri jistgħu, biex jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet ta' *zona* partikulari, jimplimentaw din id-Direttiva b'referenza għas-suddiviżjonijiet ta' l-ilmijiet *marittimi imsemmija* fil-paragrafu 1, sakemm dawn is-suddiviżjonijiet jkunu delimitati b'mod ***konsistenti mal-ftehim internazzjonali u*** kompatibbli mas-Sotto-Reġjuni *Marittimi* li ġejjin:

a) fl-Atlantiku tal-Grigal:

i) fil-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir, inklużi l-Kattegat, il-Kanal Ingliż, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Olanda, l-Iżvezja u r-Renju Unit;

ii) fl-Ibħra Ċeltiċi, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit;

iii) fil-Bajja ta' Biscay u l-Kosta ta' l-Iberja, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza, il-Portugall u Spanja;

iv) fl-Oċean Atlantiku, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Portugall li jdawru l-Azores u l-Madejra, u ta' Spanja, li jdawru l-Gżejjer Kanarji;

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

b) fil-Mediterran:

i) fil-Baħar Mediterran tal-Punent, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Spanja, Franza u l-Italja;

ii) fil-Baħar Adrijatiku, l-ilmijiet *marittimi* taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' ***l-Italja, is-Slovenja u l-Kroazja***;

iii) fil-Baħar Jonju, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Greċja, l-Italja u Malta;

iv) fil-Baħar Eġew u tal-Lvant, l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tal-Greċja u Ċipru.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe suddiviżjoni sad-data speċifikata fl-ewwel subparagrafu ta' l-*Artikolu 30*(1).

***3. Għal kull Reġjun Marittimu l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiksbu stat ambjentali tajjeb fl-ilmijiet marittimi Ewropej f'dak ir-Reġjun sa mhux aktar tard mill-2017, permezz ta' l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' strateġija marittima unika għal dak ir-Reġjun, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.***

***L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-unitajiet ta' mmaniġġjar fl-ilmijiet marittimi Ewropej tagħhom fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sottoreġjun Marittimu. L-unitajiet ta' mmaniġġjar għandhom, fejn xieraq, iqisu l-unitajiet ta' mmaniġġjar, monitoraġġ u ta' referenza eżistenti, u għandhom jiġu identifikati minn koordinazzjonijiet fl-Istrateġija Marittima relevanti.***

***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe unità ta' immaniġjar sad-data speċifikata fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 30(1).***

*Artikolu 6*

Strateġiji Marittimi

***1. L-Istati Membri għandhom jiksbu l-istat ambjentali tajjeb billi jistabbilixxu u jimplimentaw Strateġiji għall-Baħar.***

***2. Stati Membri li jaqsmu bejniethom Reġjun tal-Baħar għandhom jiżguraw li tinħoloq Strateġija għall-Baħar unika u konġunta għal kull reġjun jew sottoreġjun għall-ilmijiet f'dak ir-reġjun li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom.*** Kull Stat Membru għandu, fir-rigward ta' kull Reġjun Marittimu konċernat, jiżviluppa Strateġija Marittima għall-ilmijiet marittimi Ewropej tiegħu f'konformità mal-pjan ta' azzjoni li ġej:

a) Preparazzjoni:

i) valutazzjoni inizjali, li trid titlesta sa … (*), ta' l-istat ambjentali kurrenti ta' l-ilmijiet konċernati u l-impatt ambjentali ta' l-attivitajiet tal-bniedem fuq dan, skond l-*Artikolu 10*;

ii) determinazzjoni, li trid tiġi stabbilita sa … (*), ta' l-istat ambjentali tajjeb ta' l-ilmijiet konċernati, skond l-*Artikolu 11(1)*;

iii) it-twaqqif, sa … (**), ta' serje ta' miri ambjentali, skond l-*Artikolu 12(1)*;

iv) it-twaqqif u l-implimentazzjoni, sa … (**) ħlief fejn speċifikat mod ieħor fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti, ta' programm ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa u aġġornamenti regolari tal-miri, skond l-*Artikolu 13(1)*;

b) Programmi ta' miżuri:

i) l-iżvilupp, sa mhux aktar tard mill-***2012,*** ta' programm ta' miżuri maħsub biex jikseb stat ambjentali tajjeb, skond l-*Artikolu 16(1), (3) u (5)*;

ii) id-dħul fis-seħħ tal-programm previst fil-punt (i), sa mhux aktar tard mill-**2014**, skond l-*Artikolu 16(8)*.

(*) ***Sentejn*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(**) ***3** snin* wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*3. Fejn Stati Membri, li jaqsmu Reġjun jew Sottoreġjun Marittimu partikulari, jifthiemu li jimplimentaw il-passi msemmija fil-paragrafu 2, punti (a) u (b) aktar malajr milli indikat, dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-iskeda ta' żmien riveduta tagħhom u jipproċedu skond il-każ.*

*Dawk l-Istati Membri għandhom jirċievu appoġġ xieraq mill-Unjoni Ewropea għall-isforzi akbar tagħhom biex itejbu l-ambjent billi jagħmlu z-zona, zona pilota.*

*Id-dispożizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 m'għandhomx iwaqqfu kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi aktar stretti.*

*4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw li l-passi msemmija fil-paragrafu 2 fir-rigward ta' l-Artikoli 10, 11, 12, 13 u 16 jiġu żviluppati u implimentati skond kif stabbilit fl-Artikolu 8 u b'mod li jwassal għal Strateġija Marittima unika u konġunta għal kull Reġjun u rappurtaġġ konġunt dwar il-komponenti speċifikati f'dawn l-Artikoli.*

*Għal kull Reġjun Marittimu, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandu jippreżenta fi żmien tliet xhur ir-rapport lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati.*

*5. Ir-reġjun marittimu tal-Baħar Baltiku jista' jkun zona pilota sabiex tiġi implimentata l-istrateġija marittima. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Baħar Baltiku li jmiss mill-Kummissjoni ta' Helsinki (HELCOM) jaf ikun riżors utli fl-użu tal-Baħar Baltiku għal dan il-għan.*

*Programm ta' miżuri komuni għar-reġjun marittimi tal-Baħar Baltiku skond l-Artikolu 16(1)(a) u (b) għandu jiġi żviluppat mill-Istati Membri fir-reġjun, sa mhux aktar tard mill-2010, sabiex jinkiseb stat ambjentali tajjeb fir-reġjun tal-Baħar Baltiku.*

### *Artikolu 7*

### *Zoni protetti tal-baħar*

*1. Fl-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistipulaw miżuri għall-ħarsien ta' zoni, skond ir-Reġjun u s-Sottoreġjun, speċifikati bħala "zoni marittimi protetti".*

*Bħala parti mill-istrateġiji tagħhom għal kull reġjun u sottoreġjun, l-Istati Membri għandhom, jekk ikun hemm bżonn, jieħdu wkoll miżuri biex jistabbilixxu riżervi naturali tal-baħar magħluqa bil-għan li jipproteġu u jippreservaw l-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar li huma l-aktar vulnerabbli.*

*2. Stat Membru li jkun qed jistabbilixxi programm ta' miżuri għandu jinkludi fost il-miżuri fil-programm tiegħu l-użu ta' miżuri ta' protezzjoni ta' spazju, inklużi iżda mhux biss l-użu ta' zoni speċjali ta' konservazzjoni skond id-Direttiva 92/43/KEE, l-użu ta' zoni ta' protezzjoni speċjali skond id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar)* [1]*, u zoni marittimi protetti kif miftiehem fid-Deċiżjoni VII/5 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn kwalunkwe ftehim internazzjonali jew reġjonali oħra li l-Komunità hija parti minnhom.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn iz-zoni jikkontribwixxu għal netwerk koerenti u rappreżentattiv ta' zoni marittimi protetti sa mhux aktar tard mill-2012. In-network għandu jinkludi zoni ta' daqs suffiċjenti li huma protetti b'mod sħiħ mill-użu għal estrazzjoni ta' kull tip, biex iħarsu, fost affarijiet oħra, il-postijiet fejn ibid, jitrabba u jiekol il-ħut, u biex jippermettu li jiġu miżmuma jew li jiġu rkuprati l-integrità, l-istruttura u t-tħaddim ta' ekosistemi.*

*4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru jew aktar għal zoni marittimi protetti, li għandhom jiġu finalizzati sa mhux aktar tard minn …?.* [*].

*5. Il-pubbliku għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni fir-reġistru(i).*

*6. Ir-reġistru(i) taz-zoni marittimi protetti għal kull Reġjun jew Sottoreġjun Marittimu għandu jiġi revedut u aġġornat.*

---

(1) *ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).*

(*) *3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

*Artikolu 8*

*Koperazzjoni u koordinazzjoni* ***ma' pajjiżi terzi***

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, Stati Membri b'ilmijiet *marittimi* fl-istess Reġjun jew *Sottoreġjun Marittimu* għandhom ***jikkoperaw u*** jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom.

Fejn prattiku u xieraq, l-Istati Membri għandhom jużaw strutturi istituzzjonali eżistenti stabbiliti f'dak ir-Reġjun jew *Sottoreġjun tal-Baħar* ***u, sa fejn ikun possibbli, il-programmi u l-attivitajiet adottati hemm, li għandhom isiru fihom aġġustamenti xierqa, partikolarment bil-ħsieb li jiġu konformi ma' l-Artikolu 22***.

2. Għall-***fini*** ta' ***twaqqif u implimentazzjoni ta' Strateġija Marittima,*** Stati Membri ***għandhom jagħmlu*** kull sforz biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma':

*a)* pajjiżi terzi li għandhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq ***zoni marittimi fir-Reġjun Marittimu konċernat;***

***b) pajjiżi terzi li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom joperaw fir-Reġjun Marittimu konċernat; u***

***c) pajjiżi terzi li ma jmissux mal-baħar iżda li għandhom fuq it-territorji tagħhom punti jew sorsi diffużi ta' tniġġis li huwa trasferit lejn ir-Reġjun Marittimu konċernat permezz ta' xmajjar jew bl-atmosfera.***

F'dak il-kuntest, Stati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli, jibnu fuq programmi u attivitajiet eżistenti żviluppati fil-qafas ta' strutturi li ħerġin minn *ftehim* internazzjonali.

***Fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali u reġjonali, li l-Komunita' kkonkludiet ma' organizzazzjonijiet u pajjiżi terzi li għandhom sovranità jew ġurisdizzjoni:***

— ***fuq ilmijiet li għandhom konfini ma' ilmijiet marittimi Ewropej,***

— ***fuq vapuri li joperaw f'ilmijiet marittimi Ewropej u***

— ***fuq art li tista' tikkawża tniġġis ta' ilmijiet marittimi Ewropej,***

***l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-adozzjoni ta' miżuri u programmi għal strateġiji għall-baħar skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III.***

***3. Il-Kummissjoni għandha, sa l-2007, tistabbilixxi qafas regolatorju, li jiffoka fuq il-kriterji ambjentali, sabiex tiżgura li l-partijiet interessati kollha qed jiġu konsultati qabel proġetti ta' infrastruttura kbar fl-ambjent tal-baħar.***

***4. Appoġġ mill-Unjoni Ewropea, eżempju taħt il-Politika Agrikola Komuni, tista' tingħata biss lil partijiet interessati li jistgħu juru li l-attivitajiet tagħhom juru bilanċ f'sens ta' nutrijenti, i.e. li m'humiex miżgħuda bi ħruġ ta' nutrijenti fuq skala kbira f'reċipjenti ta' l-ilma.***

*Artikolu 9*

Awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom, sad-data speċifikata fl-ewwel subparagrafu ta' l-*Artikolu 30(1)*, jaħtru għal kull Reġjun Marittimu *konċernat* l-awtorità kompetenti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' l-ilmijiet marittimi Ewropej tagħhom.

Sa sitt xhur minn dik id-data, L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet kompetenti maħtura, flimkien mal-punti ta' informazzjoni elenkati fl-*Anness II*.

Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-korpi internazzjonali kollha rilevanti li jipparteċipaw fihom.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1 sa tliet xhur minn mindu tali bidla tidħol fis-seħħ.

It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006

## Kapitolu II

## Strateġiji Marittimi: Preparazzjoni

*Artikolu 10*

Valutazzjoni

1. ***Għal kull Reġjun Marittimu, l-***Istati Membri għandhom jagħmlu *evalwazzjoni* inizjali ta' l-ilmijiet *marittimi* Ewropej tagħhom, li tinkludi dawn li ġejjin:

a) analiżi tal-karatteristiċi essenzjali***, il-funzjonijiet*** u l-*istat* ambjentali kurrenti ta' dawk l-ilmijiet, ibbażata fuq il-lista mhux eżawrjenti ta' l-elementi stabbiliti fit-Tabella 1 ta' l-*Anness III*, u li tkopri t-tipi ta' *ambjenti naturali*, il-komponenti bijoloġiċi, il-karatteristiċi fiżjokimiċi u l-idromorfoloġija;

b) analiżi tal-pressjonijiet u l-impatti predominanti, inkluża l-attività tal-bniedem, ***fuq l-istat*** ambjentali ta' dawk l-ilmijiet ***li:***

***i) hija bbażata fuq il-lista mhux eżawrjenti ta' l-elementi stabbilita fit-Tabella 2 ta' l-Anness III;***

***ii) tkopri l-effetti kumulattivi u sinerġetiċi, kif ukoll xejriet li jintlemħu; u***

***iii) tqies l-evalwazzjonijiet rilevanti li ġew imfassla skond il-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti;***

c) analiżi ekonomika u soċjali ta' l-użu tagħhom u ta' l-ispiża tad-degradazzjoni ta' l-ambjent marittimu.

2. L-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 *għandha tqis* elementi li jirrigwardaw ilmijiet kostali, tranżizzjonali u territorjali koperti mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE ***kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi*** [1]***, id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma għall-għawm*** [2] ***u d-Direttiva …/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-istandards tal-kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika dwar l-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE*** [3]***,*** sabiex jipproduċu *evalwazzjoni* komprensiva ta' l-*istat* ta' l-ambjent *marittimu*.

***3. Għal kull Reġjun Marittimu, l-Istati Membri li jippreparaw evalwazzjonijiet skond il-paragrafu 1 għandhom, permezz ta' koordinazzjoni stabbilita skond l-Artikolu 6(3), jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li:***

***a) il-metodoloġiji tagħhom ta' evalwazzjoni jkunu konsistenti bejn l-Istati Membri fl-istess Reġjun;***

***b) jiġu kkunsidrati l-impatti transkonfinali u l-karatteristiċi transkonfinali; u***

***c) jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet ta' l-Istati Membri fl-istess Reġjun Marittimu.***

***4. Data u informazzjoni li jirriżultaw mill-evalwazzjoni inizjali għandhom isiru disponibbli għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet u l-konvenzjonijiet reġjonali rilevanti responsabbli mill-ambjent marittimu u mis-sajd, mhux iktar tard minn tliet xhur wara li tkun tlestiet dik l-evalwazzjoni, għall-użu f'evalwazzjonijiet marittimi pan-Ewropej b'mod partikolari r-reviżjoni ta' l-istat ta' l-ambjent marittimu fil-Komunità skond l-Artikolu 23(3)(b).***

*Artikolu 11*

Determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb

1. B'referenza għall-*evalwazzjoni* inizjali magħmula skond l-*Artikolu 10(1)*, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' kull Reġjun *tal-Baħar* konċernat, jiddeterminaw għall-ilmijiet *tal-baħar* Ewropej sett ta' karatteristiċi ***speċifiċi*** għal *stat* ambjentali tajjeb, fuq il-bażi *tad-deskritturi kwalitattivi ġeneriċi, tal-kriterji u ta' l-istandards previsti* ***fl-Annessi I u III***.

Għandhom iqisu***, inter alia,*** l-elementi elenkati fl-***Annessi I u*** *III* ***dwar*** tipi ta' *ambjenti naturali*, komponenti bijoloġiċi, karatteristiċi fiżjokimiċi ***u*** idromorfoloġija.

(1) ***ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003.***
(2) ***ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.***
(3) ***ĠU ….***

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-valutazzjoni magħmula skond l-*Artikolu 10 (1)* u d-determinazzjoni magħmula skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tkun tlestiet din ta' ***l-aħħar***.

*Artikolu 12*

Stabbiliment ta' miri ambjentali

1. Fuq il-bażi *ta' evalwazzjoni* inizjali magħmula skond l-*Artikolu 10(1)*, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' kull Reġjun *Marittimu* konċernat, jistabbilixxu ***b'mod konġunt*** sett komprensiv ***wieħed*** ta' miri ambjentali***, maħsuba biex jiksbu stat ambjentali tajjeb, sa mhux aktar tard mill-2017,*** u indikaturi assoċjati, filwaqt li jqiesu l-lista mhux eżawrjenti ta' karatteristiċi stabbiliti fl-*Anness IV*.

Fit-tfassil ta' dawk il-miri u l-indikaturi, l-Istati Membri għandhom iqiesu l-applikazzjoni kontinwa tal-miri ambjentali eżistenti, stabbiliti fil-livell nazzjonali, Komunitarju jew internazzjonali fir-rigward ta' l-istess ilmijiet***, u għandhom jiżguraw li jitqiesu l-impatti transkonfinali u l-karatteristiċi transkonfinali rilevanti***.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miri ambjentali mhux aktar tard minn tliet xhur mill-istabbiliment tagħhom.

*Artikolu 13*

Stabbiliment ta' programmi ta' monitoraġġ

1. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni inizjali skond l-*Artikolu 10(1)*, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw programmi koordinati ta' monitoraġġ biex jivvalutaw kontinwament l-istatus ambjentali ta' l-ilmijiet marittimi Ewropej tagħhom fuq il-bażi tal-listi mogħtija fl-*Annessi III u V*, u b'referenza għall-miri ambjentali stabbiliti skond l-*Artikolu 12*.

Dawk il-programmi għandhom ikunu konsistenti fir-Reġjuni jew *Sottoreġjuni Marittimi* u għandhom jibnu fuq dispożizzjonijiet għall-*evalwazzjoni* u l-monitoraġġ stabbilit fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti***, b'mod partikolari d-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE*** jew taħt ftehim internazzjonali***, jew fuq inizjattivi Komunitarji dwar infrastrutturi għal informazzjoni spazjali u GMES (Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà), b'mod partikolari fis-servizzi marittimi sal-punt li tali rekwiżiti jirrelataw ma' l-ilmijiet marittimi Ewropej ta' l-Istati Membri fir-Reġjun tal-Baħar imsemmi qabel***.

2. ***Għal kull reġjun jew sottoreġjun marittimu l-***Istati Membri għandhom ***ifasslu*** programm ta' monitoraġġ ***skond il-paragrafu 1 u għandhom — fl-interess tal-koordinazzjoni — jieħdu l-azzjoni neċessarja sabiex jiżguraw li:***

***a) il-metodi ta' monitoraġġ ikunu konsistenti madwar l-Istati Membri u jkunu bbażati fuq objettivi komuni definiti b'mod ċar;***

***b) jitqiesu l-impatti transkonfinali u l-karatteristiċi transkonfinali rilevanti.***

3. Fejn hu xieraq, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-*Artikolu 28(2)*, tadotta speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għal monitoraġġ u valutazzjoni li jikkunsidraw l-*impenji* eżistenti u jiżguraw il-komparabilità bejn ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni.

***4. Data u informazzjoni li jirriżultaw minn dawn il-programmi ta' monitoraġġ għandhom isiru disponibbli għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet u l-konvenzjonijiet reġjonali rilevanti responsabbli mill-ambjent marittimu u mis-sajd, mhux iktar tard minn tliet xhur wara li jkunu tlestew dawk il-programmi, għall-użu f'evalwazzjonijiet marittimi pan-Ewropej, b'mod partikolari r-reviżjoni ta' l-istat ta' l-ambjent marittimu fil-Komunità skond l-Artikolu 23(3)(b).***

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

***Artikolu 14***

***Tniġġis Marittimu***

***L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri u programmi biex jiġi skopert u traċċat it-tniġġis marittimu.***

*Artikolu 15*

Approvazzjoni

Fuq il-bażi tan-notifiki magħmula skond l-*Artikoli 10(1), 11(2), 12(2)* u *13(2)* għal kull Reġjun Marittimu, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk, fil-każ ta' kull Stat Membru, l-elementi nnotifikati jikkostitwixxux qafas li jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

*It-twettiq* ta' dawk il-valutazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-koerenza ta' l-oqfsa fir-Reġjuni Marittimi varji mal-Komunità kollha.

Għall-*finijiet* tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru konċernat biex jipprovdi kull informazzjoni addizzjonali neċessarja li *tgħinha* tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Sa sitt xhur minn meta tirċievi n-notifika tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-*Artikolu 13*, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fil-każ ta' kwalunkwe Stat Membru, li tirrifjuta l-qafas jew kull element minnu, fuq il-bażi li dan ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva.

**Kapitolu III**

**Strateġiji Marittimi: Programmi ta' miżuri**

*Artikolu 16*

Programmi ta' miżuri

1. L-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' kull Reġjun Marittimu konċernat, jidentifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħaq *stat* ambjentali tajjeb, kif determinat skond l-*Artikolu 11(1)*, fl-ilmijiet marittimi Ewropej kollha tagħhom.

Dawk il-miżuri għandhom jitfasslu abbażi *ta' l-evalwazzjoni* inizjali magħmula skond l-*Artikolu 10(1)* u b'referenza għall-miri ambjentali stabbiliti f'konformità ma' l-***Artikolu 12(1)***, ***b***kunsiderazzjoni tat-tipi ta' miżuri elenkati fl-*Anness VI*, ***l-impatti u l-karatteristiċi transkonfinali rilevanti, u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ambjentali li ġejjin:***

***a) il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rranġata fis-sors u li min iħammeġ għandu jħallas;***

***b) approċċ imsejjes fuq l-ekosistema.***

***L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri li jridu jittieħdu skond l-Artikolu 14 dwar traċċabilità u skoperta ta' tniġġis marittimu.***

***2. Il-programmi ta' miżuri ta' l-Istati Membri għandhom jinkludu miżuri ta' protezzjoni ta' spazju. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu, iżda mhux biss, l-użu ta' zoni speċjali ta' konservazzjoni skond id-Direttiva 92/43/KEE, l-użu ta' zoni ta' protezzjoni speċjali skond id-Direttiva 79/409/KEE, u zoni marittimi protetti kif miftiehem fid-Deċiżjoni VII/5 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn kwalunkwe ftehim internazzjonali jew reġjonali oħra li l-Komunità tagħmel parti minnhom.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn iz-zoni jikkontribwixxu għal netwerk koerenti u rappreżentattiv ta' zoni marittimi protetti sa mhux aktar tard mill-2012. In-netwerk għandu jinkludi zoni ta' daqs suffiċjenti sabiex ikunu protetti b'mod sħiħ mill-użu għal estrazzjoni ta' kull tip, biex iħarsu, fost affarijiet oħra, il-postijiet fejn ibid, jitrabba u jiekol il-ħut, u biex jippermettu li jiġu miżmuma jew li jiġu rkuprati l-integrità, l-istruttura u t-tħaddim ta' ekosistemi.***

3. L-Istati Membri għandhom jintegraw il-miżuri mfassla skond il-paragrafu 1 fi programm ta' miżuri, filwaqt li jikkunsidraw il-miżuri meħtieġa skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew il-ftehim internazzjonali rilevanti. ***B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'mod xieraq il-benefiċċji li jinkisbu mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/271/KEE, id-Direttiva 2006/7/KE u d-Direttiva .../.../KE [dwar l-istandards tal-kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika dwar l-ilma].***

***4. Il-programmi ta' miżuri għandhom jinkludu:***

***a) miżuri marbuta ma' l-ilmijiet kostali, tranżizzjonali u territorjali, koperti mid-Direttiva 2000/60/KE; u***

***b) miżuri ta' ħarsien taz-zoni ta' protezzjoni marittimi koperti mill-Artikolu 7.***

5. Fit-tfassil tal-programm ta' miżuri skond il-*paragrafu 3*, l-Istati Membri għandhom iqisu lill-iżvilupp sostenibbli u, partikolarment, lill-impatti soċjali u ekonomiċi tal-miżuri previsti. ***L-Istati Membri għandhom joħolqu oqfsa u pjattaformi amministrattivi li jippermettu l-proċessar ta' kwistjonijiet marittimi sabiex jikkombinaw xjenza u miżuri ambjentali ma' l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u amministrattiv taz-zona u biex jibbenefikaw minn interazzjoni bħal din.***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri huma effettivi f'termini ta' nfiq *u* li huma teknikament fattibbli u għandhom jagħmlu valutazzjonijiet ta' l-impatt, inklużi analiżi dettaljati tal-benefiċċji f'termini ta' nfiq, qabel l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura ġdida.

6. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-programmi ta' miżuri tagħhom kif il-miżuri se jiġu implimentati u kif se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri ambjentali stabbiliti skond l-*Artikolu 12(1)*.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru konċernat bil-programmi ta' miżuri tagħhom, sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn mindu jitlestew.

8. Suġġetti għall-*Artikolu 19*, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jibdew jitħaddmu sa sentejn minn mindu jitlestew.

***9. Sa mhux aktar tard ... (*), il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 28 (2), tadotta kriterji u standards dettaljati għall-applikazzjoni ta' prinċipji ta' mmaniġġjar tajjeb ta' l-oċeani.***

*Artikolu 17*

***Eċċezzjonijiet***

1. Fejn Stat Membru ***li jkun stabilixxa programm ta' miżuri skond l-Artikolu 16(1)*** jidentifika ***każ fejn***, minħabba kwalunkwe mir-raġunijiet li ġejjin, il-miri ambjentali ***u l-istat ambjentali tajjeb*** ma jkunux *jistgħu* jintlaħqu permezz ta' miżuri meħuda minn dak l-Istat Membru, dan għandu jidentifika b'mod ċar dak ***il-każ*** fil-programm ta' miżuri tiegħu u jipprovdi lill-Kummissjoni bl-***ispjegazzjonijiet*** neċessarji biex jissostanzja l-fehma tiegħu:

***a) l-objettiv ambjentali ma jkunx rilevanti għal dak l-Istat Membru, minħabba l-karatteristika li permezz tagħha l-Istat Membru ma jkunx ikkonċernat;***

***b) il-poter li wieħed jadotta l-miżura jew il-miżuri kkonċernati ma huwiex esklussivament f'idejn dak l-Istat Membru, minħabba l-liġi Komunitarja;***

***c) il-poter li wieħed jadotta l-miżura jew il-miżuri kkonċernati ma huwiex esklussivament f'idejn dak l-Istat Membru, minħabba l-liġi internazzjonali;***

*d)* azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni min-naħa ta' Stat Membru ***ieħor, pajjiż*** terz, ***il-Komunità Ewropea jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra***;

***(*) 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

*e)* kawżi naturali jew *force majeure*;

***f)* *il-bidla fil-klima;***

*g)* modifiki jew alterazzjonijiet fil-karatteristiċi fiżiċi ta' l-ilmijiet *tal-baħar* kkawżati minn azzjonijiet meħuda minħabba raġunijiet ***ta' prijorità*** *iktar importanti* ta' interess ***pubbliku.***

***2.*** ***Kwalunkwe Stat*** Membru ***li jinvoka r-raġuni (b), (c), (d), (e) jew (f) fil-paragrafu 1 għandu jinkludi*** miżuri *ad hoc* xierqa***, konsistenti mal-liġi Komunitarja u internazzjonali, fil-programm tiegħu ta' miżuri sabiex jimminimizza l-punt sa fejn stat ambjentali tajjeb ma jkunx jista' jintlaħaq kif meħtieġ fl-ilmijiet marittimi Ewropej*** *fi ħdan* ir-Reġjun *Marittimu* konċernat.

3. ***Kwalunkwe Stat Membru li jinvoka r-raġuni (g) fil-paragrafu 1 għandu jiżgura*** li l-modifiki jew l-alterazzjonijiet ma jeskludux jew ma jikkompromettux b'mod permanenti l-kisba ta' *stat* ambjentali tajjeb ***fl-ilmijiet marittimi Ewropej fi ħdan ir-***Reġjun *tal-Baħar* konċernat.

4. ***Meta Stat Membru jinvoka r-raġuni (b) imsemmija fil-paragrafu 1, u l-Kummissjoni taċċetta l-validità ta' dik ir-raġuni, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji fil-limiti tal-poteri tagħha minnufih sabiex tiżgura li l-objettiv ambjentali konċernat jinkiseb.***

*Artikolu 18*

Informazzjoni

Fejn Stat Membru jidentifika kwistjoni li għandha impatt fuq l-istatus ambjentali ta' l-ilmijiet marittimi Ewropej tiegħu u li ma tistax tiġi ffaċċjata b'miżuri adottati fil-livell nazzjonali, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan u jipprovdi l-evidenza neċessarja biex jissostanzja l-fehma tiegħu.

*Artikolu 19*

Approvazzjoni

Fuq il-bażi tan-notifiki ta' programmi ta' miżuri *skond* l-*Artikolu 16(7)*, il-Kummissjoni għandha *tevalwa* jekk, fil-każ ta' kull Stat Membru, il-programmi nnotifikati jikkostitwixxux mod xieraq kif jinkiseb *stat* ambjentali tajjeb kif determinat skond l-*Artikolu 11(1)*.

*It-twettiq* ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-koerenza madwar il-Komunità tal-programmi ta' miżuri.

Għall-*finijiet* tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru konċernat biex jipprovdi *kull* informazzjoni addizzjonali neċessarja sabiex tgħinha tasal għad-deċiżjoni tagħha.

*Sa* sitt xhur minn *meta* tirċievi n-notifiki tal-programmi ta' miżuri, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fil-każ ta' kwalunkwe Stat Membru, li tirrifjuta programm jew kwalunkwe aspett tiegħu, fuq il-bażi li dan ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva.

## Kapitolu IV

## Aġġornar, rapporti u informazzjoni pubblika

*Artikolu 20*

Aġġornar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kull Reġjun Marittimu konċernat, l-Istrateġiji Marittimi tagħhom jinżammu aġġornati.

2. Għal-*finijiet* tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrivedu l-elementi li ġejjin ta' l-Istrateġiji Marittimi tagħhom kull sitt snin wara l-istabbiliment inizjali tagħhom:

a) il-valutazzjoni inizjali u d-determinazzjoni ta' *stat* ambjentali tajjeb, previsti fl-*Artikoli 10(1)* u *11(1)*, rispettivament;

b) il-miri ambjentali stabbiliti skond l-*Artikolu 12(1)*;

c) il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-*Artikolu 13(1)*;

d) il-programmi ta' miżuri stabbiliti skond l-*Artikolu 16(3)*.

3. Dettalji ta' kwalunkwe aġġornamenti li jsiru wara r-reviżjonijiet previsti fil-paragrafu 2 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni u lil kull Stat Membru ieħor konċernat sa tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħhom skond l-*Artikolu 22(4)*.

4. L-*Artikoli 15* u *19* għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

*Artikolu 21*

Rapporti interim

L-Istati Membri għandhom, sa tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' kull programm ta' miżuri jew aġġornament tiegħu skond l-*Artikolu 22(4)*, jissottomettu lill-Kummissjoni rapport interim li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni ta' dak il-programm.

*Artikolu 22*

Konsultazzjoni u informazzjoni pubbliċi

1. F'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li jipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tfassil ta' ċerti pjanijiet programmi relatati ma' l-ambjent* [1], l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involviment attiv tal-partijiet interessati kollha fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, partikolarment fl-istabbiliment ta' l-Istrateġiji Marittimi previsti fil-Kapitoli II and III, u l-aġġornament tagħhom skond l-*Artikolu 20*.

***2. Skond il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, fejn possibbli, jinvolvu l-partijiet interessati billi jużaw il-korpi jew l-istrutturi ta' mmaniġġjar eżistenti, inklużi l-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali, il-Korpi Konsultattivi Xjentifiċi u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs).***

***3. L-Istati Membri għandhom joħolqu struttura għal konsultazzjoni u skambji regolari ta' informazzjoni filwaqt li jinvolvu l-awtoritajiet lokali adegwati, l-esperti, l-NGOs u l-utenti kollha konċernati fir-Reġjun jew Sottoreġjun Marittimu. Dik l-istruttura għandha tkun marbuta direttament mal-kunsilli konsultattivi reġjonali tas-sajd li kienu rrakkomandati mill-UE.***

4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, u jagħmlu disponibbli għall-kummenti tal-pubbliku, sommarji ta' l-elementi li ġejjin ta' l-Istrateġiji Marittimi tagħhom, jew l-aġġornamenti relatati:

a) il-valutazzjoni inizjali u d-determinazzjoni ta' *stat* ambjentali tajjeb, prevista fl-*Artikoli 10(1)* u *11(1)*, rispettivament;

b) il-miri ambjentali stabbiliti skond l-*Artikolu 12(1)*;

c) il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-*Artikolu 13(1)*;

d) il-programmi ta' miżuri stabbiliti skond l-*Artikolu 16(3)*.

(1) *ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17.*

5. Skond id-Direttiva 2003/4/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambjentali* [1], għandu jingħata aċċess meta mitlub għal dokumenti ta' sfond u informazzjoni użati għall-iżvilupp ta' l-Istrateġiji Marittimi. B'mod partikolari, id-*data* u l-informazzjoni li jirriżultaw mill-valutazzjoni inizjali u l-programmi ta' monitoraġġ għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet jew kwalunkwe mezz xieraq ieħor ta' telekomunikazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, għall-eżekuzzjoni tal-ħidma tagħha, aċċess bla restrizzjonijiet u bid-drittijiet ta' l-użu fir-rigward ta' dik id-*data* u informazzjoni.

*Artikolu 23*

Rapporti tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ewwel rapport ta' *evalwazzjoni* dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sa sentejn minn meta tirċievi l-programmi kollha ta' miżuri u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard *mill-**2017***.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapporti oħra kull sitt snin minn dakinhar 'il quddiem.

*Għandha* tissottometti r-rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***2. Sa mhux aktar tard mill- … (*) il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li fih tenfasizza kwalunkwe kunflitt jew komplementarjetajiet bejn titjib possibbli f'din id-Direttiva u l-obbligi, l-impenji u l-inizzjattivi msemmija fl-Artikolu 3.***

***Dak ir-rapport għandu jiġi sottomess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

3. Ir-rapporti previsti fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu li ġej:

a) reviżjoni tal-progress ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;

b) reviżjoni ta' l-istatus ta' l-ambjent marittimu fil-Komunità, magħmul f'koordinazzzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent u l-organizzazzjonijiet u konvenzjonijiet reġjonali marittimu u tas-sajd rilevanti;

c) servej ta' l-Istrateġiji Marittimi, flimkien ma' suġġerimenti għat-titjib tagħhom;

d) sommarju tal-valutazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, skond l-*Artikolu 19*, fir-rigward ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri f'konformità ma' l-*Artikolu 18*;

e) sommarju tar-reazzjoni għal kull wieħed mir-rapporti lill-Kummissjoni magħmula mill-Istati Membri f'konformità ma' l-*Artikolu 21*;

f) sommarju tat-tweġibiet għall-kummenti magħmula mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar Strateġiji Marittimi preċedenti.

***4. Sa … (**), il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-istat ta' l-ambjent marittimu ta' l-ibħra Artiċi ta' importanza għall-Komunità u, fejn xieraq, tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill miżuri rilevanti għall-ħarsien tagħom, bil-ħsieb li l-Artiku jsir zona protetta, simili għall-Antartiku, u definit bħala "riserva naturali ddedikata għall-paċi u x-xjenza".***

***L-Istati Membri li għandhom ilmijiet marittimi Ewropej li jinkludu ilmijiet fl-Artiku għandhom jagħmlu s-sejbiet ta' l-evalwazzjoni inizjali fir-rigward ta' dawn l-ilmijiet disponibbli għall-Kunsill Artiku.***

[1] *ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.*

***(*) 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

***(**) Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

***Artikolu 24***

***Rapport tal-progress dwar iż-żoni protetti***

***Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-progress fil-ħolqien ta' netwerk globali ta' żoni protetti u l-għeluq ta' żoni għall-ħinijiet speċifiċi għall-ħarsien tal-postijiet u l-perjodi ta' trobbija tal-ħut f'konformità ma' l-impenn skond id-Deċiżjoni VII/5 għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, u l-kontribuzzjoni tal-Komunità biex jinkiseb netwerk bħal dan.***

***Skond dan, il-Kummissjoni għandha tipproponi, kif xieraq, skond il-proċeduri stabbiliti fit-Trattat, kwalunkwe miżura addizzjonali tal-Komunità meħtieġa biex jintlaħaq l-għan ta' ħarsien ta' netwerk rappreżentattiv ta' żoni marittimi protetti sa l-2012.***

*Artikolu 25*

Reviżjoni ta' din id-Direttiva

***1.*** Il-Kummissjoni għandha tagħmel reviżjoni ta' din id-Direttiva sa … (**) u għandha, fejn hu xieraq, ***tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** kwalunkwe ***proposta għal emendi neċessarji sabiex:***

***a)*** ***jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' stat ambjentali tajjeb fl-ilmijiet marittimi Ewropej jekk tali stat ma jkunx inkiseb sa l-2017;***

***b)*** ***tiġi ffaċilitata ż-żamma ta' stat ambjentali tajjeb fl-ilmijiet marittimi Ewropej jekk tali stat ikun inkiseb sa l-2017.***

***2.*** ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, inter alia, l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni ppreparat skond l-Artikolu 23 (1).***

***Artikolu 26***

***Finanzjament Komunitarju***

***1.*** ***Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-ħolqien ta' strateġija marittima, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun appoġġjata minn strumenti finanzjarji tal-Komunità, mill-2007.***

***2.*** ***Il-programmi mfassla mill-Istati Membri għandhom ikunu kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea f'konformità ma' l-istrumenti finanzjari eżistenti.***

**Kapitolu V**

**Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 27*

Adattamenti tekniċi

1. L-*Annessi III, IV* u *V* għandhom ikunu adattati għal progress xjentifiku u tekniku skond il-proċedura msemmija fl-***Artikolu 28(3),*** filwaqt li jitqiesu l-perjodi tar-reviżjoni u l-aġġornament ta' l-Istrateġiji għall-*Baħar,* stabbiliti fl-*Artikolu 20(2).*

2. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-***Artikolu 28(3),*** tadotta dawn li ġejjin:

a) standards għall-applikazzjoni ta' l-*Annessi III, IV* u *V*;

b) formati tekniċi għal skopijiet ta' trażmissjoni u pproċessar ta' *data*, inkluża *data* statistika u kartografika.

---

***(*) Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Dirtettiva.***

(**) ***10 snin*** *wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

*Artikolu 28*

*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit mill-*Artikolu 21(1)* tad-Direttiva 2000/60/KE, minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi *stabbilit* għal tliet xhur.

***3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***

***Artikolu 29***

***Ilmijiet li jinsabu lil hinn mill-ilmijiet marittimi Ewropej***

***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jew il-Kunsill, skond il-każ, għandhom jadottaw miżuri Komunitarji li jkollhom l-għan li jtejbu l-istat ambjentali ta' l-ilmijiet li jinsabu lil hinn mill-ilmijiet tal-baħar Ewropej, sakemm tali titjib ikun possibbli permezz ta' kontrolli ta' attivitajiet fil-kompetenza tal-Komunità jew ta' l-Istati Membri.***

***Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati fuq il-bażi ta' proposti ppreżentati mill-Kummissjoni qabel …*** (*) ***skond il-proċeduri stabbilita fit-Trattat.***

*Artikolu 30*

Trażpożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva *sa* mhux aktar tard minn … (**) Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk il-miżuri u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. *L-Istati* Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 31*

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva se tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 32*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula *fi* …,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) ***4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

(**) ***Sentejn*** *wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Dirtettiva.*

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

*ANNESS I*

**KONDIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 4 U 11**

*a)* *permezz ta' l-użu ta' informazzjoni dwar it-"tendenza", id-diversità naturali ta' Reġjun Marittimu hija miżmuma (meta t-tendenzi jkunu stabbli) u mreġġgħa lura (meta tkun ġiet irreġistrata tendenza negattiva), inklużi l-ekosistemi, l-ambjenti naturali u l-ispeċi, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil dawk li jkunu vulnerabbli għall-impatti ta' l-attivitajiet tal-bniedem, minħabba ċerti karatteristiċi ekoloġiċi, e.g. fraġilità, sensittività, tkabbir bil-mod, fekondità baxxa, lonġevità, sitwazzjoni fil-periferija ta' l-arja ta' tixrid, flussi ġenetiċi baxxi, u sottopopolazzjonijiet ġenetikament differenti;*

*b)* *il-popolazzjonijiet tar-riżorsi marittimi ħajjin kollha reġgħu treġġgħu lura u nżammu f'livelli li kapaċi jiżguraw l-abbundanza ta' l-ispeċi għal perjodu ta' żmien twil u ż-żamma tal-kapaċita' ripproduttiva sħiħa tagħhom, li juri distribuzzjoni ta' età u daqs ta' popolazzjoni li tindika stokk b'saħħtu;*

*c)* *id-distribuzzjoni u l-abbundanza ta' speċi li m'humiex sfruttati direttament m'għandhomx jiġu effettwati (b'mod sostanzjali) mill-attività tal-bniedem;*

*d)* *l-impatti ħżiena ta' prattiki ta' sajd fuq l-ambjent marittimu tnaqqsu, inkużi l-impatti fuq qiegħ il-baħar u l-qabda sekondarja ta' speċi mhux intenzjonati u ħut li jkun għadu żgħir;*

*e)* *il-livelli tal-popolazzjoni ta' speċi ta' ħut żgħir għall-"għalf", f'livell baxx fil-katina alimentari, huma sostenibbli, speċjalment meta titqies l-importanza tagħhom għal predaturi dipendenti, inkluż il-ħut b'valur kummerċjali, u għas-sostenibilità ta' ekosistemi u tal-bażi ta' riżorsa tagħhom;*

*f)* *il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi ekotossiċi ta' oriġini antropika (inklużi sustanzi sintetiċi u kimiċi li jgerfxu l-funzjonament ta' l-ormoni) huma viċin iż-żero u ma jistgħux jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lil saħħet il-bniedem b'mod dirett jew indirett;*

*g)* *il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi ekotossiċi li jseħħu b'mod naturali huma viċin il-livelli naturali ta' l-ekosistema;*

*h)* *l-impatt ta' sustanzi organiċi li jniġġsu u fertilizzanti minn sorsi kostali jew ibbażati fuq l-art, minn akwakultura jew minn affluwenti minn katusi tad-drenaġġ u ħruġ ieħor huwa taħt il-livelli li jistgħu jaffettwaw l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem jew l-użu leġittimu tal-baħar u tal-kosti;*

*i)* *l-ewtrofikazzjoni, ikkawżata minn, pereżempju, emissjonijiet ta' nutrijenti bħal fosfru u nitroġenu, ġiet imminimizzata għal livell fejn ma għadhiex tikkawża effetti negattivi, bħal telf fil-bijodiversità, degradazzjoni ta' l-ekosistema, fjorituri ta' alka li jagħmlu l-ħsara u nuqqas ta' ossiġnu fl-ilmijiet tal-qiegħ;*

*j)* *l-impatti fuq ekosistemi marittimi u tal-kosta, inklużi ambjenti naturali u speċi, li jirriżultaw mill-esplorazzjoni jew mill-isfruttament ta' qiegħ il-baħar, tal-ħamrija ta' taħt il-wiċċ jew ta' speċi sedentarji ġew minimizzati u ma jaffettwawx b'mod ħażin l-integrità strutturali u ekoloġika ta' bentik u ta' ekosistemi assoċjati;*

*k)* *il-kwantità ta' skart f'ambjenti marittimi u tal-kosta tnaqqset għal livell li jiżgura li ma jkunx ta' theddida għall-ispeċi u l-ambjenti naturali marittimu, għas-saħħa tal-bniedem u għas-sikurezza u l-ekonomija tal-komunitajiet kostali;*

*l)* *skariki operazzjonali regolati minn pjattaformi u linji ta' pajpijiet u l-użu ta' tajn mit-titqib ma jippreżentaw l-ebda riskju sinifikanti għall-ambjent tal-baħar u l-emissjonijiet aċċidentali ta' sustanzi minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass 'il bogħod mix-xtut ġew imminimizzati;*

*m)* *l-emissjonijiet operattivi u l-emissjonijiet mit-tbaħħir huma mmexxija u jikkonformaw mal-liġi internazzjonali, il-konvenzjonijiet dwar l-ibħra reġjonali jew il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, u r-riskju ta' aċċidenti ġie minimizzat;*

*n) il-rilaxx regolat ta' żejt minn pjattaformi u "pipelines" u l-użu ta' tajn mit-titqib li jagħmel il-ħsara twaqqfu u r-rilaxxi aċċidentali ta' dawn is-sustanzi ġie minimizzat;*

*o) ir-rilaxxi operazzjonali li jagħmel il-ħsara u r-rilaxxi minn tbaħħir ġew eliminati u r-riskju ta' inċidenti li jistgħu jirriżultaw f'rilaxx li jagħmel il-ħsara tnaqqas għal livell minimu;*

*p) ir-rilaxx intenzjonat ta' speċi eżotiċi fl-ambjent marittimu u tal-kosta hija projbita, ir-rilaxx aċċidentali ġie minimizzata, u l-ilma tas-saborra ġie eliminat bħala sors possibbli ta' introduzzjoni. L-użu ta' speċi ġodda (inklużi l-ispeċi eżotiċi u modifikati ġenetikament) fl-akwakultura hu projbit mingħajr evalwazzjoni minn qabel ta' l-impatt;*

*q) l-impatti fuq l-ambjenti naturali marittimi u tal-kosta u l-ispeċi li jirriżultaw minn kostruzzjonijiet magħmula mill-bniedem ġew minimizzati u ma jaffettwawx b'mod ħażin l-integrità strutturali u ekoloġika ta' l-ekosistemi ta' flora u fawna li jinsabu taħt l-ilma u ta' ekosistemi assoċjati, l-anqas l-abilità ta' ambjenti naturali u ta' speċi tal-kosta u marittimu li jadattaw l-arja ta' tixrid u d-distribuzzjoni tagħhom meta ffaċċjati bil-bidla fil-klima;*

*r) it-tniġġis mill-istorbju minn (pereżempju) tbaħħir u minn tagħmir akustiku ta' taħt l-ilma tnaqqas għal livell minimu bil-ħsieb li jiġi evitat kwalunkwe effett ħażin fuq il-ħajja marittima, is-saħħa tal-bniedem jew l-użu leġittimu tal-baħar u tal-kosti;*

*s) ir-rimi sistematiku/intenzjonali ta' kwalunkwe likwidu jew gass fil-kolonna ta' l-ilma ġie projbit u r-rimi ta' materjal solidu fil-kolonna ta' l-ilma huwa projbit sakemm ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni suġġetta għad-dritt internazzjonali, tkun saret evalwazzjoni ta' impatt ambjentali minn qabel skond id-Direttiva 85/337/KEE tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent* [1] *u konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;*

*t) ir-rimi sistematiku/intenzjonali ta' kwalunkwe likwidu jew gass f'qiegħ il-baħar u fil-ħamrija ta' taħt il-wiċċ ġie projbit, u r-rimi ta' materjal solidu f'qiegħ il-baħar u fil-ħamrija ta' taħt il-wiċċ huwa projbit sakemm ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni suġġetta għad-dritt internazzjonali, tkun saret evalwazzjoni ta' impatt ambjentali minn qabel skond id-Direttiva 85/337/KEE u konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;*

*u) f'kull reġjun il-proporzjon ta' zoni marittimi protetti minn attivitajiet tal-bniedem li jistgħu jkunu ta' ħsara, u anke d-diversità ta' l-ekosistemi kostitwenti preżenti f'dawk iz-zoni, huma biżżejjed biex issir kontribuzzjoni effettiva għal netwerk reġjonali u globali ta' zoni marittimi protetti.*

(1) *ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/35/KE.*

---

*ANNESS II*

*Artikolu 9 (1)*

(1) L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kompetenti — l-isem u l-indirizz uffiċċjali ta' l-awtorità identifikata.

(2) L-istatus legali ta' l-awtorità kompetenti — deskrizzjoni ta' l-istatus legali ta' l-awtorità kompetenti u, fejn hu relevanti, sommarju jew kopja ta' l-istatut tagħha, it-trattat tat-twaqqif jew dokument legali ekwivalenti.

(3) Responsabbiltajiet — deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet legali u amministrattivi ta' l-awtorità kompetenti u tar-rwol tagħha *fl-ilmijiet marittimi* kkonċernati.

(4) Sħubija — meta l-awtorità kompetenti taġixxi bħala korp ta' koordinament għal awtoritajiet kompetenti oħra, hemm bżonn ta' lista ta' dawn il-korpi flimkien ma' sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali stabbiliti biex tassigura koordinazzjoni.

(5) Koordinazzjoni reġjonali — *huwa meħtieġ* sommarju tal-mekkaniżmi stabbiliti sabiex tassigura koordinazzjoni bejn l-Istati Membri li *l-ilmijiet marittimi* Ewropej tagħhom jaqgħu fl-istess Reġjun Marittimu.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

*ANNESS III*

*ARTIKOLI 10(1), 11(1)* u *13(1)*

| Tabella 1 — Karatteristiċi | |
|---|---|
| Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi | — karatteristiċi batimetriċi<br>— ir-reġim tat-temperatura annwali u staġjonali<br>— kurrenti predominanti u ż-żmien stmat għar-riċiklaġġ/sostituzzjoni<br>— Salinità inklużi xejriet u gradjenti madwar ir-reġjun kollu. |
| Tipi ta' *ambjent naturali* | — It-tip(i) predominanti ta' *ambjenti naturali* b'deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tipiċi — fond, reġim ta' temperatura, kurrenti, salinità, struttura u sottostrat tal-qiegħ<br>— Identifikazzjoni u mmappjar ta' tipi ta' *ambjenti naturali* speċjali l-iżjed dawk rikonoxxuti jew identifikati taħt il-leġislazzjoni *Komunitarja* (id-direttivi dwar *l-ambjenti naturali* u l-għasafar) jew konvenzjonijiet internazzjonali bħala ta' interess speċjali xjentifiku jew ta' bijodiversità<br>— Oqsma oħra speċjali li minħabba l-karatteristiċi, post, jew importanza strateġika tagħhom jisthoqqilhom referenza partikolari. Din tista' tinkludi oqsma suġġetti għal pressjonijiet intensi jew speċifiċi jew żoni li jisthoqqilhom reġim ta' protezzjoni speċifika. |
| Elementi Bijoloġiċi | — Deskrizzjoni tal-komunitajiet bijoloġiċi assoċjati ma' l-*ambjenti naturali* predominanti. Din tkun tinkludi informazzjoni dwar il-komunitajiet tipiċi ta' fitoplankton u żooplankton li jinkludu l-ispeċi tipiċi, il-varjabilità staġjonali u ġeografika u stimi tal-produttività primarja u sekondarja. Informazzjoni dwar il-fawna invertebrata tal-qiegħ li tinkludi l-kompożizzjoni ta' l-ispeċi, il-bijomassa, il-produttività u l-varjabilità annwali/staġjonali għandha tiġi pprovduta wkoll. Fl-aħħarnett, għandha tiġi ppreżentata informazzjoni dwar l-istruttura tal-popolazzjonijiet ta' ħut li tinkludi l-abbundanza, distribuzzjoni u l-istruttura ta' età/daqs tal-popolazzjonijiet<br>— Deskrizzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni, il-firxa u l-status naturali u attwali ta' l-ispeċi kollha tal-mammiferi marini li jinsabu fir-reġjun/sottoreġjun. Għal dawk l-ispeċi koperti minn leġislazzjoni ta' l-UE (direttiva dwar *l-ambjenti naturali)* jew ftehimiet internazzjonali, għandha tiġi pprovduta wkoll deskrizzjoni tat-theddid prinċipali u l-miżuri eżistenti ta' protezzjoni/immaniġġjar<br>— Deskrizzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni, il-firxa u l-istatus naturali u attwali ta' l-ispeċi kollha ta' għasafar tal-baħar li jinsabu fir-reġjun/sottoreġjun. Għal dawk l-ispeċi koperti minn leġislazzjoni ta' l-UE (direttiva dwar l-għasafar) jew ftehimiet internazzjonali, għandha tiġi pprovduta wkoll deskrizzjoni tat-theddid prinċipali u l-miżuri eżistenti ta' protezzjoni/immaniġġjar<br>— Deskrizzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni, il-firxa u l-istatus naturali u attwali ta' l-ispeċi l-oħra kollha li jinsabu fir-reġjun/sottoreġjun li huma s-suġġett ta' leġislazzjoni ta' l-UE jew ftehimiet internazzjonali inkluża deskrizzjoni tat-theddid prinċipali u l-miżuri eżistenti ta' protezzjoni/immaniġġjar<br>— Inventarju tal-preżenza, abbundanza u distribuzzjoni ta' speċi eżotiċi mhux indiġeni li jinsabu fir-reġjun/sottoreġjun. |
| Karatteristiċi Oħra | — Deskrizzjoni ta' inċidenzi ta' żidiet fl-arrikament tan-nutrijenti, iċ-ċikli tan-nutrijenti (kurrenti u interazzjonijiet sediment/ilma), distribuzzjoni fl-ispazju, konsegwenzi<br>— Deskrizzjoni ta' l-istat ġenerali ta' tniġġis bil-kimika li tinkludi kimiċi problematiċi, kontaminazzjoni tas-sediment, sitwazzjonijiet jaħarqu, kwistjonijiet ta' saħħa (kontaminazzjoni tal-laħam tal-ħut)<br>— Kull karatteristika oħra, tipika/partikolari għar-reġjun/sottoreġjun (eż. munizzjon mormi). |

| Tabella 2 — Pressjonijiet u Impatti | |
|---|---|
| Ġenerali<br>It-tniġġis f'forma ta' introduzzjoni diretta jew indiretta, kaġun ta' attività *tal-bniedem*, ta' sustanzi jew enerġija, li jinkludi storbju *marittimu* kkawżat mill-bniedem, fl-ambjent marittimu li jirriżulta jew x'aktarx jirriżulta f'effetti detrimentali bħal m'huma l-ħsara lir-riżorsi ħajja u l-ħajja tal-baħar, perikli għas-saħħa tal-bniedem, tfixkil ta' attivitajiet marittimi, inklużi s-sajd, it-turiżmu u r-rekreazzjoni u użu leġittimu ieħor tal-baħar, ħsara fil-kwalità ta' l-użu ta' l-ilma baħar u tnaqqis ta' amenitajiet. | |
| Telf fiżiku | Soppressjoni (eż. bi strutturi artifiċjali, rimi ta' ħama tal-gangmu)<br>Issiġillar (eż. permezz ta' kostruzzjonijiet permanenti) |
| Ħsara fiżika | Ġbir ta' ħama (eż. Ilma tax-xita minn fuq l-art, tħammil, drenaġġ)<br>Tgħawwir tal-Blat (ez. Tbaħħir, ankraġġ)<br>Estrazzjoni selettiva (ez. tħammil aggregat, taħbil) |
| Disturbi mhux fiżiċi | Storbju (eż. attività tat-tbaħħir, sismiku)<br>Viżwali (eż. attività rikreattiva) |
| Kontaminazzjoni Tossika | Introduzzjoni ta' komposti sintetiċi (eż. pestiċidi, żebgħat antifawling, kimiċi PCBs)<br>Introduzzjoni ta' komposti mhux sintetiċi (eż. metalli tqal, ***idrokarboni)*** |
| Kontaminazzjoni mhux tossika | Arrikiment tan-nutrijenti (eż. Ilma tax-xaba' ta' l-art, drenaġġ)<br>Arrikkiment organiku (eż. marikultura, drenaġġ)<br>Tibdil fir-reġim termali (eż. skarikar ta' ilma skart ittrattat, *power stations)*<br>Tibdil fit-*turbidity* (eż. Ilma tax-xita mill-art, tħammil)<br>Tibdil fis-salinità (eż. estrazzjoni ta' l-ilma, nixxiegħat) |
| Disturbi bijoloġiċi | Introduzzjoni ta' patoġeni mikrobiċi<br>Introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni u traslokazzjonijiet<br>Estrazzjoni selettiva ta' speċi (eż. sajd kummerċjali u rikreattiv) |

*ANNESS IV*

*Artikolu 12(1)*

(1) Kopertura adegwata ta' l-elementi li jikkaratterizzaw l-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri f'Reġjun jew Sottoreġjun Marittimu.

(2) Il-ħtieġa li jitwaqqfu (a) miri li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet mixtieqa bbażati fuq id-definizzjoni ta' *stat* ambjentali tajjeb; (b) miri li jistgħu jitkejlu u jippermettu l-monitoraġġ; u (c) miri ta' l-operat relatati ma' miżuri konkreti ta' implimentazzjoni biex jappoġġjaw *t-twettieq* tagħhom.

(3) Speċifikazzjoni ta' l-*istat* ambjentali li għandu jintlaħaq u formulazzjoni ta' dan ta' l-aħħar espress f'termini ta' kwalitajiet li jistgħu jiġu mkejla ta' l-elementi li jikkaratterizzaw l-ilmijiet marittimi Ewropej ta' Stat Membru f'Reġjun jew Sottoreġjun Marittimu.

(4) Konsistenza tas-sett ta' miri; assenza ta' konflitti bejniethom.

(5) Speċifikazzjoni tar-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri.

(6) Formulazzjoni tal-miri b'perjodu definit ta' żmien biex jintlaħqu.

(7) Speċifikazzjoni ta' indikaturi maħsuba biex jissorveljaw il-progress u biex jiggwidaw deċiżjonijiet maniġerjali biex jintlaħqu l-miri.

(8) Fejn hu xieraq, speċifikazzjoni ta' punti ta' *referenza* (punti ta' *referenza* għall-miri u limiti).

(9) Konsiderazzjoni dovuta ta' l-interessi soċjali u ekonomiċi fl-issettjar tal-miri.

(10) *Eżami* tas-sett ta' miri ambjentali, l-indikaturi assoċjati u l-punti ta' riferiment tal-limiti u l-miri żviluppati fid-dawl ta' l-għan ambjentali stipulat fl-*Artikolu 1* biex ikun ivvalutat jekk *it-twettieq* tal-miri jwassalx l-ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri f'Reġjun Marittimu għal status li jikkorrispondi magħhom.

(11) Kompatabilità tal-miri ma' l-objettivi li l-Komunità u l-Istati Membri tagħha ikkommettew ruħhom għalihom taħt *ftehim* internazzjonali u reġjonali relevanti.

(12) Meta s-sett ta' miri u indikaturi jkunu *ngħaqdu*, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien relattivament ma' l-għan ambjentali stipulat fl-*Artikolu 1* biex ikun *evalwat* jekk *t-twettieq* tal-miri jwassalx l-ambjent marittimu għal status li jikkorrispondi magħhom.

---

*ANNESS V*

*ARTIKOLU 13(1)*

(1) Ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni għal valutazzjoni ta' l-*istat* ambjentali u għal kejl tad-distanza minn u l-progress lejn status ambjentali tajjeb konformi ma' l-*Anness III* u ma' l-istandards *id-dettaljati* u l-kriterji li għandhom jiġu definiti skond ma' l-*Annessi I u III*.

(2) Ħtieġa li tiġi assigurata l-ġenerazzjoni ta' l-informazzjoni li tagħmel possibbli l-identifikazzjoni ta' indikaturi adattati għall-miri ambjentali *stabbiliti* fl-*Artikolu 12*.

(3) Ħtieġa li tiġi assigurata l-ġenerazzjoni ta' l-informazzjoni li tippermetti l-valutazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri *msemmija* fl-*Artikolu 16*.

(4) Ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet biex tiġi identifikata l-kawża tal-bidla u għalhekk il-miżuri korrettivi possibbli li jkun jinħtieġ jittieħdu biex jirritorna l-istatus ambjentali tajjeb, meta d-devjazzjonijiet mill-parametri ta' l-*stat* mixtieq ikunu identifikati.

(5) Ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar sustanzi kimiċi li jikkontaminaw fi speċi *għall-konsum tal-bniedem* minn żoni ta'sajd kummerċjali.

(6) Ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet biex jikkonfermaw li l-miżuri korrettivi jwasslu għat-tibdil mixtieq u mhux għal effetti sekondarji mhux mixtieqa.

(7) Ħtieġa li tinġabar flimkien l-informazzjoni fuq il-bażi ta' Reġjuni Marittimi.

(8) Ħtieġa li jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għal monitoraġġ fuq livell tal-Komunità biex tkun tista' tiġi kkomparata l-informazzjoni.

(9) Ħtieġa li tkun assigurata kemm jista' jkun il-kompatibilità ma' programmi eżistenti li ġew żviluppati fuq livell reġjonali u internazzjonali bil-ħsieb li titrawwem konsistenza bejn dawn il-programmi u li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' l-isforzi.

(10) Ħtieġa li tiġi nkluża bħala parti mill-valutazzjoni inizjali prevista fl-*Artikolu 10* valutazzjoni ta' bidliet kbar fil-kondizzjonijiet ambjentali *kif ukoll*, fejn hemm bżonn, kwistjonijiet ġodda u emerġenti.

(11) Ħtieġa li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni inizjali prevista fl-*Artikolu 10* l-elementi elenkati fl-*Anness III* u l-varjabilità naturali tagħhom u biex jiġu evalwati x-xejriet lejn l-ilħuq tal-miri ambjentali stabbiliti skond l-*Artikolu 12(1)*, bl-użu, kif jixraq, ta' l-indikaturi stabbiliti u l-punti ta' referenza tal-limiti jew miri tagħhom.

---

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

*ANNESS VI*

*ARTIKOLU 16(1)*

(1) Kontrolli ta' l-*input*: miżuri ta' *mmaniġġjar* li jinfluwenzaw l-ammont ta' attività *tal-bniedem* li hi permessa.

(2) Kontrolli ta' l-*output*: miżuri ta' *mmaniġġjar* li jinfluwenzaw il-grad ta' perturbazzjoni ta' komponent fl-ekosistema li hu permess.

(3) Kontrolli tad-distribuzzjoni *spazjali u temporali*: miżuri ta' *mmaniġġjar* li jinfluwenzaw fejn u meta xi attività tithalla ssehh.

(4) Miżuri ta' koordinazzjoni *ta' l-immaniġġjar*: *għoddod* biex jiżguraw li *mmaniġġjar* ikun koordinat.

(5) Inċentivi ekonomiċi: miżuri ta' *mmaniġġjar* li jagħmluha fl-interess ekonomiku ta' dawk li jużaw l-ekosistema marittima li jaġixxu b'modi li jgħinu l-ilħuq ta' l-għanijiet ekoloġiċi għall-ekosistema.

(6) *Għoddod* ta' mitigazzjoni u rimedju: *għoddod* ta' *mmaniġġjar* li tiggwida attivitajiet *tal-bniedem* biex jirrestawraw komponenti mħassra ta' l-ekosistemi marittimi.

(7) Komunikazzjoni, involviment tal-partijiet interessati u t-tqajjim ta' kuxjenza pubblika.

---

**P6_TA(2006)0483**

## Tagħmir ta' kejl li fih il-merkurju ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju (COM(2006)0069 — C6-0064/2006 — 2006/0018(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006) 0069) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0064/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0287/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

**P6_TC1-COD(2006)0018**

**POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva** *2006/…/KE* **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE** *dwar* **restrizzjonijiet dwar** *it-tqegħid fis-suq* **ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-*Kummissjoni*,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu *skond il*-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2005 dwar l-istrateġija Komunitarja dwar il-*merkurju*, li qieset l-użi kollha tal-merkurju, ikkonkludiet li jkun xieraq li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq livell Komunitarju għat-tqegħid fis-suq ta' ċertu tagħmir għall-kejl u għall-kontroll u li mhuwiex elettriku jew elettroniku u li fih il-merkurju, li huwa l-grupp ewlieni tal-prodotti tal-merkurju li s'issa mhuwiex kopert mill-azzjoni Komunitarja.

(2) *Ikun ta' benefiċċju għall-ambjent, u għal saħħet il-bniedem fuq tul ta' żmien billi l-merkurju ma jithalliex jidħol fil-mogħdija ta' l-iskart li kieku jiddaħħlu l-limitazzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq tat-tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju.*

(3) Meta titqies il-fattibilita` teknika u ekonomika, evidenza disponibbli rigward tagħmir ta' kejl u ta' kontroll tindika li miżuri restrittivi ***immedjati*** għandhom ikopru biss dak it-tagħmir li huwa maħsub għall-bejgħ lill-pubbliku u ***t-termometri kollha tad-deni***.

***(4) L-importazzjoni ta' tagħmir tal-kejl li fih il-merkurju u li għandu aktar minn 50 sena jirrigwarda antikitajiet jew oġġetti kulturali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3911/92 tad-9 ta' Diċembru 1992 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali [3]. Dan it-tip ta' kummerċ għandu ambitu limitat u donnu li ma joħloq l-ebda sogru għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għaldaqstant, dan it-tip ta' kummerċ m'għandux jiġi ristrett.***

***(5) Bil-għan li jiġi minimizzat il-ħruġ ta' merkurju fl-ambjent u li tiġi żgurata t-tneħħija gradwali tal-bqija tat-tagħmir tal-kejl li fih il-merkurju fl-użu professjonali u industrijali, b'mod speċjali l-isfigomamanometri fil-kura tas-saħħa, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tad-disponibilità ta' soluzzjonijiet alternattivi aktar sikuri li huma teknikament u ekonomikament fattibbli. Fil-każ ta' l-isfigomamanometri fil-kura tas-saħħa, l-esperti mediċi għandhom jiġu kkonsultati sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet f'termini ta' dijanjosi u trattament ta' kundizzjonijiet mediċi speċifiċi jiġu indirizzati b'mod adegwat.***

*(6)* Bid-Direttiva preżenti għandu jiġi ristrett biss it-tqegħid fis-suq ta' mezzi godda għall-kejl. Din ir-restrizzjoni għalhekk ma tapplikax għal mezzi li diġà qed jintużaw, jew ***dawk*** li ***diġa? ġew imqiegħda fis-suq.***

[1] *Opinjoni tat-13 ta' Settembru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).*

[2] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2006.*

[3] ***ĠU L 395, 31.12.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).***

*(7)* Id-diskrepanzi bejn il-liġijiet u l-miżuri amministrattivi adottati mill-Istati Membri fir-rigward tar-restrizzjoni fuq il-merkurju f'tagħmir varju għall-kejl u għall-kontroll jistgħu joħolqu ostakli għall-kummerċ, jgħawġu l-kompetizzjoni fil-Komunità u b'hekk jista' jkollhom impatt dirett fuq it-twaqqif u t-tħaddim *ta'* suq intern. Jidher għalhekk meħtieġ li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tagħmir għall-kejl u għall-kontroll billi jiġu introdotti dispożizzjonijiet armonizzati fir-rigward ta' dawk il-prodotti li fihom il-merkurju u b'hekk jiġi ppreservat is-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent.

*(8)* Id-Direttiva tal-Kunsill *76/769/KEE* tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi [1] għandha tiġi emendata skond dan.

*(9)* Id-Direttiva għandha tapplika bla ħsara għal-leġiżlazzjoni Komunitarja li tistipula r-rekwiżiti minimi għall-ħarsien tal-ħaddiema li tinsab fid-Direttiva 89/391/KEE tas-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol [2], u direttivi individwali msejsa fuqha, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE *tas-7 ta' April 1998* dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol [3].

***(10) Skond punt 34 tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet*** [4]***, l-Istati Membri huma mħeġġa li jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom li juru, safejn hu possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u li jagħmluhom pubbliċi,***

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn … (*), il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih ***jinfurmaw b'dan*** lill-***Kummissjoni.***

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … (**)

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn tali referenza dakinnhar tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

---

[1] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201 Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/90/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 28).
[2] ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
[3] ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.
[4] ***ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.***
(*) *Sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*
(**) *Tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi, …

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

---

*ANNESS*

Il-punt li ġej jiddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE:

| | |
|---|---|
| 19a<br>Merkurju<br>Nru CAS 7439-97-6 | *(1)* Ma jistax jitiqegħed fis-suq:<br>*a)* f'termometri għall-kejl tad-deni;<br>*b)* f'tagħmir ieħor għall-kejl maħsub għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali (eż. manometri, barometri, sfigmomanometri, termometri għajr dawk għad-deni);<br>***c) f'apparat ta' kejl ieħor li mhux maħsub għal bejgħ lill-pubbliku wara … (*);***<br>***d) fl-isfigmomanometri (minbarra apparat ta' kejl tat-tensjoni fil-kura tas-saħħa) li fihom il-merkurju kemm għall-użu tal-konsumatur kif ukoll fil-kura tas-saħħa.***<br>***Dawk li jimmanufatturaw jistgħu jitolbu deroga minn punt c) qabel … (**). Deroga għandha tingħata għal raġunijiet ta' użu essenzjali għal perjodu ta' żmien limitat, każ b' każ, jekk dawk li jimmanifatturaw jippruvaw li għamlu kull sforz sabiex jiżviluppaw proċessi alternattivi li huma aktar siguri jew proċessi alternattivi, u li alternattivi aktar siguri jew proċessi alternattivi għad m' humiex disponibbli.***<br><br>***2. Bħala deroga, ir-restrizzjoni f' paragrafu 1(b) m'għandhiex tapplika għal:***<br>***a) apparat tal-kejl li għandu aktar minn 50 sena fi … (***);***<br>***jew***<br>***b) barometri. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa u effettivi biex it-tqegħid tagħhom fis suq ikun bil-liċenzja u kkontrollat sabiex ikun iggarantit li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jiddgħajfux.***<br><br>***3. Sa … (****), il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tad-disponibilità ta' soluzzjonijiet alternattivi aktar sikuri u ta' min joqgħod fuqhom li huma teknikament u ekonomikament fattibbli għal sfigomamanometri u tagħmir ieħor ta' kejl li fihom il-merkurju u li jintużaw fil-kura tas-saħħa u f'użi professjonali u industrijali oħra.***<br>***Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni jew malli jkun hemm informazzjoni ġdida dwar alternattivi aktar sikuri u ta' min joqgħod fuqhom għal sfigomanometri u tagħmir ieħor ta' kejl li fih il-merkurju, il-Kummissjoni għandha, jekk huwa xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex testendi r-restrizzjonijiet f'paragrafu 1 għal isfigomanometri u tagħmir ieħor ta' kejl li jintuża fil-kura tas-saħħa jew f'użi professjonali u industrijali oħra, sabiex il-merkurju fit-tagħmir tal-kejl jitneħħa b'mod gradwali, fejn dan huwa teknikament u ekonomikament fattibbli.*** |

*(*) Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*
*(**) Tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*
*(***) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*
*(****) Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006

**P6_TA(2006)0484**

## Impriża Konġunta għas-sistema Ewropea ta' l-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru (SESAR) *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta biex tiżviluppa s-sistema Ewropea tal-ġenerazzjoni l-ġdida għall-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru (SESAR) (COM(2005)0602 — C6-0002/2006 — 2005/ 0235(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0602) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 171 tat-Trattat KE, skond liema ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0002/ 2006),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0382/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda sostanzjalment proposta tal-Kummissjoni;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament.

***Il-Proposta Uffiċjali tal-Kummissjoni għadha mhijiex disponibbli bil-Malti.***

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*Premessa 1*

| | |
|---|---|
| — Having regard to the Treaty establishing the European Community, and in particular ***Article 171*** thereof, | — Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari ***l-Artikoli 171 u 173*** tiegħu, |

Emenda 2

*Premessa 2*

| | |
|---|---|
| (2) The project to modernise air traffic management in Europe, hereinafter called the "SESAR project", is the technological element of the single European sky. It aims to give the Community high-performance air traffic control infrastructure which will enable the safe and environmentally friendly development of air transport, benefiting fully from the technological advances of programmes such as Galileo. | (2) Il-proġett biex jiġi mmodernizzat l-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru fl-Ewropa, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-proġett SESAR", huwa l-element teknoloġiku tas-Sema Waħdieni Ewropew. Huwa għandu l-iskop li jagħti lill-Komunità infrastruttura b'rendiment għoli ħafna għat-traffiku bl-ajru billi jagħmel użu mill-avvanzi teknoloġiċi ta' programmi bħal Galileo. ***Il-proġett huwa wkoll mmirat biex jintegra kemm l-immaniġġjar tal-veloċità bl-ajruplani għal raġunijiet ta' effiċjenza fl-enerġija, kif ukoll koperazzjoni intensiva mas-servizzi tat-tbassir tat-temp, sabiex jitnaqqas l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima.*** |

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 3

*Premessa 3*

| | |
|---|---|
| (3) The SESAR project aims to integrate and coordinate activities which were previously undertaken in a dispersed and uncoordinated manner in the Community. | (3) Il-proġett SESAR huwa ffinalizzat għall-integrazzjoni u għall-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet fil-Komunità, li kienu jsiru qabel b'mod mifrux u mhux sinkronizzat ***inklużi fir-reġjuni l-aktar remoti u mbiegħda tagħha li msemmija fl-Artikolu 299 (2) tat-Trattat.*** |

Emenda 4

*Premessa 6*

| | |
|---|---|
| (6) The definition phase will be followed by ***a phase to implement the plan to modernise air traffic management in the Community, which will consist of*** two successive ***steps***: development (2008-2013) and deployment (2014-2020). | (6) Wara l-fażi ta' definizzjoni jkun hemm żewġ ***fażijiet*** suċċessivi oħrajn: fażi *ta'* żvilupp (2008-2013) u fażi ta' implimentazzjoni (2014-2020). |

Emenda 5

*Premessa 6a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(6a) Kull fażi għandha tistabbilixxi l-elementi prinċipali tal-kontenut tagħha u d-dispożizzjonijiet legali għall-fażi ta' implimentazzjoni għandhom jiġu indikati fi proposta separata.*** |

Emenda 8

*Premessa 12*

| | |
|---|---|
| (12) Taking into account the number of players who will need to be involved in this process, and the financial resources and technical expertise needed, it is vital to set up a legal entity capable of ensuring the coordinated management of the funds assigned to the SESAR project during its ***implementation*** phase. | (12) Jekk wieħed jikkunsidra n-numru ta' dawk interessati li jkunu meħtieġa jinvolvu ruħhom fil-proċess, kif ukoll ir-riżorsi finanzjarji u l-esperjenza teknika meħtieġa, huwa ta' importanza vitali li titwaqqaf entità legali li tkun kapaċi tiżgura maniġment koordinat tal-fondi assenjati għall-proġett SESAR waqt il-fażi ta' ***żvilupp***. |

Emenda 9

*Premessa 13*

| | |
|---|---|
| (13) This entity***, which is*** responsible for managing a public research programme of European interest***, must be considered as an international organisation*** within the meaning of the second indent of Article 15(10) of the Sixth Council Directive 77/388/EEC of 17 May 1977 on the harmonisation of the laws of the Member States relating to turnover taxes — Common system of value added tax: uniform basis of assessment, and the second indent of Article 23(1) of Council Directive 92/12/EEC of 25 February 1992 on the general arrangements for products subject to excise duty and on the holding, movement and monitoring of such products. | (13) Din l-entità ***ser ikollha*** r-responsabbiltà biex timmaniġġja programm ta' riċerka ta' interess Ewropew skond it-tifsira tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 15(10) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward taxxi fuq id-dħul — Sistema Komuni għat-taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u monitoraġġ ta' dan it-tip ta' prodotti. |

Emenda 10

*Premessa 14*

| | |
|---|---|
| (14) This entity should also be exempt from taxation by the Member States as regards taxes other than VAT and excise duty, and salaries paid to its staff should be exempt from any national income tax. | (14) Din l-entità għandha tkun eżentata minn tassazzjoni rigward taxxi li ma humiex tal-VAT u tas-sisa, u s-salarji mħallsin lill-istaff tagħha ***għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet ta' impieg ta' impjegati oħrajn tal-Komunità Ewropea***. |

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 11

*Premessa 15*

| | |
|---|---|
| (15) SESAR is a research and development project which justifies funding from the Community research and development framework programmes. It is therefore necessary to set up a Joint Undertaking under ***Article 171*** of the Treaty in order to enable considerable progress to be made in the development of technologies relating to air traffic control systems during the development phase (2008-2013) *phases*. | (15) SESAR huwa proġett ta' riċerka u żvilupp li għandu r-rekwiżiti biex jibbenefika minn finanzjament fuq bażi ta' programmi ta' qafas komunitarji ta' riċerka u żvilupp. Jeħtieġ għalhekk li titwaqqaf Impriża Konġunta skond ***l-Artikolu 171 u 173*** tat-Trattat sabiex matul il-fażi ta' żvilupp (2008-2013) ikun jista' jsir progress konsiderevoli fl-iżvilupp ta' teknoloġiji għas-sistemi ta' kontroll ta' traffiku bl-ajru. |

Emenda 12

*Premessa 17*

| | |
|---|---|
| (17) The main task of the Joint Undertaking must be to organise and coordinate the SESAR project by combining public and private sector funding and using external technical resources, provided by its members, and in particular Eurocontrol's experience. | (17) Ix-xogħol ewlieni ta' l-Impriża Konġunta għandu jkun li torganizza u tikkoordina l-proġett SESAR billi tgħaqqad fondi mis-settur pubbliku u minn dak privat u billi tuża riżorsi tekniċi esterni, ipprovduti mill-membri tagħha, u b'mod partikolari l-esperjenza u ***u l-għarfien espert*** tal-Eurocontrol. |

Emenda 13

*Premessa 17a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(17a) Huwa mixtieq li s-settur privat ikun involut fil-fażijiet kollha, speċjalment f'dik ta' l-iżvilupp, sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà tal-parteċipanti mis-settur privat matul il-fażi ta' varar.*** |

Emenda 14

*Premessa 20*

| | |
|---|---|
| (20) The rules for the organisation and operation of the Joint Undertaking should be laid down by drawing up the statutes of the Joint Undertaking. | (20) Ir-regoli għall-organizzazzjoni, għall-operazzjoni ***u għall-evitar ta' kunflitt ta' interess fi ħdan l-Impriża Konġunta u għall-proċedura tal-ħatra ta' l-uffiċjali*** tagħha għandhom jiġu stabbiliti billi jitfasslu l-istatuti ta' l-Impriża Konġunta ***kif stipulati fl-Anness.*** |

Emenda 15

*Premessa 20a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(20a) Il-Parlament Ewropew għandu jingħata stejtus ta' osservatur fuq il-Bord Amministrattiv ta' l-Impriża Konġunta.*** |

Emenda 16

*Premessa 20 b (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(21b) Applikazzjonijiet għas-sħubija ta' membri ġodda għandhom jiġu milqugħin, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(3) ta' l-Anness.*** |

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT

Emenda 17

*Premessa 22a (ġdida)*

***(22a) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull tliet snin lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, jekk xieraq, għandha tipproponi emendi għalih.***

Emenda 18

*Artikolu 1, paragrafu 1*

1. ***In order to carry out the development activities of the implementation phase of the project*** to modernise air traffic management in Europe, hereinafter referred to as the "SESAR project", ***a Joint Undertaking is hereby established, known as "SESAR Joint Undertaking"*** for a period ending ***on 31 December 2013.***

1. ***Hawn qed tiġi stabbilita Impriża Konġunta (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Impriża Konġunta". L-objettiv primarju tagħha ser ikun li timmaniġġja l-attivitajiet tal-fażi ta' l-iżvilupp tal-proġett*** biex timmodernizza l-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru fl-Ewropa, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-proġett SESAR", ***li jibda mid-data meta l-Kunsill japprova il-Master Plan ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku bl-Ajru("ATM Master Plan") imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1a hawn isfel,*** sa tmiem ***il-fażi ta' żvilupp.***

Emenda 19

*Artikolu 1, paragrafu 1 a (ġdid)*

***1a. Il-proġett SESAR ser ikun magħmul minn tliet fażijiet:***

***(a) "fażi ta' definizzjoni" li l-iskop tagħha huwa li tiddefinixxi l-għażliet u l-passi tekniċi li jridu jittieħdu u l-prijoritajiet tal-programm ta' modernizzazzjoni, kif ukoll il-pjanijiet ta' implimentazzjoni operazzjonali. Dan inbeda f'Ottubru ta' l-2005 u huwa mistenni li jintemm f'Diċembru 2007 bil-ħolqien ta' ATM Master Plan. L-ATM Master Plan għandu jiġi żviluppat minn konsorzju ta' impriżi taħt is-superviżjoni tal-Eurocontrol;***

***(b) "fażi ta' żvilupp" li tibda fl-1 ta' Jannar 2008 wara li l-Kunsill ikun approva l-ATM Master Plan fuq proposta tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Il-fażi ta' żvilupp tintemm fil-31 ta' Diċembru 2013;***

***c) "fażi ta' varar" li tibda fl-1 ta' Jannar 2014 u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2020 u li tkun tikkonsisti fil-produzzjoni fuq skala kbira u l-implimentazzjoni ta' l-infrastruttura ġdida ta' l-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li tiddefenixxi:***

***(i) it-tranżizzjoni mill-fażi ta' żvilupp għall-fażi ta' varar,***

***(ii) il-mekkaniżmi ta' rimborż li għandhom japplikaw għal kull entità oħra li tiġi wara l-Impriża Konġunta, u***

***(iii) it-trasferiment ta' assi tanġibbli u mhux tanġibbli magħżula għall-entità l-ġdida li tiġi wara l-Impriża Konġunta.***

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 20

*Artikolu 1, paragrafu 1 b (ġdid)*

***1b. Il-kamp ta' applikazzjoni, ir-regolamentazzjoni, il-finanzjament u l-perijodu ta' l-Impriża Konġunta għandhom jiġu riveduti fejn ikun xieraq mill-Kunsill skond il-proġett ta' żvilupp u skond l-ATM Master Plan. Il-Kunsill għandu jikkunsidra l-evalwazzjoni li jirriferi għaliha l-Artikolu 6 u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6a.***

Emenda 21

*Artikolu 1, paragrafu 2, parti introduttorja*

2. The aim of the Joint Undertaking shall be to ensure the modernisation of the European air traffic management system by ***federating*** research and development ***efforts in the Community***. It shall be responsible in particular for carrying out the following tasks:

2. L-iskop ta' l-Impriża Konġunta se jkun li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru ***billi tikkoordina u tikkonċentra*** r-rikerka u l-iżviluppi ***kollha rilevanti.*** Se tkun responsabbli b'mod partikolari biex twettaq il-ħidmiet li ġejjin:

Emenda 22

*Artikolu 1, paragrafu 2, inċiż 1*

— organising and coordinating the ***implementation*** of the SESAR project, in accordance with ***the plan to modernise air traffic management in Europe, hereinafter referred to as "the plan", drawn up*** by Eurocontrol, by combining public and private sector funding;

— torganizza u tikkoordina ***l-attivitajiet*** tal-***fażi ta' l-iżvilupp*** tal-proġett SESAR, skond ***l-ATM Master Plan, li jirriżultaw mill-fażi tad-definizzjoni tal-proġett immexxi*** mill-Eurocontrol, billi tgħaqqad u ***timmaniġġja taħt struttura waħda*** l-finanzjament tas-settur pubbliku u privat;

Emenda 23

*Artikolu 1, paragrafu 2, inċiż 2a (ġdid)*

— ***tiżgura l-finanzjament meħtieġ għall-attivitajiet tal-fażi ta' l-iżvilupp tal-proġett skond l-ATM Master Plan;***

Emenda 24

*Artikolu 1, paragrafu 2, inċiż 2 b (ġdid)*

— ***tiżgura l-involviment tal-parteċipanti ta' l-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru fl-Ewropa, kemm fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll fil-finanzjament;***

Emenda 25

*Artikolu 1, paragrafu 3*

3. The seat of the Joint Undertaking shall be ***located in Brussels***.

3. Is-sede ta' l-Impriża Konġunta ***tiġi stabbilita skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistipula l-istatut għal aġenziji eżekuttivi li jkunu maħturin biex iwettqu ċerti ħidmiet għall-immaniġġjar ta' programmi tal-Komunità*** [1].

***(1) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.***

Emenda 26

*Artikolu 2, paragrafu 2*

***2. The Joint Undertaking shall be recognised as an international organisation within the meaning of the second indent of Article 15(10) of Directive 77/388/EEC and the second indent of Article 23(1) of Directive 92/12/EEC.***

***imħassar***

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 27

*Artikolu 2, paragrafu 3*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 3. The Joint Undertaking shall be exempt from taxation by the Member States as regards taxes other than VAT and excise duty. In particular, it shall be exempt from the payment of registration fees and corporate or similar taxes. Salaries paid to staff of the Joint Undertaking ***shall be exempt from any national income tax.*** | 3. L-Impriża Konġunta tibbenefika, min-naħa ta' l-Istati Membri, mill-eżenzjoni minn taxxi diversi tal-VAT u tas-sisa. B'mod partikolari hija eżentata mill-ħlas tad-drittijiet tar-reġistru u mit-taxxa fuq is-soċjeta jew ħlasijiet assimilati. Is-salarji ***ghandhom*** jitħallsu lill-istaff ta' l-Impriża Konġunta ***skond il-kundizzjonijiet ta' l-impjegar ta' impjegati oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej*** |

Emenda 28

*Artikolu 3, paragrafu 1*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 1. The statutes of the Joint Undertaking, as set out in the Annex hereto, are hereby adopted. | 1. L-istatuti ta' l-Impriża Konġunta, kif stipulati f'dan l-Anness, ***li jagħmlu parti integrali minn dan ir-Regolament,*** qegħdin jiġu hawnhekk adottati. |

Emenda 29

*Artikolu 3, paragrafu 2*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 2. The statutes may be modified in accordance *to* the procedure referred to in ***paragraph 2 of Article 5, and in particular Articles 3, 4, 5, 6 and 8 thereof***. | 2. L-istatuti jistgħu jiġu modifikati skond il-proċedura msemmija fl-***Artikolu 6a.*** |

Emenda 63 u 61

*Artikolu 4, paragrafu 1, punti a) u b)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| a) contributions from its members in accordance with ***Article 1*** of its statutes and | a) kontribuzzjonijiet mill-membri tagħha skond l-***Artikoli*** 1, ***3 u 11*** ta' l-istatuti tagħha u |
| b) a possible levy on the air navigation charges within the meaning of the second indent of Article 15(3)(e) of Regulation (EC) No 550/2004. The Commission shall ***define, in accordance to the procedure referred to in paragraph 4 of Article 15 of Regulation (EC) No 550/2004***, the procedures for collecting and using ***the*** this levy. | b) possibilment minn taxxa fuq il-ħlasijiet tan-navigazzjoni bl-ajru skond it-tifsira fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004. Il-Kummissjoni ghandha ***tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tiddefinixxi*** l-proċeduri kif tinġabar u tintuża din it-taxxa. |

Emenda 32

*Artikolu 4, paragrafu 3*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 3. All Community financial contributions to the Joint Undertaking shall cease upon expiry of *the period mentioned in Article 1*. | 3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Komunità lill-Impriża Konġunta ghandhom jieqfu meta jispiċċa l-perjodu *tal-fażi ta' żvilupp*, ***ħlief jekk jiġi deċiż mod ieħor mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni.*** |

Emenda 34

*Artikolu 5, paragrafu 2a (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***2a. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet fuq il-Bord Amministrattiv dwar aġġustamenti tekniċi għall-ATM Master Plan għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 35

*Artikolu 5a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***L-adeżjoni ta' membri ġodda*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar is-sħubija ta' membri ġodda fl-Impriża Konġunta. L-adeżjoni ta' membri ġodda, ukoll dik ta' membri minn pajjiżi terzi, għandha tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

Emenda 36

*Artikolu 6*

| | |
|---|---|
| ***Every three years*** from the start of the activities of the Joint Undertaking and upon expiry of the term of the Joint Undertaking, the Commission shall carry out assessments on the implementation of this Regulation, the results obtained by the Joint Undertaking and its working methods. | ***Skond l-Artikolu 173 tat-Trattat,*** sa mill-bidu ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta u hekk kif jiskadi t-terminu ta' l-Impriża Konġunta, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, ir-riżultati li jkunu nkisbu mill-Impriża Konġunta u l-metodi ta' xogħol tagħha. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropewu lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet u dwar il-konklużjonijiet li jistgħu jitnisslu minnhom.*** |

Emenda 37

*Artikolu 6 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ, jew jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill — skond il-proċedura tal-komitoloġija — jitolbu reviżjoni ta' dan ir-Regolament jew ta' l-istatuti ta' l-Impriża Konġunta, il-Kummissjoni għandha tissottometti l-proposta legali xierqa skond il-proċedura stipulata fit-Trattat.*** |

Emenda 38

*Anness, Artikolu 1, paragrafu 2, inċiż 3*

| | |
|---|---|
| — any other public or private undertaking or body. | — kull impriża oħra pubblika jew privata jew korp ***li ta' l-inqas ikkonkludew ftehima waħda mal-Komunità Ewropea fis-settur tat-trasport bl-ajru.*** |

Emenda 39

*Anness, Artikolu 1, paragrafu 3, subparagrafu 2*

| | |
|---|---|
| The Administrative Board shall ***decide*** whether to accept or reject the request. If the request is accepted, the Executive Director shall negotiate the conditions of accession and submit them to the Administrative Board. These conditions may include, in particular, provisions relating to the financial contributions and representation within the Administrative Board. | Il-Bord Amministrattiv għandu ***jagħti parir lill-Kummissjoni*** dwar jekk għandhiex taċċetta jew tirrifjuta t-talba ***u l-Kummissjoni, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 5a, għandha tagħmel proposta f'dak is-sens***. Jekk it-talba tiġi milqugħa, id-Direttur Eżekuttiv għandu jinnegozja l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u jissottomettihom lill-Bord Amministrattiv. B'mod partikolari, dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u r-rappreżentazzjoni fil-Bord Amministrattiv. |

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | Emenda 40<br>*Anness, Artikolu 1, paragrafu 3a (ġdid)* |
| | ***3a. Meta jipproponi jekk għandux jawtorizza negozjati dwar l-adeżjoni ma' intrapriżi jew korpi pubbliki jew privati, meta jitqies il-ftehim li jirreferi għalih it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1(2), il-Bord Amministrattiv għandu b'mod partikulari jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:*** |
| | ***— għarfien dokumentat u esperjenza fl-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru u/jew tal-manifattura ta' tagħmir u/jew il-forniment ta' servizzi għall-immaniġġjar tat-traffiku bl-ajru;*** |
| | ***— il-kontribuzzjoni li l-impriża jew il-korp ikunu mistennija li jistgħu jagħtu għat-twettiq ta' l-ATM Master Plan;*** |
| | ***— is-solidità finanzjarja ta' l-impriża jew tal-korp;*** |
| | ***— kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali.*** |
| | Emenda 41<br>*Anness, Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a a) (ġdid)* |
| | ***(aa) rappreżentant tal-militar;*** |
| | Emenda 42<br>*Anness, Artikolu 3, paragrafu 2* |
| 2. ***The representatives referred to in points (b), (c), (d), (e) and (f) of paragraph 1 are designated by the Industry Consultation Body, set up in accordance with Article 6 of Regulation (EC) No 549/2004.*** | 2. ***Il-Parlament Ewropew għandu jkollu stejtus ta' osservatur fil-Bord Amministrattiv.*** |
| | Emenda 43<br>*Anness, Artikolu 3, paragrafu 2a (ġdid)* |
| | ***2a. Il-Bord Amministrattiv għandu jkun presedut mill-Kummissjoni.*** |
| | Emenda 44<br>*Anness, Artikolu 4, paragrafu 1* |
| 1. ***The*** representatives referred to in ***points (a) and (b) of*** Article 3(1) shall have ***the right to vote***. | 1. Ir-rappreżentanti ***kollha*** msemmija fl-Artikolu 3(1) għandu jkollhom ***vot ippeżat proporzjonat mal-kontribuzzjoni tagħhom għall-fondi ta' l-Impriża Konġunta SESAR u suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.*** |
| | Emenda 46<br>*Anness, Artikolu 4, paragrafu 5* |
| ***5. Any decision relating to the accession of new members — within the meaning of paragraph 2 of Article 1 — the appointment of the Executive Director and the dissolution of the Joint Undertaking shall require the positive opinion of the Community's representative on the Administrative Board.*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 47

*Anness, Artikolu 4, paragrafu 5a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***5a. Deċiżjonijiet rigward l-adozzjoni ta' l-ATM Master Plan u dwar kwalunkwe emenda relevanti għalih irid ikollhom il-vot favur ta' kull membru fundatur. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1, deċiżjonijiet bħal dawn ma jistgħux jittieħdu jekk ir-rappreżentanti li jirreferi għalihom l-Artikolu (3)1 (c) sa (f) jesprimu unanimament nuqqas ta' qbil.*** |

Emenda 48

*Anness, Artikolu 4, paragrafu 5 b (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***5b. Il-Master Plan ta' l-ATM għandu jiġi kkomunikat u mibgħut lill-Parlament Ewropew*** |

Emenda 49

*Annex, Article 5, paragraph 1, point (b)*

| | |
|---|---|
| b) ***deciding on*** the accession of new members; | b) ***propożizzjoni ta'*** adeżjoni ta' membri ġodda; |

Emenda 50

*Anness, Artikolu 5, paragrafu 1, punt (c)*

| | |
|---|---|
| c) appointing the Executive Director and approving the organisation chart; | c) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, ***skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 6(1) u 6(2) ta' l-Anness,*** u japprova l-iskeda ta' l-organizzazzjoni; |

Emenda 51

*Anness, Artikolu 5 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 5 a*** |
| | ***L-evitar ta' kunflitti ta' interess*** |
| | ***1. Membri ta' l-Impriża Konġunta SESAR jew tal-Bord Amministrattiv u staff ta' l-Impriża Konġunta m'għandhomx jipparteċipaw fil-preparazzjoni ta' sejħiet għall-offerti pubbliċi, jew fl-evalwazzjoni jew fil-proċeduri ta' l-għoti ta' sejħiet għall-offerti pubbliċi, jekk huma proprjetarji jew għandhom ftehim ta' sħubija ma' korpi li huma kandidati potenzjali għal sejħiet għall-offerti pubbliċi jew jekk jirrappreżentaw korpi simili.*** |
| | ***2. Membri ta' l-Impriża Konġunta u parteċipanti fil-Bord Amministrattiv għandhom jiżvelaw kwalunkwe interess dirett jew indirett personali jew korporattiv fl-eżitu tad-deliberazzjonijiet tal-Bord Amministrattiv rigward kwalunkwe punt fuq l-aġenda. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għall-istaff ta' l-Impriża Konġunta rigward ix-xogħlijiet assenjati lilhom.*** |
| | ***3. Fuq il-bażi ta' l-iżvelar imsemmi fil-paragrafu 2, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi li jeskludi membri, parteċipanti jew staff, minn deċiżjonijiet jew xogħlijiet fejn jista' jkun hemm kunflitt ta' interess. Membri, parteċipanti u staff li jiġu esklużi ma jkollhomx aċċess għal informazzjoni relatata mas-setturi li jitqiesu bħala suġġetti għall-kunflitti ta' interess potenzjali.*** |

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 52

*Anness, Artikolu 6, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. The Executive Director shall be ***responsible for the day-to-day management of the Joint Undertaking and is its legal representative. He shall be*** appointed by the Administrative Board on ***a proposal from the European Commission. He shall perform his duties with complete independence.*** | 1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord Amministrattiv fuq ***il-bażi tal-mertu u tal-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza relattiva u ta' l-esperjenza, minn lista ta' mill-anqas tliet kandidati proposta mill-Kummissjoni u mill-Eurocontrol bbażata fuq riżultat ta' kompetizzjoni ta' reklutaġġ pubbliku u wara li jisma' l-opinjoni tar-rappreżentant appuntat mill-Parlament Ewropew. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.*** |

Emenda 53

*Anness, Artikolu 6, paragrafu 1a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***1a. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. Fuq proposta tal-Kummissjoni, wara s-smigħ ta' l-opinjoni tar-rappreżentant maħtur mill-Parlament Ewropew u wara li ssir evalwazzjoni, jista' jiġġedded għal darba waħda għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin.*** |

Emenda 54

*Annex, Article 8, introductory part*

| | |
|---|---|
| In order to carry out the tasks defined in Article 1 of the present Regulation, the Joint Undertaking shall conclude ***an agreement*** with ***Eurocontrol by which:*** | ***1.*** Sabiex twettaq il-ħidmiet definiti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-Impriża Konġunta għandha tikkonkludi ***ftehimiet speċifiċi*** mal-***membri tagħha***.<br><br>***1a. L-irwol u l-kontribut ta' l-Eurocontrol għandhom ikunu definiti fi ftehima ma' l-Impriża Konġunta. Din il-ftehima għandha:*** |

Emenda 55

*Annex, Article 8, points (a) and (b)*

| | |
|---|---|
| a) ***Eurocontrol shares*** the results of the definition phase ***with*** the Joint Undertaking; | a) ***tistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment u ta' l-użu tar-***riżultati tal-fażi tad-definizzjoni għall-Impriża Konġunta; |
| b) ***Eurocontrol is given responsibility for the following*** tasks, ***which result from implementing "the plan", as well as the management of the relevant funds***: | b) ***tiddeskrivi*** l-ħidmiet ***ta' l-Eurocontrol u r-responsabilitajiet tiegħu fl-implimentazzjoni ta' lATM Master Plan, bħal:*** |

Emenda 56

*Anness, Artikolu 11, paragrafu 3, subparagrafu 1*

| | |
|---|---|
| 3. The members referred to in the second and third indents of Article 1(2) shall undertake to pay a minimum initial contribution of EUR 10 million within a period of one year from when their accession to the Joint Undertaking is accepted. ***This amount shall be reduced to EUR five million for members that subscribe to the Joint Undertaking within 12 months of its constitution.*** | 3. Il-membri li għalihom saret referenza fit-tieni u fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1(2) għandhom jintrabtu li jħallsu kontribuzzjoni inizjali minima ta' 10 miljun EUR f'perjodu ta' sena minn meta tiġi aċċettata l-adeżjoni tagħhom fl-Impriża Konġunta. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 57

*Anness, Artikolu 11, paragrafu 3, subparagrafu 2*

| | |
|---|---|
| In the case of undertakings, subscribing individually or collectively, which may be regarded as small or medium-sized enterprises within the meaning of the Commission recommendation of 6 May 2003 concerning the definition of small and medium-sized enterprises, this amount shall be reduced to EUR 250 000 regardless of when they become members. | Fil-każ ta' intrapriżi li jissottoskrivu bhala individwali jew kollettivi u li jistgħu jkunu kwalifikati bhala intrapriżi żgħar jew medji fis-sens tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar jew medji, dan l-ammont se jitnaqqas ghal 250 000 EUR indipendentament minn meta dawn jakkwistaw il-kwalità ta' membru. ***Membri fundaturi jkunu jistgħu jagħżlu li jaqsmu dan il-pagament f'għadd ta' pagamenti iżgħar tul perjod miftiehem bejn il-partijiet konċernati.*** |

Emenda 58

*Anness, Artikolu 11, paragrafu 5*

| | |
|---|---|
| 5. Contributions in kind are *possible*. They shall be subject to an evaluation of their value and their utility for carrying out the tasks of the Joint Undertaking. | 5. Kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji huma permissibbli***, u għandhom jiġu stipulati fil-Ftehimiet li għalihom saret referenza fl-Artikolu 8 ta' l-Anness.*** Għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni tal-valur u ta' l-utilità tagħhom biex jitwettqu l-ħidmiet ta' l-Impriża Konġunta. |

Emenda 59

*Anness, Artikolu 17*

| | |
|---|---|
| The Joint Undertaking shall own all the tangible and intangible assets created or transferred to it for the ***implementation*** phase of the SESAR project. | L-Impriża Konġunta tkun il-proprjetarja ta' l-assi tanġibbli u mhux tanġibbli maħluqa ***minnha*** jew li jiġu trasferiti lilha għall-fażi ***ta' l-iżvilupp*** tal-proġett SESAR ***skond il-ftehimiet ta' adeżjoni konklużi mill-Impriża Konġunta SESAR. L-Impriża Konġunta tista' tagħti drittijiet ta' aċċess għall-għarfien li jirriżulta mill-proġett, b'mod partikolari lill-membri tagħha kif ukoll lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u/jew lill-Eurocontrol għar-raġunijiet mhux kummerċjali tagħhom.*** |

**P6_TA(2006)0485**

## Rapport annwali 2006 dwar iż-żona ta' l-ewro

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport annwali 2006 dwar iż-żona ta' l-ewro (2006/2239(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'Dikjarazzjoni Annwali dwar iż-Żona ta' l-Ewro' (COM(2006)0392),

— wara li kkunsidra l-previżjoni interim tal-Kummissjoni ta' Settembru 2006,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-3 ta' Lulju 2003 dwar l-irwol internazzjonali taż-Żona ta' l-ewro u l-ewwel evalwazzjoni ta' l-introduzzjoni tal-flus tal-karta u l-muniti [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' April 2006 dwar is-sitwazzjoni ekonomika Ewropea: rapport preparatorju dwar il-linjigwida ġenerali tal-politika ekonomika għall-2006 [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali [3],

(1) ĠU C 74 E, 24.3.2004, p. 871.
(2) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0124.
(3) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0076.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-finanzi pubbliċi fl-unjoni ekonomika u monetarja (EMU) ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-tkabbir taż-żona ta' l-ewro ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-2005 ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) dwar l-irwol internazzjonali ta' l-ewro u dwar l-integrazzjoni finanzjarja fiż-żona ta' l-ewro,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2005 dwar it-tassazzjoni ta' impriżi fl-Unjoni Ewropea: bażi ta' taxxa komuni u konsolidata għall-kumpaniji ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0381/2006),

A. billi sħubija fiż-żona ta' l-ewro ssaħħaħ il-grad ta' interdipendenza ekonomika bejn l-Istati Membri u jsejjaħ għal koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika bil-għan li tindirizza nuqqasijiet strutturali biex jiffaċċjaw sfidi ġodda u biex jiksbu aktar prosperità u kompetittività biex ikunu preparati għal ekonomija aktar globalizzata,

B. billi fl-2006 it-tkabbir ekonomiku fiż-żona ta' l-ewro qiegħed jitħaffef u jidher ibbażat b'mod aktar wiesa' mad-domanda domestika, b'mod partikulari l-investiment li qiegħed jikseb il-momentum; iżda billi t-tkabbir jista' jonqos fl-2007 minħabba l-prezzijiet għolja taż-żejt, l-effetti tard tat-tisħiħ ta' l-ewro u t-tnaqqis fit-tkabbir fl-Istati Uniti,

C. billi t-tkabbir potenzjali taż-żona ta' l-ewro huwa stmat b'mod normali madwar 2 % u jeħtieġ jiżdied bi 3 % sabiex jipprovdi impjiegi lil aktar minn 12-il miljun Ewropew bla impjieg, biex jiżdied id-dħul disponibbli tagħhom u biex jiġu allokati r-riżorsi meħtieġa biex jiġu mmodernizzati l-istati assistenzjali uniċi ta' l-Ewropa,

D. Billi għall-kriterju tar-rata ta' l-inflazzjoni, qed jiġu użati żewġ definizzjonijiet ta' l-'istabilità tal-prezzijiet'; billi l-ECB iċċara li, sabiex jiżgura l-istabilità fil-prezzijiet, huwa għandu l-għan li jżomm ir-rati ta' l-inflazzjoni taħt, iżda viċin, it-2 % matul it-terminu medju, waqt li fir-rapporti tagħhom dwar il-konverġenza, l-BĊE u l-Kummissjoni jużaw valur ta' riferenza kkalkulat bħala r-rata medja ta' inflazzjoni matul it-12-il xahar ta' qabel fl-aktar tliet Stati Membri li jrendu, miżjuda b'1.5 punti perċentwali, fuq il-bażi tal-protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza msemmija fl-Artikolu 121(1) tat-Trattat KE, li jassumi li l-aqwa rendiment f'termini ta' stabilità ta' prezzijiet ifisser, fil-prattika, l-aktar livell baxx ta' inflazzjoni possibbli,

E. billi, mill-1 ta' Jannar 2007, iż-żona ta' l-ewro tkun tinkludi biss 13-il Stat Membru iżda l-koordinament tal-politika makroekonomika u s-suq intern ikun jinkludi s-27 Stat Membru kollha,

F. billi r-rappreżentanza esterna taż-żona ta' l-ewro f'istituzzjonijiet u fora internazzjonali mhix proporzjonata mal-valur ekonomiku tagħha fl-ekonomija globali; billi nkiseb progress limitat mill-bidu ta' l-ewro biex jiżgura li ż-żona ta' l-ewro jkollha vuċi waħda f'istituzzjonijiet u fora finanzjarji internazzjonali; u billi dawn in-nuqqasijiet jagħmlu diffiċli biex iż-żona ta' l-ewro tippromwovi l-interessi tagħha u biex turi sens ta' tmexxija fl-indirizzar ta' sfidi ekonomiċi globali,

G. billi l-ECB jaqsam mal-Kunsill ir-responsabilità tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-rati tal-kambju u r-rappreżentanza internazzjonali taz-zona ewro;

H. billi l-Eurogroup għandu bħala prerogativa d-djalogu informali ma' l-ECB u billi għandu bħala xogħlijiet prinċipali li jistudja bir-reqqa l-opinjonijiet komuni dwar il-funzjonament ġenerali ta' l-ekonomija taz-zona ewro kif ukoll li jeżamina l-evoluzzjoni tar-rati tal-kambju ta' l-ewro mqabbla mal-muniti l-oħra;

---

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0214.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0240.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0464.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2005)0511.

*Politika makroekonomika*

1. Jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-ewwel rapport annwali tagħha dwar iż-żona ta' l-ewro, li jirrifletti l-evoluzzjoni ta' l-ekonomiji taż-żona ta' l-ewro fl-2006 u huwa kontribuzzjoni utli għad-dibattitu dwar l-isfidi konġunti tal-politika ekonomika li qed jiffaċċjaw il-membri taż-żona ta' l-ewro;

2. Iqis li r-regoli ċari u trasparenti dwar iż-żewġ pilastri prinċipali — fuq naħa, aktar flus fl-idejn, u fuq in-naħa l-oħra l-informazzjoni l-oħra kollha relevanti dwar żviluppi fl-inflazzjoni fil-futur — jaffettwaw id-deċiżjonijiet operazzjonali tal-politika monetarja li jagħmluha aktar prevedibbli u effettiva; iqis ukoll li minuti fil-qosor tal-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE għandhom ikunu pubblikati, u jinkludu stqarrija ċara ta' l-argumenti favur u kontra d-deċiżjonijiet li ttieħdu u r-raġunijiet għaliex ittieħdu; iqis li trasparenza bħal din hija importanti għaliex b'dan il-mod is-suq ikun jista' jikseb stampa aktar ċara tal-politika monetarja ta' l-BĊE;

3. Iqis li l-istimolu monetarju mogħti fis-snin reċenti qed ikun irtirat b'mod gradwali, jistieden lill-Kummissjoni biex tkun konformi b'mod strett ma' l-interpretazzjoni tal-Patt ta' Stabilità u ta' Tkabbir kif imġedded u lill-Istati Membri sabiex ifittxu titjib annwali fl-iżbilanċi tal-baġit aġġustati b'mod ċikliku ta' 0.5 % tal-GDP bħala benchmark, li jgħinu fit-tnaqqis tal-pressjoni inflazzjonarja u biex ir-rati ta' l-interess jibqgħu baxxi f'livelli li ma jipperikolawx l-irkupru ta' l-ekonomija attwali; f'dan il-kuntest ifakkar fil-valur miżjud ta' koordinament fiskali, b'mod speċjali baġitarju, aħjar fost l-Istati Membri lejn bilanċ ta' politika makroekonomika aktar koerenti, meta mqabbel mal-politika monetarja żviluppata sew ta' l-EMU;

4. Iqis li, mingħajr ħsara għall-prinċipju ta' sussidjarjetà fil-politika fiskali u fir-rispett tal-prerogattivi ta' gvernijiet nazzjonali fit-twaqqif tal-politiki strutturali u baġitarji tagħhom, huwa importanti li l-Istati Membri kollha, ta' l-inqas dawk li jappartjenu għaż-żona ta' l-ewro, jikkoordinaw il-kalendarji fiskali nazzjonali differenti tagħhom u jibbażaw l-istimi baġitarji tagħhom fuq kriterji simili biex jevitaw disparitajiet ikkawżati mill-użu ta' previżjonijiet makroekonomiċi differenti (tkabbir globali, tkabbir ta' l-UE, prezz taż-żejt bil-barmil, rati ta' interess) u parametri oħrajn; jemmen li l-Kummissjoni tista' tipprovdi kontribut importanti biex din il-missjoni sseħħ;

5. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jallokaw sehem sostanzjali ta' dħul fiskali addizzjonali miksub mit-tkabbir ekonomiku attwali biex jitnaqqas id-dejn pubbliku li jeħles riżorsi biex ikunu investiti fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, fl-infrastruttura, u fir-riċerka u l-innovazzjoni skond l-objettivi stipulati fl-Istrateġija ta' Liżbona-Göteborg u sabiex jiffaċċjaw l-isfidi ppreżentati minn popolazzjoni anzjana u l-bidla fil-klima;

6. Ifakkar lill-Kummissjoni li fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq ta' l-4 ta' April 2006, il-Parlament talab għal reviżjoni ġenerali tas-sistemi fiskali ta' l-Istati Membri li hija metodu prinċipali li jsaħħaħ il-kompetittività ta' l-ekonomija u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprepara studju dwar il-benefiċċji għaż-żona ta' l-ewro u għall-Unjoni kollha ta' tħaddim aħjar tal-pilastru ekonomiku ta' l-EMU applikat għaż-żona ta' l-ewro f'termini ta' tkabbir u ta' xogħol;

*Riformi ekonomiċi*

8. Ifakkar f'dan il-kuntest fl-importanza ta' l-implimentazzjoni attiva u urġenti ta' l-Istrateġija ta' Liżbona b'mod ugwali fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha tal-politika kkonċernati b'taħlita ta' politika ta' appoġġ kkaratterizzata minn riformi tal-politika ekonomika, tax-xogħol, ambjentali u soċjali;

9. Jagħraf li l-ekonomija taż-żona ta' l-ewro aġġustat ruħha għall-irkupru tat-tkabbir dinji biss b'rata baxxa ħafna, l-iktar minħabba d-dgħjufija fid-domanda domestika u jagħraf li riformi ekonomiċi fis-swieq tal-prodotti, tax-xogħol u tal-kapital jgħinu biex prezzijiet u pagi jirreaġixxu iktar malajr għal ċirkustanzi ekonomiċi li jinbidlu, għax dan huwa essenzjali biex jiżdied il-potenzjal ta' tkabbir, biex ikunu indirizzati differenzi mhux ġustifikati fit-tkabbir u l-inflazzjoni fost l-Istati Membri taż-żona ta' l-ewro u biex ikun hemm aġġustatament għal żviluppi globali potenzjalment negattivi;

10. Iqis li xi Stati Membri ppreżentaw impenn fil-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom (NRPs), iżda jagħraf li dan mhux biżżejjed u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni; ifakkar li l-prestazzjoni ekonomika għandha titejjeb bl-approvazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta li jippermetti mmonitorjar reċiproku mill-Istati Membri ta' NRPs permezz ta' l-iskambju ta' l-aqwa prattiki u l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' "league table" annwali li turi l-pajjiżi bl-aħjar u l-agħar prestazzjonijiet, kif proposta fir-rapport ta' Novembru 2004 mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni ppreseduta minn Wim Kok bl-isem 'Nindirizzaw l-Isfida — L-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi';

11. Iqis li l-Istati Membri taż-żona ta' l-ewro għandhom ikomplu jimxu 'l quddiem b'mod indaqs fir-rigward tat-tliet prinċipji tal-mudell ta' Liżbona-Göteborg (tkabbir ekonomiku, koeżjoni soċjali u protezzjoni ambjentali) u jenfasizza wkoll il-potenzjal ta' 'flexicurity' (flessibilità u sigurtà) biex tiżdied il-parteċipazzjoni mis-suq tax-xogħol, b'mod partikulari dik tan-nisa, impjegati anzjani, żgħażagħ, nies bla xogħol għal perjodu ta' żmien twil, u l-immigranti;

12. Ifakkar il-konvinzjoni tiegħu li l-objettiv li tkun introdotta bażi ta' taxxa komuni u konsolidata għall-kumpaniji fl-Ewropa jista' jintlaħaq ukoll permezz tal-mekkaniżmu ta' koperazzjoni msaħħa jekk l-Istati Membri ma jirnexxilhomx jaslu għal qbil unanimu; jenfasizza li l-mekkaniżmu ta' koperazzjoni msaħħa — minkejja li huwa inqas mixtieq minn qbil unanimu ta' l-Istati Membri — jippermetti l-maġġoranza ta' l-Istati Membri biex jagħmlu progress fil-qasam ta' qafas komuni għat-tassazzjoni tal-kumpaniji fis-suq intern filwaqt li jippermettu lill-Istati Membri li m'humiex jipparteċipaw il-possibilità li jagħmlu parti minnha fi stadju aktar 'il quddiem; jemmen li din il-kwistjoni hija dejjem aktar relevanti għaż-żona ta' l-ewro u jħeġġeġ lill-Istati Membri taż-żona ta' l-ewro biex iżidu l-isforzi tagħhom biex iwettqu progress f'dan il-qasam;

***Is-suq intern***

13. Iqis li t-tlestija tas-suq intern, b'mod speċjali fis-servizzi, hija kruċjali għat-trawwim ta' tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħol fi ħdan l-EMU; għalhekk jistieden għal implimentazzjoni aktar u aħjar tad-direttivi; jikkundanna l-politika adottati minn xi Stati Membri li jipproteġu l-industriji u servizzi prinċipali tagħhom mill-kompetizzjoni transkonfinali u jġedded l-impenn tiegħu għall-prinċipji tal-moviment ħieles ta' persuni, prodotti, servizzi u kapital;

14. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jitneħħew l-ostakoli għall-ħolqien ta' Żona Ewropea ta' Pagamenti Waħdanija u li tittieħed aktar azzjoni biex jinfetħu s-swieq frammentati ta ' servizzi finanzjarji bl-imnut (pjani ta' tfaddil, ipoteki, assikurazzjoni u pensjonijiet) filwaqt li jkun żgurat il-ħarsien tal-konsumaturi; jenfasizza l-importanza ta' l-iżvilupp ta' l-approċċ pan-Ewropew għar-regolazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq finanzjarju u jfakkar li huwa importanti li jiġu riveduti r-regoli dwar likwidità ta' l-assigurazzjoni (Solvency II) kif ukoll ta' dawk li jikkonċernaw il-poteri ta' diskrezzjoni tar-regolaturi fil-każ ta' mergers transkonfinali sabiex jiġu evitati kunflitti bejn dawk inkarigati mis-sorveljanza fil-pajjiż ta' l-oriġini u l-pajjiż ospitanti;

15. Jemmen li politika ambizzjuża ta' innovazzjoni fuq livell Ewropew hija waħda mis-sisien ta' żvilupp sostenibbli u ta' ħolqien ta' impjiegi u għandha tkun inkluża bħala prijorità ewlenija fil-qafas ta' koordinazzjoni ekonomika mtejba; juri dispjaċir għall-fatt li n-nefqa fir-Riċerka u l-Iżvilupp fiż-żona ta' l-euro hija ta' madwar 2 % tal-PGD, u għalhekk ħafna inqas mill-objettiv ta' l-UE kollha ta' 3 %; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti konkreti li jirrigwardaw l-iffinanzjar tar-riċerka u ta' l-iżvilupp fl-UE u qafas effiċjenti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jistieden lill-Istati Membri biex jallokaw aktar riżorsi għar-riċerka u l-innovazzjoni u biex jistabbilixxu inċentivi ta' taxxa għan-negozji u l-universitajiet li jinvestu fir-Riċerka u fl-Iżvilupp, billi jaf li, meta mqabbla ma' sussidji diretti, inċentivi ta' dan it-tip huma garanzija aħjar li r-riżorsi pubbliċi se jintużaw biex jappoġġjaw intrapriżi ta' suċċess.

16. Iqis li s-swieq tax-xogħol għandhom ikunu aktar flessibbli u dawk l-aspetti tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjieg permanenti li jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-aġġustament tas-suq tax-xogħol għandhom jitneħħew; jammetti li, fuq żmien twil, is-salarji veri u l-produttività għandhom jikbru b'mod simlutanju; jiddispjaċih li ħafna mill-proposti li għamel il-Parlament ma ġewx ikkunsidrati, speċjalment dawk li jirreferu għat-

titjib tal-faċilitajiet għall-kura tat-tfal, il-kisba ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, it-twaqqif ta inċentivi biex jinkoraġġixxu l-ħaddiema biex jippostponu l-irtirar volontarju, u t-twaqqif ta' politiki mmirati biex jintegraw l-immigranti legali fis-suq tax-xogħol u biex jikkumbattu l-immigrazzjoni illegali;

17. Jisgħobbih li l-livelli kurrenti ta' l-edukazzjoni u tat-tagħlim tul il-ħajja, li għandhom jiġu inklużi bħala l-ogħla prijoritajiet fil-qafas ta' approċċ aħjar ta' coordinazzjoni ekonomika, huma b'mod ċar mhux għoljin biżżejjed u jaqbel mal-biċċa l-kbira tal-miżuri proposti mill-Kummissjoni; madankollu jiddispjaċih li wħud mill-proposti approvati mill-Parlament ma ġewx aċċettati speċjalment dawk bl-objettiv li jitjieb l-għerf tal-lingwi barranin, il-matematika u x-xjenzi fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, biex jinkiseb mudell integrat ta' taħriġ professjonali, sabiex jiġu attirati aktar studenti għall-karrieri xjentifiċi, biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-universitajiet u s-setturi industrijali u kummerċjali, biex jiġi mħeġġeġ il-forniment ta' edukazzjoni li jqis id-domanda tas-suq tax-xogħol, biex jiggarantixxi aċċess għall-edukazzjoni terzjarja għal kulħadd, biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u jindirizzaw il-qagħad fit-tul taż-żmien u l-qagħad taż-żgħażagħ, u biex jiġu żgurati komunikazzjoni, tixrid u applikazzjoni aħjar tar-riżultati tar-riċerka;

18. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex mal-prijoritajiet l-aktar importanti tagħhom jinkludu ħolqien ta' suq intern għall-enerġija, politika ta' l-R&D imtejba dwar sorsi alternattivi ta' enerġija u enerġija inqas ta' ħsara għall-ambjent u aktar nadifa, inkluż spinta lejn aktar użu ta' enerġiji li jiġġeddu, aktar impenn għall-iffrankar u għall-effiċjenza ta' l-enerġija, kif ukoll it-tisħiħ ta' rabtiet politiċi u ekonomiċi ma' kemm jista' jkun pajjiżi fornituri sabiex jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' l-enerġija u jittrattaw nuqqasijiet ta' forniment aħjar;

***L-iffunzjonar ta' l-EMU***

19. Jaqbel mal-Kummissjoni li d-disparitajiet fit-tkabbir u fir-rati ta' l-inflazzjoni fiż-żona ta' l-euro, b'differenzi sa 4.5 % fi tkabbir u sa 2.7 % fl-inflazzjoni fl-2005, huma dejjem iżjed minħabba raġunijiet strutturali; jiddispjaċih li t-tixrid fir-rati ta' l-inflazzjoni fost l-Istati Membri b'rati ta' inflazzjoni ogħla jaffettwaw negattivament il-kompetittività u l-istabilità monetarja taż-żona ta' l-Euro b'mod ġenerali; jinnota li dawn id-differenzi xi drabi huma parti minn proċess pożittiv ta' konverġenza bejn id-dħul u l-livell tal-prezzijiet, minħabba l-proċess ta' "tlaħħiq"(catch up); għal darba oħra jitlob lill-Istati Membri taz-zona ta' l-Euro biex isaħħu l-isforzi tagħhom għal koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u monetarji b'mod partikulari permezz tar-rinfurzar ta' l-istrateġiji komuni tagħhom fi ħdan il-Eurogroup, sabiex tittejjeb il-konverġenza reali ta' l-ekonomiji u jiġu limitati r-riskji ta' xokk assimetriku fl-EMU;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul tas-Slovenja fiż-żona ta' l-Euro fl-1 ta' Jannar 2007; jistieden lill-Istati Membri ġodda sabiex jieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex jissodisfaw il-kriterji ta' konverġenza ta' Maastricht u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-BĊE u l-Kummissjoni jridu japplikaw l-kriterju ta' l-istabilità tal-prezzijiet kif imsemmi fit-Trattat KE, li hu differenti minn dak applikat mill-BĊE meta jwettaq il-politika monetarja tiegħu, u jissuġġerixxi li l-BĊE u l-Kummissjoni jevalwaw jekk huwiex ġustifikat li tinżamm din id-differenza fl-approċċ;

21. Jirrikonoxxi li skond il-kriterji ta' konverġenza ta' Maastricht, ir-rata ta' l-inflazzjoni m'għandiex taqbeż il-1.5 % ta' l-aħjar tliet prestazzjonijiet mill-Istati Membri fejn għandha x'taqsam l-istabilità tal-prezz; jirrimarka li kemm id-definizzjoni ta' l-aħjar tliet prestazzjonijiet mill-Istati Membri fejn għandha x'taqsam l-istabilità tal-prezzijiet, kif ukoll l-metodu għall-kalkolu tal-valur ta' referenza għandhom bżonn li jkunu eżaminati sew biex jirriflettu l-fatt li issa hemm tnax-il Stat Membru jipparteċipaw fl-EMU, u jużaw munita waħda, li hi mmaniġġjata minn politika monetarja komuni, u li d-differenzjali fil-prestazzjonijiet individwali ta' l-inflazzjoni tagħhom jirriflettu fatturi strutturali aktar minn differenzi fl-approċi tal-politika makroekonomika;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Eurostat biex tiżdied l-kwalità tad-dejta ta' l-istatistika makro (speċjalment dwar defiċit baġitarju u dejn ta' l-istat) u biex jużaw l-għodod kollha tagħhom biex jevitaw żbilanċi fiskali f'kull Stat Membru; jistieden għal aktar żieda fis-setgħat tal-Kummissjoni biex tivverifika l-kwalità tad-dejta trażmessa;

23. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti attenzjoni mill-qrib lill-impatt fuq l-imġieba tas-swieq finanzjarji fuq is-sitwazzjoni makro-ekonomika taz-zona ta' l-euro;

24. Iħeġġeġ lis-superviżuri kompetenti biex isaħħu l-isforzi tagħhom sabiex jiġu evalwati l-attivitajiet ta' fondi ta' lqugħ fir-rigward ta' riskji sistematiċi li jistgħu joħolqu u jistieden lill-Eurogroup biex jeżamina din il-kwistjoni;

***Rappreżentazzjoni esterna***

25. Jilqa' l-ftehima milħuqa fil-Kunsill biex jitkellmu b'vuċi waħda fil-laqgħa annwali ta' l-istituzzjonijiet Bretton Woods f'Singapore tad-19-20 ta' Settembru 2006; jinsisti li l-pożizzjonijiet tar-rapreżentazzjonijiet ta' l-Istati Membri fi ħdan l-IMF iridu jkunu kkoordinati aħjar; għal darb' oħra jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu għal konstitwenza ta' votazzjoni unika, possibilment jibdew konstitwenza ta' l-Euro, bl-għan, li fi żmien twil, tkun żgurata rappreżentazzjoni ta' l-UE konsistenti, li tinvolvi lill-Presidenza tal-Kunsill ta' l-ECOFIN u lill-Kummissjoni, suġġetta għal skrutinju tal-Parlament.

***Koordinazzjoni***

26. Jilqa b'sodisfazzjoni l-elezzjoni mill-ġdid ta' Jean-Claude Juncker bħala president ta' l-Eurogroup; jemmen li l-Eurogroup għandu jaqbel dwar pjan direzzjonali għall-objettivi taż-żona ta' l-Euro għas-sentejn li jmiss;

27. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-Trattat ma jiċċarax kif il-Kunsill għandu jeżerċita r-responsabilità tiegħu għall-politika ta' rata tal-kambju; jistieden lill-Eurogrupp, lill-Kunsill u lill-ECB biex isaħħu l-koordinazzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fil-qasam tal-politika ta' rata tal-kambju;

28. Jenfasizza n-neċessità li tissaħħaħ il-koperazzjoni fiż-żona ta' l-Euro sabiex jissaħħu l-governanza ekonomika u l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea sabiex jiġu trattati sfidi globali ekonomiċi; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-rapport annwali dwar iż-żona ta' l-Euro, fil-futur jipprovdi sett ta' għodod aktar konkreti li jippermettu djaloġu aktar fond bejn l-istitużżjonijiet differenti ta' l-UE kkonċernati bit-titjib tal-governanza ekonomika ta' l-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi appoġġ qawwi għall-attivitajiet ta' l-Eurogroup u lill-president tiegħu;

29. Jikkunsidra li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha konċernati, jekk djalogu aktar regolari u strutturat dwar kwistjonijiet makroekonomiċi bejn (tħassir) il-Eurogroup, (tħassir) il-Kummissjoni u l-Parlament simili għad-djalogu monetarju bejn il-Parlament u l-ECB, jkun stabbilit sabiex jiltaqa' ta' l-inqas tliet darbiet f'sena, biex b'hekk l-oqfsa eżistenti jkunu msaħħa u biex l-isfidi iffaċċjati mill-ekonomija taz-zona ta' l-euro jkunu diskussi u biex jinstabu modi biex dawn ikunu solvuti;

30. Jemmen li l-laqgħat regolari tal-Parlament u tal-parlamenti nazzjonali jistgħu b'mod ċar ikollhom rwol sinifikanti biex jgħinu biex il-parlamenti nazzjonali jieħdu dejjem iżjed responsabbiltà tal-koordinazzjoni meħtieġa tal-politika ekonomika;

*

* *

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-president ta' l-Eurogrupp, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

**P6_TA(2006)0486**

## Strateġija Tematika dwar l-Ambjent Marittimu

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni u l-Konservazzjoni ta' l-Ambjent Marittimu (2006/2174(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Strateġija Tematika għall-Protezzjoni u l-Konservazzjoni ta' l-Ambjent Marittimu (COM(2005)0504),

— wara li kkunsidra s-Sitt Programm Komunitarju ta' Azzjoni għall-Ambjent (EAP) ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva li tistabbilixxi qafas għal azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-politika ta' l-ambjent marittimu (id-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima) (COM(2005)0505),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([2]) (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma), li l-objettivi tagħha jinkludu kontribuzzjoni għall-protezzjoni ta' l-ibħra territorjali u marittimi u l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-baħar,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2003 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn strateġija biex jitħares u jiġi kkonservat l-ambjent marittimu" ([3]),

— wara li kkunsidra l-aħħar Rapport ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) dwar l-Istat ta' l-Ambjent, ippubblikat fl-2005 ([4]),

— wara li kkunsidra l-laqgħa ta' informazzjoni dwar politika mill-Istitut għall-Politika Ambjentali Ewropea (IEEP) ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) ([6]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittimu taz-Zona tal-Baħar Baltiku (Konvenzjoni ta' Helsinki) ([7]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marittimu ta' l-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) ([8]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran Kontra t-Tniġġis, u l-protokolli addizzjonali tagħha (Il-Konvenzjoni ta' Barċellona) ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0364/2006),

A. billi l-ambjent marittimu qiegħed taħt pressjoni sinifikanti u, skond ir-Rapport ta' l-EEA imsemmi hawn fuq, hemm sinjali bikrin li l-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta ta' l-Ewropa għaddejjin minn bidliet strutturali fil-katina ta' l-ikel, u evidenza ta' dan hija t-telf ta' speċi ewlenin, il-preżenza ta' konċentrazzjonijiet kbar ta' speċi tal-plankton ewlenin li qed jieħdu post speċi oħra u l-firxa ta' speċi invażivi. Dan qed jiġri bħala riżultat ta' bidla fil-klima u attivitajiet mifruxin tal-bniedem,

B. billi s-Sitt EAP jindika l-prijorità ta' azzjonijiet għal aktar protezzjoni ta' zoni marittimi u integrazzjoni aħjar ta' l-ambjent f'politiki oħra tal-Komunità,

([1]) ĠU L 242, 10.9.2002, p.1.
([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p.1).
([3]) ĠU C 69 E, 19.3.2004, p. 141.
([4]) http://reports.eea.europa.eu/state_of_environment_report_2005_1/en.
([5]) http://www.europarl.europa.eu/comparl/envi/pdf/externalexpertise/ieep_6leg/marine_thematic_strategy.pdf.
([6]) http://www.un.org/Depts/los/convention_agreements/convention_overview_convention.htm.
([7]) http://www.helcom.fi/stc/files/Convention/conv0704.pdf.
([8]) http://www.ospar.org/eng/html/welcome.html.
([9]) http://europea.eu/scadplus/leg/en/lvb/l28084.htm.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

C. billi l-baħar ta' l-UE huwa l-ikbar baħar fid-dinja, u għandu erja tal-wiċċ akbar mit-territorju ta' l-UE kollu kemm hu. 20 Stat Membru għandhom kosti li jinfirxu għal kważi 70,000 km u kważi iktar minn nofs il-popolazzjoni ta' l-UE tgħix inqas minn 50 km 'l-bogħod mill-kosta. Ir-Reġjuni Marittimi ta' l-UE tal-15-il Stat Membru fl-2004 diġà kienu jipproduċu aktar minn 40 % tal-GNP. Il-bini tal-vapuri, il-portijiet, is-sajd u l-industriji ta' servizzi relatati jimpjegaw żewġ miljuni u ħames mitt elf ruħ. L-UE għandha 1,200 port u 90 % tal-kummerċ estern tagħha, u 41 % ta' kummerċ fl-UE stess, huwa trasportat bil-baħar,

D. billi t-turiżmu, is-sajd u l-akwakultura huma attivitajiet li jistgħu jiġu żviluppati sew biss f'ambjent marittimu li għandu status ambjentali tajjeb,

E. billi fis-Samit Dinji ta' Johannesburg ta' l-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, il-Partijiet ftiehmu li jnaqqsu b'mod sinifikanti r-rata ta' telf tal-bijodiversità tal-baħar sa l-2012, impenn li reġa' ttieħed fil-Konferenza dwar il-Bijodiversità, f'Kuritiba, fl-2006,

F. billi jkun xieraq li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jikkonservaw l-ambjenti naturali u d-diversità bijoloġika fil-baħar u biex jipproteġu l-ekosistemi kostali tagħhom; billi miżuri bħal dawn għandhom jittieħdu wkoll sabiex ikun żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali fl-ibħra tagħhom,

G. billi politika tajba tiddependi fuq informazzjoni ta' kwalità għolja, u l-użu ta' informazzjoni xjentifika hija meħtieġa fil-livelli differenti ta' gvernar, li għandu jidentifika u jimla lakuni ta' għarfien, inaqqas il-ġbir ta' dejta u r-riċerka doppja, u jippromwovi l-armonizzazzjoni, it-tixrid wiesa' u l-użu ta' xjenza u dejta marittima,

H. billi ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed li l-kriterji magħżula sabiex jiddefinixxu stejtus ambjentali tajjeb għandhom ikunu ta' applikazzjoni wiesgħa biżżejjed peress li probabbilment dawn il-miri ta' kwalità se jirregolaw il-programmi ta' miżuri għal żmien twil fil-ġejjieni,

I. billi, sabiex jitħares u jittejjeb l-ambjent marittimu f'żona marittima partikulari, jinħtieġu miżuri trans-konfinali fis-setturi kollha li jolqtu z-zona kkonċernata, jiġifieri li jistgħu jinħtieġu miżuri f'dik iz-zona marittima u fl-inħawi tal-baħar u tax-xtut ta' ħdejha, fiz-zona ta' lqugħ u, fil-każ ta' xi sustanzi trans-konfinali, f'reġjuni oħrajn,

J. billi xi ibħra Artiċi huma ta' importanza għall-Komunità u għaz-Zona Ekonomika Ewropea, u xi Stati Membri (id-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja) huma parti mill-Kunsill Artiku,

K. billi t-tkabbir futur ta' l-UE fl-2007 għall-Bulgarija u r-Rumanija se jinkludi wkoll il-Baħar l-Iswed ma' l-ibħra Ewropej,

L. billi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha huma parti minn diversi ftehimiet internazzjonali li fihom obbligi importanti dwar il-protezzjoni ta' l-ibħra marittimi mit-tniġġis, b'mod partikulari l-Konvenzjoni ta' Helsinku u l-Konvenzjoni ta' OSPAR u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran Kontra t-Tniġġis,

M. billi l-protezzjoni u t-titjib ta' l-ambjent tal-baħar ma jistgħux iseħħu b'mod effettiv permezz ta' sforzi nazzjonali biss iżda jeħtieġu koperazzjoni reġjonali mill-qrib u miżuri internazzjonali oħra li huma xierqa,

***L-iffissar tal-livell it-tajjeb ta' ambizzjoni***

1. Jilqa' l-Istrateġija Tematika tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' l-ambjent marittimu u l-objettiv ewlieni tagħha li jkun promoss l-użu sostenibbli ta' l-ibħra u l-konservazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar; iqis, b'diżappunt, li l-proposta għal Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima f'din il-forma m'hijiex se tirnexxi fil-mobilizzar ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jieħdu l-miżuri xierqa;

2. Jemmen fl-irwol ta' tmexxija ta' l-UE f'dan il-proċess u għalhekk jitlob li tinħoloq politika b'saħħitha ta' l-UE dwar il-protezzjoni tal-baħar, biex ma jkunx hemm aktar telf ta' bijodiversità u d-deterjorament ta' l-ambjent tal-baħar u biex tiġi inkuraġġita r-riġenerazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;

3. Jitlob li fid-Direttiva ta' l-Istrateġija marittima tkun inkluża definizzjoni komuni fl-UE kollha ta' stejtus ambjentali tajjeb (GES), li tinftiehem bħala l-istejtus ambjentali meta l-ekosistemi kollha tal-baħar f'Reġjun tal-Baħar partikulari jkunu mmaniġġjati b'modi li jħalluhom jiffunzjonaw b'mod bilanċjat u b'mod li jistgħu jsostnu lilhom infushom anke issa li hemm tibdil ambjentali, li jappoġġjaw kemm il-bijodiversità kif ukoll l-attivitajiet tal-bniedem; jikkunsidra li dan se jwassal għal iktar effettività fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima;

4. Jinnota li stejtus ambjentali tajjeb ta' ibħra reġjonali Ewropej jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni b'saħħitha u koordinata fil-livell reġjonali aktar milli bl-Istati Membri jaġixxu individwalment, u għalhekk jitlob li d-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima tinkludi obbligu legali biex l-Istati Membri jilħqu stejtus ambjentali tajjeb; għaldaqstant jikkunsidra li l-istrateġija għandha tirriżulta f'obligi li jmorru lil hinn minn dawk nazzjonali u li jistgħu wkoll jinvolvu impenji komuni f'pajjiżi terzi;

5. Aktar minn hekk, jitlob li tkun inkluża lista ta' deskritturi, kriterji u standards kwalitattivi ġeneriċi għar-rikonoxximent ta' GES, jiġifieri lista eżistenti li hija ġeneralment aċċettata minn partijiet li għandhom interessi fl-ibħra, mingħajr ma jiġi eskluż aktar titjib u żvilupp tal-lista;

6. Jikkunsidra bħala importanti li l-objettivi, il-miżuri, il-lingwa u l-kunċetti użati fid-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima u f'direttivi oħra li jikkonċernaw l-ambjent marittimu, bħalma hija d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Ambjenti Naturali ([1]), ikunu armonizzati sabiex tinkiseb ċarezza akbar u titħaffef il-koordinazzjoni bejn dawk id-direttivi;

7. Huwa tal-fehma li għandhom jittieħdu bil-ħeffa miżuri biex itejbu l-kwalità ta' l-ilma u, għaldaqstant, huwa mħasseb dwar il-kalendarju b'perjodu mtawwal ta' żmien imressaq fil-proposta għal Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima; huwa tal-fehma li jkun aħjar jekk dan il-kalendarju jinġieb konformi mal-kalendarju tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;

8. Jinnota li l-kalendarju għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li permezz tiegħu għandu jintlaħaq stejtus ekoloġiku tajjeb fl-ibħra ta' max-xtut sa l-2015, diġà ġie implimentat fl-Istati Membri; huwa tal-fehma li mhux loġiku jew xieraq li fl-istess ħin ikun propost objettiv anqas ambizzjuż għal zoni tal-baħar li jisporġu fuq xulxin jew li jmissu ma' xulxin; jenfasizza li ma jkunx possibbli li jinkiseb stejtus ambjentali tajjeb f'diversi zoni ta' baħar ta' max-xtut sakemm ma jkunx hemm jikkorrispondi stejtus ambjentali tajjeb fiz-zoni tal-baħar li jmissu ma' dawn iz-zoni;

### *Sinerġiji ma' politiki ta' l-UE*

9. Jilqa' bi pjaċir il-Green Paper "Lejn Politika Marittima futura għall-Unjoni" (COM(2006)0275) li tipprevedi approċċ olistiku għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-oċeani, iżda jwissi kontra enfasi kbira wisq fuq approċċ ekonomiku u jheġġeġ li jintlaħaq bilanċ bejn l-aspett ekonomiku u dak ekoloġiku; jistenna li d-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima, il-pilastru ambjentali tagħha, tipprovdi l-qafas legali għall-preservazzjoni u l-integrità ta' l-ambjent tal-baħar u b'dal-mod il-qafas legali għall-unitajiet xierqa ta' ġestjoni — ir-Reġjuni u l-Istrateġiji tal-Baħar — għall-ippjanar u deċiżjonijiet dwar il-baħar;

10. Jemmen li għandhom ikunu ċċarati l-implikazzjonijiet għall-Istati Membri jekk il-miri u l-miżuri fir-rigward tal-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar ma jkunux ta' applikazzjoni wiesgħa biżżejjed, jiġifieri li għandu jitqies kif l-objettiv tad-direttiva ta' l-Istrateġija Marittima — stejtus ambjentali tajjeb — jista' fil-fatt jintlaħaq.

11. Jinnota li Stati Membri damu biex jikkonformaw mal-komponenti tal-baħar eżistenti tan-netwerk Natura 2000. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jidentifikaw Zoni Protetti tal-Baħar ta' interess speċifiku għax-xjenza jew għall-bijodiversità, jew suġġetti għal pressjoni kbira, bi qbil mad-Direttivi dwar l-Ambjenti Naturali u l-Għasafar ([2]);

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna selvaġġja u l-flora (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.).
([2]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.

12. Jippreferi sforzi fuq perjodu taż-żmien fit-tul sabiex jiġu integrati objettivi ambjentali fil-Politika Komuni għas-Sajd (is-CFP) biex b'hekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti għall-iżvilupp sostenibbli, iżda jinsisti li l-Istati Membri għandu jkollhom l-opportunità li jadottaw miżuri aktar urġenti u fuq perjodu ta' żmien qasir, eż. dwar l-istabbiliment ta' *'no-go areas' (Riservi tal-Baħar),* jew santwarji tal-baħar, biex jiġu protetti l-ekosistemi tal-baħar l-iktar vulnerabbli;

13. Jiddeplora n-nuqqas ta' referenza mill-Kummissjoni, kemm fil-Komunikazzjoni kif ukoll fid-Direttiva ta' Strateġija Marittima, għall-ilmijiet marittimi tad-dipartimenti Franċiżi barranin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 299 tat-Trattat KE, u għall-ilmijiet marittimi tal-Pajjiżi u Territorji Barranin elenkati fl-Anness II tat-Trattat;

***Preokkupazzjonijiet baġitarji***

14. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' impenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġiji Marittimi; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jidentifikaw il-miżuri li jistgħu jkunu ffinanzjati b'mod konġunt permezz ta' Life+ minħabba l-importanza partikulari tagħhom biex jintlaħaq stejtus ambjentali tajjeb fl-ibħra Ewropej;

15. Huwa tal-fehma li l-koordinazzjoni ta' bejn l-interessi ekonomiċi u dawk ambjentali għandha, fejn ikun possibbli, isseħħ fuq livell lokali sabiex jitħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-parteċipazzjoni ta' partijiet lokali li għandhom interess, iżda li għandha wkoll isseħħ fuq livelli ogħla (reġjonali, ta' l-UE u internazzjonali) meta jkun xieraq u meħtieġ;

16. Jindika li reġjuni tal-baħar differenti fi ħdan l-UE huma distinti minn xulxin u għandhom ħtiġijiet ta' ħarsien differenti; għaldaqstant huwa tal-fehma li jistgħu jkunu meħtieġa miżuri finanzjarji ta' applikazzjoni aktar wiesgħa fil-livell ta' l-UE għal xi reġjuni meta mqabbla ma' oħrajn sabiex jinkisbu stejtus ambjentali tajjeb u s-sostenibilità;

17. Jemmen li l-aqwa benefiċċji mill-koordinazzjoni ma' programmi eżistenti jistgħu jinkisbu billi jiġi kkoordinat il-kalendarju għall-istrateġija marittima ma' programmi imporanti fil-livell ta' l-UE; jemmen li l-koordinazzjoni mal-perjodu ta' programmar li jmiss għall-fond agrikolu ta' l-UE (mill-2014) huwa ta' importanza partikulari għal dawk ir-reġjuni li fihom l-agrikoltura hija sors ta' proporzjon sostanzjali tat-tnixxijiet fiz-zona tal-baħar;

18. Jemmen li għandha tingħata kunsiderazzjoni fis-setturi kollha għall-inċentivi finanzjarji, bħalma huma — biex wieħed jieħu eżempju mhaddem fil-Baħar Baltiku — il-ħlasijiet għall-użu tal-portijiet u l-kanali ddifferenzjati skond l-impatt tagħhom fuq l-ambjent; huwa ta' l-idea li f'dan ir-rigward u f'ċerti reġjuni jistgħu jinħtieġu miżuri b'applikazzjoni aktar wiesgħa;

***Qsim ta' dejta***

19. Jirrakkomanda metodu ġdid għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-ibħra, ibbażat fuq istituzzjonijiet u programmi eżistenti inkluż ir-Regolament dwar il-Ġbir tad-Dejta skond is-CFP, u magħmul biex jiżgura konsistenza sħiħa u integrazzjoni sħiħa ma' inizjattivi relevanti ġodda tal-Kummissjoni dwar l-infrastruttura ta' dejta dwar l-ispazju u l-GMES (Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà), b'mod partikulari s-servizzi tal-baħar;

20. Ifakkar il-mandat ta' l-EEA li tiżviluppa evalwazzjonijiet panewropej regolari ta' l-ambjent tal-baħar, ibbażati fuq indikaturi eżistenti u dejta u informazzjoni oħra disponibbli nazzjonalment; jenfasizza li huwa neċessarju li jittejjeb aktar ir-rapportaġġ nazzjonali, anke permezz ta' protokolli speċifiċi għall-iskambju ta' dejta, pereżempju, flussi ta' dejta biex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-grupp ewlieni ta' indikaturi ta' l-Aġenzija;

21. Iqis bħala essenzjali li jkunu adottati miżuri u programmi ta' traċċabilità u ta' osservabilità sabiex jiġi identifikat tniġġis u s-sors tiegħu ħalli b'mod effettiv jittieħed ħsieb tiegħu;

22. Iqis essenzjali l-koperazzjoni ma' aġenziji ddeċentralizzati (l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza Marittima eċċ.) u maċ-Ċentru Ewropew tar-Riċerka sabiex tinkiseb dejta dwar il-kwalità ta' l-ilma tal-baħar u sabiex ikun identifikat, illokalizzat u miġġieled it-tniġġis;

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

***Relazzjonijiet ma' Konvenzjonijiet u pajjiżi terzi***

23. Jilqa' bi pjaċir il-kontribuzzjonijiet eċċellenti għall-protezzjoni tal-baħar ta' numru ta' konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar, permezz tal-kompetenza u l-ħila xjentifika u teknika tagħhom li jservu ta' pont ma' pajjiżi li m'humiex fl-UE, u jistenna li dawn isiru msieħba ewlenin fit-twassil tad-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima, u jagħmel stedina għall-inklużjoni ta' impenji espliċiti biex tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet bil-ħsieb li jadottaw strateġiji marittimi biex ikopru reġjuni jew sottoreġjuni b'ilmijiet marittimi Ewropej;

24. Sabiex ikun evitat piż burokratiku doppju fuq l-attwazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw jew li l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar ikollhom il-kapaċitajiet legali u amministrattivi relevanti jew inkella li mekkaniżmi għall-implimentazzjoni konġunta ta' l-Istrateġija jkunu żviluppati bejn il-korpi reġjonali differenti li joperaw fl-istess reġjun tal-baħar. Fiż-żewġ każijiet dan għandu jinkludi l-usa' involviment possibbli tas-setturi u l-partijiet konċernati;

25. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibilità li tiddikjara l-Baħar Baltiku bħala zona pilota, minħabba l-fatt li hija zona partikularment sensittiva u peress li l-Istati Membri li jdawruh aktarx jaqblu dwar implimentazzjoni aktar mgħaġġla tal-pjanijiet u l-azzjonijiet permezz tal-ħidma fi ħdan il-Kummissjoni ta' Helsinki u entitajiet oħrajn; jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni li jmiss għall-Baħar Baltiku, mill-Konvenzjoni ta' Helsinki, jista' jservi bħala programm pilota għall-implimentazzjoni ta' l-objettivi ta' l-Istrateġija fir-Reġjun Marittimu tal-Baħar Baltiku;

26. Huwa tal-fehma li r-regoli internazzjonali attwali għandhom ikunu rriveduti sabiex l-ibħra internazzjonali (aktar minn 12-il mil nawtiku mix-xtut) ma jkunux jistgħu jintużaw għar-rimi ta' drenaġġ;

27. Jinnota li l-ħarsien tal-baħar Mediterran jonqsu l-leġiżlazzjoni ambjentali neċessarja jew, fejn tali leġiżlazzjoni teżisti, ir-rieda politika biex tiġi infurzata. L-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-promozzjoni tal-ġestjoni integrata taz-zoni kostali jridu jaffrontaw żvilupp tar-Reġjuni b'żewġ veloċitajiet, jiġifieri l-pajjiżi tan-nofsinhar u tal-lvant tal-Mediterran fuq in-naħa l-waħda u l-pajjiżi tat-tramuntana tal-Mediterran fuq l-oħra;

28. Jinnota li, minħabba t-temperatura baxxa ta' l-ilma u r-rata baxxa ta' taħlit ta' l-ilma, l-ekosistemi tal-Baħar Baltiku huma vulnerabbli ħafna għat-tniġġis u li l-ekoloġija tal-baħar tar-reġjun tal-Baltiku hija stmata li sofriet ħsara li kważi hija irreversibbli. Għaldaqstant iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jintroduċu miżuri speċjali, fost l-oħrajn fil-Politika Agrikola Komuni (CAP), sabiex jittejjeb l-istejtus ambjentali tal-Baħar Baltiku. Barra minn hekk, trid tikber il-koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja. F'dan il-kuntest, il-fond tal-programm ta' sħubija ambjentali tal-Programm tad-Dimensjoni tat-Tramuntana ta' l-UE huwa ħtieġa essenzjali sabiex jittejjeb il-ħarsien ta' l-ilma fil-Baħar Baltiku;

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri relevanti għall-protezzjoni ta' l-ibħra Artiċi, ekosistema estremament fraġli li hija mhedda kontinwament u dejjem tiffaċċja theddid ġdid, u biex tiżviluppa u tappoġġja proġetti li jindirizzaw id-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' popli indiġeni biex tkun solvuta l-problema ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali ta' l-Artiku;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja l-prerekwiżiti meħtieġa sabiex l-Artiku jkun stabbilit bħala zona protetta, bħalma hu l-Antartiku, u speċifikat bħala "riserva naturali ddedikata għall-paċi u għax-xjenza", u sabiex tirreferi lura lill-Parlament u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-2008;

31. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali u reġjonali ta' l-UE ma' pajjiżi terzi li għandhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq ibħra li jmissu ma' ilmijiet marittimi Ewropej, sabiex jippromwovu l-adozzjoni ta' miżuri u programmi skond id-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima, li tinsab fil-proċess li tiġi adottata;

32. Jirrakkomanda l-inklużjoni tal-Baħar l-Iswed bħala wieħed mir-Reġjuni tal-Baħar koperti mid-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima; dan ir-reġjun tal-baħar importanti għandu fruntieri mal-Bulgarija u r-Rumanija, pajjiżi li se jsiru membri ta' l-UE fl-2007 u diġà qed jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma — bħala parti mix-xogħol immexxi mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tax-Xmara Danubju — u mat-Turkija, li magħha għaddejjin negozjati għall-adeżjoni;

33. Jiddispjaċih li ma ngħatatx garanzija ambjentali b'konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-pajp tal-gass tat-Tramuntana ta' l-Ewropa biex tilqa' għal diżastru ambjentali potenzjali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel studju dwar l-impatt fuq l-ambjent tal-proġett ippjanat u biex tipposponi kwalunkwe deċiżjoni dwar il-ko-finanzjament tal-proġett;

34. Jagħmel stedina biex f'kull każ ikun hemm konsultazzjoni minn qabel ma' pajjiżi ġirien u ma' pajjiżi kkonċernati oħrajn meta proġetti jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent komuni, anke meta l-proġett jitwettaq f'ibħra internazzjonali; jinnota li l-esperjenza turi li studji dwar l-impatt ambjentali spiss ikun fihom nuqqasijiet u li ħafna drabi ma jitwettqux b'konsultazzjoni ma' Stati oħrajn; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi mekkaniżmu ta' negozjar obbligatorju bejn l-Istati Membri, u jheġġeġ lill-Kunsill sabiex jaġixxi fuq livell internazzjonali biex fir-relazzjonijiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, jiżviluppa studji obbligatorji dwar l-impatt ambjentali;

*

* *

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

---

**P6_TA(2006)0487**

## Kreditu ipotekarju

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kreditu fuq l-ipoteki fl-UE(2006/2102(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Kreditu fuq l-Ipoteki fl-UE (COM(2005)0327) (Green Paper),

— wara li kkunsidra l-White Paper dwar il-Politika tas-Servizzi Finanzjarji 2005-2010 (COM(2005)0629),

— wara li kkunsidra t-tweġiba tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewopew (BĊE) dwar il-Green Paper dwar il-Kreditu fuq l-Ipoteki fl-UE ta' l-1 ta' Diċembru 2005,

— wara li kkunsidra t-Tieni Direttiva tal-Kunsill 89/646/KEE tal-15 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amminstrattivi relatati ma' l-istabbiliment u t-twettiq tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-istabbiliment u t-twettiq tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (imfassla mill-ġdid) ([2]) (Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital) u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' negozji ta' l-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (imfassla mill-ġdid) ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni minn distanza ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informatika, b'mod partikulari l-kummerċ elettroniku fis-Suq Intern ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta modifikata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar arranġamenti ta' kreditu għal konsumaturi li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE (COM(2005)0483),

---

([1]) ĠU L 386, 30.12.1989, p. 1.
([2]) ĠU L 177, 30.6.2006, p.1.
([3]) ĠU L 177, 30.6.2006, p.201.
([4]) ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16.
([5]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar il-libertà ta' l-istabbiliment u l-forniment ħieles ta' servizzi fil-qasam tal-kreditu fuq l-ipoteka (COM(1987)0255),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0370/2006),

A. billi l-kreditu fuq l-ipoteka jirrappreżenta suq kbir li qed jikber b'mod mgħaġġel u jagħmel parti vitali mill-istruttura ekonomika u soċjali ta' l-UE,

B. billi xi Stati Membri qed jesperjenzaw tkabbir bla preċedent fis-suq tal-proprjetà, li ppermetta lis-settur tal-bini isir settur anti-ċikliku, li huwa fattur ewlieni biex ikun hemm tkabbir u xogħol waqt ir-reċessjoni ekonomika li ġarrbet l-Ewropa tul il-perjodu 2000 sa 2005,

C. billi rati ta' l-interessi storikament baxxi rriżultaw f'ħafna self fuq l-ipoteka, b'mod partikulari f'dawk il-pajjiżi fejn dan is-self huwa bbażat fuq dik il-kunfidenza li ħolqot it-tkabbir ekonomiku,

D. billi l-ħarsien tal-konsumatur Ewropew irid ikun wieħed mill-aktar karatteristiċi importanti ta' kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva dwar il-kreditu ipotekarju, li għal ħafna ċittadini ta' l-UE jirrappreżenta l-ikbar impenn finanzjarju tul ħajjithom, b'implikazzjonijiet fit-tul fuq il-livell ta' għajxien u l-istabbilità finanzjarja tagħhom,

E. billi t-trasparenza mtejba fir-rigward tal-karatteristiċi ewlenin tal-prodotti ipotekarji disponibbli mhux biss ittejjeb l-effiċjenza tas-suq imma għandha żżid ukoll il-kunfidenza ta' dawk li jfittxu self u li jkunu qed iqisu tranżazzjonijiet ta' kreditu fuq ipoteka fi Stati Membri oħra u tippermettilhom li jieħdu deċiżjoniet infurmati,

F. billi hemm bżonn li l-konsumatur ikollu aċċess għal informazzjoni sħiħa u kemm jista' jkun sempliċi, provduta f'kull każ speċifiku permezz ta' formoli standard li jippermettu studju komparattiv minn Stat Membru għal ieħor, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw b'iktar effettività il-libertà ta' l-għażla tagħhom meta jieħdu kreditu fuq l-ipoteka fuq bażi transkonfinali,

G. billi miżuri mmirati għal firxa mtejba ta' prodotti u servizzi, għal disponibilità akbar u suq integrat tal-finanzjament jafu jsaħħu l-effiċjenza tas-suq, ta' ekonomiji ta' skala u d-diversifikazzjoni, jnaqqsu l-ispejjeż fuq is-self, u b'hekk ikunu ta' benefiċċju għall-ekonomija Ewropea,

H. billi l-ħolqien ta' l-aċċess għal bażi ta' dejta ta' kreditu tal-klijenti għal fornituri ta' servizzi ta' l-ipoteki fil-każ tas-self transkonfinali huwa kontribut kruċjali fit-tisħiħ tal-kompetizzjoni fl-attivitajiet ta' self ibbażati fuq l-ipoteki u fil-ħolqien ta' suq Ewropew uniku ta' l-ipoteki.

I. billi suq integrat ta' l-ipoteki għandu jiffaċilita l-mobilità tal-ħaddiema,

J. billi, b'mod sorprendenti, hemm ftit pressjoni minn selliefa fuq l-ipoteki jew minn organizzazzjonijiet tal-konsumatur biex ikun żviluppat is-self transkonfinali b'mod differenti mill-istabbiliment fiżiku fis-swieq nazzjonali separati,

K. billi s'issa l-eżistenza ta' xkiel konsiderevoli fis-suq fixklet iż-żieda ta' offerti ta' kreditu fuq ipoteki bejn il-fruntieri, li s'issa jammontaw għal inqas minn 1 % tas-suq ta' l-ipoteki globali ta' l-UE;

L. billi fuq numru ta' kwistjonijiet importanti l-Komunità m'għandhiex kompetenza jew għandha kompetenza limitata, u billi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità għandhom jiġu rispettati,

M. billi s-sensara fl-ipoteki jista' jkollhom irwol importanti, billi jużaw il-kompetenzi tagħhom fi prodotti ipotekarji fis-suq domestiku tagħhom imma anke bejn is-swieq ta' Stati Membri oħra, billi jappoġġaw attività transkonfinali u billi jservu ta' pont bejn il-konsumatur u l-istituzzjonijiet finanzjarji kemm lokali kif ukoll barranin,

N. billi jeżistu varjetajiet sinifikanti fil-firxa u l-karatteristiċi tal-prodotti, l-istrutturi ta' distribuzzjoni, il-perijodu tas-self, u l-mekkaniżmi ta' finanzjament bejn l-Istati Membri, minħabba kundizzjonijiet differenti legali, fiskali, regolatorji u fil-ħarsien tal-konsumatur,

O. billi s-swieq tal-kreditu ipotekarju huma estremament kumplessi, u billi s-sistemi legali u l-kulturi finanzjarji kif ukoll il-liġi dwar propjetà u r-reġistrazzjoni ta' l-art, il-liġi dwar id-drittijiet *in rem*, il-ftehimiet dwar kreditu, kwistjonijiet ta' evalwazzjoni, il-liġi dwar il-bejgħ b'subbasta, is-swieq ta' finanzjament mill-ġdid eċċ., ivarjaw ħafna f'livell nazzjonali u fl-istess ħin teżisti koerenza interna fost id-diversi oqsma,

P. billi għadhom jeżistu ostakoli ta' tassazzjoni li huma diskriminatorji li jxekklu l-użu tas-suq uniku għal kreditu ipotekarju u f'xi każi jafu anke jmorru kontra l-leġiżlazzjoni tal-KE;

Q. billi hemm rabta diretta bejn is-suq ta' l-ipoteki u l-politika makroekonomika u t-tmexxija tal-politika monetarja b'mod partikulari,

R. billi l-volatilità tas-suq ipotekarju tista' taffettwa ċ-ċikli tas-suq tad-djar u ċikli ekonomiċi u b'hekk tkun ta' riskju sistemiku,

S. billi, sabiex tinġieb aktar effiċjenza u kompetittività fis-suq tal-kreditu ipotekarju fl-UE, jista' jkun preferibbli li l-ewwel nett wieħed iħares lejn l-implimentazzjoni u l-effettività tar-Rakkomandazzjoni 2001/193/KE tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Marzu 2001 dwar l-informazzjoni pre-kuntrattwali li għandha tingħata lill-konsumatur minn selliefa li joffru self għad-djar [1] (Kodiċi ta' Kondotta) u lejn l-użu tad-Dokument Informattiv Standardizzat Ewropew (ESIS), li jimmira li jkun żgurat li l-konsumatur jikseb informazzjoni trasparenti u li tista' titqabbel dwar is-self fuq id-djar;

T. billi jidher li l-Kodiċi ta' Kondotta msemmi hawn fuq ġie implimentat b'diversi gradi ta' suċċess fl-Istati Membri, imma madankollu mingħajr ma ssolviet il-problema globali tan-nuqqas ta' qafas legali komuni;

***Introduzzjoni***

1. Jirrikonoxxi l-benefiċċji li ġġib magħha integrazzjoni ulterjuri ffokata tajjeb tas-suq ta' l-UE ta' l-ipoteki għall-konsumatur;

2. Iqis li kwalunkwe azzjoni fuq livell ta' l-UE li tirrigwarda s-suq Ewropew tal-kreditu ipotekarju, l-ewwel u qabel kollox, għandha tibbenefika l-pubbliku b'mod dirett bħala dawk li jisselfu l-ipoteki u li suq tal-kreditu ipotekarju għandu jkun aċċessibbli għal numru ikbar ta' persuni li potenzjalment jisselfu, anke dawk li għandhom statistika ta' kreditu li hija baxxa jew mhux kompluta, ħaddiema b'kuntratti għal żmien fiss u xerrejja għall-ewwel darba;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konsultazzjoni wiesgħa tal-Kummissjoni u jinsisti li kwalunkwe proposti speċifiċi għandhom ikunu preċeduti minn evalwazzjonijiet ta' l-impatti ekonomiċi u soċjali li jsiru bir-reqqa;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni sal-lum biex tikkonforma mar-rekwiżiti għal regolamentazzjoni aħjar; madankollu, ifakkar lill-Kummissjoni li kwalunkwe konklużjonijiet li jintlaħqu għandhom dejjem jirriżultaw minn proċess ta' konsultazzjoni estensiv;

5. Jinnota l-bosta ostakoli għal suq bl-imnut uniku tal-kreditu ipotekarju ta' l-UE li huma enfasizzati fil-Green Paper u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiffoka fuq miżuri mmirati li joffru l-ikbar benefiċċji, u li jkunu inkoraġġuti inizjattivi mmexxija mis-suq kull meta dan ikun possibbli;

(1) ĠU L 69, 10.3.2001, p. 25.

**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

6. Iwiddeb lill-Kummissjoni li tentattivi biex jiġu armonizzati l-prodotti nfushom jistgħu jwasslu għal inkonsistenzi legali u b'hekk iħallu impatt negattiv fuq is-settur;

7. Jinsisti li kull azzjoni ta' l-UE m'għandhiex ixxekkel il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward ta' prodotti, servizzi anċillari u tekniki ta' finanzjament;

***Kodiċi ta' Kondotta u informazzjoni pre-kuntrattwali***

8. Jitlob li jsiru sforzi lejn l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni pre-kuntrattwali, li huma neċessarji biex dawk li jisselfu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar kuntratti ta' l-ipoteka potenzjali;

9. Jinsisti li informazzjoni pre-kuntrattwali ta' dan it-tip trid tkun preċiża u tiftiehem sabiex tkun tista' ssir għażla infurmata u li għandha tippreżenta lill-konsumatur stampa li kemm jista' jkun tkun tinftiehem u globali, fid-dawl ta' l-informazzjoni disponibbli li fuqha l-kuntratt ta' l-ipoteka huwa bbażat; jenfasizza li, fil-każ li sellief jieħu l-inizjattiva biex joffri kreditu fi Stat Membru ieħor, din l-informazzjoni trid tiġi provduta lil dawk li jisselfu kemm jista' jkun malajr fil-lingwi uffiċjali rikonoxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tas-sellief;

10. Jaħseb li l-Kodiċi ta' Kondotta u l-ESIS huma strumenti importanti, imma mhumiex biżżejjed biex iħarsu l-interessi ekonomiċi taċ-ċittadini li jiċċaqalqu bejn Stati Membri differenti u x'aktarx jixtru proprjetà fi Stati Membri oħrajn; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa l-progress u tikkunsidra li tagħmel il-Kodiċi ta' Kondotta, li bħalissa huwa volontarju, obbligatorju jekk ma jkunx hemm konormità bikrija;

***Finanzjament***

11. Iqis li l-iżvilupp ta' suq tal-finanzjament uniku, miftuħ u kompatibbli huwa l-ewwel prijorità peress li jsaħħaħ l-effiċjenza, jippermetti d-diversifikazzjoni internazzjonali tal-kreditu fuq riskju, jiġu sfruttati bl-aħjar mod il-kundizzjonijiet ta' finanzjament u l-allokazzjoni tal-kapital, u jitnaqqsu l-ispejjeż fuq is-self; jirrikonoxxi l-importanza li jiġu integrati inizjattivi msejsa fuq is-suq u l-potenzjal għal dan f'dan il-qasam;

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ħolqien ta' suq sekondarju wieħed għal ipoteki ma jistax jintlaħaq mingħajr konverġenza gradwali tar-regoli nazzjonali tal-kuntratti;

13. Jilqa' l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti ta' l-Iffinanzjament ta' l-Ipoteki u jitlob għal studju fil-fond tal-varjazzjonijiet fil-prattiki regolatorji nazzjonali u legali li jaffettwaw l-ipoteki;

14. Jaħseb li dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital li jirrigwardaw ishma koperti u sigurtajiet garantiti minn ipoteki joffru għażliet ta' finanzjament importanti;

15. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra kif l-aħjar toħloq bażi tad-dejta ċentrali bħala post fejn jinħażen tagħrif dwar is-swieq ipotekarji nazzjonali differenti u l-gruppi transnazzjonali komuni ta' sigurtajiet ipotekarji (bħal probabilitajiet awtomatiċi, telf awtomatiku u minn ħlasijiet minn qabel), li jippermetti lill-investituri jevalwaw u jiffissaw il-prezzijiet tal-gruppi ipotekarji komuni b'mod adegwat;

16. Jissuġġerixxi li firxa ta' pakketti standardizzati ta' ipoteki Ewropej jistgħu jiġu negozjati fis-swieq tal-kapital b'rati ta' kreditu skond il-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk jissaħħu s-swieq ipotekarji sekondarji garantiti mis-sigurtajiet;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra s-suq li qed jikber ta' ipoteki li jaqblu mar-rekwiżiti tal-liġi tax-*sharia* u li tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni ma teskludix il-ħtiġijiet ta' dak is-suq;

18. Jirrikonoxxi l-irwol importanti ta' l-assikurazzjoni fuq l-ipoteki fit-tnaqqis tar-riskju għal selliefa u sabiex jiġi permess l-aċċess għal firxa usa' ta' persuni li jisselfu;

***Bejgħ bl-imnut***

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-ostakoli li jxekklu d-drittijiet ta' selliefa għal provvediment ħieles ta' servizzi jew għal-libertà ta' l-istabbiliment fi Stati Membri oħrajn u jekk il-klawsola ta' 'l-interess ġenerali' qed tintuża biex tiġi skoraġġuta l-attività transkonfinali;

20. Jappoġġa azzjoni tal-Kummissjoni biex tiffaċilita għaqdiet u akkwisti transkonfinali fis-servizzi finanzjarji, waqt li tiżgura li n-netwerks ta' distribuzzjoni jqisu l-ħtiġijiet tas-sitwazzjonijiet reġjonali u s-swieq iżgħar, iżda jinnota li għaqdiet u akkwisti transkonfinali biss mhux se jippromwovu integrazzjoni tas-suq f'dan il-qasam;

21. Jaħseb li l-ftuħ tas-suq tal-kreditu ipotekarju għal istituzzjonijiet mhux ta' kreditu, b'reġim ekwivalenti superviżorja, se jżid il-kompetizzjoni u l-firxa ta' prodotti;

22. Jirrikonoxxi l-irwol benefiċċjarju ta' l-intermedjarji ta' kreditu, bħal ma huma sensara ta' l-ipoteki, bħala għajnuna lill-konsumaturi biex ikollhom aċċess għal kreditu ipotekarju kompetittiv minn selliefa domestiċi u mhux domestiċi u jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni biex tikkonsulta dwar ambjent regolatorju xieraq għal operaturi bħal dawn u tlesti proposta;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga xkiel għat-trasferiment ta' self minn bejn il-fruntieri u biex tesplora aktar il-potenzjal ta' l-Euromortgage bħala strument kollaterali, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-garanziji mehmużin miegħu ta':

— il-garanziji ta' miegħu li huma meħtieġa għat-twaqqif u l-użu tiegħu, b'mod partikulari fir-rigward tal-verifika ta' l-aċċess kollaterali u pubbliku għall-kuntratti u l-effetti vis-à-vis partijiet terzi;

— l-istejtus li se jingħata fir-rigward ta' spejjeż oħra marbuta b'garanzija fuq l-art;

— ir-rabta bejn il-kreditu u l-kollateral; u

— il-konsegwenzi legali ta' kwittanza parzjali jew sħiħa tal-kreditu garantit, bidla fil-bażi ta' evalwazzjoni tiegħu jew tat-trasferiment tagħha, kemm vis-à-vis kredituri kif ukoll partijiet terzi;

24. Jikkunsidra li kwalunkwe proposta f'dan is-sens għandha tkun akkumpanjata, jekk ikun neċessarju, minn evalwazzjoni ta' impatt, li tinkludi aspetti legali, bi studji dettaljati tal-liġi komparattiva, kif ukoll aspetti ekonomiċi u soċjali skond il-metodu rrakkomandat fil-gwida għall-evalwazzjoni ta' impatt approvat mill-Kunsill dwar il-Kompetittività fid-29 ta' Mejju 2006;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għal ipoteki rikarikabbli u self ipotekarju fuq vitalizju b'garanziji sħaħ f'termini ta' informazzjoni pubblika, u b'għarfien xieraq tal-kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità u l-effetti fir-rigward ta' partijiet terzi;

26. Huwa tal-fehma li hemm iktar ċans li selliefa jidħlu f'suq jekk ir-regoli nazzjonali jippermettulhom joffru termini għal ħlas lura bikri għal prezz li huwa proporzjonali għall-ispejjeż jew li jvarjaw ir-rati ta' l-interessi skond il-kundizzjonijiet tas-suq u r-riskju u li restrizzjonijiet f'dawn l-aspetti aktarx ixekklu l-iżvilupp tas-suq fir-rigward ta' finanzjament, prodotti ġodda, u s-self lil persuni li jisselfu li jaqgħu fil-kategorija ta' riskju għoli;

27. Jaħseb li standard ta' l-UE, li jiddefinixxi l-iskop u l-metodu ta' kif jiġu kkalkulati r-rati perċentwali annwali mitluba, għandu jiġbor flimkien l-ispejjeż kollha li t-taxxi fuqhom għandu jħallashom is-sellief u għandu jiżgura l-komparabilità tagħhom mal-prodotti offerti fi Stati Membri oħrajn, li għandhom l-istess maturità; jemmen li dawk li jisselfu għandhom ukoll ikunu infurmati minn qabel dwar kwalunkwe spejjeż relatati mat-tranżazzjoni u ma' l-obbligi legali ta' min ikun qed jissellef, inklużi affarijiet li fuqhom tithallas it-taxxa minn partijiet terzi bħal ħlasijiet legali, ħlasijiet għar-reġistrazzjoni u amministrattivi u l-ispejjeż ta' kwalunkwe valutazzjoni, jew stimi ta' tali spejjeż jekk ma jkunx hemm figura preċiża.

28. Jemmen li barra milli jipprovdi informazzjoni preċiża dwar ir-rata perċentwali annwali s-sellief għandu jipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe tip ieħor ta' ħlas jew ta' spiża li hemm il-possibilità li jinqala' b'riżultat ta' l-attivitajiet tiegħu, pereżempju l-ispejjeż li jsiru waqt l-eżami ta' applikazzjoni, ħlasijiet ta' impenn, penali għal rimborż bikri tas-somma kollha jew parti minnha, eċċ;

29. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' l-internet bħala mezz għar-reklamar tal-kreditu ipotekarju, u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistudja aktar din il-possibilità;

***Ostakoli legali, fiskali u operattivi***

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina l-ostakoli legali u regolatorji li jxekklu l-iżvilupp imsejjes fuq is-suq ta' suq ta' finanzjament pan-Ewropew għall-kreditu ipotekarju;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposti futuri tagħha u biex tkun ristretta għal kuntratti fuq l-ipoteki u l-garanziji tagħhom (ħlasijiet fissi fuq proprjetà), sabiex tiġi evitata repetizzjoni tat-test tad-dokument COM(2005)0483;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq sekondarju ta' l-ipoteki u biex tistabbilixxi qafas ġuridiku sabiex jitwettqu attivitajiet ta' portafoll effettivi, b'mod partikulari biex tippreċiża li dawk l-istrumenti ġuridiċi ta' ħlas li huma disponibbli ma jippermettux li jintlaħaq l-objettiv mixtieq, u meta wieħed iqis it-tradizzjonijiet ġuridiċi differenti u l-mudelli differenti ta' sigurtajiet attwali;

33. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kwistjoni tal-liġi applikabbli għall-kuntratti ta' kreditu ipotekarju għandha tiġi indirizzata fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma ta' l-1980 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali; iżda jappoġġja l-fehma tal-Grupp tal-Forum dwar il-Kreditu fuq l-Ipoteki li l-liġi applikabbli għall-kuntratti tal-kreditu fuq l-ipoteki ma tridx tkun allinjata mal-liġi applikabbli għal kuntratti ipotekarji u li, fil-każ ta' kuntratti ipotekarji, il-lex rei sitae (il-liġi tal-post ta' fejn tinsab il-proprjetà) tapplika;

34. Jenfasizza l-importanza ta' bażi ta' dejta tal-klijenti li huma komprensivi u ta' min joqogħod fuqhom u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-iżvilupp ta' proċess ta' tranżizzjoni lejn format konsistenti fl-Istati Membri kollha;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-aċċess transkonfinali għal bażi ta' dejta ta' klijenti fuq bażi mhux diskriminatorja bħala prijorità biex selliefa jiġu inkoraġġuti jidħlu fi swieq ġodda;

36. Jirrikonoxxi li, suġġett għal ġustifikazzjoni ta' ħarsien tal-privatezza, l-aċċess kemm għal dejta dwar kreditu pożittiv kif ukoll dak negattiv huwa mixtieq;

37. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi biex ikun hemm titjib u aġġustamenti fil-liġi li tirregola l-proċeduri ta' bejgħ sfurzat;

38. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għal tabella ta' riżultati dwar id-dewmien u l-ispiża ta' proċeduri ta' bejgħ sfurzat;

39. Jissuġġerixxi li l-korpi professjonali ta' l-istimaturi għandhom jikkollaboraw biex jadottaw standards ta' l-UE ta' evalwazzjoni tal-proprjeta' li huma ta' kwalità għolja u li jistgħu jiġu mqabbla;

40. Jenfasizza l-importanza għas-selliefa li jkollhom aċċess faċli għal tagħrif sħiħ u preċiż dwar kollateral fuq l-ipoteki u d-drittijiet tas-sjieda;

41. Huwa favur li l-aċċess għal reġistri ta' proprjetà jitħeġġeġ, fejn dan mhux impedut minn leġiżlazzjoni attwali, u jappoġġa l-isforzi kollha biex jiġi armonizzat il-valur informattiv ta' dawn ir-reġistri permezz ta' miżuri nazzjonali u jħeġġeġ it-titjib tas-sistema attwali tas-Servizz Ewropew għal Informazzjoni dwar l-Art (EULIS);

42. Jappoġġa azzjoni li tneħħi ostakoli ta' taxxa li huma diskriminatorji, bħal trattament fiskali differenti ta' selliefa lokali u dawk barranin u ħlasijiet lill-gvern;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra, fil-każ ta' ipoteki transkonfinali, kif tista' tirrikonċilja l-metodi li jvarjaw ta' tnaqqis tat-taxxa ta' interessi fuq l-ipoteki madwar l-UE;

***Kwistjonijiet sistematiċi, makroekonomiċi u ta' prudenza***

44. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-BĊE biex jissorveljaw u janalizzaw ir-riskji potenzjali ta' livelli jiżdiedu ta' dejn fuq l-ipoteki u ta' kreditu ipotekarju ffinanzjati mis-swieq ta' kapital;

***Konklużjoni***

45. Jikkonkludi li hemm il-potenzjal għal benefiċċji għall-konsumatur u għall-ekonomija jekk issir aktar integrazzjoni li tkun maħsuba sew tas-suq ta' l-ipoteki ta' l-UE;

*

* *

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BĊE u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(2006/C 314 E/03)

# MINUTI

**PROĊEDURI TAS-SEDUTII**

IPPRESIEDA: Josep BORRELL FONTELLES

*President*

## 1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 09.05.

## 2. Dikjarazzjonijiet bil-miktub (tressiq)

Il-Membri li jissemmew hawn taħt bagħtu dikjarazzjonijiet bil-miktub sabiex jiddaħħlu fir-reġistru (Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura):

— Catherine Stihler dwar il-ġlieda kontra l-mard kroniku ostruttiv tal-pulmun (COPD) (84/2006).

## 3. Is-servizzi fis-suq intern ***II (dibattitu)

Rakkomandazzjoni għat-tieni qari dwar pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern (10003/4/2006 — C6-0270/2006 — 2004/0001(COD)) — Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur.
Rapporteur: Evelyne Gebhardt (A6-0375/2006)

Evelyne Gebhardt ippreżentat ir-rakkomandazzjoni għat-tieni qari.

Tkellmu: Charlie McCreevy (Membru tal-Kummissjoni) u Mauri Pekkarinen (President fil-kariga tal-Kunsill).

Tkellmu: Evelyne Gebhardt (rapporteur), Malcolm Harbour f'isem il-grupp PPE-DE, Hannes Swoboda f'isem il-grupp PSE, Anneli Jäätteenmäki f'isem il-grupp ALDE, Heide Rühle f'isem il-grupp Verts/ALE, Adam Bielan f'isem il-grupp UEN, Jens-Peter Bonde f'isem il-grupp IND/DEM, Marine Le Pen Membru mhux affiljata, Marianne Thyssen u Arlene McCarthy.

IPPRESIEDA: Ingo FRIEDRICH

*Viċi-President*

Tkellmu: Toine Manders, Pierre Jonckheer, Sahra Wagenknecht, Guntars Krasts, Patrick Louis, Mario Borghezio, József Szájer, Harlem Désir, Nathalie Griesbeck, Jean-Luc Bennahmias, Kartika Tamara Liotard, Nigel Farage, Jana Bobošíková, Jacques Toubon, Lasse Lehtinen, Ona Juknevičienė, Ian Hudghton, Eoin Ryan, Nils Lundgren, Jim Allister, Othmar Karas, Manuel Medina Ortega, Alexander Lambsdorff, Irena Belohorská, Andreas Schwab, Edit Herczog, Luigi Cocilovo, Ryszard Czarnecki, Małgorzata Handzlik, Anne Van Lancker, Sophia in 't Veld, Konstantinos Hatzidakis, Joseph Muscat, Karin Riis-Jørgensen, Zuzana Roithová, Richard Falbr, Šarūnas Birutis, Alexander Stubb, Jan Andersson, Zita Pleštinská, Dariusz Rosati, Roberta Angelilli, Stefano Zappalà, Maria Matsouka, Charlotte Cederschiöld, Proinsias De Rossa, Simon Coveney, Charlie McCreevy u Mauri Pekkarinen.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 7.1 tal-Minuti ta' 15.11.2006.*

*(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta sa ma sar il-ħin għall-votazzjonijiet: 11.30 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 11.45)*

IPPRESIEDA: Alejo VIDAL-QUADRAS

*Viċi-President*

## 4. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

Tkellem Reinhard Rack dwar l-organizzazzjoni tal-votazzjoni.

## 4.1. Strateġija ta' qafas ġdid għall-multilingwiżmu (votazzjoni)

Rapport dwar strateġija ta' qafas ġdid għall-multilingwiżmu (2006/2083(INI)) — Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni.
Rapporteur: Bernat Joan i Marí (A6-0372/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0488)*

*Tkellmu:*

Zbigniew Zaleski ippreżenta emenda orali għall-paragrafu 20.

Minħabba li aktar minn 37 Membru oġġezzjonaw għall-emenda orali, din ma ġietx inkorporata.

## 4.2. Sistemi ta' preferenza ġeneralizzati ta' l-Unjoni Ewropea (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0578/2006, B6-0579/2006, B6-0580/2006, B6-0581/2006, B6-0582/2006 u B6-0583/2006

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0578/2006
(flokB6-0578/2006, B6-0579/2006, B6-0580/2006, B6-0581/2006, B6-0582/2006 u B6-0583/2006):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Ria Oomen-Ruijten u Maria Martens f'isem il-grupp PPE-DE;
— Antolín Sánchez Presedo, Jan Andersson, Erika Mann u Stephen Hughes f'isem il-grupp PSE;
— Jean-Louis Bourlanges u Bernard Lehideux f'isem il-grupp ALDE;
— Caroline Lucas u Jean Lambert f'isem il-grupp Verts/ALE;
— Helmuth Markov f'isem il-grupp GUE/NGL;
— Mieczysław Edmund Janowski, Eugenijus Maldeikis u Roberta Angelilli f'isem il-grupp UEN

Adottata *(P6_TA(2006)0489)*

## 5. Merħba uffiċjali

Il-President, f'isem il-Parlament, ta merħba lill-membri tad-delegazzoni tal-Parlement Ukrajin, immexxija minn Olexander Moroz, Président tal-"Verkhovna Rada", li ħadu posthom fil-gallarija uffiċjali.

Il-President, bl-istess mod, ta merħba, f'isem il-Parlament lil delegazzjoni mill-Parlament Alġerin, immexxija minn, Abderrezak Bouhara, viċipresident tal-Kunsill Nazzjonali, li ħadu posthom fil-gallarija uffiċjali.

IPPRESIEDA: Josep BORRELL FONTELLES

*President*

## 6. Seduta formali — Il-Qatar

Min-12.05 san-12.30 il-Parlament iltaqa' għal seduta formali tal-Parlament fl-okkażjoni taż-żjara ta' Cheikh Hamad Bin Khalifa Al-Thani, Emir ta' l-Istati ta' Qatar.

## 7. Ħin tal-votazzjonijiet (tkomplija)

## 7.1. Is-servizzi fis-suq intern ***II (votazzjoni)

Rakkomandazzjoni għat-tieni qari dwar pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern (10003/4/2006 — C6-0270/2006 — 2004/0001(COD)) — Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur.
Rapporteur: Evelyne Gebhardt (A6-0375/2006)

*(Maġġoranza kwalifikata)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)*

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL

Dikjarata approvata kif emendata *(P6_TA(2006)0490)*

## 8. Spjegazzjonijiet tal-vot

*Spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub:*

L-ispjegazzjonijiet tal-vot li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

*Spjegazzjonijiet tal-vot orali:*

Rapport Bernat Joan i Marí — A6-0372/2006: Josu Ortuondo Larrea, Michl Ebner, Tomáš Zatloukal, Andreas Mölzer u Bruno Gollnisch

Rapport Evelyne Gebhardt — A6-0375/2006: Oldřich Vlasák Péter Olajos, Michl Ebner, Danutė Budreikaitė, Bernadette Vergnaud, Richard Corbett, Czesław Adam Siekierski, Hubert Pirker

## 9. Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Il-korrezzjonijiet u l-intenzjonijiet għall-vot jidhru fil-websajt "Séance en direct" "Résultats des votes (appels nominaux) / Results of votes (roll-call votes)" u fil-verżjoni stampata ta' l-anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet b'sejħa ta' l-Ismijiet".

Il-verżjoni elettronika fuq il-Europarl tiġi aġġornata regolarment sa ta' l-anqas ġimagħtejn wara l-ġurnata tal-votazzjoni.

Wara li tgħaddi din l-iskadenza l-korrezzjonijiet tal-vot jiġu ffinalizzati sabiex isiru t-traduzzjonijiet u l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

Rainer Wieland għarraf li l-apparat tal-votazzjoni tiegħu ma ħadimx waqt il-votazzjoni dwar l-emendi 38=39 u 23 tar-rapport Evelyne Gebhardt (A6-0375/2006

*(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta: 13.10 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 15.00)*

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

IPPRESIEDA: Pierre MOSCOVICI

*Viċi-President*

## 10. Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta ta' qabel

Il-Minuti tas-seduta ta' qabel ġew approvati.

## 11. Sitwazzjoni f'Gaża (dibattitu)

Dikjarazzjonjiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Sitwazzjoni f'Gaża

Paula Lehtomäki (President fil-kariga tal-Kunsill) u Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni) għamlu d-dikjarazzjonijiet.

Tkellmu: Hans-Gert Poettering f'isem il-grupp PPE-DE, Martin Schulz f'isem il-grupp PSE, Graham Watson f'isem il-grupp ALDE, Hélène Flautre f'isem il-grupp Verts/ALE, Luisa Morgantini f'isem il-grupp GUE/NGL, Eoin Ryan f'isem il-grupp UEN, Bastiaan Belder f'isem il-grupp IND/DEM, Alessandro Battilocchio Membru mhux affiljat, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Véronique De Keyser, Alyn Smith, Adamos Adamou, Elmar Brok, Proinsias De Rossa, Tokia Saïfi, Panagiotis Beglitis, Ioannis Kasoulides, Béatrice Patrie, Charles Tannock, Edith Mastenbroek u Antonio Tajani.

IPPRESIEDA: Gérard ONESTA

*Viċi-President*

Tkellmu: Paula Lehtomäki u Margot Wallström.

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura:

— Francis Wurtz, Luisa Morgantini u Adamos Adamou f'isem il-grupp GUE/NGL, dwar is-sitwazzjoni f'Gaża (B6-0588/2006);

— Graham Watson, Chris Davies u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE, dwar is-sitwazzjoni f'Gaża (B6-0589/2006);

— Daniel Cohn-Bendit, Hélène Flautre, Angelika Beer, Jill Evans, Alyn Smith, Margrete Auken u Caroline Lucas f'isem il-grupp Verts/ALE, dwar is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża (B6-0590/2006);

— Pasqualina Napoletano, Véronique De Keyser u Hannes Swoboda f'isem il-grupp PSE, dwar is-sitwazzjoni f'Gaża (B6-0591/2006);

— Hans-Gert Poettering, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Charles Tannock, Ioannis Kasoulides u Tokia Saïfi f'isem il-grupp PPE-DE, dwar is-sitwazzjoni f'Gaża (B6-0592/2006);

— Roberta Angelilli, Konrad Szymański u Inese Vaidere f'isem il-grupp UEN, dwar is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża (B6-0610/2006).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.2 tal-Minuti ta' 16.11.2006*.

## 12. Konferenza dwar il-projbizzjoni ta' armi bijoloġiċi u tossiċi (BTA), bombi ta' frammentazzjoni u armi konvenzjonali (dibattitu)

Dikjarazzjonjiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Konferenza ta' eżami dwar il-konvenzjoni dwar il-projbizzjoni ta' armi bijoloġiċi u tossiċi (BTA) li se ssir fl-2006

Paula Lehtomäki (President fil-kariga tal-Kunsill) u Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni) għamlu d-dikjarazzjonijiet.

Tkellmu: Elizabeth Lynne f'isem il-grupp ALDE, Angelika Beer f'isem il-grupp Verts/ALE, Vittorio Agnoletto f'isem il-grupp GUE/NGL, Gerard Batten f'isem il-grupp IND/DEM, Philip Claeys Membru mhux affiljat, Achille Occhetto, Raül Romeva i Rueda, Ana Maria Gomes, Paula Lehtomäki u Margot Wallström.

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura:

— Giorgos Dimitrakopoulos u José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra f'isem il-grupp PPE-DE, dwar is-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTA), li ser issir f'Ġinevra mill-20 ta' Novembru sat-8 ta' Diċembru 2006 (B6-0585/2006);

— Jan Marinus Wiersma, Ana Maria Gomes u Achille Occhetto f'isem il-grupp PSE, dwar il-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni ta' armi bijoloġiċi u tossiċi (BTA), bombi ta' frammentazzjoni u armi konvenzjonali (B6-0586/2006);

— Tobias Pflüger, Mary Lou McDonald, Adamos Adamou, André Brie, Vittorio Agnoletto u Willy Meyer Pleite f'isem il-grupp GUE/NGL, dwar il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTA), bombi ta' frammentazzjoni u armi konvenzjonali (B6-0587/2006);

— Mogens N.J. Camre, Adam Bielan u Michał Tomasz Kamiński f'isem il-grupp UEN, dwar is-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTA), li ser issir f'Ġinevra mill-20 ta' Novembru sat-8 ta' Diċembru 2006 (B6-0593/2006);

— Elizabeth Lynne u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE, dwar is-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTA), li ser issir f'Ġinevra mill-20 ta' Novembru sat-8 ta' Diċembru 2006 (B6-0594/2006);

— Angelika Beer f'isem il-grupp Verts/ALE, dwar l-armi bijoloġiċi u l-armi konvenzjonali kiefra (il-Konferenzi ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi u tal-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni u r-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti armi konvenzjonali f'Novembru 2006) u dwar il-bżonn li jiġi pprojbit il-munizzjon ta' frammentazzjoni (B6-0611/2006).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.3 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 13. **Inizjattiva Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni ċivili** (dibattitu)

Mistoqsija orali (O-0115/2006) mressqa minn Karl-Heinz Florenz, f'isem il-Kumitat ENVI, Gerardo Galeote, f'isem il-Kumitat REGI, Joseph Daul, f'isem il-Kumitat AGRI, lill-Kunsill: Inizjattiva Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (B6-0442/2006).

Antonios Trakatellis, Gerardo Galeote u Markus Pieper għamlu l-mistoqsija orali.

Paula Lehtomäki (President fil-kariga tal-Kunsill) wieġeb il-mistoqsija orali

Tkellmu: Konstantinos Hatzidakis f'isem il-grupp PPE-DE, Edite Estrela f'isem il-grupp PSE, Jean Marie Beaupuy f'isem il-grupp ALDE, Derek Roland Clark f'isem il-grupp IND/DEM, u Paula Lehtomäki.

Id-dibattitu ngħalaq.

IPPRESIEDA: Mario MAURO

*Viċi-President*

## 14. **Qafas għall-aġenziji regolatorji Ewropej** (dibattitu)

Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Qafas għall-aġenziji regolatorji Ewropej

Paula Lehtomäki (President fil-kariga tal-Kunsill) u Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni) għamlu d-dikjarazzjonijiet

Tkellmu: Georgios Papastamkos f'isem il-grupp PPE-DE, Jo Leinen f'isem il-grupp PSE, Andrew Duff f'isem il-grupp ALDE, Paula Lehtomäki u Margot Wallström

Id-dibattitu ngħalaq.

*(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta: 17.20 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 17.35)*

## 15. **Strateġija għall-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana** (dibattitu)

Rapport dwar strateġija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku fil-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana (2006/2171 (INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Alexander Stubb (A6-0367/2006)

Alexander Stubb ippreżenta r-rapport.

Tkellmu: Paula Lehtomäki (President fil-kariga tal-Kunsill) u Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Giles Chichester (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat ITRE), Christopher Beazley f'isem il-grupp PPE-DE, Justas Vincas Paleckis f'isem il-grupp PSE, u Paavo Väyrynen f'isem il-grupp ALDE.

IPPRESIEDA: Edward McMILLAN-SCOTT

*Viċi-President*

Tkellmu: Inese Vaidere f'isem il-grupp UEN, Laima Liucija Andrikienė, Józef Pinior, Diana Wallis, Hanna Foltyn-Kubicka, Vytautas Landsbergis, Andres Tarand, Henrik Lax, Zdzisław Zbigniew Podkański, Charles Tannock, Katrin Saks, Anneli Jäätteenmäki, Bogdan Klich, Janusz Onyszkiewicz, Tunne Kelam, Margarita Starkevičiūtė, Bogusław Sonik u Margot Wallström.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.4 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 16. **L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP** (dibattitu)

Rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP (2006/2033(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Karl von Wogau (A6-0366/2006)

Karl von Wogau ippreżenta r-rapport.

Tkellem Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Elmar Brok f'isem il-grupp PPE-DE, Helmut Kuhne f'isem il-grupp PSE, Annemie Neyts-Uyttebroeck f'isem il-grupp ALDE, Angelika Beer f'isem il-grupp Verts/ALE, Tobias Pflüger f'isem il-grupp GUE/NGL, u Gerard Batten f'isem il-grupp IND/DEM

Id-dibattitu waqaf f'dan il-mument.

*(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta: 19.20 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 21.00.)*

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

IPPRESIEDA: Sylvia-Yvonne KAUFMANN

*Viċi-President*

## 17. Kompożizzjoni tal-gruppi politiċi

Marek Aleksander Czarnecki, Ryszard Czarnecki, Jan Tadeusz Masiel u Leopold Józef Rutowicz ingħaqdu mal-Grupp UEN b'seħħ mid-data 15.11.2006.

## 18. L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP (tkomplija tad-dibattitu)

Rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP (2006/2033(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Karl von Wogau (A6-0366/2006)

Tkellmu: Tunne Kelam, Libor Rouček, Alexander Lambsdorff, Raül Romeva i Rueda, Diamanto Manolakou, Konrad Szymański f'isem il-grupp UEN, Andrzej Tomasz Zapałowski, Geoffrey Van Orden, Ana Maria Gomes, Andrew Duff, Hélène Goudin, Bogdan Klich, Józef Pinior, Alexander Stubb u Hubert Pirker.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.5 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 19. Suċċessjonijiet u testmenti (dibattitu)

Rapport dwar rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar suċċessjoni u testmenti (2005/2148(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Legali.
Rapporteur: Giuseppe Gargani (A6-0359/2006)

Giuseppe Gargani ippreżenta r-rapport.

Tkellem Franco Frattini (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Manuel Medina Ortega f'isem il-grupp PSE, Diana Wallis f'isem il-grupp ALDE, u Maria Berger.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.6 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 20. In-nisa fil-politika internazzjonali (dibattitu)

Rapport dwar in-nisa fil-politika internazzjonali (2006/2057(INI)) — Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
Rapporteur: Ana Maria Gomes (A6-0362/2006)

Ana Maria Gomes ippreżentat ir-rapport.

Tkellem Franco Frattini (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Marie Panayotopoulos-Cassiotou f'isem il-grupp PPE-DE, Zita Gurmai f'isem il-grupp PSE, Anna Záborská, Pia Elda Locatelli, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Edite Estrela, Anna Hedh, Teresa Riera Madurell u Lidia Joanna Geringer de Oedenberg.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.7 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 21. Ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni (dibattitu)

Rapport dwar proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni (2006/2078(INI)) — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Edit Bauer (A6-0368/2006)

Edit Bauer ippreżentat ir-rapport.

IPPRESIEDA: Miroslav OUZKÝ
*Viċi-President*

Tkellem Franco Frattini (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Simon Coveney (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat AFET), Jean Lambert (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat EMPL), Maria Carlshamre (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat FEMM), Carlos Coelho f'isem il-grupp PPE-DE, Inger Segelström f'isem il-grupp PSE, Margrete Auken f'isem il-grupp Verts/ALE, Bairbre de Brún f'isem il-grupp GUE/NGL (din bdiet id-diskors tagħhu bl-Irlandiż, u l-President għarrafha li din il-lingwa ma tiġix interpretata waqt is-seduta plenarja), Irena Belohorská Membru mhux affiljata, Kinga Gál, Francisco Assis, Leopold Józef Rutowicz, Hubert Pirker, Andrzej Jan Szejna, Ivo Belet u Justas Vincas Paleckis.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.8 tal-Minuti ta' 16.11.2006*.

## 22. Aġenda għas-seduta li jmiss

L-aġenda tas-sessjoni ta' l-għada ġiet iffinalizzata (dokument "Aġenda" PE 379.744).

## 23. Għeluq tas-seduta

Ħin li fih ingħalqet is-seduta: 23.30.

| | |
|---|---|
| Julian Priestley | Miroslav Ouzký |
| *Segretarju Ġenerali* | *Viċi-President* |

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

## REĠISTRU TA' L-ATTENDENZA

Iffirmaw:

Adamou, Agnoletto, Aita, Albertini, Allister, Alvaro, Andersson, Andrejevs, Andria, Andrikienė, Angelilli, Antoniozzi, Arif, Arnaoutakis, Ashworth, Assis, Atkins, Attard-Montalto, Attwooll, Aubert, Audy, Auken, Ayala Sender, Aylward, Ayuso, Bachelot-Narquin, Baco, Badia i Cutchet, Barón Crespo, Barsi-Pataky, Batten, Battilocchio, Batzeli, Bauer, Beaupuy, Beazley, Becsey, Beer, Beglitis, Belder, Belet, Belohorská, Bennahmias, Berend, Berès, van den Berg, Berger, Berlato, Berlinguer, Berman, Bielan, Birutis, Bobošíková, Böge, Bösch, Bonde, Bono, Bonsignore, Booth, Borghezio, Borrell Fontelles, Bossi, Bourlanges, Bourzai, Bowis, Bowles, Bozkurt, Bradbourn, Braghetto, Brejc, Brepoels, Breyer, Březina, Brok, Budreikaitė, van Buitenen, Buitenweg, Bullmann, Bushill-Matthews, Busk, Busquin, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Calabuig Rull, Callanan, Camre, Capoulas Santos, Cappato, Carlotti, Carlshamre, Carnero González, Carollo, Casa, Cashman, Casini, Caspary, Castex, Castiglione, del Castillo Vera, Catania, Cederschiöld, Cercas, Chatzimarkakis, Chichester, Chiesa, Chmielewski, Christensen, Chruszcz, Claeys, Clark, Cocilovo, Coelho, Cohn-Bendit, Corbett, Cornillet, Correia, Costa, Cottigny, Coveney, Cramer, Crowley, Marek Aleksander Czarnecki, Ryszard Czarnecki, Daul, Davies, De Blasio, de Brún, Degutis, Dehaene, De Keyser, Demetriou, Deprez, De Rossa, De Sarnez, Descamps, Désir, Deß, Deva, De Veyrac, De Vits, Díaz de Mera García Consuegra, Dičkutė, Didžiokas, Díez González, Dillen, Dimitrakopoulos, Dobolyi, Doorn, Douay, Dover, Drčar Murko, Duchoň, Duff, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Ek, El Khadraoui, Elles, Esteves, Estrela, Ettl, Eurlings, Jill Evans, Robert Evans, Fajmon, Falbr, Farage, Fatuzzo, Fava, Fazakas, Ferber, Fernandes, Fernández Martín, Anne Ferreira, Elisa Ferreira, Figueiredo, Fjellner, Flasarová, Flautre, Florenz, Foglietta, Foltyn-Kubicka, Fontaine, Ford, Fourtou, Fraga Estévez, Frassoni, Freitas, Friedrich, Fruteau, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, García-Margallo y Marfil, García Pérez, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gebhardt, Gentvilas, Geringer de Oedenberg, Gewalt, Gibault, Gierek, Giertych, Gill, Gklavakis, Glante, Glattfelder, Gobbo, Goepel, Golik, Gollnisch, Gomes, Gomolka, Gottardi, Goudin, Grabowska, Grabowski, Graça Moura, Graefe zu Baringdorf, Gräßle, de Grandes Pascual, Grech, Griesbeck, Gröner, de Groen-Kouwenhoven, Groote, Grosch, Grossetête, Gruber, Guardans Cambó, Guellec, Guerreiro, Guidoni, Gurmai, Gutiérrez-Cortines, Guy-Quint, Gyürk, Hänsch, Hall, Hammerstein, Hamon, Handzlik, Hannan, Harangozó, Harbour, Harkin, Harms, Hasse Ferreira, Hatzidakis, Haug, Hazan, Heaton-Harris, Hedh, Hedkvist Petersen, Helmer, Henin, Hennicot-Schoepges, Hennis-Plasschaert, Herczog, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Holm, Honeyball, Hoppenstedt, Horáček, Howitt, Hudacký, Hudghton, Hughes, Hutchinson, Ibrisagic, in 't Veld, Itälä, Iturgaiz Angulo, Jackson, Jäätteenmäki, Jałowiecki, Janowski, Járóka, Jarzembowski, Jeggle, Jensen, Joan i Marí, Jöns, Jørgensen, Jonckheer, Jordan Cizelj, Juknevičienė, Kacin, Kaczmarek, Kallenbach, Kamall, Kamiński, Karas, Karatzaferis, Karim, Kasoulides, Kaufmann, Kauppi, Tunne Kelam, Kindermann, Kinnock, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Klinz, Knapman, Koch, Kohlíček, Konrad, Kósáné Kovács, Koterec, Kozlík, Krahmer, Krarup, Krasts, Kratsa-Tsagaropoulou, Krehl, Krupa, Kuc, Kudrycka, Kuhne, Kułakowski, Kušķis, Kusstatscher, Kuźmiuk, Lagendijk, Laignel, Lamassoure, Lambert, Lambrinidis, Landsbergis, Lang, Langen, Langendries, Laperrouze, La Russa, Lax, Lechner, Le Foll, Lehne, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Jean-Marie Le Pen, Marine Le Pen, Le Rachinel, Lévai, Lewandowski, Liberadzki, Libicki, Lichtenberger, Lienemann, Liese, Liotard, Lipietz, Locatelli, Lombardo, Losco, Louis, Lucas, Lulling, Lundgren, Lynne, Maat, McAvan, McCarthy, McGuinness, McMillan-Scott, Madeira, Maldeikis, Manders, Maňka, Erika Mann, Thomas Mann, Manolakou, Mantovani, Markov, Marques, Martens, David Martin, Hans-Peter Martin, Martínez Martínez, Maštálka, Mastenbroek, Mathieu, Mato Adrover, Matsakis, Matsis, Matsouka, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Medina Ortega, Méndez de Vigo, Meyer Pleite, Miguélez Ramos, Mikko, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Mölzer, Mohácsi, Montoro Romero, Moraes, Moreno Sánchez, Morgan, Morgantini, Moscovici, Mote, Mulder, Muscat, Musotto, Mussolini, Myller, Napoletano, Nassauer, Nattrass, Newton Dunn, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Nicholson, Niebler, van Nistelrooij, Novak, Obiols i Germà, Achille Occhetto, Öger, Özdemir, Olajos, Olbrycht, Ó Neachtain, Onesta, Ortuondo Larrea, Őry, Ouzký, Oviir, Paasilinna, Pack, Pahor, Paleckis, Panayotopoulos-Cassiotou, Pannella, Panzeri, Papadimoulis, Papastamkos, Parish, Patriciello, Patrie, Peillon, Pęk, Alojz Peterle, Pflüger, Piecyk, Pieper, Pīks, Pinheiro, Pinior, Piotrowski, Pirilli, Pirker, Piskorski, Pistelli, Pittella, Pleguezuelos Aguilar, Pleštinská, Podestà, Podkański, Pöttering, Poignant, Polfer, Poli Bortone, Pomés Ruiz, Portas, Posdorf, Posselt, Prets, Prodi, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Ransdorf, Rapkay, Rasmussen, Remek, Resetarits, Reul, Reynaud, Ribeiro e Castro, Riera Madurell, Ries, Riis-Jørgensen, Rivera, Rizzo, Rocard, Rogalski, Roithová, Romagnoli, Romeva i Rueda, Rosati, Roth-Behrendt, Rothe, Rouček, Roure, Rudi Ubeda, Rübig, Rühle, Rutowicz, Ryan, Sacconi, Saïfi, Sakalas, Saks, Salafranca Sánchez-Neyra, Salinas García, Samaras, Sánchez Presedo, dos Santos, Sartori, Saryusz-Wolski, Savary, Savi, Sbarbati, Schaldemose, Schapira, Scheele, Schenardi, Schierhuber, Schlyter, Olle Schmidt, Frithjof Schmidt, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schroedter, Schuth, Schwab, Seeber, Seeberg, Segelström, Seppänen, Siekierski, Sifunakis, Silva Peneda, Simpson, Sinnott, Škottová, Smith, Sommer, Sonik, Sousa Pinto, Spautz, Speroni, Staes, Staniszewska, Starkevičiūtė, Stauner, Sterckx, Stevenson, Stihler, Stockmann, Strejček, Strož, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Susta, Svensson, Swoboda, Szájer, Szejna, Szent-Iványi, Szymański, Tabajdi, Tajani, Takkula, Tannock, Tarabella, Tarand, Tatarella, Thomsen, Thyssen, Titford, Titley, Toia, Tomczak, Toussas,

Trakatellis, Trautmann, Triantaphyllides, Trüpel, Turmes, Tzampazi, Uca, Ulmer, Väyrynen, Vaidere, Vakalis, Vanhecke, Van Lancker, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Vaugrenard, Ventre, Veraldi, Vergnaud, Vernola, Vidal-Quadras, Vincenzi, Virrankoski, Vlasák, Vlasto, Voggenhuber, Wagenknecht, Wallis, Walter, Watson, Henri Weber, Manfred Weber, Weiler, Weisgerber, Westlund, Wieland, Wiersma, Willmott, Wise, von Wogau, Wohlin, Bernard Piotr Wojciechowski, Janusz Wojciechowski, Wortmann-Kool, Wurtz, Xenogiannakopoulou, Yañez-Barnuevo García, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zani, Zapałowski, Zappalà, Zatloukal, Ždanoka, Železný, Zieleniec, Zīle, Zimmer, Zvěřina, Zwiefka

Osservaturi:

Ali, Anastase, Arabadjiev, Athanasiu, Bărbuleţiu, Bliznashki, Buruiană-Aprodu, Cappone, Ciornei, Cioroianu, Corlăţean, Coşea, Corina Creţu, Gabriela Creţu, Martin Dimitrov, Duca, Dumitrescu, Ganţ, Hogea, Husmenova, Iacob-Ridzi, Ivanova, Kazak, Kelemen, Kirilov, Kónya-Hamar, Marinescu, Mihăescu, Mihalache, Morţun, Paparizov, Parvanova, Paşcu, Petre, Podgorean, Popa, Popeangă, Sârbu, Severin, Silaghi, Sofianski, Stoyanov, Szabó, Ţicău, Ţîrle, Vălean, Vigenin

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

*ANNESS I*

## RIŻULTATI TAL-VOTAZZJONIJIET

**Abbrevjazzjonijiet u simboli**

| | |
|---|---|
| + | adottat |
| - | irrifjutat/a |
| ↓ | skadut/a |
| Ir | irtirat/a |
| VSI (…, …, …) | votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet (favur, kontra, astenew) |
| VE (…, …, …) | votazzjoni elettronika (favur, kontra, astenew) |
| Vmaq | votazzjoni maqsuma |
| Vsep | votazzjoni separata |
| em | emenda |
| EmK | emenda ta' kompromess |
| PK | parti korrispondenti |
| EmT | emenda li tħassar |
| = | emendi identiċi |
| § | paragrafu |
| Art | Artikolu |
| Pre | premessa |
**PPE-DE**: Albertini, Andrikienė, Antoniozzi, Ashworth, Atkins, Audy, Ayuso, Bachelot-Narquin, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bonsignore, Bowis, Bradbourn, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Brok, Bushill-Matthews, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Callanan, Carollo, Casa, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Coveney, Daul, De Blasio, Dehaene, Demetriou, Descamps, Deß, Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Doorn, Dover, Duchoň, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Esteves, Eurlings, Fajmon, Fatuzzo, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Freitas, Friedrich, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, García-Margallo y Marfil, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gewalt, Gklavakis, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gyürk, Handzlik, Hannan, Harbour, Hatzidakis, Heaton-Harris, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hoppenstedt, Hudacký, Itälä, Jackson, Jałowiecki, Járóka, Jarzembowski, Jeggle, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Kamall, Karas, Kasoulides, Kelam, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušķis, Lamassoure, Landsbergis, Langen, Langendries, Lechner, Lehne, Lewandowski, Liese, Lombardo, López-Istúriz White, Lulling, Maat, McGuinness, McMillan-Scott, Mann Thomas, Mantovani, Marques, Martens, Mathieu, Mato Adrover, Matsis, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Méndez de Vigo, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Montoro Romero, Musotto, Nassauer, Nicholson, Niebler, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Patriciello, Peterle, Pīks, Pinheiro, Pirker, Pleštinská, Podestà, Poettering, Posdorf, Posselt, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Reul, Roithová, Rudi Ubeda, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Samaras, Sartori, Saryusz-Wolski, Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Sommer, Sonik, Spautz, Stauner, Stevenson, Strejček, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Szájer, Tajani, Tannock, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Vakalis, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Ventre, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasák, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wohlin, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zappalà, Zatloukal, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE**: Andersson, Assis, Attard-Montalto, Ayala Sender, Badia I Cutchet, Barón Crespo, van den Berg, Berger, Bösch, Bozkurt, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carnero González, Cercas, Christensen, Corbett, Correia, De Rossa, De Vits, Díez González, Dobolyi, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Evans Robert, Falbr, Fava, Fazakas, Fernandes, Ferreira Elisa, Ford, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Glante, Golik, Gomes, Gottardi, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Hänsch, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Hedkvist Petersen, Herczog, Honeyball, Howitt, Hughes, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kinnock, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Kuc, Kuhne, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Lévai, Liberadzki, Locatelli, McAvan, McCarthy, Madeira, Maňka, Martin David, Martínez Martínez, Mastenbroek, Medina Ortega, Miguélez Ramos, Mikko, Moraes, Moreno Sánchez, Morgan, Muscat, Myller, Napoletano, Obiols i Germà, Occhetto, Öger, Pahor, Paleckis, Panzeri, Piecyk, Pinior, Pittella, Pleguezuelos Aguilar, Prets, Rapkay, Rasmussen, Riera Madurell, Rosati, Roth-Behrendt, Rothe, Rouček, Sacconi, Sakalas, Saks, Salinas García, Sánchez Presedo, dos Santos, Schaldemose, Scheele, Schulz, Segelström, Simpson, Sousa Pinto, Stihler, Stockmann, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarand, Thomsen, Titley, Van Lancker, Walter, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Yañez-Barnuevo García, Zani

**UEN**: Angelilli, Aylward, Berlato, Crowley, Didžiokas, Foglietta, Foltyn-Kubicka, Janowski, Krasts, Kuźmiuk, La Russa, Libicki, Maldeikis, Ó Neachtain, Pirilli, Podkański, Poli Bortone, Ryan, Szymański, Tatarella, Vaidere, Wojciechowski Janusz, Zīle

**Verts/ALE**: Cohn-Bendit, Hammerstein Mintz, Voggenhuber, Ždanoka

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

***Astensjonijiet: 42***

**NI**: Allister, Baco, Belohorská, Borghezio, Claeys, Dillen, Martin Hans-Peter, Mote, Speroni, Vanhecke

**PSE**: Berlinguer

**Verts/ALE**: Aubert, Auken, Beer, Breyer, van Buitenen, Buitenweg, Cramer, Evans Jill, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Harms, Horáček, Hudghton, Joan i Marí, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lipietz, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schmidt Frithjof, Schroedter, Staes, Trüpel, Turmes

**29. Rakkomandazzjoni Gebhardt A6-0375/2006**
**Emenda 23**

***Favur: 86***

**ALDE**: Prodi, Veraldi

**GUE/NGL**: Adamou, Agnoletto, Aita, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Guidoni, Henin, Holm, Kaufmann, Kohlíček, Liotard, Markov, Maštálka, Meyer Pleite, Morgantini, Papadimoulis, Pflüger, Portas, Ransdorf, Remek, Rizzo, Seppänen, Strož, Svensson, Toussas, Triantaphyllides, Uca, Wagenknecht, Wurtz, Zimmer

**IND/DEM**: Batten, Bonde, Booth, Clark, Coûteaux, Farage, Louis, Nattrass, Sinnott, Titford, Wise

**NI**: Gollnisch, Lang, Le Pen Marine, Romagnoli, Schenardi

**PSE**: Arif, Beglitis, Berès, Bono, Bourzai, Carlotti, Castex, Chiesa, Cottigny, De Keyser, Désir, Douay, Ferreira Anne, Fruteau, Guy-Quint, Hamon, Hazan, Hutchinson, Laignel, Le Foll, Lienemann, Patrie, Peillon, Poignant, Reynaud, Rocard, Roure, Savary, Tarabella, Trautmann, Vaugrenard, Vergnaud, Weber Henri

**UEN**: Camre

**Verts/ALE**: Schlyter

***Kontra: 543***

**ALDE**: Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Beaupuy, Birutis, Bourlanges, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cappato, Carlshamre, Chatzimarkakis, Cocilovo, Costa, Davies, Degutis, Deprez, De Sarnez, Dičkutė, Drčar Murko, Duff, Ek, Fourtou, Gentvilas, Griesbeck, Hall, Harkin, Hennis-Plasschaert, in 't Veld, Jäätteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Kacin, Karim, Klinz, Krahmer, Kułakowski, Lambsdorff, Laperrouze, Lax, Losco, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Mohácsi, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Pannella, Piskorski, Polfer, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Savi, Sbarbati, Schmidt Olle, Schuth, Staniszewska, Starkevičiūtė, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toia, Väyrynen, Virrankoski, Wallis, Watson

**IND/DEM**: Belder, Goudin, Grabowski, Krupa, Lundgren, Pęk, Piotrowski, Rogalski, Tomczak, Zapałowski, Železný

**NI**: Battilocchio, Belohorská, Bobošíková, Chruszcz, Claeys, Czarnecki Marek Aleksander, Czarnecki Ryszard, Dillen, Giertych, Helmer, Martin Hans-Peter, Mölzer, Mussolini, Rivera, Rutowicz, Vanhecke, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE**: Albertini, Andrikienė, Antoniozzi, Ashworth, Atkins, Audy, Ayuso, Bachelot-Narquin, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bonsignore, Bowis, Bradbourn, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Brok, Bushill-Matthews, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Callanan, Carollo, Casa, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Coveney, Daul, De Blasio, Dehaene, Demetriou, Descamps, Deß, Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Doorn, Dover, Duchoň, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Elles, Esteves, Eurlings, Fajmon, Ferber, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Freitas, Friedrich, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, García-Margallo y Marfil, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gewalt, Gklavakis, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gyürk, Handzlik, Hannan, Harbour, Hatzidakis, Heaton-Harris, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hoppenstedt, Hudacký, Itälä, Iturgaiz Angulo, Jackson, Jałowiecki, Járóka, Jarzembowski, Jeggle, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Kamall, Karas, Kasoulides, Kelam, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušķis, Lamassoure, Landsbergis, Langen, Langendries, Lechner, Lehne, Lewandowski, Liese,

Lombardo, López-Istúriz White, Lulling, Maat, McGuinness, McMillan-Scott, Mann Thomas, Mantovani, Marques, Martens, Mathieu, Mato Adrover, Matsis, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Méndez de Vigo, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Montoro Romero, Musotto, Nassauer, Nicholson, Niebler, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Patriciello, Peterle, Pieper, Pīks, Pinheiro, Pirker, Pleštinská, Podestà, Poettering, Pomés Ruiz, Posdorf, Posselt, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Reul, Roithová, Rudi Ubeda, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Samaras, Saryusz-Wolski, Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Sommer, Sonik, Spautz, Stauner, Stevenson, Strejček, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Szájer, Tajani, Tannock, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Vakalis, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Ventre, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasák, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wohlin, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zappalà, Zatloukal, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE**: Andersson, Arnaoutakis, Assis, Attard-Montalto, Ayala Sender, Badia I Cutchet, Barón Crespo, van den Berg, Berger, Berman, Bösch, Bozkurt, Bullmann, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carnero González, Cercas, Christensen, Corbett, Correia, De Rossa, De Vits, Díez González, Dobolyi, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Evans Robert, Falbr, Fava, Fazakas, Fernandes, Ferreira Elisa, Ford, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Glante, Golik, Gottardi, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Hänsch, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Hedkvist Petersen, Herczog, Honeyball, Howitt, Hughes, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kinnock, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Kuc, Kuhne, Lambrinidis, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Lévai, Liberadzki, Locatelli, McAvan, McCarthy, Madeira, Maňka, Martin David, Martínez Martínez, Mastenbroek, Matsouka, Medina Ortega, Miguélez Ramos, Mikko, Moraes, Moreno Sánchez, Morgan, Moscovici, Muscat, Myller, Napoletano, Obiols i Germà, Occhetto, Öger, Paasilinna, Pahor, Paleckis, Panzeri, Piecyk, Pinior, Pittella, Pleguezuelos Aguilar, Prets, Rapkay, Rasmussen, Riera Madurell, Rosati, Roth-Behrendt, Rothe, Rouček, Sacconi, Sakalas, Saks, Salinas García, Sánchez Presedo, dos Santos, Schaldemose, Scheele, Schulz, Segelström, Sifunakis, Simpson, Sousa Pinto, Stihler, Stockmann, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarand, Thomsen, Titley, Tzampazi, Van Lancker, Walter, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Yañez-Barnuevo García, Zani

**UEN**: Angelilli, Aylward, Berlato, Crowley, Didžiokas, Foglietta, Foltyn-Kubicka, Janowski, Krasts, Kuźmiuk, La Russa, Libicki, Maldeikis, Ó Neachtain, Pirilli, Podkański, Poli Bortone, Ryan, Szymański, Tatarella, Vaidere, Wojciechowski Janusz, Zīle

**Verts/ALE**: Aubert, Auken, Beer, Bennahmias, Breyer, Cramer, Evans Jill, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein Mintz, Harms, Horáček, Hudghton, Joan i Marí, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schmidt Frithjof, Schroedter, Staes, Trüpel, Turmes, Voggenhuber, Ždanoka

***Astensjonijiet:* 9**

**IND/DEM**: Karatzaferis

**NI**: Allister, Baco, Borghezio, Kozlík, Mote, Speroni

**PSE**: Berlinguer

**Verts/ALE**: van Buitenen

***Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot***

***Kontra:*** Rainer Wieland

**30. Rakkomandazzjoni Gebhardt A6-0375/2006**
**Emenda 28**

***Favur:* 149**

**ALDE**: Cocilovo, Prodi, Veraldi

**GUE/NGL**: Adamou, Agnoletto, Aita, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Guidoni, Henin, Holm, Kaufmann, Kohlíček, Liotard, Maštálka, Meyer Pleite, Morgantini, Papadimoulis, Pflüger, Portas, Ransdorf, Remek, Rizzo, Seppänen, Strož, Svensson, Toussas, Triantaphyllides, Uca, Wagenknecht, Wurtz, Zimmer

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

**IND/DEM**: Batten, Bonde, Booth, Clark, Coûteaux, Farage, Karatzaferis, Louis, Nattrass, Sinnott, Titford, Wise

**NI**: Borghezio, Claeys, Dillen, Gollnisch, Lang, Le Pen Marine, Martin Hans-Peter, Mölzer, Romagnoli, Schenardi, Speroni, Vanhecke

**PPE-DE**: Landsbergis

**PSE**: Arif, Arnaoutakis, Beglitis, Berès, Berlinguer, Berman, Bono, Bourzai, Carlotti, Castex, Chiesa, Cottigny, De Keyser, Désir, De Vits, Douay, El Khadraoui, Fava, Ferreira Anne, Fruteau, Gottardi, Guy-Quint, Hamon, Hazan, Hutchinson, Laignel, Lambrinidis, Le Foll, Lienemann, Locatelli, Matsouka, Moscovici, Napoletano, Panzeri, Patrie, Peillon, Pittella, Poignant, Reynaud, Rocard, Roure, Savary, Schapira, Sifunakis, Tarabella, Trautmann, Tzampazi, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Zani

**UEN**: Camre, Wojciechowski Janusz

**Verts/ALE**: Aubert, Auken, Beer, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cohn-Bendit, Cramer, Evans Jill, Flautre, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein Mintz, Harms, Horáček, Hudghton, Joan i Marí, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Schmidt Frithjof, Schroedter, Staes, Trüpel, Turmes, Voggenhuber

***Kontra: 483***

**ALDE**: Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Beaupuy, Birutis, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cappato, Chatzimarkakis, Costa, Degutis, Deprez, De Sarnez, Dičkutė, Drčar Murko, Duff, Ek, Fourtou, Gentvilas, Griesbeck, Hall, Harkin, Hennis-Plasschaert, in 't Veld, Jäätteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Kacin, Karim, Klinz, Krahmer, Kułakowski, Lambsdorff, Laperrouze, Lax, Losco, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Mohácsi, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Pannella, Piskorski, Polfer, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Savi, Sbarbati, Schmidt Olle, Schuth, Staniszewska, Starkevičiūtė, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toia, Väyrynen, Virrankoski, Wallis, Watson

**IND/DEM**: Belder, Goudin, Grabowski, Krupa, Lundgren, Pęk, Piotrowski, Rogalski, Tomczak, Zapałowski, Železný

**NI**: Baco, Battilocchio, Belohorská, Chruszcz, Czarnecki Marek Aleksander, Czarnecki Ryszard, Giertych, Helmer, Mote, Mussolini, Rivera, Rutowicz, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE**: Albertini, Andrikienė, Antoniozzi, Ashworth, Atkins, Audy, Ayuso, Bachelot-Narquin, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bonsignore, Bowis, Bradbourn, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Brok, Bushill-Matthews, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Callanan, Carollo, Casa, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Coveney, Daul, De Blasio, Dehaene, Demetriou, Descamps, Deß, Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Doorn, Dover, Duchoň, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Elles, Esteves, Eurlings, Fajmon, Fatuzzo, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Freitas, Friedrich, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, García-Margallo y Marfil, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gewalt, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gyürk, Handzlik, Hannan, Harbour, Hatzidakis, Heaton-Harris, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hoppenstedt, Hudacký, Itälä, Iturgaiz Angulo, Jackson, Jałowiecki, Járóka, Jarzembowski, Jeggle, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Kamall, Karas, Kasoulides, Kelam, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušķis, Lamassoure, Langen, Langendries, Lechner, Lehne, Lewandowski, Liese, Lombardo, Lulling, Maat, McGuinness, McMillan-Scott, Mann Thomas, Mantovani, Marques, Martens, Mathieu, Mato Adrover, Matsis, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Méndez de Vigo, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Montoro Romero, Musotto, Nassauer, Nicholson, Niebler, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Patriciello, Peterle, Pieper, Pīks, Pinheiro, Pirker, Pleštinská, Podestà, Poettering, Pomés Ruiz, Posdorf, Posselt, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Reul, Roithová, Rudi Ubeda, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Samaras, Sartori, Saryusz-Wolski, Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Sommer, Spautz, Stauner, Stevenson, Strejček, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Szájer, Tajani, Tannock, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Vakalis, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Ventre, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasák, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wohlin, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zappalà, Zatloukal, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE**: Andersson, Assis, Attard-Montalto, Ayala Sender, Badia I Cutchet, Barón Crespo, van den Berg, Berger, Bösch, Bozkurt, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carnero González, Cercas, Christensen, Corbett, Correia, De Rossa, Díez González, Dobolyi, Estrela, Ettl, Evans Robert, Falbr, Fazakas, Fernandes, Ferreira Elisa, Ford, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Glante, Golik, Gomes, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Hänsch, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Hedkvist Petersen, Herczog, Honeyball, Howitt, Hughes, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kinnock, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Kuc, Kuhne, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Lévai, McAvan, McCarthy, Madeira, Maňka, Martin David, Martínez Martínez, Mastenbroek, Medina Ortega, Miguélez Ramos, Mikko, Moraes, Moreno Sánchez, Morgan, Muscat, Myller, Obiols i Germà, Occhetto, Öger, Paasilinna, Pahor, Paleckis, Piecyk, Pinior, Pleguezuelos Aguilar, Prets, Rapkay, Rasmussen, Riera Madurell, Rosati, Roth-Behrendt, Rothe, Rouček, Sakalas, Saks, Salinas García, Sánchez Presedo, dos Santos, Schaldemose, Scheele, Schulz, Segelström, Simpson, Sousa Pinto, Stihler, Stockmann, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarand, Thomsen, Titley, Walter, Weber Henri, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Yañez-Barnuevo García

**UEN**: Angelilli, Aylward, Berlato, Crowley, Didžiokas, Foglietta, Foltyn-Kubicka, Janowski, Krasts, Kuźmiuk, La Russa, Libicki, Maldeikis, Ó Neachtain, Pirilli, Podkański, Poli Bortone, Ryan, Szymański, Tatarella, Vaidere, Zīle

**Verts/ALE**: Ždanoka

***Astensjonijiet: 3***

**NI**: Allister, Kozlík

**Verts/ALE**: van Buitenen

***Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot***

***Favur:*** Henri Weber

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

# TESTI ADOTTATI

**P6_TA(2006)0488**

## Strateġija ta' Qafas ġdida għall-multilingwiżmu

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar strateġija ta' qafas ġdida għall-multilingwiżmu (2006/2083(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 192 (2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 149, 151 u 308 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Jannar 2003 dwar l-irwol ta' l-awtoritajiet reġjunali u lokali fl-integrazzjoni Ewropea ([1]) u r-referenza li hemm fihom għad-diversità lingwistika fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1934/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar is-Sena Ewropea tal-Lingwi 2001 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Frar 2002 dwar il-promozzjoni tad-diversità lingwistika u t-tagħlim tal-lingwi fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-objettivi tas-Sena Ewropea tal-Lingwi 2001 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew tal-Minoranzi tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1998,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Settembru 2003 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-ilsna Ewropej reġjonali u dawk użati inqas — l-ilsna tal-minoranzi fl-UE — fil-kuntest tat-tkabbir u tad-diversità kulturali ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0372/2006),

A. billi r-rispett għad-diversità lingwistika u kulturali huwa prinċipju bażiku ta' l-UE u huwa mħaddan fit-termini li ġejjin fl-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea: 'L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika',

B. billi l-multilingwiżmu huwa karatteristika speċjali ta' l-UE li tagħmilha eżempju ċar kif ukoll komponent bażiku tal-kultura Ewropea,

C. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Jannar 2003, imsemmija hawn fuq, għamel sejħa biex l-Artikolu 151a ġdid li ġej jiddaħħal fit-Trattat KE: 'Il-Komunità għandha, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha, tirrispetta u tippromwovi d-diversità lingwistika fl-Ewropa, inklużi l-lingwi reġjonali jew tal-minoranzi bħala espressjoni ta' dik id-diversità, billi tinkuraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u permezz ta' l-użu ta' strumenti xierqa oħra għall-avvanz ta' dan l-għan',

D. billi l-promozzjoni tal-multilingwiżmu f'Ewropa pluralista hija fattur essenzjali fl-integrazzjoni kulturali, ekonomika u soċjali, li tkabbar il-kapaċitajiet taċ-ċittadini u tiffaċilita l-mobilità tagħhom,

([1]) ĠU C 38 E, 12.2.2004, p. 167.
([2]) ĠU L 232, 14.9.2000, p. 1.
([3]) ĠU C 50, 23.2.2002, p. 1.
([4]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 374.

E. billi xi ilsna Ewropej huma mitkellma wkoll f'għadd kbir ta' pajjiżi li m'humiex membri u jikkostitwixxu rabta importanti bejn popli u nazzjonijiet ta' reġjuni differenti fid-dinja,

F. billi teżisti abilità partikulari ta' wħud mill-ilsna Ewropej li jistabbilixxu komunikazzjoni diretta immedjata ma' bnadi oħra tad-dinja,

G. billi d-diversità lingwistika tista' tkun element ta' koeżjoni soċjali u għajn ta' tolleranza, aċċettazzjoni tad-differenzi, identifikazzjoni u fehim reċiproku bejn il-popli,

H. billi l-multilingwiżmu għandu jfittex ukoll li jippromwovi r-rispett għad-diversità u t-tolleranza bil-ħsieb li jitwaqqaf it-tfaċċar ta' kwalunkwe kunflitt attiv jew passiv bejn komunitajiet ta' ilsna differenti fl-Istati Membri,

I. billi l-lingwi kollha, bħala mezz preminenti għall-aċċess għal kultura, huma mod distint kif tkun ipperċepita u deskritta r-realtà u għalhekk għandhom ikunu jistgħu jgawdu mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp tagħhom,

J. billi, sabiex jiġi nkuraġġut it-tagħlim ta' ilsna oħra u għalhekk sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' "ilsien l-omm +2", huwa importanti li wieħed ikun jaf bil-prinċipji li wieħed jitgħallem jitkellem kif ukoll li jifformula u jikseb kunċetti bażiċi fit-tfulija bikrija, li jsostnu l-kompetenza f'ilsien l-omm,

K. billi l-lingwi reġjonali u tal-minoranzi huma teżor kulturali kbir u, meta wieħed iqis li dawn jikkostitwixxu wirt kulturali komuni, l-appoġġ biex ikunu ppreservati għandu jittejjeb,

L. billi l-Parlament u l-Kumitat tar-Reġjuni indirizzaw il-kwistjoni ta' l-importanza ta' lingwi użati anqas f'ħafna okkażjonijiet u billi fil-preżent m'hemm l-ebda dispożizzjoni legali fil-livell ta' l-UE dwar lingwi Ewropej reġjonali u użati inqas,

M. billi għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-promozzjoni ta' l-aċċess għat-tagħlim ta' l-ilsna għal persuni f'ċirkustanzi żvantaġġjati jew diffiċli jew dawk b'diżabbiltajiet,

***Kummenti Speċifiċi dwar l-Istrateġija ta' Qafas***

1. Jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-Istrateġija ta' Qafas ġdida, sabiex jittrawwem l-għerf ta' l-ilsna u sabiex tieħu vantaġġ kulturali u soċjoekonomiku minnu;

2. Iqis li, sabiex jinkisbu l-objettivi stabbiliti mill-istrateġija ta' Liżbona, huwa essenzjali li jittejbu l-kwalità, l-effettività u l-aċċessibilità tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Unjoni Ewropea billi jiġi promoss it-tagħlim ta' ilsna barranin;

3. Jagħraf l-importanza strateġika ta' l-Ilsna Ewropej Dinjija bħala mezz ta' komunikazzjoni u ta' solidarjetà, koperazzjoni u investiment ekonomiku u, għaldaqstant, bħala waħda mil-linji gwida politiċi ewlenin tal-politika Ewropea dwar il-multilingwiżmu;

4. Jilqa' bi pjaċir l-objettiv fuq perjodu ta' żmien twil tal-Kummissjoni biex ittejjeb ħiliet lingwistiċi individwali, b'referenza għall-mira stabbilita fl-2002 fil-Kunsill Ewropew ta' Barċellona biex iċ-ċittadini jitgħallmu mill-inqas żewġ lingwi barranin minbarra l-lingwa nattiva tagħhom;

5. Ifakkar lill-Istati Membri ta' l-UE, għal dak il-għan, li huwa neċessarju li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi promossa politika ġenwina dwar l-abilitajiet biex wieħed jitgħallem ilsna barranin; barra minn hekk, jafferma mill-ġdid li t-tagħlim ta' l-ilsna minn kmieni huwa ta' importanza konsiderevoli, u għandu jkun imsejjes fuq metodi effettivi skond l-aqwa tekniki disponibbli;

6. Huwa tal-fehma li hemm nuqqas ta' dejta dettaljata u ta' min wieħed joqgħod fuqha u ta' indikaturi adegwati marbuta mas-sitwazzjoni attwali ta' kompetenza fil-lingwi barranin fl-Istati Membri u għalhekk jilqa' l-proposta għal Indikatur Ewropew tal-Kompetenza Lingwistika; dak l-indikatur għandu jinkludi l-ilsna uffiċjali kollha ta' l-UE u jista', jekk ikun fattibbli mill-aspett proċedurali, jiġi estiż lil hinn mill-ħames ilsna l-iktar mitkellma biex jinkludi l-ilsna l-oħra ta' l-UE, sabiex tinkiseb stampa vera tal-kompetenza lingwistika;

7. Jemmen li proposti għall-multilingwiżmu m'għandhomx ikunu limitati għall-ilsna uffiċjali ewlenin / ta' l-Istati Membri;

8. Jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni biex tagħti liċ-ċittadini tagħha aċċess għal-leġiżlazzjoni, il-proċeduri u l-informazzjoni ta' l-UE fl-ilsna tagħhom stess; madanakollu dan għandu jinkludi kemm jista' jkun mill-ilsna ta' l-Istati Membri użati miċ-ċittadini ta' l-UE; b'dan il-mod id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li ċ-ċittadini għandu jkollhom dritt ta' aċċess għall-UE fi lsienhom stess mingħajr l-ebda xkiel issir realtà; dan ikun pass importanti biex jitnaqqas id-distakk bejn l-UE u bosta miċ-ċittadini tagħha, li huwa l-għan ewlieni tal-Pjan D għad-Demokrazija, għad-Djalogu u għad-Dibattitu;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-għoddod diġitali u teknoloġiċi ġodda għat-traduzzjoni fis-siti tagħhom fuq l-Internet sabiex jippermettu liċ-ċittadini Ewropej li jkollhom aċċess għal, u jiksbu mill-Internet, informazzjoni dwar l-Ewropa fl-ilsna tagħhom stess;

10. Huwa tal-fehma li jkun xieraq li jiġu pprovduti l-aktar opportunitajiet wiesa' għall-migranti biex jitgħallmu l-ilsien jew l-ilsna tal-pajjiżi fejn ikunu qed joqogħdu, kif iddefinit mil-leġiżlazzjoni ta' dawk il-pajjiżi, bil-ħsieb li jiġu integrati soċjalment u kulturalment sal-punt fejn dan ikun meħtieġ, bl-użu ta' metodi li nstab li kienu effettivi fit-tagħlim ta' l-ilsna u għall-integrazzjoni taċ-ċittadini migranti u sabiex jippermettilhom jiġu mgħallma b'ilsien l-omm tagħhom bħala mod kif jippreservaw ir-rabtiet tagħhom mal-pajjiż tan-nisel tagħhom;

11. Jilqa' bi pjaċir l-idea li l-Istati Membri jkunu inkuraġġiti jistabbilixxu Pjanijiet Nazzjonali, għaliex jirrikonoxxi l-bżonn ta' ppjanar lingwistiku fil-livell ta' l-Istati Membri; dan se jwassal għat-tisħiħ ta' ħafna mil-lingwi użati anqas u biex jitrawwem għarfien dwar l-importanza tad-diversità lingwistika; jissuġġerixxi li l-Pjanijiet ta' l-Istati Membri jinkludu l-lingwi użati anqas f'kull Stat Membru u jeżaminaw il-possibilità li adulti interessati jitgħallmu dawn l-ilsna, u jinkludu dawn il-proġetti bħala eżempji ta' l-aħjar prattika;

12. Jappoġġja azzjoni għal taħriġ aħjar ta' l-għalliema, anki għal għalliema mhux ta' l-ilsna u għal dawk vokazzjonali, u jżid li jkun xieraq li l-għadd ta' ilsna mgħallma kemm fl-iskejjel kif ukoll barra minnhom jiżdied sabiex jippermetti lill-għalliema tal-ġejjieni jitgħallmu, u sussegwentement jgħallmu, diversità akbar ta' ilsna taħt l-istess kundizzjonijiet, kemm-il darba jkun hemm espressjoni ta' interess f'din id-direzzjoni; ifakkar, f'dan ir-rigward, li t-taħriġ ta' l-ilsna huwa essenzjali għall-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-mobbilità mhux biss għall-istudenti iżda wkoll għall-ħaddiema kollha li jkunu qed ifittxu xogħol f'wieħed mill-Istati Membri;

13. Iħeġġeġ biex tingħata attenzjoni partikulari lill-promozzjoni tat-tagħlim ta' l-ilsna għal persuni f'ċirkustanzi żvantaġġjati jew diffiċli u għal persuni b'diżabiltajiet;

14. Jikkunsidra li t-tagħlim tal-lingwa għandu jkun element essenzjali fil-programm tat-tagħlim tul il-ħajja;

15. Jilqa' bi pjaċir l-użu akbar ta' Tagħlim Integrat tal-Kontenut u l-Lingwa (Content and Language Integrated Learning — CLIL), fejn l-istudenti jitgħallmu suġġett permezz ta' lingwa barranija, u jistieden lill-Istati Membri biex jiffurmaw netwerk ta' l-aħjar prattiki, b'mod partikolari billi janalizzaw ir-riżultati miksuba mill-korsijiet ta' immersjoni f'pajjiżi multilingwistiċi;

16. Jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom sehem aktar attiv fil-promozzjoni tal-multilingwiżmu mhux biss fost l-istudenti u l-persunal, iżda wkoll fost il-komunità lokali iktar wiesgħa, u għalhekk jemmen li għandhom ikunu inkuraġġiti r-rabtiet bejn l-universitajiet u l-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali;

17. Jilqa' l-enfasi fuq attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku fir-rigward ta' teknoloġiji ta' l-informatika relatati mal-lingwi fl-ambitu tas-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka sabiex jittejjeb il-multilingwiżmu permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika ġdida;

18. Jappoġġja l-proposti għall-multilingwiżmu fis-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-ħolqien u ċ-ċirkolazzjoni ta' kontenut u għerf multilingwistiċi; hemm numru li qed jikber ta' teknoloġiji li se jiffavorixxu użu ikbar tal-lingwi kollha, inklużi dawk li mhux daqstant użati; it-teknoloġija toffri l-akbar potenzjal biex ikun żgurat spazju soċjali u lingwistiku għal-lingwi kollha ta' l-Ewropa;

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

19. Jappoġġja l-proposti biex ikunu żviluppati professjonijiet u industriji marbuta mal-lingwi; il-lingwi Ewropej kollha se jkollhom bżonn ta' teknoloġiji ġodda bħall-ipproċessar tad-diskors, ir-rikonoxximent tal-vuċi eċċ., kif ukoll xogħol fuq it-terminoloġija, l-iżvilupp tat-tagħlim tal-lingwi, ċertifikazzjoni u ttestjar; inkella ilsna li jintużaw inqas se jitħallew lura u l-ispazju soċjali lingwistiku tagħhom jittieħed mil-lingwi aktar mitkellma — b'mod speċjali l-Ingliż;

20. Jilqa' l-proposta għal aktar trasparenza fit-tagħlim, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni ta' l-ilsna permezz tal-pubblikazzjoni ta' inventarju tas-sistemi attwalment disponibbli;

***Miżuri Proposti***

21. Jistieden lill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej biex itejbu l-komunikazzjoni tagħhom maċ-ċittadini fil-lingwi nazzjonali tagħhom stess, irrispettivament minn jekk il-lingwa inkwistjoni għandhiex stejtus uffiċjali fil-livell ta' l-Istat Membru jew ta' l-UE;

22. Jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-korpi Ewropej sabiex jikkoperaw mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità lingwistika u tat-tagħlim tal-lingwi, u biex jibni fuq l-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-politika lingwistika (bħall-Portafoll Lingwistiku Ewropew jew il-Karta Ewropea għall-Lingwi Reġjonali u tal-Minoranzi);

23. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tibqa' timplimenta l-proposti stabbiliti fir-riżoluzzjoni tagħha hawn fuq imsemmi ta' l-4 ta' Settembru 2003 safejn huma fattibbli, u biex tgħarraf lill-Parlament regolarment dwar ir-riżultati;

24. Jitlob lil Ombudsman Ewropew biex jagħti attenzjoni partikulari sabiex ikun garantit ir-rispett għad-drittijiet lingwistiċi taċ-ċittadini Ewropej, u biex jipprovdi aktar mezzi biex jiġu solvuti s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt fl-UE minħabba l-lingwa;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita u tippromwovi l-aċċess għall-informazzjoni u għall-finanzjament għal korpi applikanti li jfittxu li jippromwovu l-multilingwiżmu permezz ta' netwerks u/jew proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni mill-2007 'l quddiem;

*

* *

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

---

**P6_TA(2006)0489**

## Is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ta' l-Unjoni Ewropea

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ta' l-Unjoni Ewropea

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar l-applikazzjoni ta' skema ta' preferenzi għal tariffi ġeneralizzati [1],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE tal-21 ta' Diċembru 2005 dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw mill-arranġamenti speċjali għal żvilupp sostenibbli u tmexxija tajba kif stipulat fl-Artikolu 26(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 li japplika skema ġeneralizzata ta' preferenzi għal tariffi [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103 (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

(1) ĠU L 169, 30.06.2005, p. 1.
(2) ĠU L 337, 22.12.2005, p. 50.

A. billi l-arranġamenti għal inċentivi speċjali għal pajjiżi vulnerabbli li jilħqu kriterji oġġettivi għal żvilupp sostenibbli u tmexxija tajba (GSP +) jinvolvu l-għoti ta' aċċess preferenzjali għas-swieq Ewropej għal prodotti li joriġinaw minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jimplimentaw ċerti standards internazzjonali rigward drittijiet tal-bniedem u drittijiet għax-xogħol, protezzjoni ta' l-ambjent, il-ġlieda kontra d-drogi u t-tmexxija tajba;

B. billi l-kriterji biex jinkisbu preferenzi tariffarji skond il-GSP+ jinkludu r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet ewlenin tan-NU u ta' l-ILO kif ukoll ta' konvenzjonijiet relatati ma' l-Ambjent u prinċipji ta' iggvernar, kif imniżżla fl-Anness III għar-Regolament (KE) nru. 980/2005;

C. billi fid-Deċiżjoni 2005/924/KE, il-Kummissjoni tat arrangament speċjali għal inċentivi lill-Bolivja, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Ġorġja, il-Gwatemala, il-Ħonduras, is-Sri Lanka, ir-Repubblika tal-Moldovja, il-Mongolja, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Peru, l-El Salvador u l-Venezwela;

D. D billi l-iskema l-ġdida GSP+ għandha tkun ta' inċentiv għall-pajjiżi benefiċjarji sabiex jilħqu l-objettivi ta' żvilupp, inkluż it-twaqqif ta' istituzzjonijiet xierqa sabiex ikunu konformi b'mod sħiħ mad-drittijiet kontemplati fil-konvenzjonijiet tan-NU u ta' l-ILO;

E. E billi l-effikaċja ta' l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet relevanti tan-NU u ta' l-ILO għandhom jiġu evalwati skond il-konklużjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ relevanti, inkluż ir-rapport annwali ta' l-ILO "Rapport tal-Kumitat ta' esperti dwar l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet" u bl-attenzjoni xierqa għall-opinjoni tal-Parlament Ewropew;

F. billi skond l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005, klawsoli ta' salvagwardja u irtirar temporanju jistgħu jiġu applikati għal pajjiżi li jikkommettu ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stipulati fil-konvenzjoniet internazzjonali mniżżla fil-Parti A ta' l-Anness III tar-Regolament;

1. Jinnota d-deċiżjoni li tagħti preferenzi taħt l-iskema tal-GSP+ lill-pajjiżi msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE;

2. Jinnota li l-iżvilupp ekonomiku u l-integrazzjoni fis-sistema dinjija tal-kummerċ ta' pajjiżi li jibbenefikaw mill-GSP+ huma kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi għall-żvilupp sostenibbli, inklużi l-istabbilità u t-tmexxija tajba;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex bil-koperazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji tal-GSP+ ssaħħaħ l-impenn tagħha għall-promozzjoni u l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva f'dawk il-pajjiżi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol tal-konvenzjonijiet tan-NU u l-ILO, kif ukoll tal-konvenzjonijiet relatati ma' l-Ambjent u prinċipji ta' iggvernar; jistieden lill-Kummissjoni biex testendi l-impenn għar-rispett tar-regoli ta' l-ILO u tan-NU wkoll għall-pajjiżi benefiċjarji tal-GSP, b'mod partikulari fejn jolqtu tħaddim tat-tfal u x-xogħol sfurzat; jemmen li bħala regola ġenerali l-għoti ta' preferenzi ta' aċċess lil pajjiżi li ma jirrispettawx id-drittijiet tal-bniedem ul-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol għandhom tendenza li jdgħajfu l-inċentiv biex pajjiżi jirrispettaw l-istandards ta' l-ILO;

4. Jinnota li minkejja r-ratifika tagħhom tal-konvenzjonijiet relevanti ta' l-ILO, gie rrapportat ksur ripetut tad-drittijiet tal-ħaddiema f'bosta pajjiżi benefiċjarji tal-GSP u li jekk dan il-ksur jinstab li jikkostitwixxi vjolazzjoni serja u sistematika tad-drittijiet fundamentali tax-xogħol ta' l-ILO dan jista', kif stipulat fl-Artiklu 16 tar-Regolament, jagħti lok għall-irtirar temporanju tal-preferenzi tal-GSP+;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex isaħħaħ il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tal-ILO fil-pajjiżi benefiċjarji tal-GSP+, kif ukoll tal-konvenzjonijiet relatati ma' l-Ambjent u prinċipji ta' iggvernar, u b'mod partikulari biex taqdi l-obbligi tagħha skond l-Artiklu 18 tar-Regolament, jiġifieri li tinforma lill-Kumitat għall-Preferenzi Ġeneralizzati bil-ksur rappurtat ta' regoli dwar drittijiet tax-xogħol, u biex tikkonsulta jekk għandux ikun hemm investigazzjoni jekk jeżistix ksur serju u sistematiku tal-konvenzjonijiet ta' l-ILO dwar drittijiet fuindamentali tax-xogħol, b'mod partikulari rigward it-tħaddim tat-tfal u x-xogħol sfurzat;

6. Jenfasizza b'mod partikulari il-ħtieġa ta' koperazzjoni effettiva f'dan il-qasam ma' l-ILO u ma' korpi oħra lokali relevanti; jitlob li l-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-gvernijiet ta' pajjiżi benefiċjarji

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

u li tisħaq fuq il-fatt li jekk jonqsu li juru progress lejn implimentazzjoni effettiva dan għandu jirriżulta fl-irtirar temporanju tal-privileġġi tal-GSP+;

7. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżomm lill-Parlament infurmat regolarment bir-riżultati tal-monitoraġġ tagħha ta' l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tan-NU u ta' l-ILO u tal-livell ta' konformità mill-pajjiżi benefiċjarji tal-GSP+, speċjalment fl-oqsma tal-libertà ta' assoċjazzjoni, negozjar kollettiv, nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-impjegar u l-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol sfurzat, u b'mod partikulari biex tispeċifika jekk hemmx każijiet ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji mniżżla f'konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol u fi ftehimiet ambjentali fi kwalunkwe mill-pajjiż attwalment benefiċjarji tal-GSP+;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma kmieni lill-Parlament bi kwalunkwe rakkomandazzjoni biex ikun hemm irtirar temporanju tal-preferenżi skond l-Artikolu 16 tar-Regolament; jisħaq li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapplika irtirar temporanju ta' preferenzi f'każi serji ta' ksur ta' prinċipji stipulati fil-konvenzjonijiet ta' l-ILO għandha tkun ibbażata fuq il-konklużjonijiet li jaslu għalihom l-istituzzjonijiet relevanti ta' monitoraġġ, u li titqies b'mod dovut l-opinjoni tal-Parlament Ewropew;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni ta' f'nofs it-terminu ta' l-istrument tal-GSP; jinsisti li evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-GSP+ għandha ssir qabel ma jsir xi tiġdid tal-preferenzi tal-GSP+ ma' l-iskadenza fl-2008 tar-regolament attwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet tal-Parlament dwar l-estensjoni ta' l-iskema tal-GSP+ għal pajjiżi speċifiċi u dwar xi tiġdid tar-Regolament attwali fl-2008;

10. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel rapport annwali komprensiv dwar kull pajjiż, bid-dettalji, mhux biss tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi benefiċjarji, imma wkoll b'indikazzjoni ta' l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni

---

**P6_TA(2006)0490**

## Is-servizzi fis-suq intern ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern (10003/4/2006 — C6-0270/2006 — 2004/0001(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (10003/4/2006 — C6-0270/2006),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2004)0002) [2],

— wara li kkunsidra l-proposta emendata mill-Kummissjoni (COM(2006)0160) [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0375/2006),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) Testi adottati, 16.2.2006, P6_TA(2006)0061.
(2) Għadha mhijiex pubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006

**P6_TC2-COD(2004)0001**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-15 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva 2006/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tielet sentenzi ta' l-Artikolu 47(2) u l-Artikolu 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (1),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni (2),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (3),

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea qiegħda tfittex li ssawwar rabtiet dejjem eqreb bejn l-Istati u l-popli ta' l-Ewropa u li tiżgura progress ekonomiku u soċjali. Skond l-Artikolu 14(2) tat-Trattat, is-suq intern jikkomprendi żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu tas-servizzi huwa assigurat. Bi qbil ma' l-Artikolu 43 tat-Trattat il-libertà ta' stabbiliment hija assigurata. L-Artikolu 49 tat-Trattat jistabbilixxi d-dritt li jiġu provduti servizzi fi ħdan il-Komunità. L-eliminazzjoni ta' barrieri għall-iżvilupp ta' l-attivitajiet tas-servizzi bejn l-Istati Membri huwa essenzjali sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-popli Ewropej u biex ikun promoss progress ekonomiku u soċjali bbilanċjati u sostenibbli. Għall-eliminazzjoni ta' tali ostakoli, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-iżvilupp ta' l-attivitajiet tas-servizzi jikkontribwixxi għat-twettiq tax-xogħol stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dak li jinkoraġġixxi fil-Komunità kollha l-iżvilupp armonjuż, ibbilanċjat u, sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi, livell għoli ta' impjieg u ta' ħarsien soċjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, tkabbir sostenibbli li ma jkunx inflazzjonarju, grad għoli ta' kompettitività u konverġenza fir-rendiment ekonomiku, livell għoli ta' ħarsien u titjib fil-kwalità ta' l-ambjent, it-titjib tal-livell ta' l-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja, u l-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

(2) Suq kompettiv fis-servizzi huwa essenzjali sabiex jitmexxa 'l quddiem tkabbir ekonomiku u jinħolqu impjiegi fl-Unjoni Ewropea. Bħalissa, bosta ostakoli fi ħdan is-suq intern jimpedixxu lil fornituri, partikolarment lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), milli jestendu l-operazzjonijiet tagħhom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u milli jieħdu vantaġġ sħiħ tas-suq intern. Dan idgħajjef il-kompetittività dinjija tal-fornituri fl-Unjoni Ewropea. Suq liberu li jġiegħel lill-Istati Membri biex jeliminaw ir-restrizzjonijiet dwar il-forniment tas-servizzi minn pajjiż għal ieħor filwaqt li fl-istess ħin iżid it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi jagħti lill-konsumaturi għażla akbar u servizzi aħjar bi prezzijiet aktar baxxi.

(3) Ir-rapport mill-Kummissjoni dwar "L-Istat tas-Suq Intern għas-Servizzi" għamel inventarju ta' numru kbir ta' ostakoli li qed iżommu l-iżvilupp tas-servizzi bejn l-Istati Membri jew iġiegħluh jmur bil-mod, b'mod partikolari dawk ipprovduti mill-SMEs, li huma predominanti fil-qasam tas-servizzi. Ir-rapport jikkonkludi li wara għaxar snin minn meta kien mistenni jitlesta s-suq intern, għad baqa' differenza enormi bejn il-viżjoni ta' ekonomija integrata fl-Unjoni Ewropea u r-realtà esperjenzata miċ-ċittadini u l-fornituri Ewropej. L-ostakoli jaffettwaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet tas-servizzi matul l-istadji kollha ta' l-attività tal-fornitur tas-servizz u għandhom numru ta' karatteristiċi komuni, inkluż il-fatt li dawn ta' spiss jiġu minn piżijiet amministrattivi, l-inċertezza legali assoċjata ma' attività bejn pajjiż u ieħor u n-nuqqas ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

(1) ĠU C 221 8.9.2005, p. 113.
(2) ĠU C 43 18.2.2005, p. 18.
(3) *Pożizzjoni* tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2006 (għada mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill *ta' l-24 ta' Lulju 2006* (għada mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew *tal-15 ta' Novembru 2006*.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(4) Peress li s-servizzi jikkostitwixxu il-magna tat-tkabbir ekonomiku u jagħmlu 70 % tal-PGD u ta' l-impjieg fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, din il-frammentazzjoni tas-suq intern għandha impatt negattiv fuq l-ekonomija sħiħa Ewropea, b'mod partikolari fuq il-kompetittività ta' l-SMEs u l-moviment tal-ħaddiema, u timpedixxi lill-konsumaturi milli jkollhom aċċess għal varjetà akbar ta' servizzi prezzati b'mod kompetittiv. Huwa importanti li jitfakkar li s-settur tas-servizzi huwa settur prinċipali ta' impjieg għan-nisa b'mod partikolari, u li għalhekk huma għandhom għax jibbenefikaw bil-kbir mill-opportunitajiet il-ġodda offruti mit-tlestija tas-suq intern għas-servizzi. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill saħqu li t-tneħħija ta' barrieri legali għal ħolqien ta' suq intern ġenwin hija kwistjoni ta' prijorità biex jintlaħaq il-għan stabbilit mill-Kunsill Ewropew f'Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000 li jittejjeb l-impjieg u l-koeżjoni soċjali u jintlaħaq tkabbir ekonomiku sostenibbli sabiex l-Unjoni Ewropea ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għarfien fid-dinja sa l-2010, b'iktar impjiegi u impjiegi aħjar. It-tneħħija ta' dawn l-ostakoli, waqt li jkun żgurat mudell soċjali Ewropew avvanzat, hija għalhekk kondizzjoni bażika biex jingħelbu d-diffikultajiet li nqalgħu waqt l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u biex titqajjem mill-ġdid l-ekonomija Ewropea, partikolarment f'termini ta' impjieg u investiment. Huwa għalhekk importanti li jintlaħaq suq intern għas-servizzi, bil-bilanċ ġust bejn il-ftuħ tas-suq u l-preservazzjoni tas-servizzi pubbliċi u drittijiet soċjali u tal-konsumatur.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ li jitneħħew il-ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment għal fornituri fl-Istati Membri u ostakoli għall-moviment liberu tas-servizzi bejn l-Istati Membri u biex ir-riċevituri u l-fornituri jkollhom garanzija taċ-ċertezza legali meħtieġa għall-eżerċizzju fil-prattika ta' dawk iż-żewġ libertajiet fundamentali tat-Trattat. Peress li l-ostakoli fis-suq intern għas-servizzi jaffettwaw lill-operaturi li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fi Stati Membri oħrajn kif ukoll dawk li jipprovdu servizz fi Stat Membru ieħor mingħajr ma huma stabbiliti hemm, huwa meħtieġ li l-fornituri jitħallew jiżviluppaw l-attivitajiet tas-servizzi tagħhom fi ħdan is-suq intern jew billi jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru jew billi jagħmlu użu mill-moviment liberu tas-servizzi. Fornituri għandhom ikunu kapaċi jagħżlu bejn dawk iż-żewġ libertajiet, skond l-istrateġija tagħhom ta' tkabbir f'kull Stat Membru.

(6) Dawk il-ostakoli ma jistgħux jitneħħew biss billi jserrħu fuq l-applikazzjoni diretta ta' l-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat, peress, li minn naħa, jekk jiġu indirizzati fuq bażi individwali permezz ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri kkonċernati, speċjalment wara t-tkabbir, ikunu tassew kumplikat għall-istituzzjonijiet nazzjonali u Komunitarji, u minn naħa l-oħra, it-tneħħija ta' bosta ostakoli titlob koordinazzjoni minn qabel ta' l-iskemi legali nazzjonali, inkluż l-ħolqien ta' kooperazzjoni amministrattiva. Kif il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stess irrikonoxxew, strument Komunitarju leġiżlattiv jagħmilha possibbli li jintlaħaq suq ġenwin intern għas-servizzi.

(7) Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ġenerali legali li jkun ta' vantaġġ għal varjetà wiesgħa ta' servizzi filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi distintivi ta' kull tip ta' attività jew professjoni u s-sistema tagħha ta' regolamentazzjoni. Dak il-qafas huwa bbażat fuq approċċ dinamiku u selettiv li jikkonsisti, bħala kwistjoni ta' prijorità, fit-tneħħija ta' ostakoli li jistgħu jiġu żarmati malajr u, għall-oħrajn, it-tnedija ta' proċess ta' evalwazzjoni, konsultazzjoni u armonizzazzjoni komplimentarja ta' kwistjonijiet speċifiċi, li jagħmlu possibbli l-immodernizzar progressiv u koordinat ta' sistemi regolatorji nazzjonali għal attivitajiet ta' servizz li hu vitali għall-akkwist ta' suq intern ġenwin għal servizzi sa l-2010. Għandu jsir provvediment għal taħlita ta' miżuri bilanċjata li tinvolvi armonizzazzjoni immirata, kooperazzjoni amministrattiva, id-disposizzjoni dwar il-liberta' ta' forniment ta' servizzi u inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' kodiċi ta' kondotta dwar ċerti kwistjonijiet. Dik il-koordinazzjoni ta' sistemi nazzjonali leġislattivi għandha tiżgura livell għoli ta' integrazzjoni legali Komunitarja u livell għoli ta' ħarsien ta' l-għanijiet ġenerali ta' interess, speċjalment il-ħarsien tal-konsumaturi, li huwa vitali sabiex tiġi stabbilita fiduċja bejn l-Istati Membri. Din id-Direttiva tqis ukoll għanijiet oħrajn ta' interess ġenerali, inkluż il-ħarsien ta' l-ambjent, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika kif ukoll il-bżonn li jkun hemm konformità mal-liġi tax-xogħol.

(8) Huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi għandu japplika biss sakemm l-attivitajiet trattati huma miftuħa għal kompetizzjoni, sabiex dawn ma jobbligawx lill-Istati Membri jew biex jilliberalizzaw servizzi ta' interess ġenerali ekonomiku jew biex jipprivatizzaw entitajiet pubbliċi li jipprovdu tali servizzi jew li jabolixxu monopolji eżistenti għal attivitajiet oħra jew ċerti servizzi ta' distribuzzjoni.

(9) Din id-Direttiva tapplika biss għal *ħtiġijiet* li jaffettwaw l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attività ta' servizz. Għalhekk, ma japplikax għal ħtiġijiet, bħal regoli tat-traffiku fit-triq, regoli dwar l-iżvilupp jew l-użu ta' l-art, ippjanar urban jew rurali, standards tal-bini kif ukoll penali amministrattivi imposti għal nuqqas ta' konformità ma' tali regoli li ma jirregolawx b'mod speċifiku jew ma jaffettwawx b'mod speċifiku l-attività ta' servizz iżda għandhom ikunu rispettati minn fornituri waqt it-twettiq ta' l-attività ekonomika tagħhom bl-istess mod bħal minn individwi li jaġixxu fil-kapaċità privata tagħhom.

(10) Din id-Direttiva ma tikkonċernax ħtiġijiet li jiggvernaw l-aċċess għal fondi pubbliċi għal ċerti fornituri. Tali ħtiġijiet jinkludu partikolarment dawk li jistipulaw kondizzjonijiet li taħthom fornituri huma intitolati li jirċievu finanzjament pubbliku, inklużi kondizzjonijiet speċifiċi kuntrattwali, u b'mod partikolari standards ta' kwalità li hemm bżonn li jkunu osservati bħala kondizzjoni biex jittieħed finanzjament pubbliku, per eżempju għas-servizzi soċjali.

(11) Din id-Direttiva ma tinterferix mal-miżuri meħuda mill-Istati Membri, skond il-liġi Komunitarja, rigward il-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-midja, inkluż il-finanzjament tiegħu. Din id-Direttiva ma żżommx lill-Istati Membri milli japplikaw id-drittijiet fundamentali tagħhom u l-prinċipji dwar il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' espressjoni. Din id-Direttiva ma taffettwax liġijiet ta' l-Istati Membri li jipprojbixxu diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità jew fuq bażijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 13 tat-Trattat.

(12) Din id-Direttiva għandha l-għan li toħloq qafas legali biex tiżgura l-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi bejn l-Istati Membri u ma tarmonizzax jew tippreġudika l-liġi kriminali. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu jistgħu jirrestrinġu l-libertà ta' forniment ta' servizzi billi japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jaffettwaw speċifikament l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz b'eluzjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

(13) Huwa daqstant importanti li din id-Direttiva tirrispetta bis-sħiħ l-inizjattivi Komunitarji bbażati fuq l-Artikolu 137 tat-Trattat bi ħsieb li jinkisbu l-objettivi ta' l-Artikolu 136 tiegħu dwar il-promozzjoni ta' l-impjieg u kundizzjonijiet imtejba ta' għajxien u xogħol.

(14) Din id-Direttiva ma taffettwax it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, inklużi perjodi ta' xogħol massimi u perjodi ta' serħan minimi, il-minimu tal-vaganzi annwali mħallsin, ir-rata minima ta' ħlas kif ukoll saħħa, sigurtà u iġjene fil-post tax-xogħol, li l-Istati Membri japplikaw f'konformità mad-dritt Komunitarju, lanqas ma taffettwa relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali, inklużi d-drittijiet biex tinnegozja jew tikkonkludi ftehim kollettivi, id-dritt li tistrajkja u li tieħu azzjonijiet industrijali skond il-liġi u l-prattika nazzjonali li jirrispettaw il-liġi Komunitarja u lanqas ma tapplika għal servizzi pprovduti mill-aġenziji ta' xogħol temporanju. Din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri.

(15) Din id-Direttiva tirrispetta l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali applikabbli fl-Istati Membri u kif rikonoxxuta fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-ispjegazzjonijiet li jakkumpanjawha, billi tirrikonċiljahom mal-libertajiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat. Dawk id-drittijiet fundamentali jinkludu d-dritt li tieħu azzjoni industrijali skond il-liġi u l-prattiki nazzjonali li jirrispettaw il-liġi Komunitarja.

(16) Din id-Direttiva tikkonċerna biss il-fornituri stabbiliti fi Stat Membru u ma tkoprix aspetti esterni. Ma tikkonċernax negozjati f'organizzazzjonijiet internazzjonali dwar il-kummerċ fis-servizzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS).

(17) Din id-Direttiva tkopri biss is-servizzi li huma mwettqa għal kunsiderazzjoni ekonomika. Servizzi ta' interess ġenerali mhumiex koperti bid-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 50 tat-Trattat u għalhekk ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, huma servizzi mwettqa għal konsiderazzjoni ekonomika u għalhekk jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Iżda ċerti servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, bħal dawk li jistgħu jeżistu fil-qasam tat-trasport, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ċerti servizzi oħrajn ta' interess ekonomiku ġenerali, per eżempju, li jistgħu jeżistu fil-qasam tas-servizzi

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

postali, huma suġġetti għal deroga mid-dispożizzjoni dwar il-libertà għall-provvista ta' servizzi mniżżla f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva ma tittrattax il-finanzjament tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u ma tapplikax għas-sistemi ta' għajnuna mogħtija mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam soċjali, skond ir-regoli tal-Komunità dwar il-kompetizzjoni. Din id-Direttiva ma tittrattax is-segwitu tal-White Paper tal-Kummissjoni dwar is-servizzi ta' Interess Ġenerali.

(18) Servizzi finanzjarji għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li dawn l-attivitajiet huma suġġetti għal leġislazzjoni Komunitarja speċifika, immirata, bħal f'din id-Direttiva, li tikseb suq ġenwin intern għas-servizzi. Għalhekk, din l-esklużjoni għandha tkopri s-servizzi kollha finanzjarji bħas-servizzi bankarji, tal-kreditu, l-assigurazzjoni, inkluża l-assigurazzjoni mill-ġdid, il-pensjonijiet tax-xogħol u dawk personali, it-titoli, fondi ta' investiment, il-pagamenti u l-pariri ta' investiment, inklużi s-servizzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u t-twettiq tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]).

(19) Fid-dawl ta' l-adozzjoni fl-2002 ta' pakkett ta' strumenti leġislattivi marbutin ma' networks u servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, kif ukoll ma' riżorsi assoċjati u servizzi, li stabbiliet qafas regolatorju li jiffaċilita l-aċċess għal dawk l-attivitajiet fi ħdan is-suq intern, partikolarment permezz ta' l-eliminazzjoni ta' bosta skemi individwali ta' awtorizzazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu esklużi kwistjonijiet trattati b'dawk l-istrumenti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(20) L-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva dwar kwistjonijiet ta' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni kif koperti bid-Direttivi 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' Aċċess) ([2]), 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) ([3]), 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għan-networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Kwadru) ([4]), 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva għal Servizz Universali) ([5]) u 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi) ([6]) għandhom japplikaw mhux biss għall-kwistjonijiet li ġew speċifikament trattati f'dawn id-Direttivi iżda wkoll għal kwistjonijiet li għalihom id-Direttivi espliċitament iħallu lill-Istati Membri l-possibilità li jadottaw ċerti miżuri fuq livell nazzjonali.

(21) Servizzi ta' trasport, inkluż trasport urban, taxis u ambulanzi kif ukoll servizzi fil-portijiet, għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(22) L-esklużjoni tal-kura tas-saħħa mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkopri servizzi ta' kura tas-saħħa u farmaċewtiċi pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lil pazjenti biex jivvalutaw, iżommu u jirrestawraw l-istat ta' saħħa fejn dawk l-attivitajiet huma rriżervati għal professjoni regolata tas-saħħa fl-Istat Membru fejn huma pprovduti s-servizzi.

(23) Din id-Direttiva ma taffetwax ir-rimborż tal-kura tas-saħħa pprovdut fi Stat Membru barra dak li fih dak li qiegħed jirċievi l-kura huwa resident. Din il-kwistjoni ġiet indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi okkażjonijiet, u l-Qorti rrikonoxxiet id-drittijiet tal-pazjenti. Huwa importanti li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fi strument legali Komunitarju ieħor sabiex tinkiseb iktar sigurtà u ċarezza ġuridika safejn din il-kwistjoni mhijiex indirizzata diġà fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, persuni li jaħdmu għal rashom u membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità ([7]).

([1]) ĠU L *177, 30.6.2006, p. 1.*
([2]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.
([3]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.
([4]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.
([5]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.
([6]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2006/24/KE (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54).
([7]) ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 629/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 1).

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(24) Servizzi awdjoviżivi, tkun xi tkun il-metodu ta' trasmissjoni, inkluża fi ħdan iċ-ċinemas, għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri fis-settur awdjoviżwali li huma koperti mir-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni.

(25) Attivitajiet ta' logħob ta' l-ażżard, inklużi lotteriji u transazzjonijiet ta' mħatri, għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fid-dawl tan-natura speċifika ta' dawn l-attivitajiet, li jinvolvu implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' linji politiċi li għandhom x'jaqsmu mal-politika pubblika u mal-ħarsien tal-konsumatur.

(26) Din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 45 tat-Trattat.

(27) Din id-Direttiva ma għandhiex tkopri dawk is-servizzi soċjali fil-qasam tad-djar, tal-kura tat-tfal u appoġġ għal familji u persuni fil-bżonn li huma pprovduti mill-Istat f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, minn fornituri b'mandat mill-Istat, jew minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat, bl-għan li jkun żgurat l-appoġġ għal dawk li huma fi stat partikolari ta' bżonn permanenti jew temporanju minħabba d-dħul insuffiċjenti fil-familja, jew in-nuqqas totali jew parzjali ta' indipendenza u għal dawk bir-riskju li jiġu emarġinati. Dawn is-servizzi huma essenzjali biex jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali lid-dinjità umana u lill-integrità u huma manifestazzjoni tal-prinċipji tal-koeżjoni soċjali u solidarjetà u m'għandhomx jiġu affettwati b'din id-Direttiva.

(28) Din id-Direttiva ma tittrattax l-iffinanzjar ta', jew is-sistema ta' għajnuniet marbuta ma', servizzi soċjali. U lanqas ma taffettwa l-kriterji jew il-kondizzjonijiet stabbliti mill-Istati Membri biex jiżguraw li s-servizzi soċjali effettivament iwettqu funzjoni għall-benefiċċju ta' l-interess pubbliku u tal-koeżjoni soċjali. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prinċipju ta' servizz universali fis-servizzi soċjali ta' l-Istati Membri.

(29) Minħabba li t-Trattat jipprovdi bażi legali speċifika għal kwistjonijiet ta' tassazzjoni u tenut kont ta' l-istrumenti Komunitarji diġà adottati f'dak il-qasam, huwa meħtieġ li jiġi eskluż il-qasam tat-tassazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(30) Diġà hemm ġabra konsiderevoli ta' liġi Komunitarja dwar l-attivitajiet tas-servizz. Din id-Direttiva tibni fuq, u għalhekk tikkumplimenta, l-acquis Komunitarju. Konflitti bejn din id-Direttiva u strumenti oħrajn Komunitarji ġew identifikati u huma indirizzati b'din id-Direttiva, inkluż permezz ta' derogi. Madankollu, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta regola għal kwalunkwe każijiet residwali u eċċezzjonali fejn hemm kunflitt bejn id-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva u dispożizzjoni ta' strument Komunitarju ieħor. L-eżistenza ta' konflitt bħal dan għandha tiġi ddetrminata f'konformità mar-regoli tat-Trattat dwar id-dritt ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi.

(31) Din id-Direttiva hija konsistenti ma' u ma taffettwax id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali [1]. Titratta mistoqsijiet lil hinn minn dawk li jirrelataw mal-kwalifiki professjonali, per eżempju assigurazzjoni ta' responsabilità professjonali, komunikazzjonijiet kummerċjali, attivitajiet multidixxiplinarji u simplifikazzjoni amministrattiva. Fir-rigward tal-provvediment ta' servizz temporanju bejn pajjiż u ieħor, deroga mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi f'din id-Direttiva tiżgura li t-Titolu II dwar il-forniment liberu ta' servizzi f'din id-Direttiva 2005/36/KE mhux affettwat. Għalhekk, l-ebda waħda mill-miżuri applikabbli taħt dik id-Direttiva fl-Istat Membru fejn is-servizzi huwa pprovdut ma hija affettwata mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi.

(32) Din id-Direttiva hija konsistenti ma' leġislazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, bħad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali bejn in-negozji u l-konsumaturi li ma humiex ġusti fis-suq intern (id-Direttiva dwar il-Prassi Kummerċjali Inġusti) [2] u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur) [3].

---

(1) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
(2) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
(3) ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1. Regolament kif emendata bid-Direttiva 2005/29/KE.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(33) Is-servizzi koperti b'din id-Direttiva jkopri varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu, inklużi servizzi ta' negozju bħal konsulenza dwar amministrazzjoni, ċertifikazzjoni u ittestjar; amministrazzjoni ta' faċilitajiet, inkluż manutenzjoni ta' uffiċċju; reklamar; servizzi ta' reklutaġġ; u s-servizzi ta' aġenti kummerċjali. Dak il-kunċett ikopri wkoll servizzi pprovduti kemm lil negozji kif ukoll lil konsumaturi, bħal parir legali jew fiskali; servizzi dwar beni immobbli bħal aġenziji ta' beni immobbli; il-bini, inkluż is-servizzi ta' periti; kummerċ ta' tqassim; l-organizzazzjoni ta' fieri tal-kummerċ; kiri ta' karozzi; aġenziji ta' l-ivvjaġġar. Is-servizzi lill-konsumatur huma koperti wkoll, bħal dawk fil-qasam tat-turiżmu, inklużi żjajjar gwidati; servizzi ta' ħin liberu, ċentri sportivi u parkijiet tad-divertiment; u, sakemm dawn ma kinux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, servizzi ta' appoġġ għall-familji, bħal għajnuna għall-anzjani. Dawk l-attivitajiet jistgħu jinvolvu servizzi li jitolbu l-prossimità tal-fornitur u r-riċevitur, servizzi li jitolbu safar mir-riċevitur jew mill-fornitur u servizzi li jistgħu jiġu pprovduti mill-bogħod, inkluż permezz ta' l-internet.

(34) Skond il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-evalwazzjoni ta' jekk ċerti attivitajiet, b'mod partikolari attivitajiet li huma ffinanzjati pubblikament jew ipprovduti minn entitajiet pubbliċi, jikkostitwixxux "servizz" jew le għandha titwettaq fuq bazi ta' każ b'każ fid-dawl tal-karatteristiċi tagħhom kollha, b'mod partikolari l-mod ta' kif inhuma pprovduti, organizzati u ffinanzjati fl-Istat Membru kkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li l-karatteristika essenzjali tar-rimunerazzjoni tinsab fil-fatt li din tkun magħmula minn konsiderazzjoni għas-servizzi in kwistjoni u rrikonoxxiet li l-karatteristika ta' remunerazzjoni hija assenti fil-każ ta' l-attivitajiet li twettqu, għall-ebda kunsiderazzjoni, mill-Istat jew f'isem l-Istat fil-kuntest tad-doveri tiegħu fl-oqsma soċjali, kulturali, edukattivi u ġudizzjarja, bħal korsijiet ipprovduti taħt is-sistema nazzjonali edukattiva, jew il-ġestjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali li mhumiex marbuta ma' attività ekonomika. Il-pagament ta' miżata mir-riċevituri, pereżempju miżata għat-tagħlim jew ta' reġistrazzjoni mħallsa mill-istudenti sabiex jagħmlu ċerta kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi ta' sistema, fiha nnifisha ma titqiesx bħala remunerazzjoni billi s-serviżż għadu essenzjalement iffinanzjat minn fondi pubbliċi. Dawn l-attivitajiet għalhekk, mhumiex koperti bid-definizzjoni ta' servizz fl-Artikolu 50 tat-Trattat u għalhekk ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(35) Attivitajiet sportivi għad-dilettanti li ma jagħmlux profitt huma ta' importanza soċjali konsiderevoli. Dawn spiss ikollhom għanijiet totalment soċjali jew rekreazzjonali. Għalhekk, mhux bilfors jaqgħu taħt l-attivitajiet ekonomiċi fi ħdan it-tifsira tal-liġi Komunitarja u għandhom jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(36) Il-kunċett ta' "fornitur" għandu jkopri kwalunkwe persuna naturali li hija ċittadina ta' Stat Membru jew kwalunkwe persuna legali li hija marbuta f'attività ta' servizz fi Stat Membru, b'eżerċizzju jew ta' libertà ta' stabbiliment jew tal-moviment liberu tas-servizzi. Il-kunċett ta' fornitur għalhekk ma għandux ikun limitat biss għal provvista transkonfini ta' servizzi fi ħdan il-qafas tal-moviment liberu tas-servizzi iżda għandu jkopri wkoll każijiet li fihom operatur jistabbilixxi lilu nnifsu fi Stat Membru sabiex jiżviluppa l-attivitajiet ta' servizz tiegħu hemmhekk. Mill-banda l-oħra, il-kunċett ta' fornitur ma għandux ikopri l-każ ta' fergħat fi Stat Membru ta' kumpanniji minn terzi pajjiżi għaliex taħt l-Artikolu 48 tat-Trattat, il-libertà ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tas-servizzi tista' tibbenefika biss lil kumpanniji kostitwiti skond il-liġijiet ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali ta' negozju fi ħdan il-Komunità. Il-kunċett ta' "riċevitur" għandu jkopri wkoll iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà qed jibbenefikaw minn drittijiet mogħtija lilhom permezz ta' atti Komunitarji bħar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, id-Direttiva 2003/109/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal tul ta' żmien [1], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 ta' l-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom [2] u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri [3]. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-kunċett ta' riċevitur lil ċittadini ta' pajjiżi terzi oħrajn li huma preżenti fi ħdan it-territorju tagħhom.

(1) ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.
(2) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1.
(3) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(37) Il-post li fih il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit għandu jkun iddeterminat bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skond liema l-kunċett ta' stabbiliment jinvolvi s-segwitu effettiv ta' attività ekonomika permezz ta' stabbiliment fiss għal perjodu indefinit. Dan ir-rekwiżit jista' wkoll jitwettaq fejn kumpannija hija kkostitwita għal perjodu fiss jew fejn tikri l-bini jew l-installazzjoni li biha ssegwi l-attività tagħha. Tista' wkoll tkun imwettqa fejn Stat Membru jagħti l-awtorizzazzjonijiet għal tul limitat biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi partikolari. Stabbiliment m'għandux bżonn jieħu l-forma ta' sussidjarju, fergħa jew aġenzija, iżda jista' jikkonsisti f'uffiċċju mmexxi minn personal tal-fornitur stess jew minn persuna li hija indipendenti iżda awtorizzata li taġixxi fuq bażi permanenti għall-intrapriża, kif ikun il-każ b'aġenzija. Skond din id-definizzjoni li titlob is-segwitu effettiv ta' attività ekonomika fil-post ta' stabbiliment ta' fornitur ta' servizz, sempliċi kaxxa postali ma tikkostitwixxix stabbiliment. Fejn fornitur għandu diversi postijiet ta' stabbilment, huwa importanti li jiddetermina il-post ta' stabbiliment li minnu s-servizz effettiv ikkonċernat huwa pprovdut. Fejn ikun diffiċli tiddetermina minn liema mid-diversi postijiet ta' stabbiliment huwa pprovdut servizz partikolari, il-post fejn il-fornitur ikollu ċ-ċentru ta' l-attivitajiet tiegħu li jirrelataw ma' dan is-servizz partikolari ikun dan il-post ta' stabbiliment.

(38) Il-kunċett ta "persuni ġuridiċi" skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-istabbiliment jħalli lill-operaturi liberi li jagħżlu l-forma legali li huma jqisu xierqa biex iwettqu l-attività tagħhom. Għalhekk, "persuni ġuridiċi", fi ħdan it-tifsira tat-Trattat, tfisser l-entitajiet kollha kkostitwiti taħt, jew iggvernati minn, il-liġi ta' Stat Membru, irrispettivament mill-forma legali tagħhom.

(39) Il-kunċett ta' "skema ta' awtorizzazzjoni" għandu jkopri, fost oħrajn, il-proċeduri amministrattivi għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet, liċenzji, approvazzjonijiet jew konċessjonijiet, u kif ukoll l-obbligu, sabiex jkun eliġibbli biex jeżerċita l-attività, biex jkun irreġistrat bħala membru ta' professjoni jew imdaħħal f'reġistru, lista jew database, biex jkunu uffiċjalment maħtura f'korp jew jikseb kard ta' sħubija ta' professjoni partikolari. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata mhux biss b'deċiżjoni formali iżda wkoll b'deċiżjoni impliċita li tirriżulta, per eżempju, minn silenzju ta' awtorità kompetenti jew mill-fatt li l-parti interessata trid tistenna l-konferma ta' l-irċevuta ta' dikjarazzjoni sabiex tibda l-attività in kwistjoni jew biex din ta' l-aħħar issir legali.

(40) Il-kunċett ta' "raġunijiet aktar importanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku" li għalihom qiegħda ssir referenza f'ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ġie żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha relatata ma' l-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat u jista' jkompli jevolvi. Il-kunċett kif rikonoxxut fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja jkopri ta' l-anqas dawn ir-raġunijiet li ġejjin: politika pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika, fit-tifsira ta' l-Artikoli 46 u 55 tat-Trattat; iż-żamma ta' l-ordni fis-soċjetà; objettivi tal-politika soċjali; il-protezzjoni tar-riċevituri ta' servizzi; protezzjoni tal-konsumatur; il-protezzjoni ta' ħaddiema, inkluż il-protezzjoni soċjali ta' ħaddiema; benesseri ta' annimali; il-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali; il-prevenzjoni ta' frodi; il-prevenzjoni ta' kompetizzjoni inġusta; il-protezzjoni ta' l-ambjent u ta' l-ambjent urban, inkluż l-ippjanar urban u rurali; il-protezzjoni ta' kredituri; is-salvagwardja ta' l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja; sigurtà fit-toroq; il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; l-objettivi tal-politika kulturali, inkluża salvagwardja tal-libertà ta' l-espressjoni ta' diversi elementi, b'mod partikolari valuri soċjali, kulturali, reliġjużi u filosofiċi tas-soċjetà; il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' edukazzjoni, iż-żamma tad-diversità ta' l-istampa u l-promozzjoni tal-lingwa nazzjonali; il-preservazzjoni tal-wirt nazzjonali storiku u artistiku; u politika veterinarja.

(41) Il-kunċett ta' "politika pubblika", kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ikopri l-protezzjoni kontra theddid serju ġenwin u suffiċjenti li jaffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà u jista' jinkludi, b'mod partikolari, kwistjonijiet relatati mad-dinjità umana, il-protezzjoni ta' minuri u adulti vulnerabbli u l-benesseri ta' l-annimali. Bl-istess mod, il-kunċett ta' sigurtà pubblika tinkludi kwistjonijiet ta' sigurta pubblika.

(42) Ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri amministrattivi ma għandhomx jimmiraw biex jarmonizzaw il-proċeduri amministrattivi iżda sabiex ineħħu l-iskemi ta' awtorizzazzjoni li huma tassew ta' piż, proċeduri u formalitajiet li jxekklu l-libertà ta' l-istabbiliment u l-ħolqien ta' impriżi ġodda ta' servizzi li jirriżultaw minn dan.

(43) Waħda mid-diffikultajiet fundamentali ffaċċjati, b'mod partikolari mill-SMEs, biex ikollhom aċċess għall-attivitajiet ta' servizz u jeżerċitawhom, hija l-kumplessità, it-tul u l-inċertezza legali tal-proċeduri amministrattivi. Għal din ir-raġuni, fuq l-eżempju ta' ċerti prassi ta' inizjattiva ta' amministrazzjoni

tajba u moderna li ttiehdet fuq livell Komunitarju u nazzjonali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ta' simplifikazzjoniamministrattiva fost oħrajn permezz tal-limitazzjoni ta' l-obbligu għall-awtorizzazzjoni minn qabel għal każijiet li fihom din hi essenzjali u l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' l-awtorizzazzjoni miftiehem mill-awtoritajiet kompetenti wara li jkun skada ċertu perjodu ta' żmien. Azzjoni ta' modernizzazzjoni bħal din, filwaqt li żżomm ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza u l-aġġornament ta' l-informazzjoni relatata ma' l-operaturi, għandha l-ħsieb li telimina d-dewmien, l-ispejjeż u l-effetti diswassivi li jinqalgħu, per eżempju minn proċeduri mhux meħtieġa, jew eċċessivament kumplessi u ta' piż, id-duplikazzjoni tal-proċeduri, il-burokrazija involuta fil-preżentazzjoni tad-dokumenti, l-użu arbitrarju ta' setgħat mill-awtoritajiet kompetenti, perjodi ta' indeterminazzjoni jew twal b'mod eċċessiv qabel ma tingħata risposta, il-perjodu tal-ħin limitat tal-validità ta' l-awtorizzazzjonijiet mogħtija u l-miżati u l-penali disproporzjonati. Tali prassi għandhom effett sinjifikattiv partikolarment disswassiv fuq il-fornituri li jixtiequ jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fi Stati Membri oħra u għandhom bżonn modernizzazzjoni kkordinata fi ħdan is-suq intern imkabbar ta' ħamsa u għoxrin Stat Membru.

(44) L-Istati Membri għandhom idaħħlu, fejn xieraq, formuli armonizzati f'livell Komunitarju, kif stabbilit mill-Kummissjoni, li jkunu ekwivalenti għal ċertifikati, attestazzjonijiet jew kwalunkwe dokument ieħor f'relazzjoni ma' l-istabbiliment.

(45) Sabiex jiġi eżaminat il-bżonn li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u l-formalitajiet, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, b'mod partikolari, jqisu l-ħtieġa tagħhom, in-numru, il-possibilità ta' duplikazzjoni, l-ispejjeż, iċ-ċarezza u l-aċċessibilità, kif ukoll id-dewmien u d-diffikultajiet prattiċi li jistgħu jikkawżaw lill-fornitur tas-servizzi kkonċernat.

(46) Sabiex jiffaċilita l-aċċess għal attivitajiet tas-servizz u l-eżerċizzju tagħhom fis-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit objettiv, komuni għall-Istati Membri kollha, ta' simplifikazzjoni amministrattiva u biex jistipula d-dispożizzjonijiet dwar, fost oħrajn, id-dritt għall-informazzjoni, proċeduri b'mezzi elettroniċi u l-istabbliment ta' qafas għall-iskemi ta' awtorizzazzjoni. Miżuri oħrajn adottati fuq livell nazzjonali biex jilħqu dak l-għan jistgħu jinvolvu t-tnaqqis tan-numru ta' proċeduri u formalitajiet applikabbli għall-attivitajiet ta' servizz u r-restrizzjoni ta' tali proċeduri u formalitajiet għal dak li huma essenzjali sabiex jintlaħaq għan ta' interess ġenerali u li ma jidduplikawx lil xulxin f'termini ta' kontenut u skop.

(47) Bil-għan ta' simplifikazzjoni amministrattiva, rekwiżiti formali ġenerali, bħal preżentazzjoni ta' dokumenti oriġinali, kopji ċċertifikati jew traduzzjoni ċċertifikata, m'għandhomx ikunu imposti, ħlief fejn iġġustifikati oġġettivament b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku, bħall-protezzjoni tal-ħaddiema, is-saħħa pubblika, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumaturi. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li awtorizzazzjoni tippermetti bħala regola ġenerali aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attività ta' servizz fit-territorju nazzjonali, sakemm awtorizzazzjoni ġdida għal kull stabbiliment, per eżempju għal kull hypermarket ġdid, jew awtorizzazzjoni li hija ristretta għal parti speċifika ta' territorju nazzjonali hija ġġustifikata oġġettivament b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku.

(48) Sabiex il-proċeduri amministrattivi jiġu simplifikati iżjed, huwa xieraq li jiġi żgurat li kull fornitur ikollu punt waħdieni li minnu jista' jlesti l-proċeduri u l-formalitajiet kollha (minn hawn "il quddiem imsejjaħ""punti ta' kuntatt waħdieni"). In-numru ta' punti ta' kuntatt waħdieni għal kull Stat Membru jista' jvarja skond il-kompetenzi reġjunali jew lokali u skond l-attivitajiet ikkonċernati. Il-ħolqien ta' punti ta' kuntatt waħdieni ma għandux jinterferixxi ma' l-allokazzjoni ta' funzjonijiet fost l-awtoritajiet kompetenti f'kull sistema nazzjonali. Fejn diversi awtoritajiet fuq livell reġjunali jew lokali huma kompetenti, wieħed minnhom jista jassumi r-rwol ta' punt ta' kuntatt waħdieni u ta' koordinatur. Punti ta' kuntatt waħdieni jistgħu jiġu stabbiliti mhux biss mill-awtoritajiet amministrattivi iżda wkoll mill-kamra tal-kummerċ jew tas-snajja', jew minn organizzazzjonijiet professjonali jew korpi privati li fihom Stat Membru jiddeċiedi li jafda dik il-funzjoni. Punti ta' kuntatt waħdieni għandhom rwol importanti fil-provvista ta' għajnuna lill-fornituri jew bħala l-awtorità direttament kompetenti biex toħroġ id-dokumenti meħtieġa biex ikollhom aċċess għall-attività tas-servizz jew bħal intermedjarju bejn il-fornitur u l-awtoritajiet li huma direttament kompetenti.

(49) Il-miżata li tista' tiġi ċċarġjata mill-punti ta' kuntatt waħdieni għandha tkun proporzjonata ma' l-ispejjeż tal-proċeduri u l-formalitajiet li għandhom x'jaqsmu magħhom. Dan ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jafdaw lill-punti ta' kuntatt waħdieni bil-ġbir ta' miżati amminstrattivi oħra bħal miżata tal-korpi ta' superviżjoni.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(50) Huwa meħtieġ li l-fornituri u r-riċevitur tas-servizzi jkollhom aċċess faċli għal ċerti tipi ta' informazzjoni. Għandu jkun għall-Istati Membri li jiddeterminaw, fil-qafas ta' din id-Direttiva, l-mod il-fornituri u r-riċevituri huma pprovduti b'informazzjoni. B'mod partikolari, l-obbligu fuq l-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti hija aċċessibli faċilment mill-fornituri u r-riċevituri u li l-pubbliku jista' jasal għaliha mingħajr ostakoli jista' jintlaħaq billi din l-informazzjoni tintgħamel aċċessibbli permezz ta' website. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata għandha tingħata b'mod ċar u mingħajr ambigwità.

(51) L-informazzjoni mogħtija lill-fornituri u r-riċevituri ta' servizzi għandha tinkludi, b'mod partikolari, informazzjoni dwar proċeduri u formalitajiet, dettalji ta' kuntatt ta' l-awtoritajiet kompetenti, kundizzjonijiet għal aċċess ta' reġistri pubbliċi u databases u informazzjoni dwar ir-rimedji disponibbli u d-dettalji ta' kuntatt ta' l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li min għandhom il-fornituri jew ir-riċevituri jistgħu jiksbu għajnuna prattika. L-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti biex jgħinu lill-fornituri u lir-riċevituri ma għandux jinkludi l-għoti ta' parir legali f'każijiet individwali. Madanakollu, għandha tingħata informazzjoni ġenerali dwar il-mod kif ir-rekwiżiti huma normalment interpretati jew applikati. Kwistjonijiet bħal responsabbiltà għal provvista ta' informazzjoni inkorretta jew qarrieqa għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri.

(52) L-istabbiliment, fil-futur raġonevolment qrib, ta' mezzi elettroniċi ta' kif jitlestew proċeduri u formalitajiet se jkun vitali għas-simplifikazzjoni amministrattiva fil-qasam ta' l-attivitajiet tas-servizz, għall-benefiċċju tal-fornituri, riċevituri u awtoritajiet kompetenti. Sabiex jintlaħaq dak l-obbligu fir-rigward ta' riżultati, il-liġijiet nazzjonali u regoli oħrajn applikabbli għas-servizzi jista' jkun li jkollhom bżonn li jiġu adattati. Dan l-obbligu ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jipprovdu mezzi oħrajn ta' kif jitlestew dawn il-proċeduri u formalitajiet, flimkien ma' mezzi elettroniċi. Il-fatt li jrid ikun possibbli li dawk il-proċeduri u formalitajiet jitlestew mill-bogħod ifisser, b'mod partikolari, li l-Istati Membri jridu jiżguraw li dawn jistgħu jitlestew f'pajjiżi oħrajn. L-obbligu dwar ir-riżultati ma jkoprix proċeduri jew formalitajiet li bin-natura proprja tagħhom huma impossibbli li jitlestew mill-bogħod. Barra minn hekk, dan ma jinterferix mal-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri dwar l-użu ta' lingwi.

(53) L-għoti ta' liċenzji għal ċerti attivitajiet ta' servizzi jista' jeħtieġ intervista ma' l-applikant mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jevalwaw l-integrità u l-idoneità personali ta' l-applikant biex iwettaq is-servizz in kwistjoni. Fit-tali każijiet, it-tkomplija ta' formalitajiet b'mezzi elettroniċi tista' ma tkunx xierqa.

(54) Il-possibilità li jinkiseb aċċess għal attività ta' servizz għandha ssir soġġetta għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biss jekk dik id-deċiżjoni tissodisfa l-kriterji ta' non-diskriminazzjoni, ħtieġa u proporzjonalità. Dan ifisser, b'mod partikolari, li l-iskemi ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu permissibbli biss fejn spezzjoni a posteriori ma tkunx effettiva minħabba l-impossibbiltà li jiġu aċċertati d-difetti tas-servizzi kkonċernati a posteriori, b'konsiderazzjoni mogħtija lir-riskji u l-perikli li jistgħu jinqalgħu fl-assenza ta' spezzjoni minn qabel. Madankollu, wieħed ma jistax iserraħ fuq id-dispożizzjoni għal dan il-għan magħmula minn din id-Direttiva sabiex jiġu ġġustifikati l-iskemi ta' awtorizzazzjoni li huma pprojbiti minn strumenti oħrajn Komunitarji bħad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar il-qafas Komunitarju għal firem elettroniċi [1], jew id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali ta' servizzi tas-soċjetà ta' informazzjoni, b'mod partikolari l-kummerċ elettroniku, fis-suq intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") [2]. Ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka jagħmlu possibbli li jiġu ddeterminati, fuq livell Komunitarju, it-tipi ta' attivitajiet li għalihom iridu jiġu eliminati skemi ta' awtorizzazzjoni.

(55) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr ħsara għall-possibilità li Stati Membri jirtiraw awtorizzazzjonijiet wara li nħarġu, jekk il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni m'għadhomx jitwettqu.

(56) Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-saħħa ta' l-annimali u l-ħarsien ta' l-ambjent urban jikkostitwixxu raġunijiet aktar importanti marbutin ma' l-interess pubbliku. Dawn ir-raġunijiet aktar importanti jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' skemi ta' awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet oħrajn. Madankollu, l-ebda skema ta' awtorizzazzjoni jew restrizzjoni ma għandha tiddiskrimina fuq bażi ta' nazzjonalità. Barra minn hekk, il-prinċipji ta' ħtieġa u proporzjonalità għandhom dejjem jiġu rrispettati.

---

(1) ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.
(2) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(57) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu ma' l-iskemi ta' awtorizzazzjoni għandhom jikkonċernaw każijiet fejn aċċess għal jew eżerċizzju ta' attività ta' servizz minn operaturi jitolbu deċiżjoni minn awtorità kompetenti. Dan la jikkonċerna d-deċiżjonijiet minn awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu entità pubblika jew privata għall-provvista ta' servizz partikolari u lanqas il-konklużjoni ta' kuntratti minn awtoritajiet kompetenti għad-dispożizzjoni ta' servizz partikolari li huwa ggvernat mir-regoli ta' l-akkwist pubbliku, għaliex din id-Direttiva ma hijiex dwar regoli għal akkwist pubbliku.

(58) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal u l-eżerċizzju għall-attivitajiet tas-servizz, huwa importanti li jsiru evalwazzjoni u rapportar dwar l-iskemi ta' awtorizzazzjoni u l-ġustifikazzjoni tagħhom. Din l-obbligu ta' rappurtar jikkonċerna biss l-eżistenza ta' l-iskemi ta' awtorizzazzjoni u mhux il-kriterji u l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni.

(59) L-awtorizzazzjoni bħala regola ġenerali għandha tħalli lill-fornitur ikollu aċċess għall-attività tas-servizz, jew biex jeżerċita dik l-attività, fit-territorju nazzjonali kollu, ħlief jekk limitu territorjali huwa ġġustifikat b'raġuni aktar importanti li huwa marbut ma' l-interess pubbliku. Per eżempju, ħarsien ambjentali jista' jiġġustifika l-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni individwali għal kull installazzjoni fuq it-territorju nazzjonali. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex taffettwa il-kompetenzi reġjunali jew lokali għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri.

(60) Din id-Direttiva, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-iskemi ta' awtorizzazzjoni u l-firxa territorjali ta' awtorizzazzjoni, ma għandhomx jindaħlu fid-diviżjoni tal-kompetenzi reġjunali jew lokali fi ħdan l-Istati Membri, inklużi tmexxija awtonoma reġjunali u lokali u l-użu tal-lingwi uffiċjali.

(61) Id-dispożizzjoni relatata man-non-duplikazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni ma għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli japplikaw il-kondizzjonijiet tagħhom kif speċifikati fl-iskema ta' awtorizzazzjoni. Għandha teħtieġ biss li l-awtoritajiet kompetenti, meta jkunu qegħdin iqisu jekk dawn il-kondizzjonijiet jintlaħqux mill-applikant, jikkunsidraw il-kondizzjonijiet ekwivalenti li diġà ġew issodisfati mill-applikant fi Stat Membru ieħor. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex titlob l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni pprovduta fl-iskema ta' awtorizzazzjoni ta' Stat Membru ieħor.

(62) Fejn in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli għal attività huwa limitat minħabba nuqqas ta' riżorsi naturali jew kapaċità teknika, għandha tkun adottata proċedura għall-għażla minn fost diversi kandidati potenzjali, bl-għan li jkunu żviluppati permezz ta' kompetizzjoni miftuħa l-kwalità u l-kondizzjonijiet għal provvista ta' servizzi disponibbli għall-utenti. Proċedura bħal din trid tipprovdi garanzija ta' trasparenza u imparzjalità u l-awtorizzazzjoni għalhekk mogħtija ma tridx tkun ta' tul eċċessiv, jew tkun suġġetta għal tiġdid awtomatiku, jew tagħti kwalunkwa vantaġġ lill-fornitur li l-awtorizzazzjoni tiegħu għada kemm skadiet. B'mod partikolari, it-tul ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija irid ikun fiss b'tali mod li ma jirristrenġix jew ma jillimitax kompetizzjoni libera lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex il-fornitur ikun jista' jiġbor lura l-ispejjeż ta' l-investiment u jagħmel dħul ġust fuq il-kapital investit. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli jillimitaw in-numru ta' awtorizzazzjonijiet ħlief għal raġunijiet ta' nuqqas ta' riżorsi naturali jew kapaċità teknika. Dawn l-awtorizzazzjonijiet jibqgħu fi kwalunkwe każ soġġetti għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' din id-Direttiva dwar l-iskemi ta' awtorizzazzjoni.

(63) Fin-nuqqas ta' arranġamenti differenti, wara nuqqas ta' risposta f' perjodu ta' żmien, l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ngħatat. Madankollu, jistgħu jsiru arranġamenti differenti fir-rigward ta' ċerti attivitajiet, fejn ikunu ġġustifikati oġġettivament b'raġunijiet aktar importanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku, inkluż interess leġittimu minn partijiet terzi. Tali arranġamenti differenti jistgħu jinkludu regoli nazzjonali li skondhom, fl-assenza ta' risposta ta' l-awtorità kompetenti, l-applikazzjoni titqies miċħuda, filwaqt li ċ-ċaħda hija miftuħa għal rikors quddiem il-qrati.

(64) Sabiex jiġi stabbilit suq intern ġenwin għas-servizzi, huwa meħtieġ li jitneħħew kwalunkwe restrizzjonijiet dwar il-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi li għadhom stabbiliti fil-liġijiet ta' ċerti Stati Membri u li huma inkompatibbli ma' l-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat rispettivament. Ir-restrizzjonijiet li għandhom jiġu pprojbiti jaffettwaw partikolarment is-suq intern għas-servizzi u għandhom jiġu sistematikament żarmati malajr kemm jista' jkun.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(65) Il-libertà ta' l-istabbiliment hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali, li jintitola l-projbizzjoni mhux biss ta' kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità iżda wkoll ta' kull diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq raġunijiet oħrajn iżda li kapaċi tipproduċi l-istess riżultat. Għalhekk, aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha fi Stat Membru, kemm jekk bħala attività prinċipali jew sekondarja, ma għandux ikun suġġett għal kriterji bħal post ta' stabbiliment, residenza, domiċilju jew dispożizzjoni prinċipali ta' l-attività ta' servizz. Madankollu, dawn il-kriterji ma jinkludux ħtiġijiet li skondhom fornitur ta' servizz jew wieħed mill-impjegati tiegħu jew rappreżentant, għandu jkun preżenti matul l-eżerċizzju ta' l-attività meta dan huwa ġġustifikat minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku. Barra minn hekk, Stat Membru ma għandux jirrestrinġi l-kapaċità legali jew id-dritt ta' legali ta' kumpanniji inkorporati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru ieħor li fuq it-territorju tiegħu għandhom l-istabbiliment primarju tagħhom li jifthu kawża. Barra minn hekk, Stat Membru ma għandux ikun jista' jagħti xi vantaġġ lil fornituri li għandhom rabta nazzjonali jew soċjo-ekonomika lokali partikolari; lanqas ma jista' jnaqqas, fuq kriterji ta' post ta' stabbiliment, il-libertà tal-fornitur li jakkwista, jisfrutta jew jiddisponi minn drittijiet u prodotti jew li jaċċedi għal forom differenti ta' kreditu jew akkomodazzjoni sakemm dawk l-għażliet huma utli għal aċċess għall-attività tiegħu jew għall-eżerċizzju effettiv tagħha.

(66) L-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fit-territorju ta' Stat Membru ma għandhiex tkun suġġetta għal test ekonomiku. Il-projbizzjoni ta' testijiet ekonomiċi bħala prerekwiżit għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għandha tkopri testijiet ekonomiċi, iżda mhux ir-rekwiżiti li huma ġġustifikati oġġettivament mir-raġunijiet aktar importanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku, bħal ħarsien ta' l-ambjent urban, il-politika soċjali jew is-saħħa pubblika. Il-projbizzjoni ma għandhiex taffettwa l-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-awtoritajiet responsabbli biex tiġi applikata l-liġi tal-kompetizzjoni.

(67) Fir-rigward ta' garanziji finanzjarji jew assigurazzjoni, il-projbizzjoni tar-rekwiżiti għandha tikkonċerna biss l-obbligu li l-garanziji finanzjarji mitlubin jew l-assigurazzjoni trid tinkiseb minn istituzzjoni finanzjarja stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.

(68) Fir-rigward ta' reġistrazzjoni minn qabel, il-projbizzjoni tar-rekwiżiti għandha tikkonċerna biss l-obbligu tal-fornitur, li qabel l-istabbiliment, ikun irreġistra minn qabel għal perjodu definit f'reġistru miżmum fl-Istat Membru kkonċernat.

(69) Sabiex tiġi kkoordinata l-modernizzazzjoni tar-regoli nazzjonali u r-regolamenti b'mod konsistenti mar-rekwiżiti tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġu evalwati ċerti ħtiġijiet nazzjonali non-diskriminatorji, li fin-natura proprja tagħhom jistgħu jirrestrinġu tassew jew anke jimpedixxu aċċess għal attività jew l-eżerċizzju tagħha skond il-libertà ta' l-istabbliment. Dan il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jkun limitat għall-kompatibilità ta' dawn ir-rekwiżiti mal-kriterji diġà stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-libertà ta' stabbiliment. Ma għandhiex tikkonċerna l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja tal-kompetizzjoni. Fejn tali ħtiġijiet huma diskriminatorji jew mhux iġġustifikati oġġettivament b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku, jew fejn dawn huma disproporzjonati, iridu jitneħħew jew jiġu emendati. L-eżitu ta' din il-evalwazzjoni se jkun differenti skond in-natura ta' l-attività u l-interess pubbliku kkonċernat. B'mod partikolari, rekwiziti bħal dawn jistgħu jkunu ġġustifikati bis-sħiħ meta jsegwu objettivi ta' politika soċjali.

(70) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16 tat-Trattat, is-servizzi jistgħu jitqiesu lu huma servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, biss jekk jiġu pprovduti fl-applikazzjoni ta' ħidma speċjali fl-interess pubbliku fdata lill-fornitur mill-Istat Membru kkonċernat. Din il-ħidma għandha titwettaq permezz ta' att wieħed jew aktar, li l-forma tiegħu għandha tkun iddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat, u għandu jispeċifika n-natura preċiża tal-kompitu speċjali.

(71) Il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka previst f'din id-Direttiva ma għandux jaffettwa l-libertà ta' l-Istati Membri li jistipulaw fil-leġislazzjoni tagħhom livell għoli ta' protezzjoni ta' l-interess pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward ta' objettivi tal-politika soċjali. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka jqis bis-sħiħ l-ispeċifiċità tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u ta' kompiti partikolari assenjati lilhom. Dan jista' jiġġustifika ċerti restrizzjonijiet dwar il-libertà ta' l-istabbiliment, b'mod partikolari fejn restrizzjonijiet bħal dawn isegwu objettivi ta' saħħa pubblika u politika soċjali skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(3)(a), (b) u (ċ). Per eżempju, fir-rigward ta' l-obbligu li tittieħed forma speċifika legali sabiex jiġu eżerċitati ċerti servizzi fil-qasam soċjali, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li tista' tkun iġġustifikata li tissuġġetta lill-fornitur tas-servizzi bi ħtieġa li ma jkunx jagħmel profitt.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(72) Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li huma fdati b'kompiti importanti marbutin ma' koeżjoni soċjali u territorjali. It-twettiq ta' dawn il-kompiti m'għandux ikun ostakolat bħala riżultat tal-proċess ta' evalwazzjoni previst f'din id-Direttiva. Ħtiġijiet li huma meħtieġa għat-twettiq ta' tali kompiti ma għandhomx ikunu affettwati b'dan il-proċess waqt li, fl-istess ħin, jeħtieġ li jkunu indirizzati restrizzjonijiet inġustifikati għal-libertà ta' stabbiliment.

(73) Ir-rekwiżiti li jridu jiġu eżaminati jinkludu r-regoli nazzjonali li, fuq bażijiet barra minn dawk relatati mal-kwalifiki personali, jirriżervaw aċċess għal ċerti attivitajiet lill-fornituri partikolari. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu wkoll obbligi fuq fornitur li jieħu forma legali speċifika, b'mod partikolari biex ikun persuna legali, kumpannija b'sid individwali, organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt jew kumpannija li s-sidien tagħha huma biss persuni naturali, u rekwiżiti li jirrelataw ma' ishma ta' kumpannija, b'mod partikolari obbligi li jżommu ammont minimu ta' kapital għal ċerti attivitajiet ta' servizzi jew biex ikollhom kwalifikazzjoni speċifika sabiex iżżommu il-kapital f'ishma fiha jew biex jamministraw ċerti kumpanniji. L-evalwazzjoni tal-kompatibilità ta' tariffi fissi minimi u/jew massimi mal-libertà ta' l-istabbiliment tikkonċerna biss it-tariffi imposti minn awtoritajiet kompetenti speċifikament għall-provvista ta' ċerti servizzi u mhux, per eżempju, regoli ġenerali dwar determinazzjoni ta' prezz bħal għall-kiri ta' djar.

(74) Il-proċess reċiproku ta' evalwazzjoni jfisser li waqt il-perjodu ta' traspożizzjoni, l-Istati Membri l-ewwel ikollhom jagħmlu "screening" tal-leġislazzjoni tagħhom biex jaċċertaw jekk xi waħda mir-rekwiżiti msemmijin hawn fuq teżistix fis-sistemi legali tagħhom. Mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta traspożizzjoni, l-Istati Membri għandhom ifasslu rapport dwar ir-riżultati ta' dan l-iscreening. Kull rapport għandu jitressaq quddiem l-Istati Membri kollha u l-partijiet interessati. L-Istati Membri mbagħad ikollhom sitt xhur li fihom ikunu jistgħu jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dawn ir-rapporti. Sa mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' transpożizzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport sommarju, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti għal aktar inizjattivi. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, tista' tagħtihom assistenza jitfassal metodu komuni.

(75) Il-fatt li din id-Direttiva tispeċifika numru ta' rekwiżiti li għandhom ikunu aboliti jew valutati mill-Istati Membri matul il-perjodu transitorju huwa mingħajr preġudizzju għal proċedimenti ta' ksur kontra Stat Membru għal nuqqas milli jissodisfa l-obbliga taħt l-Artikoli 43 jew 49 tat-Trattat.

(76) Din id-Direttiva ma tikkonċernax l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 28 sa 30 tat-Trattat relatata mal-moviment liberu tal-merkanzija. Ir-restrizzjonijiet ipprojbiti skond id-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jkopru r-rekwiżiti applikabbli għal aċċess għal attivitajiet ta' servizzi jew għall-eżerċizzju tagħhom u mhux applikabbli għal merkanzija.

(77) Fejn operatur jivjaġġa fi Stat Membru ieħor biex jeżerċita l-attività ta' servizz hemmhekk, għandha ssir distinzjoni bejn is-sitwazzjonijiet koperti mil-libertà ta' l-istabbiliment u dawk koperti, minħabba n-natura temporanja ta' l-attivitajiet ikkonċernati, mill-moviment liberu tas-servizzi. F'dak li għandu x'jaqsam mad-distinzjoni bejn il-libertà ta' l-istabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja l-element prinċipali hija jekk l-operatur hux stabblit jew le fl-Istat Membru fejn jipprovdi s-servizz ikkonċernat. Jekk l-operatur huwa stabbilit fl-Istat Membru fejn jipprovdi s-servizzi tiegħu, hu għandu jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' l-istabbiliment. Jekk, mill-banda l-oħra, l-operatur mhux stabbilit fl-Istat Membru fejn is-servizzi huwa pprovdut, l-attivitajiet tiegħu għandhom ikunu koperti mill-moviment liberu tas-servizzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti saħqet li n-natura temporanja ta' l-attivitajiet imsemmijin iridu jiġu determinati fid-dawl mhux biss tat-tul tal-proviżjoni tas-servizz, iżda wkoll tar-regolarità, tan-natura perjodika jew tal-kontinwità tagħha. Il-fatt li l-attività hija temporanja ma għandux ifisser li l-fornitur tas-servizz ma jistax jarma lilu nnifsu b'xi forom ta' infrastruttura fl-Istat Membru fejn hu pprovdut is-servizz, bħal uffiċċju, kmamar uffiċjali jew kmamar ta' konsultazzjoni, sakemm din l-infrastruttura hija meħtieġa għall-għanijiet li tipprovdi s-servizz imsemmi.

(78) Sabiex tiġi assigurata implimentazzjoni effettiva tal-moviment liberu tas-servizzi u biex ikun żgurat li r-riċevitur u l-fornitur jistgħu jibbenefikaw minn u jfornu servizzi fil-Komunità kollha minkejja l-konfini, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat safejn ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut jistgħu jiġu imposti. Huwa indispensabbli li jiġi previst li d-dispożizzjoni dwar il-libertà biex jiġu pprovduti s-servizzi ma żżommx lill-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut milli jimponi, skond il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16(1)(a) sa (ċ), ir-rekwiżiti speċifiċi tiegħu għal raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika jew għall-ħarsien tas-saħħa pubblika jew ta' l-ambjent.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

(79) Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti saħqet li l-Istati Membri jżommu id-dritt li jieħdu miżuri sabiex iżommu fornituri milli b'mod abbużiv jieħdu vantaġġ tal-prinċipji tas-suq intern. Abbuż mill-fornitur għandu jiġi stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ.

(80) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-fornituri huma kapaċi jieħdu tagħmir li huwa integrali fil-provvizjoni tas-servizzi tagħhom magħhom meta jivjaġġaw biex jipprovdu servizz fi Stat Membru ieħor. B'mod partikolari, huwa importanti li jiġu evitati każijiet li fihom is-servizz ma setax jiġi ppovdut mingħajr it-tagħmir jew sitwazzjonijiet li fihom il-fornituri jeħlu spejjeż addizzjonali, per eżempju, billi jikru jew jixtru tagħmir differenti minn dak li normalment jużaw jew billi jkollhom bżonn jiddevjaw b'mod sinifikanti mill-mod kif huma normalment iwettqu l-attività tagħhom.

(81) Il-kunċett ta' tagħmir ma jirreferix għal oġġetti fiżiċi li huma jew provduti mill-fornitur lill-klijent jew saru parti minn oġġett fiżiku b'riżultat ta' l-attività tas-servizz, bħal materjali ta' bini jew partijiet tat-tagħmir, jew li huma kkunsmati jew tħallew in situ matul il-provvista tas-servizz, bħal karburanti kombustibbli, splussivi, logħob tan-nar, pestiċidi, veleni jew mediċini.

(82) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni minn Stat Membru ta' regoli dwar il-kondizzjonijiet ta' impjieg. Regoli stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'dispożizzjonijiet amministrattivi għandhom, skond it-Trattat, ikunu ġustifikati għal raġunijiet relatati mal-protezzjoni tal-ħaddiema u jkunu non-diskriminatorji, meħtieġa, u proporzjonati, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, u jkunu bi qbil mal-liġi Komunitarja rilevanti oħra.

(83) Jeħtieġ li jiġi żgurat li d-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi jista' jitlaq biss minn żoni koperti bid-derogi. Dawk id-derogi huma meħtieġa sabiex iqisu l-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern jew ċerti strumenti Komunitarji relatati mas-servizzi skond liema fornitur huwa soġġett għall-applikazzjoni ta' liġi barra minn dik ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment. Barra minn hekk, bħala eċċezzjoni, għandhom ukoll jiġu adottati miżuri kontra xi fornituri f'ċerti każijiet individwali u taħt ċerti proċeduri stretti u kondizzjonijiet sustantivi. Barra minn hekk, kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu tas-servizzi għandha tkun permessa bħala eċċezzjoni, biss jekk hija konsistenti mad-drittijiet fundamentali li tifforma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi stabbilita fl-ordni legali tal-Komunità.

(84) Id-deroga mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi tal-posta għandha tkopri kemm l-attivitajiet riżervati għall-fornitur universali tas-servizzi kif ukoll servizzi oħra tal-posta.

(85) Id-deroga mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi li relatati ma' l-irkupru ġudizjarju tad-djun u r-referenza għal strument futur ta' armonizzazzjoni possibbli għandha tikkonċerna biss l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' attivitajiet li jikkonsistu, b'mod partikolari, milli jitressqu azzjonijiet quddiem Qorti relatat ma' l-irkupru tad-djun.

(86) Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa t-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieġ li, skond id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-ippustjar ta' ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi ([1]), tapplika għal ħaddiema mibgħuta biex jipprovdu servizz fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. F'każijiet bħal dawn, id-Direttiva 96/71/KE tistipula li l-fornituri għandhom jikkonformaw mat-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg f'għadd ta' żoni elenkati applikabbli fl-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut. Dawn huma: perjodi massimi ta' xogħol u perjodi minimi ta' mistrieħ, minimu ta' vaganzi annwali mħallsin, rati minimi ta' ħlas, inklużi r-rati ta' sahra, il-kondizzjonijiet ta' kiri ta' ħaddiema, b'mod partikolari il-ħarsien tal-ħaddiema mikrija minn impriżi ta' impjieg temporanju, is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol, miżuri protettivi fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' nisa tqal jew nisa li jkunu għadhom kif welldu u tat-tfal u ż-żgħażagħ u l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-irġiel u n-nisa u dispożizzjonijiet oħrajn dwar in-non-diskriminazzjoni. Dan mhux biss jikkonċerna t-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg stipulati mil-liġi iżda wkoll dawk stipulati fi ftehim kollettivi jew f'arbitraġġ li huma ddikjarati uffiċjalment jew applikabbli de facto universalment fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 96/71/KE. Barra minn hekk, din id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli japplikaw it-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg għal kwistjonijiet għajr dawk elenkati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71/KE fuq il-bażi ta' lordni pubbliku.

([1]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

(87) Din id-Direttiva lanqas ma għandha taffettwa t-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg f'każijiet fejn il-ħaddiem impjegat għall-provvista ta' servizz transkonfini huwa rreklutat fl-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt għall-Istati Membri fejn is-servizz qiegħed jiġi pprovdut li tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg u d-distinzjoni bejn persuni impjegati għal rashom u persuni impjegati, inklużi "ħaddiema impjegati għal rashom foloz". F'dak ir-rigward, il-karatteristika essenzjali ta' relazzjoni ta' impjieg fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat għandha tkun l-fatt li għal ċertu perjodu ta' żmien persuna tipprovdi servizzi lil u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra u li għalih tirċievi ħlas. Kull attività li persuna twettaq barra relazzjoni ta' subordinazzjoni trid tkun ikklassifikata bħala attività esegwita f'kapaċità ta' persuna għal rasha għall-għanijiet ta' l-Artikolu 43 u 49 tat-Trattat.

(88) Id-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi ma għandhiex tapplika f'każijiet fejn, skond il-liġi Komunitarja, attività hija riservata fi Stat Membru għal professjoni partikolari, per eżempju rekwiżiti li jirriżervaw l-għotja ta' pariri legali għall-avukati.

(89) Id-deroga mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni ta' vetturi mikrijin fi Stat Membru għajr f'dak li fihom qegħdin jintużaw, issegwi mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għarfet li Stat Membru jista' jimponi obbligu bħal din, skond il-kondizzjonijiet proporzjonati, fil-każ ta' vetturi użati fit-territorju tiegħu. Dik l-esklużjoni ma tkoprix kirja okkażjonali jew temporanja.

(90) Ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizz u l-klijent kif ukoll bejn min iħaddem u l-impjegat m'għandhomx ikunu soġġetti għal din id-Direttiva. Il-liġi applikabbli relatata ma' l-obbligi kuntrattwali jew ma' dawk mhux kuntrattwali tal-fornitur tas-servizz għandha tiġi ddeterminata mir-regoli tad-dritt privat internazzjonali.

(91) Jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibiltà, b'mod eċċezzjonali u fuq il-bażi ta' każ b'każ, li jieħdu miżuri li jidderogaw mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi fir-rigward ta' fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor għar-raġunijiet ta' sigurtà tas-servizzi. Madankollu, għandu jkun possibbli li jittieħdu miżuri bħal dawn fl-assenza ta' armonizzazzjoni f'livell ta' Komunità biss.

(92) Ir-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tas-servizzi, kuntrarju għal din id-Direttiva, jistgħu jinħolqu mhux biss mill-miżuri applikati lill-fornituri iżda wkoll mill-ħafna xkiel għall-użu tas-servizzi mir-riċevituri, speċjalment mill-konsumaturi. Din id-Direttiva ssemmi, bħala eżempju, ċerti tipi ta' restrizzjonijiet applikati lil riċevitur li jixtieq juża servizz mogħti minn fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor. Din tinkludi wkoll każijiet fejn ir-riċevituri ta' servizz għandhom l-obbligu li jiksbu l-awtorizzazzjoni minn jew jagħmlu dikjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jirċievu servizz minn fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor. Din ma tikkonċernax skemi ta' awtorizzazzjoni ġenerali li japplikaw ukoll għall-użu ta' servizz mogħti minn fornitur stabbilit fl-istess Stat Membru.

(93) Il-kunċett ta' assistenza finanzjarja mogħtija għall-użu ta' servizz partikolari ma tapplikax għal sistemi ta' għajnuna mogħtija mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam soċjali jew fis-settur kulturali, li huma koperti mir-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni, lanqas għall-assistenza ġenerali finanzjarja li m'għandhiex x'taqsam ma' l-użu ta' servizz partikolari, per eżempju għotijiet u self lil studenti.

(94) Skond ir-regoli tat-Trattat dwar il-moviment liberu tas-servizzi, id-diskriminazzjoni minħabba raġuni ta' nazzjonalità tar-riċevitur jew ta' residenza nazzjonali jew lokali hija pprojbita. Diskriminazzjoni bħal din tista' tieħu l-forma ta' obbligu, impost biss fuq ċittadini ta' Stat Membru ieħor, biex jipprovdu dokumenti oriġinali, kopji ċċertifikati, ċertifikat tan-nazzjonalità jew traduzzjonijiet uffiċjali ta' dokumenti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn servizz jew minn termini jew prezzijiet iktar vantaġġużi. Madankollu, il-projbizzjoni ta' rekwiżiti diskriminatorji ma għandhiex teskludi r-riżerva ta' vantaġġi, speċjalment rigward tariffi, lil ċerti riċevituri, jekk riżerva bħal din tkun imsejsa fuq kriterji leġittimi u oġġettivi.

(95) Il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni fi ħdan is-suq intern ifisser li l-aċċess minn riċevitur, u speċjalment minn konsumatur, għal servizz fuq offerta lill-pubbliku ma jistax jinċaħad jew jiġi ristrett bl-applikazzjoni ta' kriterju, li għandu x'jaqsam man-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tar-riċevitur inkluż fil-kondizzjonijiet ġenerali magħmulin disponibbli għall-pubbliku. Ma jfissirx li tkun diskriminazzjoni illegali jekk ikun previst f'kondizzjonijiet ġenerali bħal dawn li tariffi u kondizzjonijiet diffe-

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

renti japplikaw għall-għoti ta' servizz, fejn dawk it-tariffi, prezzijiet u kondizzjonijiet huma ġġustifikati għal raġunijiet oġġettivi li jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor, bħalma huma spejjeż addizzjonali mġarrbin minħabba d-distanza involuta jew minħabba fil-karatteristiċi tekniċi ta' l-għoti tas-servizz, jew kondizzjonijiet tas-suq differenti, bħal domanda ogħla jew aktar baxxa influwenzata mill-fattur staġunali, perjodi ta' vaganzi differenti fl-Istati Membri u l-iffissar tal-prezzijiet mill-kompetituri differenti, jew riskji żejda marbutin ma' regoli li jvarjaw minn dawk ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment. Dan lanqas ma jfisser li n-non-provvista ta' servizz lil konsumatur minħabba n-nuqqas tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali meħtieġa f'territorju partikolari jikkostitwixxi diskriminazzjoni illegali.

(96) Huwa xieraq li jiġi previst li, bħala wieħed mill-mezzi li biha l-fornitur jista' jagħmel l-informazzjoni li hu obbligat jipprovdi aktar aċċessibbli għar-riċevitur, jipprovdi l-indirizz elettroniku tiegħu, kif ukoll dak tal-*website* tiegħu. Barra minn hekk, l-obbligu li tiġi magħmula disponibbli ċerta informazzjoni fid-dokumenti ta' informazzjoni tal-fornitur fejn jippreżenta s-servizzi tiegħu fid-dettall m'għandhomx ikopru l-komunikazzjonijiet kummerċjali ta' natura ġenerali, bħar-riklamar, iżda dokumenti li fihom jagħti deskrizzjoni dettaljata tas-servizzi proposti, inklużi dokumenti fuq *website*.

(97) Huwa meħtieġ li f'din id-Direttiva jkun hemm previżjoni għal ċerti regoli dwar kwalità għolja ta' servizzi li tiżgura b'mod partikolari ħtiġijiet ta' informazzjoni u trasparenza. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw kemm f'każijiet ta' provvista ta' servizzi transkonfinali bejn Stati Membri kif ukoll f'każijiet ta' servizzi provduti fi Stat Membru minn fornitur ta' servizz stabbilit hemmhekk mingħajr ma jimponu piżijiet mhux meħtieġa fuq SMEs. Dawn bl-ebda mod ma għandhom iżommu lill-Istati Membri milli japplikaw, f'konformità ma' din id-Direttiva u liġi oħra Komunitarja, ħtiġijiet ta' kwalità addizzjonali jew differenti.

(98) Kwalunkwe operatur li jipprovdi servizzi li jinvolvu riskju dirett u partikolari għas-saħħa, is-sigurtà u għall-finanzi tar-riċevitur jew persuna terza għandu, fil-prinċipju, jkun kopert minn assigurazzjoni ta' responsabilità professjonali xierqa, jew b'forma oħra ta' garanzija li hi ekwivalenti jew li tista' titqabbel magħha, li jfisser, b'mod partikolari, li tali operatur bħala regola ġenerali għandu jkollu kopertura ta' assigurazzjoni xierqa għas-servizzi pprovduti f'wieħed jew bosta Stati Membri għajr l-Istat Membru ta' stabbiliment.

(99) L-assigurazzjoni jew il-garanzija għandha tkun xierqa għan-natura u l-firxa tar-riskju. Għalhekk għandu jkun meħtieġ li l-fornitur jkollhu kopertura transkonfinali biss jekk dak il-fornitur tabilħaqq jipprovdi servizzi fi Stati Membri oħra. L-Istati Membri m'għandhomx jistabbilixxu regoli aktar dettaljati dwar il-kopertura ta' l-assigurazzjoni u li jiġu ffissati per eżempju limiti minimi għall-ammont assigurat jew limiti fuq l-esklużjonijiet mill-kopertura ta' l-assigurazzjoni. Fornituri tas-servizzi u kumpanniji ta' l-assigurazzjoni għandhom iżommu l-flessibbiltà meħtieġa biex jinnegozjaw politika ta' l-assigurazzjoni mmirati b'mod speċifiku għan-natura u l-ambitu tar-riskju. Barra minn hekk, m'hemmx bżonn li jkun stabbilit bil-liġi obbligu ta' assigurazzjoni xierqa. Għandu jkun biżżejjed jekk l-obbligu ta' assigurazzjoni jagħmel parti mir-regoli ta' l-etika stabbiliti minn korpi professjonali. Fl-aħħar, ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu għall-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni biex jipprovdu kopertura ta' l-assigurazzjoni.

(100) Jeħtieġ li jintemmu l-projbizzjonijiet totali fuq il-komunikazzjonijiet kummerċjali mill-professjonijiet regolati, mhux billi jitneħħew il-projbizzjonijiet fuq il-kontenut tal-komunikazzjoni kummerċjali iżda bit-tneħħija ta' dawk il-projbizzjonijiet li, b'mod ġenerali u għal xi professjoni partikolari, jipprojbixxu wieħed jew bosta forom ta' komunikazzjoni kummerċjali, bħal interdizzjoni fuq ir-riklami kollha f'wieħed jew bosta medja partikolari. Rigward il-kontenut u l-metodu ta' komunikazzjoni kummerċjali, jeħtieġ li l-professjonisti jitħeġġu jfasslu, skond il-liġi Komunitarja, kodiċi ta' kondotta fuq livell Komunitarju.

(101) Jeħtieġ u hu wkoll fl-interess tar-riċevituri, b'mod partikolari l-konsumaturi, li jiġi żgurat li jkun possibbli għall-fornituri li joffru servizzi multi-dixxiplinari u li r-restrizzjonijiet f'dan ir-rigward ikunu limitati għal dak li hu meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-imparzjalità u l-indipendenza kif ukoll l-integrità tal-professjonijiet regolati. Dan ma jaffettwax r-restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet li jitwettqu attivitajiet partikolari li jimmiraw li jiżguraw l-indipendenza f'każijiet fejn Stat Membru jagħti lil fornitur tas-servizzi kompitu speċifiku b'mod partikolari fil-qasam ta' l-iżvilupp urban, u lanqas ma għandu jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

(102) Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġu promossi evalwazzjonijiet imsejsa fuq kriterji komparabbli mal-kwalità tas-servizzi offruti u provduti lir-riċevituri, jeħtieġ li l-informazzjoni dwar it-tifsira tat-tabelli ta' kwalità jew marki distintivi oħrajn rigward dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli faċilment. L-obbligu ta' trasparenza huwa partikolarment importanti f'oqsma bħat-turiżmu, speċjalment fin-negozju tal-

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

lukandi, fejn huwa mifrux l-użu ta' sistema ta' klassifikazzjoni. Barra minn hekk, hu xieraq li jiġi eżaminat safejn l-istandardizzazzjoni Ewropea tkun tista' tiffaċilità l-kompatibbiltà u l-kwalità tas-servizzi. L-istandards Ewropej jitfasslu mill-korpi Ewropej ta' stabbiliment ta' standards, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew ta' l-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet (ETSI). Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista', skond il-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provvista ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u ta' regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni [1], toħroġ mandat għat-tfassil ta' standards Ewropej speċifiċi.

(103) Sabiex jiġu solvuti l-problemi potenzjali bi qbil mad-deċiżjoni ġuridika, jeħtieġ li jkun previst li l-Istati Membri jirrikonoxxu garanzija ekwivalenti magħmula għand istituzzjonijiet jew korpi bħal banek, fornituri ta' assigurazzjoni jew fornituri ta' servizzi finanzjarji oħrajn stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

(104) L-iżvilupp ta' network ta' awtoritajiet għal ħarsien tal-konsumatur ta' l-Istat Membru, li hu soġġett tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, jikkomplimenta l-kooperazzjoni stipulata f'din id-Direttiva. L-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-ħarsien tal-konsumatur f'każijiet transkonfinali, b'mod partikolari rigward il-prassi ġodda ta' marketing u bejgħ, kif ukoll il-bżonn li jitneħħew ċerti ostakoli speċifiċi għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam, teħtieġ livell ogħla ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, jeħtieġ f'dan il-qasam li jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrikjedu l-waqfien ta' prassi illegali minn operaturi fit-territorju tagħhom li jimmiraw għal konsumaturi fi Stat Membri ieħor.

(105) Il-kooperazzjoni amministrattiva hija essenzjali sabiex is-suq intern fis-servizzi jaħdem kif suppost. Nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jwassal għal proliferazzjoni ta' regoli applikabbli għal fornituri jew irduppjar ta' kontrolli ta' attivitajiet transkonfinali, u jista' jintuża wkoll minn negozjanti diżonesti biex jevitaw sospensjoni jew biex jaħarbu mir-regoli nazzjonali applikabbli fuq is-servizzi. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm obbligi ċari, u li jorbtu legalment sabiex l-Istati Membri jikkooperaw b'mod effettiv.

(106) Għall-finijiet tal-Kapitolu dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, "sorveljanza" għandha tkopri attivitajiet bħal monitoraġġ jew tfittxija tal-fatti, is-soluzzjoni ta' problemi, infurzar u impożizzjoni ta' pieni, u attivitajiet ta' segwitu sussegwenti.

(107) F'ċirkostanzi normali, għajnuna reċiproka għandha sseħħ direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti. Il-punti ta' kuntatt maħturin mill-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa biex iħaffu dan il-proċess jekk jinqalgħu xi diffikultajiet, per eżempju jekk għajnuna hija meħtieġa biex tiġi identifikata l-awtorità kompetenti rilevanti.

(108) Ċerti obbligi ta' assistenza reċiproka għandhom japplikaw għall-kwistjonijiet kollha koperti minn din id-Direttiva, li jinkludu dawk relatati ma' każijiet fejn fornitur jistabbilixxi fi Stat Membru ieħor. Obbligi oħrajn ta' assistenza reċiproka għandhom japplikaw biss f'każijiet ta' provvista ta' servizzi transkonfinali, fejn tapplika d-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Sensiela oħra ta' obbligi għandha tapplika fil-każijiet kollha ta' provvista transkonfini ta' servizzi, li tinkludi oqsma mhux koperti mid-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu provduti servizzi. Provvista ta' servizzi transkonfinali għandha tinkludi każijiet fejn is-servizzi huma pprovduti fuq distanza u fejn ir-riċevitur jivvjaġġa lejn l-Istat Membru ta' l-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi sabiex jirċievi s-servizzi.

[1] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni 2003.

(109) F'każijiet fejn il-fornitur jiċċaqlaq temporanjament lejn Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' stabbiliment, jeħtieġ li tiġi pprovduta assistenza reċiproka bejn dawn iż-żewġ Stati Membri sabiex dan ta' l-ewwel ikun jista' jwettaq kontrolli, spezzjonijiet u stħarriġiet fuq talba ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment jew iwettaq tali kontrolli fuq l-inizjattiva tiegħu stess jekk huma biss kontrolli fattwali.

(110) M'għandux ikun possibbli li l-Istati Membri jevitaw ir-regoli stipulati f'din id-Direttiva, inkluża d-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, permezz tat-twettiq ta' kontrolli, spezzjonijiet jew investigazzjonijiet li huma diskriminatorji jew sproporzjonati.

(111) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-fama tajba tal-fornituri ma għandhomx iwaqqfu inizjattivi fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dak ġuridiku fi kwistjonijiet kriminali, b'mod partikolari dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għall-infurzar tal-liġi u dwar ir-reġistri kriminali.

(112) Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri teħtieġ sistema elettronika ta' informazzjoni li tiffunzjona tajjeb sabiex iħallu lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw faċilment l-interlokuturi tagħhom fl-Istati Membri l-oħrajn u biex jikkomunikaw b'mod effiċjenti.

(113) Jeħtieġ li jiġi previst li l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, iħeġġu l-partijiet interessati biex ifasslu kodiċijiet ta' kondotta fuq livell Komunitarju mmirat, b'mod partikolari, għall-promozzjoni tal-kwalità tas-servizzi u l-kunsiderazzjoni tan-natura speċifika ta' kull professjoni. Dawn il-kodiċijiet ta' kondotta għandhom ikunu f'konformità mal-liġi Komunitarja, b'mod partikolari l-liġi ta' kompetizzjoni. Għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli li jorbtu legalment li jirregolaw l-etika u l-kondotta professjonali fl-Istati Membri.

(114) L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta, b'mod partikolari, minn korpi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet professjonali fuq livell Komunitarju. Dawn il-kodiċijiet ta' kondotta għandhom jinkludu, kif xieraq għan-natura speċifika ta' kull professjoni u regoli għal komunikazzjonijiet kummerċjali rigward il-professjonijiet regolati, u regoli ta' etika u kondotta professjonali tal-professjonijiet regolati li jimmiraw, b'mod partikolari, li jiżguraw indipendenza, imparzjalità u segretezza professjonali. Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet li l-attivitajiet ta' l-aġenti immobiljari huma soġġetti għalihom għandhom ikunu inklużi f'tali kodiċijiet ta' kondotta. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex iħeġġu l-korpi, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet professjonali li jimplimentaw fuq livell nazzjonali l-kodiċijiet ta' kondotta adottati fuq livell Komunitarju.

(115) Kodiċijiet ta' kondotta fil-livell Kommunitarju huma intiżi biex jistabbilixxu l-istandards minimi ta' kondotta u huma komplimentarji mar-rekwiżiti legali ta' l-Istati Membri. Huma ma jipprekludux lill-Istati Membri, skond il-liġi Komunitarja, milli jieħdu miżuri iktar stretti fil-liġi jew lill-korpi professjonali nazzjonali milli jipprovdu għal protezzjoni akbar fil-kodiċijiet ta' kondotta nazzjonali tagħhom.

(116) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-eliminazzjoni ta' l-ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment ta' fornituri fl-Istati Membri u għal provvista libera tas-servizzi bejn l-Istati Membri, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(117) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għal eżerċizzju ta' setgħat ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [1].

(118) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet [2], l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, l-iskedi tagħhom li, sa fejn hu possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jippubblikawhom,

---

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).*
[2] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

### Artikolu 1

### Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li jħaffu l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi.

2. Din id-Direttiva ma tkoprix il-liberalizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, riżervata għall-entitajiet pubbliċi jew privati, lanqas mil-privatizzazzjoni ta' entitajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi.

3. Din id-Direttiva ma tkoprix l-abolizzjoni ta' monopolji li jipprovdu servizzi lanqas l-għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri li huma koperti mir-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni.

Din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà ta' l-Istati Membri li jiddefinixxu, bi qbil mal-liġi Komunitarja, x'jikkunsidraw bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kif dawn is-servizzi għandhom jiġu organizzati u ffinanzjati, skond ir-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat, u liema obbligi speċifiċi għandhom ikunu soġġetti għalihom.

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-miżuri meħudin fuq livell Komunitarju jew fuq dak nazzjonali, skond il-liġi Komunitarja, sabiex jiġu mħarsa jew promossi d-diversità kulturali jew lingwistika jew il-pluraliżmu tal-medja.

5. Din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli tal-liġi kriminali ta' l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-libertà fil-provvista ta' servizzi billi japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jirregolaw jew jaffettwaw speċifikament l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz b'elużjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

6. Din id-Direttiva ma taffettwax il-liġi ta' l-impjieg, jiġifieri kwalunkwe dispożizzjoni legali jew kuntrattwali dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u r-relazzjoni bejn min jimpjega u l-ħaddiema, li l-Istati Membri japplikaw skond il-liġi nazzjonali li tirrispetta l-liġi Komunitarja. Ugwalment din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri.

7. Din id-Direttiva ma taffettwax l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u bil-liġi Komunitarja. Lanqas ma taffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehim kollettivi u li jieħu azzjoni industrijali skond il-liġi u l-prassi nazzjonali li jirrispettaw il-liġi Komunitarja.

### Artikolu 2

### Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal dawn l-attivitajiet:

a) servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali;

b) servizzi finanzjarji, bħal dawk bankarji, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, il-pensjonijiet tax-xogħol jew personali, titoli, il-fondi ta' investiment, il-pagamenti, il-parir dwar investiment, inklużi s-servizzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/48/KE;

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

c) servizzi ta' komunikazzjoni u networks elettroniċi, u faċilitajiet u servizzi assoċjati, rigward il-kwistjonijiet koperti mid-Direttivi 2002/19/KE, 2002/20/KE, 2002/21/KE, 2002/22/KE u 2002/58/KE;

d) is-servizzi fil-qasam tat-trasport inklużi servizzi tal-port, li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Trattat;

e) servizzi ta' aġenziji ta' xogħol temporanju;

f) servizzi tal-kura tas-saħħa, kemm jekk huma pprovduti permezz ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa kif ukoll jekk le, u jkunu x'ikunu l-mezzi li permezz tagħhom huma organizzati jew iffinanzjati fuq livell nazzjonali u jekk humiex pubbliċi jew privati;

g) servizzi awdjoviżivi, inklużi servizzi ċinematografiċi, ikun x'ikun il-metodu ta' produzzjoni, distribuzzjoni u trasmissjoni tagħhom, u inkluż ix-xandir bir-radju;

h) attivitajiet ta' logħob tal-flus li jinvolvu mħatri ta' flus f'logħob ta' fortuna, inklużi l-lotteriji, logħob tal-flus fil-casinos u mħatri;

i) attivitajiet li huma konnessi ma' l-eżerċizzju ta' l-awtorità uffiċjali kif stipulat fl-Artikolu 45 tat-Trattat;

j) servizzi soċjali li għandhom x'jaqsmu ma' djar b'għan soċjali, kura tat-tfal u appoġġ ta' familji u persuni bżonnjużi b'mod permanenti jew temporanju li huma pprovduti mill-Istat, minn fornituri li għandhom mandat mill-Istat jew minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat;

k) servizzi privati ta' sigurtà;

l) servizzi provduti minn nutara u uffiċjali ġudizzjarji, li huma maħtura minn att uffiċjali tal-gvern.

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-qasam tat-tassazzjoni.

Artikolu 3

Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi Komunitarja

1. Jekk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jmorru kontra dispożizzjoni ta' att Komunitarju ieħor li jirregola aspetti speċifiċi ta' aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fis-setturi speċifiċi jew għal professjonijiet speċifiċi, id-dispożizzjoni ta' l-att Komunitarju l-ieħor jipprevalu u għandhom japplikaw f'dawk is-setturi jew professjonijiet speċifiċi. Dawn jinkludu:

a) Id-Direttiva 96/71/KE;

b) Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71;

c) ċ) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 rigward il-koordinazzjoni ta' ċertu dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri rigward is-segwitu ta' attivitajiet ta' xandir bit-televixin [1];

d) Id-Direttiva 2005/36/KE.

2. Din id-Direttiva ma tikkonċernax regoli ta' dritt privat internazzjonali, b'mod partikolari regoli li jiggvernaw il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali u non-kuntrattwali, inklużi dawk li jiggarantixxu li konsumaturi jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija lilhom mir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-konsumatur fis-seħħ fl-Istat Membru tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva skond ir-regoli tat-Trattat dwar id-dritt ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi.

[1] ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60).

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

Artikolu 4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "servizz" tfisser attività ekonomika mhux imħallsa, normalment magħmula għal remunerazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 50 tat-Trattat;

2) "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna naturali li hija ċittadin ta' Stat Membru, jew kwalunkwe persuna ġuridika kif imsemmija fl-Artikolu 48 tat-Trattat u stabbilita fi Stat Membru, li toffri jew li tipprovdi servizz;

3) "riċevitur" tfisser kwalunkwe persuna naturali li hija ċittadin ta' Stat Membru jew li tibbenefika mid-drittijiet mogħtija lilha mill-atti Komunitarji, jew kwalunkwe persuna ġuridika kif imsemmija fl-Artikolu 48 tat-Trattat u stabbilita fi Stat Membru, li, għal skopijiet professjonali jew mhux professjonali, tuża, jew tixtieq tuża, servizz;

4) "Stat Membru ta' stabbiliment" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-fornitur tas-servizzi kkonċernat huwa stabbilit;

5) "stabbiliment" tfisser is-segwitu effettiv ta' attività ekonomika, kif imsemmi fl-Artikolu 43 tat-Trattat, mill-fornitur għal perjodu indefinit u permezz ta' infrastruttura stabbli li minnu n-negozju ta' provvista ta' servizzi qiegħed tassew iseħħ;

6) "skema ta' awtorizzazzjoni" tfisser kull proċedura li fiha kull fornitur jew riċevitur hu tabilħaqq meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb deċiżjoni formali minn awtorità kompetenti, jew deċiżjoni impliċita, rigward l-aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju tagħha;

7) "rekwiżit" tfisser kwalunkwe obbligu, projbizzjoni, kondizzjoni jew limitu stipulat fil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri jew bħala riżultat tal-każistika, il-prattika amministrattiva, ir-regoli ta' korpi professjonali, jew ir-regoli kollettivi ta' assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet professjonali oħrajn, adottati fl-eżerċizzju ta' l-awtonomija legali tagħhom; regoli stabbiliti fil-ftehim kollettivi negozjati mill-imsieħba soċjali ma għandhomx jidhru bħala rekwiżiti fit-tifsira ta' din id-Direttiva;

8) "ir-raġunijiet aktar importanti fir-rigward ta' l-interess pubbliku" tfisser ir-raġunijiet rikonoxxuti bħala tali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, inklużi dawn ir-raġunijiet li ġejjin: politika pubblika, sigurtà pubblika; saħħa pubblika; il-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali; il-protezzjoni tal-konsumatur; riċevituri ta' servizzi u ħaddiema; l-ekwità fi transazzjonijiet kummerċjali; il-ġlieda kontra l-frodi; il-protezzjoni ta' l-ambjent u ta' l-ambjent urban; is-saħħa ta' l-annimali; il-proprjetà intellettwali; il-konservazzjoni tal-wirt storiku u artistiku nazzjonali; l-objettivi tal-politika soċjali u l-objettivi tal-politika kulturali;

9) "l-awtorità kompetenti" tfisser kull korp jew awtorità li għandha rwol ta' superviżjoni jew regolatorju fi Stat Membru f'relazzjoni ma' l-attivitajiet ta' servizz, li jinkludu, b'mod partikolari, l-awtoritajiet amministrattivi, inklużi qrati li jaġixxu bħala tali, il-korpi professjonali, u dawk l-assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet professjonali oħrajn li, fl-eżerċizzju ta' l-awtonomija legali tagħhom, jirregolaw b'mod kollettiv l-aċċess għall-attivitajiet tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħhom;

10) "Stat Membru fejn jingħata s-servizz" tfisser l-Istat Membru fejn jingħata s-servizz minn fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor;

11) "professjoni regolata" tfisser attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE;

12) "komunikazzjoni kummerċjali" tfisser kull tip ta' komunikazzjoni maħsuba biex tippromwovi, direttament jew indirettament, il-merkanzija, is-servizzi jew id-dehra ta' impriża, organizzazzjoni jew persuna impenjata f'attività kummerċjali, industrijali jew tas-sengħa jew il-prattika ta' professjoni regolata. Dawn li ġejjin ma jagħmlux parti fihom infushom minn komunikazzjonijiet kummerċjali:

   a) informazzjoni li tippermetti aċċess dirett għall-attività ta' l-impriża, organizzazzjoni jew persuna, inklużi b'mod partikolari isem ta' domain jew indirizz ta' l-email;

   b) komunikazzjonijiet marbutin mal-merkanzija, is-servizzi jew id-dehra ta' l-impriża, organizzazzjoni jew persuna, ikkompilati b'mod indipendenti, b'mod partikolari meta pprovduti mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni finanzjarja.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

**Kapitolu II**

**Simplifikazzjoni amministrattiva**

Artikolu 5

Simplifikazzjoni ta' proċeduri

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-proċeduri u l-formalitajiet applikabbli għal aċċess għal attività ta' servizz u l-eżerċizzju tagħha. Fejn proċeduri u formalitajiet eżaminati taħt dan il-paragrafu mhumiex suffiċjentement sempliċi, l-Istati Membri għandhom jissimplifikawhom.

2. Il-Kummissjoni tista' tintroduċi formoli armonizzati fuq livell Komunitarju, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2). Dawn il-formoli għandhom ikunu ekwivalenti għal ċertifikati, attestazzjonijiet jew dokumenti oħrajn meħtieġa minn fornitur.

3. Fejn l-Istati Membri jeħtieġu li fornitur jew riċevitur jipprovdi ċertifikat, attestazzjoni jew kwalukwe dokument ieħor li jixhed li r-rekwiżit kien sodisfatt, għandhom jaċċettaw kwalunkwe dokument minn Stat Membru ieħor li jservi għal skop ekwivalenti jew li juri biċ-ċar li r-rekwiżit ikkonċernat kien sodisfatt. Ma jistgħux jeħtieġu li dokument minn Stat Membru ieħor ikun oriġinali, jew kopja awtentikata jew traduzzjoni awtentikata, ħlief fil-każijiet previsti fl-istrumenti Komunitarji oħrajn jew fejn rekwiżit bħal dan ikun iġġustifikat minn raġuni aktar importanti fir-rigward ta' l-interess pubbliku li jinkludi l-ordni pubblika u s-sigurtà pubblika.

Dan l-ewwel subparagrafu ma għandux jaffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jitolbu għal traduzzjonijiet mhux awtentikati ta' dokumenti f'waħda mill-ilsna uffiċjali tagħhom.

4. Il-paragrafu 3 ma japplikax għad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 7(2) u 50 tad-Direttiva 2005/36/KE, fl-Artikoli 45(3), 46, 49 u 50 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti pubbliċi ta' provvista u kuntratti ta' servizz pubbliku (1), fl-Artikolu 3(2) tad-Direttivi 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni ta' l-avukati fuq bażi permanenti fi Stat Membru ħlief dak li fih inkiseb il-kwalifika (2), fl-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu ta' l-1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti fil-Komunità kollha (3), u fil-Ħdax-il Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar ir-rekwiżiti ta' l-iżvelar rigward il-friegħi miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpanniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor (4).

Artikolu 6

Punti ta' kuntatt waħdieni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli għal fornitur li jtemm il-proċeduri u l-formalitajiet li ġejjin permezz ta' punti ta' kuntatt waħdieni:

a) il-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa għal aċċess għall-attivitajiet tiegħu ta' servizz, b'mod partikolari, kull dikjarazzjoni, avviż jew applikazzjoni meħtieġa għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti kollha, inkluż applikazzjonijiet għal dħul f'reġistru, lista jew database, jew għal reġistrazzjoni ma' korp jew assoċjazzjoni professjonali;

b) kwalunkwe applikazzjoni għal awtorizzazzjoni meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu ta' servizz.

2. L-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt waħdieni għandu jkun mingħajr ħsara għall-allokazzjoni tal-funzjonijiet u setgħat fost l-awtoritajiet fi ħdan is-sistemi nazzjonali.

(1) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 (ĠU L 333, 20.12.2005, p. 28).
(2) ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36. Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni 2003.
(3) ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 221, 4.9.2003, p. 13).
(4) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 36.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

Artikolu 7

Dritt għal informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja hija aċċessibli faċilment mill-fornituri u r-riċevituri permezz ta' punti ta' kuntatt waħdieni:

a) rekwiżiti applikabbli għal fornituri stabbiliti fit-territorji tagħhom, b'mod partikolari dawk ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-proċeduri u l-formalitajiet li għandhom jitlestew sabiex ikun hemm aċċess għal u jitwettqu attivitajiet ta' servizz;

b) id-dettalji ta' kuntatt ta' l-awtoritajiet kompetenti li jippermettu lil dawn ta' l-aħħar jiġu kkuntattjati direttament, inklużi d-dettalji ta' dawk l-awtoritajiet responsabbli għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' servizz;

c) il-mezzi, u l-kondizzjonijiet, għall-aċċess ta' reġistri u databases pubbliċi dwar fornituri u servizzi;

d) il-mezzi ta' rimedji li huma ġeneralment disponibbli fil-każ ta' tilwim bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-fornitur jew ir-riċevitur, jew bejn il-fornitur u r-riċevitur jew bejn il-fornituri;

e) id-dettalji ta' kuntatt ta' l-assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet, għajr l-awtoritajiet kompetenti, li minnhom il-fornituri jew r-riċevituri jistgħu jiksbu assistenza prattika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli li l-fornituri u r-riċevituri jirċievu, fuq talba tagħhom, assistenza mill-awtoritajiet kompetenti, li tikkonsisti f'informazzjoni dwar kif ir-rekwiżiti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 huma ġeneralment interpretati u applikati. Fejn meħtieġ, tali parir għandu jinkludi gwida sempliċi bi spjegazzjonijiet pass b'pass. L-informazzjoni għandha tkun ipprovduta b'lingwa sempliċi u li tinftiehem.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni u l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 u 2 huma pprovduti b'mod ċar u mhux ambigwu, li jkunu aċċessibbli faċilment minn distanza u b'mezzi elettroniċi, u li jinżammu aġġornati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt waħdieni u l-awtoritajiet kompetenti jirrispondu mill-aktar fis possibbli għal kwalunkwe talba ta' informazzjoni jew assistenza kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 u, f'każijiet fejn it-talba hi żbaljata jew bla bażi, jinformaw lill-applikant kif xieraq mingħajr dewmien.

5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-inkoraġġiment ta' punti ta' kuntatt waħdieni li jagħmlu disponibbli l-informazzjoni prevista f'dan l-Artikolu fil-lingwi Komunitarji l-oħrajn. Dan ma jinterferix mal-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri dwar l-użu tal-lingwi.

6. L-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jassistu lill-fornituri u lir-riċevituri ma jeħtieġx li dawk l-awtoritajiet jipprovdu parir legali f'każijiet individwali imma jikkonċerna biss informazzjoni ġenerali dwar kif ir-rekwiżiti huma normalment interpretati jew applikati.

Artikolu 8

Proċeduri permezz ta' mezzi elettroniċi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess għal attività ta' servizz u għall-eżerċizzju tagħha jkunu kompletati faċilment, minn distanza u b'mezzi elettroniċi, permezz tal-punt ta' kuntatt waħdieni relevanti u ma' l-awtoritajiet kompetenti relevanti.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-ispezzjoni ta' postijiet li fihom jiġi pprovdut is-servizz jew ta' tagħmir użat mill-fornitur jew ta' eżami fiżiku tal-kapaċità jew ta' l-integrità personali tal-fornitur jew tal-persunal responsabbli tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2), tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u l-użu ta' proċeduri b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri, b'kont meħud ta' standards komuni żviluppati fil-livell Komunitarju.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

## Kapitolu III

## Libertà għall-istabbiliment ta' fornituri

### TAQSIMA 1

### Awtorizzazzjonijiet

#### Artikolu 9

#### Skemi ta' awtorizzazzjoni

1. L-Istati Membri m'għandhomx jissoġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal skema ta' awtorizzazzjoni ħlief jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

a) l-iskema ta' awtorizzazzjoni ma tiddiskriminax kontra l-fornitur ikkonċernat;

b) il-ħtieġa għal skema ta' awtorizzazzjoni hi ġġustifikata minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

c) l-objettiv segwit ma jistax jinkiseb b'mezzi inqas ristrettivi, b'mod partikolari peress li spezzjoni a posteriori isseħħ tard wisq biex tkun ġenwinament effettiv.

2. Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 39(1), l-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-iskemi ta' awtorizzazzjoni tagħhom u jagħtu raġunijiet li juru l-kompatibbiltà tagħhom mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Din is-sezzjoni m'għandhiex tapplika għal dawk l-aspetti ta' skemi ta' awtorizzazzjoni li huma regolati direttament jew indirettament minn strumenti Komunitarji oħrajn.

#### Artikolu 10

#### Kondizzjonijiet biex tingħata l-awtorizzazzjoni

1. Skemi ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq kriterji li jżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' evalwazzjoni b'mod arbitrarju.

2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

a) mhux-diskriminatorji;

b) iġġustifikati mir-raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

c) proporzjonati ma' dak l-objettiv ta' interess pubbliku;

d) ċari u mingħajr ambigwità;

e) oġġettivi;

f) magħmulin disponibbli għal pubbliku minn qabel;

g) trasparenti u aċċessibbli.

3. Il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għal stabbiliment ġdid m'għandhomx jiddupplikaw ir-rekwiżiti u l-kontrolli li huma ekwivalenti jew essenzjalment komparabbli fir-rigward ta' l-iskop tagħhom li għalihom il-fornitur hu diġà soġġett fi Stat Membru ieħor jew fl-istess Stat Membru. Il-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 28(2) u l-fornitur għandhom jassistu lill-awtorità kompetenti billi jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa dwar dawk ir-rekwiżiti.

4. L-awtorizzazzjoni għandha tippermetti lill-fornitur ikollu aċċess għall-attività ta' servizz, jew biex jeżerċita dik l-attività, mat-territorju nazzjonali kollu, inkluż bl-istabbiliment ta' aġenziji, sussidjarji, fergħat jew uffiċċji, ħlief fejn awtorizzazzjoni għal kull stabbiliment individwali jew limitu ta' l-awtorizzazzjoni għal ċertu parti tat-territorju huma ġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku.

5. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata malli jkun stabbilit, fid-dawl ta' eżami xieraq, li l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni ġew issodisfatti.

6. Ħlief fil-każ ta' l-għoti ta' awtorizzazzjoni, kwalunkwe deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi ċaħda jew irtirar ta' awtorizzazzjoni, għandha tinkludi r-raġunijiet kollha u għandha tkun miftuħa għal sfida quddiem il-qrati jew istanzi oħrajn ta' appell.

7. Dan l-Artikolu ma għandux iqiegħed f'dubju l-allokazzjoni tal-kompetenzi, fuq livell lokali jew reġjonali, ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jagħtu tali awtorizzazzjonijiet.

Artikolu 11

Perjodu ta' awtorizzazzjoni

1. Awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur m'għandhiex tkun għal perjodu limitat, ħlief fejn:

a) l-awtorizzazzjoni tiġġedded awtomatikament jew hi soġġetta biss għat-twettiq kontinwu tar-rekwiżiti;

b) in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli hu limitat b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku; jew

c) perjodu limitat ta' awtorizzazzjoni jista' jkun ġustifikat minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jikkonċerna l-perjodu massimu li qabel ma jispiċċa l-fornitur għandu tabilħaqq jibda l-attività tiegħu wara li jirċievi l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li fornitur jinforma l-punt ta' kuntatt waħdieni rilevanti previst fl-Artikolu 6 dwar il-bidliet li ġejjin:

a) il-ħolqien ta' sussidjarji li l-attivitajiet tagħhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-iskemi ta' awtorizzazzjoni;

b) bidliet fil-qagħda tiegħu li jirriżultaw f'li l-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni ma jibqgħux jiġu sodisfatti.

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-abiltà ta' l-Istati Membri biex jirrevokaw l-awtorizzazzjonijiet, meta l-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni ma jibqgħux jiġu sodisfatti.

Artikolu 12

Għażla minn fost diversi kandidati

1. Fejn in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli għal attività partikolari hu limitat minħabba n-nuqqas ta' riżorsi naturali disponibbli jew kapaċità teknika, l-Istati Membri għandhom japplikaw proċedura ta' għażla għal kandidati potenzjali li tipprovdi garanziji sħaħ ta' imparzjalità u trasparenza, inkluż, b'mod partikolari, reklamar adegwat dwar it-tnedija, il-kondotta u t-tlestija tal-proċedura.

2. Fil-każijiet msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata għal perjodu limitat xieraq u ma tistax tkun miftuħa għal tiġdid awtomatiku, lanqas tipprovdi kwalunkwe vantaġġ ieħor lill-fornitur li l-awtorizzazzjoni tiegħu għada kemm skadiet jew kwalunkwe persuna oħra li għandha rabtiet partikolari ma' dak il-fornitur.

3. Soġġett għall-paragrafu 1 u għall-Artikoli 9 u 10, l-Istati Membri jistgħu jieħdu kont, fl-istabbiliment tar-regoli għall-proċedura ta' l-għażla, konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, objettivi ta' politika soċjali, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom, il-ħarsien ta' l-ambjent, il-protezzjoni tal-wirt kulturali u raġunijiet aktar importanti oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku, skond il-liġi Komunitarja.

Artikolu 13

Proċeduri ta' awtorizzazzjoni

1. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jkunu ċari, ikunu disponibbli għall-pubbliku minn qabel u jkunu tali li jipprovdu lill-applikanti b'garanzija li l-applikazzjoni tagħhom tkun indirizzata b'mod oġġettiv u imparzjali.

2. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni m'għandhomx ikunu dissważivi u m'għandhomx jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewwmu il-provvista tas-servizz. Huma għandhom ikunu aċċessibbli faċilment u kwalunkwe spiża li l-applikanti jeħlu mill-applikazzjoni tagħhom għandha tkun raġonevoli u proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni konċernati u m'għandhiex taqbeż n-nefqa tal-proċeduri.

3. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu lill-applikanti b'garanzija li l-applikazzjoni tagħhom se tiġi pproċessata mill-aktar fis, u, fi kwalunkwe każ, fi żmien raġjonevoli li jiġi ffissat u magħmul pubbliku minn qabel. Il-perjodu għandu jibda biss minn meta titressaq id-dokumentazzjoni kollha. Il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż darba, mill-awtorità kompetenti, għal żmien limitat, meta ġġustifikat bil-komplessità tal-kwistjoni. L-estensjoni u l-perjodu tiegħu għandu jkun debitament motivat u għandu jiġi notifikat lill-applikant qabel il-perjodu oriġinali jispiċċa.

4. Fin-nuqqas ta' tweġiba fi żmien il-perjodu stabbilit jew estiż skond il-paragrafu 3, l-awtorizzazzjoni titqies bħala li ngħatat. Arranġamenti differenti jistgħu madankollu jiġu attwati, fejn ġustifikati minn raġunijiet aktar importanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku, inkluż interess leġittimu ta' partijiet terzi.

5. L-applikazzjonijiet kollha għall-awtorizzazzjoni għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-aktar fis. Ir-rikonoxximent għandu jispeċifika dan li ġej:

a) il-perjodu msemmi fil-paragrafu 3;

b) il-mezzi disponibbli ta' rimedji;

c) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li fin-nuqqas ta' risposta fil-perjodu speċifikat, l-awtorizzazzjoni għandha tkun meqjusa li ġiet mogħtija.

6. Fil-każ ta' applikazzjoni mhux kompluta, l-applikant għandu jiġi mgħarraf mill-aktar fis dwar il-ħtieġa li jipprovdi kwalunkwe dokumenti supplimentari, kif ukoll dwar kwalunkwe effetti possibbli fuq il-perjodu msemmi fil-paragrafu 3.

7. Meta talba hi rrifjutata minħabba li ma tissodisfax il-proċeduri jew formalitajiet meħtieġa, l-applikant għandu jiġi informat dwar iċ-ċaħda mill-aktar fis possibbli.

TAQSIMA 2

ħtiġijiet ipprojbiti jew suġġetti għal evalwazzjoni

Artikolu 14

Ħtiġijiet ipprojbiti

L-Istati Membri m'għandhomx jissuġġettaw l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attività ta' servizz fit-territorju tagħhom għal konformità ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:

1) rekwiżiti diskriminatorji bbażati direttament jew indirettament fuq in-nazzjonalità jew, f'każ ta' kumpanniji, il-post ta' l-uffiċċju rreġistrat, inkluż b'mod partikolari:

   a) rekwiżiti ta' nazzjonalità għall-fornitur, il-persunal tiegħu, il-persuni li għandhom kapital azzjonarju jew membri tal-korpi amministrattivi jew ta' sorveljanza tal-fornitur;

   b) rekwiżit li l-fornitur, il-persunal tiegħu, il-persuni li għandhom kapital azzjonarju jew membri fl-amministrazzjoni tal-fornitur jew korpi ta' sorveljanza jkunu joqogħdu fi ħdan it-territorju;

2) projbizzjoni fuq il-pussess ta' stabbiliment f'aktar minn Stat Membru wieħed jew li jinsab fir-reġistri jew hu rreġistrat ma' korpi jew assoċjazzjonijiet professjonali ta' aktar minn Stat Membru wieħed;

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

3) restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-fornitur li jagħżel bejn stabbiliment prinċipali jew wieħed sekondarju, b'mod partikolari obbligu fuq il-fornitur li jkollu l-istabbiliment prinċipali tiegħu fit-territorju tagħhom, jew restrizzjonijiet fuq il-libertà li jagħżel bejn stabbiliment fis-sura ta' aġenzija, fergħa jew sussidjarju;

4) kondizzjonijiet ta' reċiproċità ma' l-Istati Membri fejn il-fornitur diġà għandu stabbiliment, ħlief fil-każ fejn il-kondizzjonijiet ta' reċiproċità previsti fl-istrumenti tal-Komunità jikkonċernaw l-enerġija;

5) l-applikazzjoni każ b'każ ta' test ekonomiku li jagħmel l-għoti ta' awtorizzazzjoni soġġetta għal prova ta' eżistenza ta' ħtieġa ekonomika jew talba fis-suq, evalwazzjoni ta' l-effetti ekonomiċi potenzjali jew attwali ta' l-attività jew evalwazzjoni ta' l-adegwatezza ta' l-attività għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-objettivi ta' l-ippjanar ekonomiku stabbiliti mill-awtorità kompetenti; din il-projbizzjoni ma għandhiex tikkonċerna rekwiżiti ta' ippjanar li ma jsegwux għanijiet ekonomiċi iżda jservu raġunijiet aktar importanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku;

6) l-involviment dirett jew indirett ta' l-operaturi li jikkompetu, inkluż fi ħdan korpi konsultattivi, fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet jew fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet oħrajn ta' l-awtoritajiet kompetenti, ħlief għall-korpi u assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet oħrajn li jaġixxu bħall-awtorità kompetenti; din il-projbizzjoni ma għandhiex tikkonċerna l-konsultazzjoni ta' organizzazzjonijiet, bħal kmamar tal-kummerċ jew imsieħba soċjali, dwar kwistjonijiet għajr applikazzjonijiet individwali għal awtorizzazzjoni, jew konsultazzjoni tal-pubbliku in ġenerali;

7) obbligu li persuna tipprovdi jew tieħu sehem f'garanzija finanzjarja jew li tieħu assigurazzjoni minn fornitur jew korp stabbilit fit-territorju tagħhom. Dan ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għall-Istati Membri li jitolbu garanziji ta' assigurazzjoni jew finanzjarji fihom infushom, lanqas ma għandu jaffettwa r-rekwiżiti relatati mal-parteċipazzjoni f'fond ta' kumpens kollettiv, bħal per eżempju għal membri ta' korpi jew organizzazzjonijiet professjonali;

8) obbligu li persuna tkun reġistrata minn qabel, għal perjodu ffissat, fir-reġistri miżmuma fit-territorju tagħhom jew li tkun wettqet attività minn qabel għal perjodu ffissat fit-territorju tagħhom.

## Artikolu 15

### Rekwiżiti li għandhom jiġu evalwati

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk, taħt is-sistema legali tagħhom, kwalunkwe mir-rekwiżiti elenkati fil-paragafu 2 huma imposti u għandhom jiżguraw li tali rekwiżiti huma kompatibbli mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. L-Istati Membri għandhom jaddattaw il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom sabiex jagħmluhom kompatibbli ma' dawk il-kondizzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tagħmilx l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha soġġetta għal konformità ma' kwalunkwe minn dawn ir-rekwiżiti mhux-diskriminatorji:

a) restrizzjonijiet kwantitattivi jew territorjali, b'mod partikolari f'forma ta' limiti ffissati skond il-popolazzjoni, jew ta' distanza ġeografika minima bejn il-fornituri;

b) obbligu għal fornitur li jieħu formola legali speċifika;

c) rekwiżiti li huma relatati mal-proprjetà f'ishma ta' kumpannija;

d) rekwiżiti, għajr dawk li jikkonċernaw kwistjonijiet koperti mid-Direttiva 2005/36/KE jew previsti fi strumenti Komunitarji oħrajn, li jirriżervaw l-aċċess għall-attività ta' servizz ikkonċernata għal fornituri speċifiċi skond in-natura speċifika ta' l-attività;

e) projbizzjoni fuq il-pussess ta' aktar minn stabbiliment wieħed fit-territorju ta' l-istess Stat;

f) rekwiżiti għall-iffissar ta' numru minimu ta' ħaddiema;

g) tariffi fissi minimi u/jew massimi li magħhom għandu jikkonforma l-fornitur;

h) obbligu għal fornitur li jipprovdu servizzi speċifiċi oħrajn flimkien mas-servizz tiegħu.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

3. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżiti m'għandhomx ikunu diskriminatorji la direttament lanqas indirettament skond in-nazzjonalità jew, fir-rigward ta' kumpanniji, skond il-post ta' l-uffiċċju rreġistrat;

b) bżonn: ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

c) proporzjonalità: ir-rekwiżiti għandhom ikunu adatti biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv mixtieq; m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv; u ma għandux ikun possibbli li dawk ir-rekwiżiti jiġu sostitwiti minn miżuri oħrajn, anqas restrittivi li jwasslu għall-istess riżultat.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 japplikaw biss għal-leġislazzjoni fil-qasam tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali biss dment li l-applikazzjoni ta' dawn il-paragrafi ma xxekkilx il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kompitu partikolari allokat lilhom.

5. Fir-rapport ta' evalwazzjoni reċiproka prevista fl-Artikolu 39(1), l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

a) ir-rekwiżiti li bi ħsiebhom iżommu u r-raġunijiet għaliex jikkonsidraw li dawk ir-rekwiżiti jikkonformaw mal-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 3;

b) ir-rekwiżiti li tneħħew jew ġew magħmula inqas stretti.

6. Minn … (*), l-Istati Membri m'għandhom jintroduċu l-ebda rekwiżit ġdid tat-tip elenkat fil-paragrafu 2, sakemm dan ir-rekwiżit ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ġodda li jistabbilixxu rekwiżiti kif imsemmija fil-paragrafu 6, flimkien mar-raġunijiet għal dawk ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-dispożizzjonijiet ikkonċernati lill-Istati Membri l-oħrajn. Notifika bħal din għandha żżomm lill-Istati Membri milli jadottaw id-dispożizzjonijiet in kwistjoni.

Fi żmien 3 xhur mid-data li tkun irċevuta n-notifika, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kompatibbiltà ta' kwalunkwe rekwiżit ġdid mal-liġi Komunitarja u, fejn xieraq, għandha tadotta deċiżjoni li titlob l-Istat Membru kkonċernat ma jadottahx jew ineħħih.

In-notifika ta' abbozz ta' liġi nazzjonali skond id-Direttiva 98/34/KE għandha tissodisfa l-obbligu ta' notifika prevista f'din id-Direttiva.

## Kapitolu IV

## Moviment liberu ta' servizzi

### TAQSIMA 1

### Libertà Tal-provvista ta' servizzi u derogi relatati

### Artikolu 16

### Libertà tal-provvista ta' servizzi

1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-fornituri li jfornu servizzi fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn huma stabbiliti.

L-Istat Membru fejn ġie provdut is-servizz għandu jiżgura aċċess liberu u eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz fi ħdan it-territorju tiegħu.

L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fit-territorju tagħhom soġġett għal konformità ma' xi rekwiżit li ma jirrispettax il-prinċipji li ġejjin:

a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżit m'għandux ikun diskriminatorju la direttament lanqas indirettament fir-rigward tan-nazzjonalità jew, f'każ ta' persuni ġuridiċi, fir-rigward ta' l-Istat Membru fejn huma stabbiliti,

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

b) bżonn: il-bżonn għandu jkun ġusitifikat għal raġunijiet tal-politika pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent,

c) proporzjonalità: ir-rekwiżit għandu jkun adatt biex jikseb l-objettivi mfittxa, u m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw il-libertà għall-provvista ta' servizzi f'każ ta' fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor billi jimponu xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) obbligu fuq il-fornitur li jkollu stabbiliment fit-territorju tagħhom;

b) obbligu fuq il-fornitur li jikseb awtorizzazzjoni mill-awtoritjiet kompetenti tagħhom li jinkludi d-dħul fir-reġistru jew reġistrazzjoni ma' korp jew assoċjazzjoni professjonali fit-territorju tagħhom, ħlief fejn previst f'din id-Direttiva jew strumenti oħrajn tal-liġi Komunitarja;

c) projbizzjoni fuq il-fornitur li jistabbilixxi ċertu forma jew tip ta' infrastruttura fit-territorju tagħhom, inkluż uffiċċju jew kamra, meħtieġa mill-fornitur sabiex iforni s-servizzi kkonċernati;

d) l-applikazzjoni ta' arranġamenti kuntrattwali speċifiċi bejn il-fornitur u r-riċevitur li jxekklu jew jillimitaw il-provvista ta' servizz minn dawk li jaħdmu għal rashom;

e) obbligu fuq il-fornitur li jkollu dokument ta' l-identità maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu speċifiku għall-eżerċizzju ta' attività ta' servizz;

f) rekwiżiti, minbarra dawk meħtieġa għas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, li jaffettwaw l-użu ta' tagħmir u materjal li jagħmlu parti integrali mis-servizz provdut;

g) restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti s-servizzi msemmija fl-Artikolu 19.

3. L-Istat Membru fejn il-fornitur imur m'għandux ikun imxekkel milli jimponi rekwiżiti fir-rigward tal-provvista ta' attività ta' servizz, fejn ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent u skond il-paragrafu 1. Dak l-Istat Membru lanqas m'għandu jkun imxekkel milli japplika, bi qbil mal-liġi Komunitarja, ir-regoli tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' impjieg, inklużi dawk stabbiliti fi ftehim kollettiv.

4. Sa … (*), wara konsultazzjoni ta' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, fejn għandha tikkunsidra l-ħtieġa li tipproponi miżuri ta' armonizzazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet ta' servizzi koperti b'din id-Direttiva.

Artikolu 17

Derogi addizzjonali mill-libertà li jiġu provduti servizzi

L-Artikolu 16 m'għandux japplika għal:

1) Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li huma provduti fi Stat Membru ieħor, inter alia:

   a) fis-settur tal-posta, servizzi koperti bid-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern ta' servizzi postali Komunitarji u t-titjib tal-kwalita' tas-servizzi [1];

   b) fis-settur ta' l-elettriku, servizzi koperti bid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern fl-eletriku [2];

(*) Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

[1] ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/85/KE (ĠU L 236, 7.7.2004, p. 10).

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

c) fis-settur tal-gass, servizzi koperti bid-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali ([1]);

d) distribuzzjoni ta' l-ilma u servizzi ta' provvista u servizzi ta' l-iskart ta' l-ilma;

e) it-trattament ta' l-iskart;

2) kwistjonijiet koperti mid-Direttiva 96/71/KE;

3) kwistjonijiet koperti mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fejn għandu x'jaqsam l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data ([2]);

4) kwistjonijiet koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex tiffaċilita l-eżerċizzju effettiv minn avukati tal-libertà li jiġu provduti servizzi ([3]);

5) l-attività ta' rkupru ġudizzjarju ta' djun;

6) kwistjonijiet koperti bit-titolu II tad-Direttiva 2005/36/KE, kif ukoll ir-rekwiżiti fl-Istat Membru fejn jiġi provdut is-servizz li jirriserva attività għal professjoni partikolari;

7) kwistjonijiet koperti bir-Regolament (KEE) Nru. 1408/71;

8) fir-rigward ta' formalitajiet amministrattivi li jikkonċernaw il-moviment liberu ta' persuni u r-residenza tagħhom, kwistjonijiet koperti bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE, li jistabbilixxu l-formalitajiet amministrattivi ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn qed jiġi provdut is-servizz li magħhom il-benefiċjarji għandhom jikkonformu;

9) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiċċaqalqu lejn Stat Membru ieħor fil-kuntest tad-dispożizzjoni ta' xi servizz il-possibbiltà għal Stati Membri li jitolbu viża jew permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux koperti bir-reġim ta' rikonoxximent reciproku previst fl-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li jimplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni ([4]) jew il-possibbiltà li jobbligaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrappurtaw lil awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn is-servizz ikun provdut jew wara d-dħul tagħhom;

10) fir-rigward tal-vjeġġar ta' skart, kwistjonijiet koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll tal-vjeġġar ta' skart fi ħdan, 'il ġewwa u 'l barra mill-Komunità Ewropea ([5]);

11) drittijiet ta' l-awtur, drittijiet tal-viċinat u drittijiet koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 87/54/KEE tas-16 ta' Diċembru 1986 dwar il-ħarsien legali tat-tipografiji ta' prodotti semi-kondutturi ([6]) u bid-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-ħarsien legali ta' databases ([7]) kif ukoll drittijiet ta' proprjetà industrijali;

12) atti li jeħtieġu bil-liġi l-involviment ta' nutar;

13) kwistjonijiet koperti bid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-awditjar statutorju tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati ([8]);

14) ir-reġistrazzjoni ta' vetturi mikrija fi Stat Membru ieħor;

15) id-dispożizzjonijiet rigward l-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali, inklużi l-forma ta' kuntratti, determinati skond ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat.

---

([1]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
([3]) ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni *ta' l-*2003.
([4]) ĠU L 239, 22.9.2000, *p. 19*. Konvenzjoni kif emendata l-aħhar bir-Regolament (KE) Nru 1160/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 18).
([5]) ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 (ĠU L 349, 31.12.2001, p. 1).
([6]) ĠU L 24, 27.1.1987, p. 36.
([7]) ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20.
([8]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

Artikolu 18

Derogi każ b'każ

1. Bħala deroga mill-Artikolu 16, u f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss, Stat Membru jista', fir-rispett ta' fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, jieħu miżuri fir-rigward is-sigurtà tas-servizzi.

2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 jistgħu jittieħdu biss jekk il-proċedura ta' għajnuna reċiproka stabbilita fl-Artikolu 35 tiġi segwita u l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu mħarsa:

a) id-dispożizzjonijiet nazzjonali li magħhom tkun meħuda l-miżura mhumiex suġġett ta' l-armonizzazzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-sigurtà tas-servizzi;

b) il-mizuri jipprovdu għal livell ta' protezzjoni ogħla tar-riċevitur milli jkun il-każ f'miżura meħuda mill-Istat Membru ta' stabbiliment skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu;

c) l-Istat Membru ta' stabbiliment ma ħa l-ebda miżura jew ħa miżuri li huma insuffiċjenti meta mqabbla ma dawk imsemmija fl-Artikolu 35(2);

d) il-miżuri huma proporzjonati.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet, stabbiliti fl-istrumenti tal-Komunità, li jiggarantixxu l-libertà li jiġu provduti servizzi jew li jippermettu derogi li minnhom.

TAQSIMA 2

Drittijiet ta' riċevituri ta' servizzi

Artikolu 19

Restrizzjonijiet projbiti

L-Istati Membri m'għandhomx jimponu rekwiżiti fuq riċevitur li jillimitaw l-użu ta' servizz provdut minn fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, b'mod partikolari r-rekwiżiti li ġejjin:

a) obbligu li tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn jew li ssir dikkjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

b) limiti diskriminatorji fuq l-għotja ta' assistenza finanzjarja minħabba l-fatt li l-fornitur huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor jew li s-servizz jiġi provdut fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 20

Non-diskriminazzjoni

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li r-riċevitur ma jiġix soġġett għal rekwiżiti diskriminatorji bbażati fuq in-nazzjonalità tiegħu jew il-post ta' residenza.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-aċċess għal servizz, li jsiru disponibbli għall-pubbliku in ġenerali mill-fornitur, ma jkunx fihom dispożizzjonijiet diskriminatorji relatati man-nazzjonalità jew post tar-residenza tar-riċevitur, imma mingħajr ma jimpedixxu l-possibbiltà li jkun hemm differenzi fil-kondizzjonijiet ta' l-aċċess fejn dawk id-differenzi huma ġustifikati direttament bi kriterji oġġettivi.

Artikolu 21

Assistenza għar-riċevituri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riċevituri jistgħu jakkwistaw, fl-Istat Membru tagħhom tar-residenza, l-informazzjoni li ġejja:

a) informazzjoni ġenerali dwar ir-rekwiżiti applikabbli fi Stati Membri oħra li jirrigwardaw l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attivitajiet ta' servizz, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-konsumatur;

b) informazzjoni ġenerali dwar il-mezzi ta' rimedju disponibbli fil-każ ta' tilwim bejn il-fornitur u r-riċevitur;

c) id-dettalji ta' kuntatt ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi ċ-ċentri tan-Network Ewropew tal-Konsumatur, li minn għandhom il-fornituri jew ir-riċevituri jistgħu jakkwistaw assistenza prattika.

Fejn xieraq, il-parir ta' l-awtoritajiet kompetenti għandu jinkludi gwida sempliċi li tmexxik pass-pass. Informazzjoni u assistenza għandhom jingħataw b'mod ċar u mhux ambigwu, għandhom ikunu accessibli b'mod faċli u minn distanza, inklużi b'mezzi eletroniċi, u għandhom jinżammu aġġornati.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu r-responsabbiltà għall-kompitu msemmi fil-paragrafu 1 lill-punti ta' kuntatt waħdieni jew lil kwalunkwe korp ieħor, bħaċ-ċentri tan-Netwerk Ewropew taċ-Ċentri tal-Konsumatur, assoċjazzjonijiet tal-konsumatur jew Ċentri tal-Euro Info.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-korpi maħtura. Il-Kummissjoni għandha tittrasmettihom lill-Istati Membri kollha.

3. Bi twettiq tar-rekwiżiti imniżżla fil-paragrafi 1 u 2, il-korp avviċinat mir-riċevitur, jekk meħtieġ, għandu jikkuntattja lill-korp rilevanti għall-Istat Membru konċernat. Dan ta' l-aħħar għandu jibgħat l-informazzjoni mitluba mill-aktar fis possibbli lill-korp li għamel it-talba li għandu jibgħat l-informazzjoni lir-riċevitur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-korpi jagħtu lil xulxin assistenza reċiproka u jħaddmu il-miżuri kollha possibbli għall-kooperazzjoni effettiva. Flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha, bi qbil mal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 40(2), tadotta miżuri għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, li jispeċifikaw il-mekkaniżmi tekniċi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-kopri ta' l-Istati Membri varji u, b'mod partikolari, l-interoperabiltà tas-sistemi ta' informazzjoni, tenut kont ta' l-istandards komuni.

## Kapitolu V

## Kwalità tas-servizzi

Artikolu 22

Informazzjoni dwar il-fornituri u s-servizzi tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jagħmlu l-informazzjoni li ġejja disponibbli għar-riċevitur:

a) l-isem tal-fornitur, l-istatus u l-forma legali tiegħu, l-indirizz ġeografiku fejn huwa stabbilit u d-dettalji li jippermettu li wieħed jikkuntattjah malajr u jikkomunika miegħu direttament u, skond il-każ, b'mezzi elettroniċi;

b) fejn il-fornitur ikun reġistrat f'negozju jew reġistru pubbliku simili ieħor, l-isem ta' dak ir-reġistru u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-fornitur, jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru;

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

c) fejn l-attività hija soġġetta għal skema ta' awtorizzazzjoni, id-dettalji ta' l-awtorità kompetenti rilevanti jew il-punt ta' kuntatt waħdieni;

d) fejn il-fornitur jeżerċita attività li hija soġġetta għall-VAT, in-numru ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 22(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ([1]);

e) fil-każ ta' professjonijiet regolati, kwalunkwe korp professjonali jew istituzzjoni simili li magħha huwa reġistrat il-fornitur, it-titolu professjonali u l-Istat Membru li fih dak it-titolu ġie mogħti;

f) il-kondizzjonijiet u l-klawżoli ġenerali, jekk ikun hemm, użati mill-fornitur;

g) l-eżistenza ta' klawsoli kontrattwali, jekk ikun hemm, użati mill-fornitur li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-kuntratt u/jew il-qrati kompetenti;

h) l-eżistenza ta' garanzija ta' wara l-bejgħ, jekk ikun hemm, mhux imposta bil-liġi;

i) il-prezz tas-servizz, meta prezz ikun determinat minn qabel mill-fornitur għal tip determinat ta' servizz;

j) il-karatteristiċi prinċipali tas-servizz, jekk ma jkunux jidhru diġà mill-kuntest;

k) l-assigurazzjoni jew garanziji msemmija fl-Artikolu 23(1), u b'mod partikolari d-dettalji ta' kuntatt ta' l-assiguratur jew il-garanti u dwar it-territorju kopert.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1, skond il-preferenza tal-fornitur:

a) tkun provduta mill-fornitur bl-inizjattiva tiegħu stess;

b) tkun faċilment aċċessibli għar-riċevitur fil-post fejn is-servizz huwa provdut jew fejn jiġi konkluż il-kuntratt;

c) tista' tinstab faċilment b'mod elettroniku mir-riċevitur permezz ta' indirizz provdut mill-fornitur;

d) tidher fi kwalunkwe dokument ta' informazzjoni provdut lir-riċevitur mill-fornitur li jagħti deskrizzjoni dettaljata tas-servizz li hu jipprovdi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba tar-riċevitur, il-fornituri jfornu din l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

a) fejn il-prezz mhuwiex predeterminat mill-fornitur għal tip ta' servizz determinat, il-prezz tas-servizz jew, jekk ma jkunx jista' jingħata prezz preċiż, il-metodu ta' kalkolu tal-prezz sabiex ir-riċevitur ikun jista' jikkontrollah, jew stima dettaljata b'mod suffiċjenti;

b) fir-rigward tal-professjonijiet regolati, referenza għar-regoli professjonali applikabbli fl-Istat Membru ta' stabbiliment u kif jista' jkun hemm aċċess għalihom;

c) informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-ishubijiet multidixxiplinarji tagħhom li huma direttament marbuta mas-servizz in kwistjoni u dwar il-miżuri meħuda biex jiġu evitati kunflitti ta' interess. Dik l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fi kwalunkwe dokument ta' informazzjoni li fih il-fornituri jagħtu deskrizzjoni dettaljata tas-servizzi tagħhom;

d) kwalunkwe kodiċi ta' kondotta li għalih huwa soġġett il-fornitur u l-indirizz li fih dawn il-kodiċi jistgħu jiġu konsultati b'mezzi elettroniċi, waqt li jispeċifikaw il-verżjonijiet lingwistiċi disponibbli;

e) fejn fornitur huwa soġġett għal kodiċi ta' kondotta, jew membru ta' assoċjazzjoni kummerċjali jew korp professjonali li jforni għar-rikors ta' mezzi mhux ġudizzjarji għas-soluzzjoni ta' tilwim, informazzjoni f'dan ir-rigward. Il-fornitur għandu jispeċifika dwar kif jista' jkun hemm aċċess għal informazzjoni dettaljata dwar il-karatteristiċi ta', u l-kondizzjonijiet, għall-użu ta' mezzi mhux ġudizzjarji għas-soluzzjoni ta' tilwim.

([1]) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/18/KE (ĠU L 51, 22.2.2006, p. 12).

4. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li għandu jforni fornitur skond dan il-Kapitolu issir disponibbli jew komunikata b'mod ċar u mhux kumplikat, u fi żmien sew qabel il-konklużjoni tal-kuntratt jew, fejn m'hemmx kuntratt bil-miktub, qabel ma jiġi provdut is-servizz.

5. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dan il-Kapitolu huma bħala żieda mar-rekwiżiti diġà previsti fil-liġi tal-Komunità u ma jwaqqfux lill-Istati Membri milli jimponu rekwiżiti oħrajn ta' informazzjoni li jkunu applikabbli għall-fornituri stabbiliti fit-territorju tagħhom.

6. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2), tispeċifika l-kontenut tat-tagħrif previst fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu skond in-natura speċifika ta' ċerti attivitajiet u tista' tispeċifika l-modi prattiċi ta' implimentazzjoni ta' paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

## Artikolu 23

### Assigurazzjoni *u garanziji għar*-responsabbiltà professjonali

1. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li dawk il-fornituri li s-servizzi tagħhom jippreżentaw riskju dirett u partikolari għas-saħħa jew is-sigurtà tar-riċevitur jew persuna terza, jew lis-sigurtà finanzjarja tar-riċevitur, huma obligati jabbonaw f'assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali skond in-natura u l-livell tar-riskju, jew biex ifornu garanzija jew arranġament simili li hu ekwivalenti jew essenzjalment kumparabbli fl-iskop tiegħu.

2. Meta fornitur jistabbilixxi lilu nnifsu fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jistgħux jeħtieġu assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali jew garanziji mill-fornitur fejn dan ikun diġà kopert minn garanzija li hija ekwivalenti, jew essenzjalment kumparabbli fir-rigward l-iskop u l-kopertura tagħha fir-rigward tar-riskju assigurat, is-somma assigurata, jew massimu għall-garanzija u esklużjonijiet possibbli mill-kopertura, fi Stat Membru ieħor li fih il-fornitur huwa diġà stabbilit. Fejn l-ekwivalenza hija parzjali, l-IstatiMembri jistgħu jeħtieġu garanzija supplementari li tkopri dawk l-aspetti mhux diġà koperti.

Meta Stat Membru jkun jeħtieġ li fornituri stabbiliti fit-territorju tiegħu jabbonaw f'assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali jew li jfornu garanzija oħra, dak l-Istat Membru għandu jaċċetta bħala suffiċjenti attestazzjonijiet ta' l-evidenza ta' tali kopertura ta' l-assigurazzjoni maħruġa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u assiguraturi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jaffettwaw l-assigurazzjoni professjonali jew l-arranġamenti ta' garanzija previsti fi strumenti oħra tal-Komunità.

4. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2), tistabbilixxi lista ta' servizzi li *għandhom il*-karatteristiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. ***Il-Kummissjoni tista' wkoll, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(3), tadotta miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi li mhumiex essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha permezz ta' l-istabbiliment ta'*** kriterji komuni *li jiddefinixxu, għall-finijiet* ta' l-assikurazzjoni jew *garanziji* msemmija ***fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***, *dak li hu xieraq* skond in-natura u l-ambitu tar-riskju.

5. Għall-*finijiet* ta' dan l-Artikolu

— "riskju dirett u partikolari" tfisser riskju li jinħoloq direttament mill-provvista tas-servizz;

— "saħħa u sigurtà" tfisser, f'relazzjoni mar-riċevitur jew persuna terza, il-prevenzjoni ta' mewt jew korriment personali serju;

— "sigurtà finanzjarja" tfisser, f'relazzjoni mar-riċevitur, il-prevenzjoni ta' telf sostanzjali ta' flus jew ta' valur ta' proprjetà;

— "assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali" tfisser assigurazzjoni meħuda mill-fornitur fir-rigward ta' responsabilitajiet potenzjali lir-riċevituri u, fejn applikabbli, partijiet terzi li jinħolqu mid-dispożizzjoni ta' dan is-servizz.

Artikolu 24

Komunikazzjonijiet kummerċjali mill-professjonijiet regolati

1. L-Istati Membri għandhom ineħħu kull projbizzjoni totali fuq komunikazzjonijiet kummerċjali tal-professjonijiet regolati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li komunikazzjonijiet kummerċjali mill-professjonijiet regolati jikkonformaw mar-regoli professjonali, bi qbil mal-liġi tal-Komunità, li għandhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, ma' l-indipendenza, id-dinjità u l-integrità tal-professjoni, kif ukoll għas-sigriet professjonali, b'mod konsistenti man-natura speċifika ta' kull professjoni. Regoli professjonali dwar komunikazzjonijiet kummerċjali għandhom ikunu non-diskriminatorji, ġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku u proporzjonali.

Artikolu 25

Attivitajiet multidixxiplinari

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ma jkunux issuġġettati għal rekwiżiti li jobbligawhom jeżerċitaw xi attività speċifika esklużivament jew li jirristrinġu l-eżerċizzju konġunt jew bi sħab ta' attivitajiet differenti.

Madankollu, il-fornituri li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għal dawn ir-rekwiżiti:

a) il-professjonijiet regolati, sa fejn huwa ġustifikat sabiex jiggarantixxu l-konformità mar-regoli dwar l-etika u l-kondotta professjonali, li tvarja skond in-natura speċifika ta' kull professjoni, u meħtieġ sabiex tkun żgurata l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom;

b) il-fornituri taċ-ċertifikazzjoni, l-akkreditazzjoni, is-sorveljanza teknika, is-servizzi ta' prova sa fejn huwa ġustifikat sabiex jiżguraw l-indipendenza u imparzjalità tagħhom.

2. Fejn ikunu awtorizzati attivitajiet multidixxiplinari bejn il-fornituri msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw dan li ġej:

a) li konflitti ta' interess u inkompatibbiltajiet bejn ċertu attivitajiet jiġu evitati;

b) li l-indipendenza u l-imparzjalità meħtieġa għal ċertu attivitajiet tkun żgurata;

c) li r-regoli dwar l-etika u l-kondotta professjonali għall-attivitajiet differenti jkunu kompatibbli ma' xulxin, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet tas-sigriet professjonali.

3. Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 39(1), l-Istati Membri għandhom jindikaw liema fornituri huma suġġetti għar-rekwiżiti mniżżla fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kontenut ta' dawk ir-rekwiżiti u r-raġunijiet li għalihom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ġustifikati.

Artikolu 26

Politika dwar il-kwalità tas-servizzi

1. L-Istati Membri għandhom, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, jieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex jinkoraġġixxu lill-fornituri jieħdu azzjoni fuq bażi volontarja sabiex jiżguraw il-kwalità tal-provvista tas-servizz, b'mod partikolari permezz ta' l-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) Ċertifikazzjoni jew evalwazzjoni ta' l-attiviatjiet tagħhom minn korpi indipendenti jew akkreditati;

b) tħejjija ta' karta ta' kwalità tagħhom stess jew parteċipazzjoni f'karti jew tikketti ta' kwalità stabbiliti minn korpi professjonali fuq livell Komunitarju.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħrif fuq it-tifsir ta' ċerti tikketti u l-kriterji li bih jiġu applikati t-tikketti u marki oħra ta' kwalità dwar is-servizzi jkunu faċilment aċċessibbli għall-fornituri u r-reċipjenti.

3. L-Istati Membri għandhom, bil-koperazzjoni tal-Kummissjoni, jieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex jinkoraġġixxu korpi professjonali, kif ukoll kmamar tal-kummerċ u assoċjazzjonijiet tas-snajja' kif ukoll assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, fit-territorju tagħhom jikkoperaw fuq livell ta' Komunità sabiex jippromwovu l-kwalità tal-provvista tas-servizz, speċjalment billi jagħmluha aktar faċli li tiġi evalwata l-kompetenza ta' fornitur.

4. L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' evalwazzjonijiet indipendenti, speċjalment mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur fir-rigward tal-kwalità u d-difetti tal-provvista ta' servizz, u, b'mod partikolari, l-iżvilupp fuq livell Komunitarju ta' provi jew testijiet komparattivi u l-komunikazzjoni tar-riżultati.

5. L-Istati Membri, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' standards Ewropej volontarji bil-għan li jiffaċilitaw il-kompatibbiltà bejn is-servizzi provduti mill-fornituri fi Stati Membri differenti, informazzjoni lir-riċevitur u l-kwalità tal-provvista tas-servizz.

### Artikolu 27

### Soluzzjoni ta' tilwim

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ġenerali meħtieġa biex jiżguraw li l-fornituri jfornu d-dettallji ta' kuntatt, b'mod partikolari indirizz postali, numru tal-fax jew indirizz elettroniku u numru tat-telefon fejn ir-riċevituri kollha, inklużi dawk residenti fi Stat Membru ieħor, ikunu jistgħu jibgħatu xi lment jew talba għal informazzjoni dwar is-servizz provdut. Il-fornituri għandhom ifornu l-indirizz legali tagħhom jekk dan ma jkunx l-indirizz li s-soltu jużaw għall-korrispondenza.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ġeneral meħtieġa sabiex jiżguraw li l-fornituri jirrispondu għall-ilmenti imsemmija fl-ewwel subparagrafu fl-iqsar żmien possibli u li jagħmlu ħilithom biex isibu soluzzjoni sodisfaċenti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ġeneral meħtieġa sabiex jiżguraw li l-fornituri jkunu obbligati juru konformità ma' l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva fir-rigward tal-provvista ta' informazzjoni u li juru li l-informazzjoni hija preċiża.

3. Fejn tkun rekwiżita garanzija finanzjarja għall-konformità ma' deċiżjoni ġudizjarja, l-Istati Membri għandhom jagħrfu garanziji ekwivalenti magħmula għand xi istituzzjoni ta' kreditu jew assiguratur stabbilit fi Stat Membru ieħor. Dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu awtorizzati fi Stat Membru skond id-Direttiva 2006/48/KE, u dawn l-assiguraturi, kif xieraq, skond l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-bidu u t-tkomplija tan-negozju ta' l-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja [1] u d-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja [2].

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ġenerali meħtieġa sabiex jiżguraw li l-fornituri li huma suġġetti għall-kodiċi tal-kondotta, jew li huma membri ta' xi assoċjazzjoni tan-negozju jew korp professjonali, li jipprovdi kawża għall metodi ta' soluzzjoni ta' tilwim mhux ġudizzjarji, jinformaw lir-riċevitur dwar dan, u jsemmu l-fatt f'kull dokument li jippreżenta s-servizzi tagħhom fid-dettall, jispeċifikaw kif jista' jkun hemm aċċess għal informazzjoni dettaljata dwar il-karatteristiċi, u l-kundizzjonijiet għall-użu, ta' dan il-mekkaniżmu.

## Kapitolu VI

## Kooperazzjoni amministrattiva

### Artikolu 28

### Assistenza reċiproka — obbligi ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lil xulxin assistenza reċiproka, u għandhom jistabbilixxu l-miżuri għall-kooperazzjoni effettiva ma' xulxin, biex b'hekk jiżguraw is-superviżjoni tal-fornituri u s-servizzi li jfornu.

---

(1) ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1).

(2) ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/68/KE.

2. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt wieħed jew aktar, li d-dettalji ta' kuntatt tagħhom għandu jkun ikkomunikat lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna regolarment il-lista tal-punti ta' kuntatt.

3. Talbiet għal informazzjoni u talbiet biex isiru verifiki, spezzjonijiet u investigazzjonijiet skond dan il-Kapitolu għandhom ikunu motivati kif suppost, b'mod partikolari billi tiġi speċifikata r-raġuni għat-talba. L-informazzjoni skambjata għandha tkun użata biss fir-rigward tal-kwistjoni li dwarha saret it-talba.

4. Fil-każ li tidħol xi talba għall-assistenza minn awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri stabbiliti fit-territorju tagħhom ifornu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa għas-superviżjoni ta' l-attivitajiet tagħhom skond il-liġijiet nazzjonali tagħhom.

5. Fil-każ li jkun hemm diffikultà biex tiġi sodisfatta xi talba għal informazzjoni jew biex isiru verifiki, spezzjonijiet jew investigazzjonijiet, l-Istat Membru in kwistjoni għandu jinforma malajr lill-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom ifornu l-informazzjoni mitluba minn Stati Membri oħrajn jew mill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi u fl-iqsar perjodu taż-żmien possibli.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri fejn iddaħħlu l-fornituri, u li jistgħu jiġu konsultati mill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju tagħhom, jistgħu wkoll ikunu konsultati, skond l-istess kondizzjonijiet, mill-awtoritajiet kompetenti ekwivalenti ta' l-Istati Membri l-oħrajn.

8. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-każijiet fejn Stati Membri oħrajn ma jwettqux l-obbligu tagħhom ta' assistenza reċiproka. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi xierqa, inklużi l-proċeduri previsti fl-Artikolu 226 tat-Trattat, sabiex tiżgura li l-Istati Membri konċernati jwettqu l-obbligu tagħhom ta' assistenza reċiproka. Il-Kummissjoni għandha tinforma perjodikament lill-Istati Membri dwar il-funzjonament tad-dispożizzjonijiet ta' assistenza reċiproka.

### Artikolu 29

### Assistenza reċiproka — obbligi ġenerali għall-Istati Membri ta' stabbiliment

1. Fir-rigward tal-fornituri li jfornu servizzi fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jforni informazzjoni dwar il-fornituri stabbiliti fit-territorju tiegħu meta dan ikun mitlub jagħmel hekk minn Stat Membru ieħor u, b'mod partikolari, jikkonferma li fornitur huwa stabbilit fit-territorju tiegħu u, sa fejn jaf hu, mhuwiex jeżerċita l-attivitajiet tiegħu b'mod illegali.

2. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jagħmel il-verifiki, l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet rikjesti minn Stat Membru ieħor u għandu jinforma lil dan ta' l-aħħar dwar ir-riżultati u, skond il-każ, tal-miżuri meħuda. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti jaġixxu sal-limitu permess mis-setgħat mogħtija lilhom fl-Istat Membru tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu dwar il-miżuri l-aktar xierqa li għandhom jittieħdu f'kull każ individwali sabiex jissodisfaw it-talba minn Stat Membru ieħor.

3. Malli jkollu f'idejh l-informazzjoni ta' kwalunkwe kondotta jew atti speċifiċi minn fornitur stabbilit fit-territorju tiegħu li jforni servizzi fi Stati Membri oħrajn, li, sa fejn jaf hu, jista' jikkawża dannu serju fis-saħħa jew fis-sigurtà ta' persuni jew ta' l-ambjent, l-Istat Membru ta' l-istabbiliment għandu jinforma l-Istati Membri l-oħrajn kollha u l-Kummissjoni fl-iqsar perjodu ta' żmien possibli.

### Artikolu 30

### Superviżjoni mill-Istat Membru ta' stabbiliment fil-każ ta' ċaqlieq temporanju ta' fornitur lejn Stat Membru ieħor

1. Fir-rigward ta' każijiet li mhumiex koperti mill-Artikolu 31(1), l-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jiżgura li l-konformità mar-rekwiżiti tiegħu tkun sorveljata skond is-setgħat ta' superviżjoni previsti fil-liġi nazzjonali tiegħu, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' superviżjoni fil-post ta' stabbiliment tal-fornitur.

2. L-Istat Membru ta' stabbiliment ma jistax jonqos milli jieħu miżuri ta' superviżjoni jew ta' infurzar fit-territorju tiegħu fuq il-bażi li s-servizz ġie provdut jew ikkawża danni fi Stat Membru ieħor.

3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 m'għandux jinkludi dmir fuq il-parti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment biex iwettaq verifiki u kontrolli ta' fatti fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn qed jiġi provdut is-servizz. Tali verifiki u kontrolli għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur ikun qed jopera temporanjament, fuq talba ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment, bi qbil ma' l-Artikolu 31.

## Artikolu 31

### Superviżjoni minn Stat Membru fejn is-servizz huwa provdut fil-każ ta' ċaqlieq temporanju tal-fornitur

1. Fir-rigward tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu imposti skond l-Artikoli 16 jew 17, l-Istat Membru fejn ikun provdut is-servizz huwa responsabbli mis-superviżjoni ta' l-attività tal-fornitur fit-territorju tiegħu. Bi qbil mal-liġi tal-Komunità, l-Istat Membru fejn qed jiġi provdut is-servizz:

a) għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-fornitur jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti fir-rigward ta' l-aċċess għal u l-eżerċizżju ta' l-attività;

b) għandu jwettaq il-verifiki, l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet meħtieġa biex jissorvelja s-servizz provdut.

2. Fir-rigward ta' rekwiżiti minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, fejn fornitur jiċċaqlaq temporanjament lejn Stat Membru ieħor sabiex jipprovdi servizz bla ma jkun stabbilit hemmhekk, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jipparteċipaw fis-superviżjoni tal-fornitur skond il-paragrafi 3 u 4.

3. Fuq talba ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn qed jiġi provdut is-servizz għandhom iwettqu kwalunkwe verifika, spezzjoni u investigazzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata s-superviżjoni effettiva mill-Istat Membru ta' stabbiliment. B'hekk, l-awtoritajiet kompetenti jaġixxu sal-limitu permess mis-setgħat mogħtija lilhom fl-Istat Membru tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu fuq l-aktar miżuri xierqa li jistgħu jittieħdu f'kull każ individwali sabiex jissodisfaw it-talba mill-Istat Membru ta' stabbiliment.

4. Fuq l-inizjattiva tagħhom stess, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn qed jiġi provdut is-servizz jistgħu jwettqu verifiki, spezzjonijiet u investigazzjonijiet fuq il-post, sakemm dawk il-verifiki, spezzjonijiet u investigazzjonijiet ma jkunux diskriminatorji, u mhumiex motivati mill-fatt li l-fornitur huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor u huma proporzjonati.

## Artikolu 32

### Mekkaniżmu ta' allert

1. Fejn Stat Membru jsir jaf b'atti jew ċirkustanzi serji u speċifiċi relatati ma' attività ta' servizz li jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa jew sigurtà ta' persuni jew ta' l-ambjent fit-territorju tiegħu jew fit-territorju ta' Stati Membri oħrajn, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Istat Membru ta' l-istabbiliment, lill-Istati Membri l-oħra konċernati u lill-Kummissjoni fl-iqsar perjodu ta' żmien possibli.

2. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi u tieħu sehem fl-operazzjoni tan-netwerk Ewropew ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sabiex timplimenta l-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta u taġġorna regolarment, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40 (2), regoli dettaljati li jirrigwardaw il-ġestjoni tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

## Artikolu 33

### Informazzjoni dwar ir-reputazzjoni tajba tal-fornituri

1. L-Istati Membri għandhom, fuq it-talba ta' awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor, jissupplixxu informazzjoni, bi qbil mal-liġi nazzjonali tagħhom, fuq azzjonijiet dixxiplinarji jew amministrattivi jew

sanzjonijiet u deċiżjonijiet kriminali li jkkonċernaw insolvenza jew falliment li jkunu jinvolvu frodi, meħudin mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward tal-fornitur, li huma direttament relevanti għall-kompetenza jew affidabilità professjonali tal-fornitur. L-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni għandu jinforma lill-fornitur b'dan.

Talba magħmula skond l-ewwel subparagrafu għandha tkun sostanzjata kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tar-r-raġunijiet tat-talba għal informazzjoni.

2. Sanzjonijiet u azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu komunikati biss jekk tkun ittieħdet deċiżjoni finali. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet infurzabbli oħrajn msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru li jforni l-informazzjoni għandu jispeċifika jekk xi deċiżjoni partikolari hijiex finali jew jekk xi appell ġiex mressaq fir-rigward tagħha, u f'dak il-każ l-Istat Membru in kwistjoni għandu jipprovdi indikazzjoni tad-data meta d-deċiżjoni ta' l-appell hija mistennija.

Barra minn hekk, dak l-Istat Membru għandu jispeċifika d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li bi qbil magħhom il-fornitur instab ħati jew ġie penalizzat.

3. L-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar il-provvista ta' data personali u mad-drittijiet garantiti lill-persuni misjuba ħatja jew penalizzati fl-Istati Membri konċernati, inkluż minn korpi professjonali. Kwalunkwe informazzjoni in kwistjoni li hi pubblika għandha tkun aċċessibbli mill-konsumaturi.

### Artikolu 34

### Miżuri ta' akkumpanjament

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tistabbilixxi sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'kont meħud tas-sistemi eżistenti ta' informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom, bl-assistenza tal-Kummissjoni, jieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' uffiċjali inkarigati mill-implimentazzjoni ta' assistenza reċiproka u t-taħriġ ta' tali uffiċjali, inkluż it-taħriġ fil-lingwa u fil-kompjuter.

3. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ħtieġa li tistabbilixxi programm pluriennali sabiex torganizza skambji rilevanti ta' uffiċjali u taħriġ.

### Artikolu 35

### Assistenza reċiproka f'każ ta derogi skond il-każ

1. Fejn Stat Membru għandu l-ħsieb jieħu miżura skond l-Artikolu 18, il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu tapplika mingħajr preġudizzju għall-proċedimenti quddiem il-qrati inklużi proċedimenti u atti preliminarji imwettqa fil-qafas ta' investigazzjoni kriminali.

2. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitlob lill-Istat Membru ta' stabbiliment biex jieħu miżuri fir-rigward tal-fornitur, u jissupplixxi l-informazzjoni relevanti kollha fuq is-servizz in kwistjoni u ċ-ċirkustanzi tal-każ.

L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jivverifika, fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli, jekk il-fornitur huwiex jopera legalment u jivverifika l-fatti li wasslu għat-talba. Għandu jinforma lill-Istat Membru li qed jagħmel it-talba fl-iqsar perjodu ta' żmien possibli bil-miżuri meħuda jew maħsuba jew, skond il-każ, ir-raġunijiet li għalihom ma ħa l-ebda miżura.

3. Wara l-komunikazzjoni mill-Istat Membru ta' stabbiliment kif previst fit-tieni subparagrafu ta' paragrafu 2, l-Istat Membru li qed jagħmel ir-rikjesta għandu javża lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru ta' stabbiliment bl-intenzjoni tiegħu li jieħu miżuri, u jiddikjara dan li ġej:

a) ir-raġunijiet li għalihom jemmen li l-miżuri li ttieħdu jew li huma maħsuba mill-Istat Membru ta' stabbiliment mhumiex adegwati;

b) ir-raġunijiet li għalihom huwa jemmen li l-miżuri li hu bi ħsiebu jieħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18.

4. Il-miżuri ma jistgħux jittieħdu qabel ma jgħaddu ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika prevista fil-paragrafu 3.

5. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-Istat Membru li qed jagħmel it-talba li jieħu l-miżuri in kwistjoni kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha, fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli, teżamina l-kompatibbiltà mal-liġi tal-Komunità tal-miżuri notifikati.

Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri huma inkompatibbli mal-liġi tal-Komunità, hi għandha tadotta deċiżjoni fejn tistaqsi l-Istat Membru konċernat biex jieqaf milli jieħu l-miżuri proposti jew biex itemm il-miżuri in kwistjoni bħala kwistjoni urġenti.

6. F'każ ta' urġenza, Stat Membru li għandu l-ħsieb jieħu miżura jista' jidderoga mill-paragrafi 2, 3 u 4. F'tali każi, il-miżuri għandhom jiġu notifikati fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru ta' stabbiliment, waqt li jiddikjara r-raġunijiet li għalihom l-Istat Membru jikkunsidra li hemm urġenza.

### Artikolu 36

### Miżuri ta' implimentazzjoni

*Skond il-proċedura* msemmija fl-***Artikolu 40(3)***, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri *ta' implimentazzjoni* ***maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali*** ta' dan il-Kapitolu ***billi jissuplimentawh permezz ta' l-ispeċifikazzjoni*** *tal-limiti ta' żmien stipulati* fl-Artikoli 28 u 35. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll tadotta, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2),*** l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni b'mod elettroniku bejn l-Istati Membri, u b'mod partikulari d-dispożizzjonijiet ta' interoperabilità għas-sistemi ta' informazzjoni.

## Kapitolu VII

## Programm ta' Konverġenza

### Artikolu 37

### Kodiċi ta' kondotta fuq livell Komunitarju

1. L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex jinkoraġġixxu t-tfassil fuq livell Komunitarju, partikolarment minn korpi professjonali, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet, ta' kodiċi ta' kondotta li jkollu l-għan li jiffaċilita l-provvista tas-servizzi jew l-istabbiliment ta' fornitur fi Stat Membru ieħor, bi qbil mal-liġi Komunitarja.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kodiċijiet ta' kondotta msemmijin fil-paragrafu 1 huma aċċessibbli mill-bogħod, permezz ta' mezzi elettroniċi.

### Artikolu 38

### Armonizzazzjoni addizzjonali

Il-Kummissjoni għandha tevalwa sa … (*), il-possibbiltà li tippreżenta proposti għal strumenti ta' l-armonizzazzjoni fuq is-suġġetti li ġejjin:

a) aċċess għall-attività ta' rkupru ġudizzjarju ta' djun;

b) servizzi privati ta' sigurtà u trasport ta' flus u oġġetti ta' valur.

(*) Erbgħa snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Artikolu 39

Evalwazzjoni reċiproka

1. Sa … (*), l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni, li jkun fih l-informazzjoni speċifikatq fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Artikolu 9(2), dwar l-iskemi ta' awtorizzazzjoni;

(b) Artikolu 15(5), dwar ir-rekwiżiti li għandhom jiġu evalwati;

c) Artikolu 25 (3), dwar l-attivitajiet multidixxiplinari.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti previsti fil-paragrafu 1 lill-Istat Membri, li għandhom jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom fuq kull wieħed mir-rapporti fi żmien sitt xhur. Fl-istess perjodu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-partijiet interessati dwar dawn ir-rapporti.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapporti u l-osservazzjonijiet ta' l-Istati Membri lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 40(1), li jista' jagħmel osservazzjonijiet.

4. Fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn … (**), tippreżenta rapport sommarju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat fejn xieraq bi proposti għal inizjattivi addizzjonali.

5. Sa … (*), l-aktar tard l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti nazzjonali li l-applikazzjoni tagħhom taqa' taħt it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) u l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 16(3), waqt li jipprovdu raġunijiet għaliex jikkunsidraw li l-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti tirrispetta l-kriterji msemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) u l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 16(3).

Wara dan, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni kwalunkwe bidliet fir-rekwiżiti tagħhom, inklużi rekwiżiti ġodda, kif imsemmija hawn fuq, flimkien mar-raġunijiet għalihom.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-rekwiżiti trasmessi lill-Istati Membri l-oħrajn. Tali trasmissjoni m'għandhiex tipprevjeni l-adozzjoni mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha fuq bażi annwali wara dan tipprovdi analiżi u orjentazzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-kuntest ta' din id-Direttiva.

Artikolu 40

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet snin.

***3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***

(*) Tlitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(**) Erbgħa snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2006**

Artikolu 41

Klawsola ta' reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha sa … (*) u, kull tliet snin wara dan, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu, skond l-Artikolu 16(4), jindirizza b'mod partikolari l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 16. Għandu wkoll jikkunsidra l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali għal kwistjonijiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Huwa għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti għal emenda ta' din id-Direttiva bil-ħsieb tat-tkomplija tas-Suq Intern għas-servizzi.

Artikolu 42

Emenda tad-Direttiva *98/27/KE*

Fl-Anness għad-Direttiva *98/27/KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi ([1]), il-punt li ġej għandu jiżdied:

"13. Direttiva …/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar servizzi fis-suq intern (ĠU L […], […], p. […])"

Artikolu 43

Protezzjoni ta' data personali

L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza għandhom jirrispettaw ir-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali kif previst fid-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE.

**Kapitolu VIII**

**Dispożizzjonijiet Finali**

Artikolu 44

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel … (**).

Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

(*) Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
([1]) ĠU L 166, 11.6.1998, p. 51. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/29/KE.
(**) Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Artikolu 45

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 46

Lil min hija indirizzata

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi, …

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(2006/C 314 E/04)

# MINUTI

**PROĊEDURI TAS-SEDUTII**

IPPRESIEDA: Janusz ONYSZKIEWICZ

*Viċi-President*

## 1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 10.00.

*

* *

Tkellem Edward McMillan-Scott li rrimarka li ċittadin tad-distrett tiegħu, Mirza-Tahir Hussain, ikkundannat għall-mewt fil-Pakistan, kellu l-piena tiegħu mnaqqsa mill-President tal-Pakistan.

## 2. Rapport annwali ta' l-Ombudsman (2005) (dibattitu)

Rapport dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew għall-2005 (2006/2117(INI)) — Kumitat għall-Petizzjonijiet. Rapporteur: Andreas Schwab (A6-0309/2006)

Tkellem Nikiforos Diamandouros (Ombudsman).

Andreas Schwab ippreżenta r-rapport.

Tkellem Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Manolis Mavrommatis f'isem il-grupp PPE-DE, Proinsias De Rossa f'isem il-grupp PSE, Diana Wallis f'isem il-grupp ALDE, David Hammerstein f'isem il-grupp Verts/ALE, Willy Meyer Pleite f'isem il-grupp GUE/NGL, Marcin Libicki f'isem il-grupp UEN, Witold Tomczak f'isem il-grupp IND/DEM, Robert Atkins, Inés Ayala Sender, Mairead McGuinness, Thijs Berman, Andreas Schwab, dwar l-intervent ta' Mairead McGuinness, Richard Seeber, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Marie Panayotopoulos-Cassiotou u Nikiforos Diamandouros.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.9 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

IPPRESIEDA: Pierre MOSCOVICI

*Viċi-President*

## 3. White paper dwar politika ta' komunikazzjoni Ewropea (dibattitu)

Rapport dwar il-white paper dwar politika ta' komunikazzjoni Ewropea (2006/2087(INI)) — Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni.
Rapporteur: Luis Herrero-Tejedor (A6-0365/2006)

Luis Herrero-Tejedor ippreżenta r-rapport.

Tkellem Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni)

Tkellmu: Michael Cashman (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat LIBE), Gérard Onesta (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat AFCO), Doris Pack f'isem il-grupp PPE-DE, Guy Bono f'isem il-grupp PSE, Karin Resetarits f'isem il-grupp ALDE, Diamanto Manolakou f'isem il-grupp GUE/NGL, Zdzisław Zbigniew Podkański f'isem il-grupp UEN, Thomas Wise f'isem il-grupp IND/DEM, Philip Claeys, Maria da Assunção Esteves, Christa Prets, Frédérique Ries, Alessandro Battilocchio, Péter Olajos, Maria Badia i Cutchet, Marian Harkin, Luca Romagnoli, Reinhard Rack, Andrew Duff, Alejo Vidal-Quadras u Margot Wallström.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.10 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 4. Avviż tal-pożizzjonijiet komuni tal-Kunsill

Il-President avża, skond l-Artikolu 57(1) tar-Regoli ta' Proċedura, li rċieva l-pożizzjonijiet komuni li ġejjin mill-Kunsill flimkien mar-raġunijiet li wasslu sabiex jiġu adottati, u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar:

— Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea ta' Djalogu Interkulturali (2008) (14153/2/2006 — C6-0422/2006 — 2005/0203(COD))

  irreferut responsabbli: CULT

— Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' data ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 (14283/1/2006 — C6-0421/2006 — 2005/0223(COD))

  irreferut responsabbli: PECH

— Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (13241/1/2006 — C6-0420/2006 — 2005/0042B(COD))

  irreferut responsabbli: IMCO

Il-perjodu ta' tliet xhur għad-dispożizzjoni tal-Parlament sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu kellu jibda għal-hekk mill-għada, 17.11.2006.

IPPRESIEDA: Antonios TRAKATELLIS

*Viċi-President*

## 5. Stqarrija tal-President

Il-President ikkonferma il-bidla fis-sentenza li rċieva fil-Pakistan Mirza-Tahir Hussain *(punt 1 tal-Minuti ta' 16.11.2006)* u, f'isem il-Parlament esprima s-sodisfazzjoni tiegħu li l-isforzi li l-istituzzjoni għamlet biex dan iseħħ ħallew il-frott.

## 6. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

## 6.1. **Ftehima dwar is-sajd bejn l-UE u l-Mawritanja *** (votazzjoni)

Proposta għal regolament tal-Kunsill rigward il-konklużjoni tal-Ftehima ta' Shubija fil-qasam tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja (COM(2006)0506 — C6-0334/2006 — 2006/0168(CNS)) — Kumitat PECH

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)*

PROPOSTA TAL-KOMMISSJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0491)*

*Tkellmu:*

Véronique De Keyser dwar il-proċedura tal-votazzjoni.

## 6.2. **Sitwazzjoni f'Gaża** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0588/2006, B6-0589/2006, B6-0590/2006, B6-0591/2006, B6-0592/2006 u B6-0610/2006

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0588/2006
(flok B6-0588/2006, B6-0589/2006, B6-0590/2006, B6-0591/2006 u B6-0592/2006):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Hans-Gert Pöttering, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Ioannis Kasoulides u Tokia Saïfi f'isem il-grupp PPE-DE,
— Martin Schulz, Pasqualina Napoletano, Véronique De Keyser, Hannes Swoboda u Carlos Carnero González f'isem il-grupp PSE,
— Chris Davies u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE,
— Daniel Cohn-Bendit, Hélène Flautre, Margrete Auken, Angelika Beer, Caroline Lucas, Alyn Smith, Jill Evans u David Hammerstein f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Francis Wurtz, Luisa Morgantini, Adamos Adamou u Miguel Portas f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2006)0492)*

(Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0610/2006 waqgħet.)

*Tkellmu:*

— Pasqualina Napoletano ippreżenta emenda orali għall-paragrafu 4, li ġiet aċċettata.

## 6.3. **Konferenza dwar il-projbizzjoni ta' armi bijoloġiċi u tossiċi (BTA), bombi ta' frammentazzjoni u armi konvenzjonali** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0585/2006, B6-0586/2006, B6-0587/2006, B6-0593/2006, B6-0594/2006 u B6-0611/2006

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0585/2006
(flok B6-0585/2006, B6-0586/2006, B6-0587/2006, B6-0593/2006, B6-0594/2006 u B6-0611/2006):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Giorgos Dimitrakopoulos u José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra f'isem il-grupp PPE-DE,
— Ana Maria Gomes, Jan Marinus Wiersma u Achille Occhetto f'isem il-grupp PSE,

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

— Elizabeth Lynne u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE,
— Angelika Beer, Caroline Lucas, Raül Romeva i Rueda u Bart Staes f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Tobias Pflüger, Mary Lou McDonald, Adamos Adamou, André Brie, Vittorio Agnoletto u Willy Meyer Pleite f'isem il-grupp GUE/NGL,
— Mogens N.J. Camre f'isem il-grupp UEN

Adottata *(P6_TA(2006)0493)*

## 6.4. **Strateġija għall-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana** (votazzjoni)

Rapport dwar strateġija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku fil-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana (2006/2171(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Alexander Stubb (A6-0367/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0494)*

## 6.5. **L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP** (votazzjoni)

Rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP (2006/2033(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Karl von Wogau (A6-0366/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0495)*

*Tkellmu:*

— Karl von Wogau, rapporteur, dwar l-emenda 21;

— Helmut Kuhne f'isem il-grupp PSE, ippreżenta emenda orali għall-emenda 7/rev, li ġiet aċċettata.

## 6.6. **Suċċessjonijiet u testmenti (votazzjoni)**

Rapport dwar rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar suċċessjoni u testmenti (2005/2148(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Legali.
Rapporteur: Giuseppe Gargani (A6-0359/2006)

*(Maġġoranza kwalifikata)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 6)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0496)*

*Tkellmu:*

— Maria Berger ippreżentat, f'isem il-grupp PSE, emendi orali għall-emendi 3 u 1, li ġew aċċettati.

## 6.7. In-nisa fil-politika internazzjonali (votazzjoni)

Rapport dwar in-nisa fil-politika internazzjonali (2006/2057(INI)) — Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
Rapporteur: Ana Maria Gomes (A6-0362/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 7)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0497)*

## 6.8. Ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni (votazzjoni)

Rapport dwar proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni (2006/2078(INI)) — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Edit Bauer (A6-0368/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 8)*

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0498)*

*Tkellmu:*

— Lissy Gröner talbet verifika elettronika tar-riżultat tal-votazzjoni dwar il-paragrafu 1, f, it-2 parti;

— Edit Bauer, rapporteur, ippreżentat emenda orali għall-emenda 21, li ġiet aċċettata.

## 6.9. Rapport annwali ta' l-Ombudsman (2005) (votazzjoni)

Rapport dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew għall-2005 (2006/2117(INI)) — Kumitat għall-Petizzjonijiet.
Rapporteur: Andreas Schwab (A6-0309/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 9)*

Tkellem Andreas Schwab (rapporteur).

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0499)*

## 6.10. White paper dwar politika ta' komunikazzjoni Ewropea (votazzjoni)

Rapport dwar il-white paper dwar politika ta' komunikazzjoni Ewropea (2006/2087(INI)) — Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni.
Rapporteur: Luis Herrero-Tejedor (A6-0365/2006)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 10)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2006)0500)*

*Tkellmu:*

— Marc Tarabella u Vittorio Agnoletto dwar il-mod ta' kif il-voti tal-paragrafu 44 dehru fuq l-iscrijn.

## 7. Spjegazzjonijiet tal-vot

*Spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub:*

L-ispjegazzjonijiet tal-vot li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

## 8. Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Il-korrezzjonijiet u l-intenzjonijiet għall-vot jidhru fil-websajt "Séance en direct" "Résultats des votes (appels nominaux) / Results of votes (roll-call votes)" u fil-verżjoni stampata ta' l-anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet b'sejħa ta' l-Ismijiet".

Il-verżjoni elettronika fuq il-Europarl tiġi aġġornata regolarment sa ta' l-anqas ġimagħtejn wara l-ġurnata tal-votazzjoni.

Wara li tgħaddi din l-iskadenza l-korrezzjonijiet tal-vot jiġu ffinalizzati sabiex isiru t-traduzzjonijiet u l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

*(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta: 13.10 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 15.05)*

IPPRESIEDA: Miroslav OUZKÝ

*Viċi-President*

## 9. Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta ta' qabel

Il-Minuti tas-seduta ta' qabel ġew approvati.

## 10. Aġenda

Waqt il-laqgħa tas-16.11.2006, il-Konferenza tal-Presidenti ddeċidiet li tipproponi l-bidliet li ġejjin fl-Aġenda tas-Sessjonijiet tad-29 u tat-30.11.2006:

*l-Erbgħa*:

Ir-rapporti Geoffrey Van Orden u Pierre Moscovici dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ser issir diskussjoni konġunta dwarhom.

Skadenza ta' tressiq ta' emendi: imtawla sat-Tnejn 27.11.2006 f'12.00.

Ir-rapport Roselyne Bachelot-Narquin — A6-0385/2006 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni tniżżel għal wara r-rapport ta' Hélène Flautre u Edward McMillan-Scott — A6-0376/2006

Skadenza ta' tressiq ta' emendi:: Il-Ħamis 23.11.2006 fit-15.00.

Iż-żewġ diskussjonijiet konġunti dwar l-implimentazzjoni tas-7 programm ta' qafas ser isir dibattitu wieħed konġunt dwarhom.

*il-Ħamis:*

Id-dibattitu dwar l-AIDS ser jingħalaq permezz tat-tressiq ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet.

L-iskadenzi għall-preżentazzjoni ġew stabbiliti kif ġej:

— Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni: l-Erbgħa 22.11.2006 fis-18.00

— emendi u Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni konġunti: it-Tnejn 27.11.2006 f'12.00

Ir-rapporti li ġejjin, adottati skond il-proċedura ta' l-Artikolu 131, żdiedu mal-votazzjoni tal-11.00:

— Rapport Romano Maria La Russa — A6-0389/2006 (LIBE): Programm speċifiku dwar “il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità” (2007-2013)

— Rapport Romano Maria La Russa — A6-0390/2006 (LIBE) Programm speċifiku: Prevenzjoni, tħejjija u immaniġġjar fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għall-perjodu (2007-2013)

— Rapport Duarte Freitas — (PECH) — Ftehima ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd bejn il-KE u l-Kap Verde.

— Rapport Ingo Friedrich — (AFCO) — Reviżjoni ta' l-Artikolu 139 tar-Regoli ta' Proċedura — Arranġament transizzjonali għall-lingwi

*

* *

Il-Parlament qabel ma dawn il-bidliet.

L-Aġenda ġiet b'hekk emendata.

## 11. **Famaguste / Varosha** (dibattitu)

Mistoqsija orali (O-0106/2006) mressqa minnMarcin Libicki, f'isem il-Kumitat PETI, lill-Kummissjoni: Inkorporazzjoni ta' l-għoti ta' Varosha lura lill-abitanti proprji, fil-miżuri komprensivi sabiex tintemm l-iżolazzjoni tal-komunità Ċiprijotta Torka (B6-0446/2006)

Marcin Libicki għamel il-mistoqsija orali.

Olli Rehn (Membru tal-Kummissjoni) wieġeb il-mistoqsija orali

Tkellmu: Panayiotis Demetriou f'isem il-grupp PPE-DE, Maria Matsouka f'isem il-grupp PSE, Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE, Kyriacos Triantaphyllides f'isem il-grupp GUE/NGL, Kathy Sinnott f'isem il-grupp IND/DEM, Charles Tannock, Mechtild Rothe, Jaromír Kohlíček, Bernd Posselt, Panagiotis Beglitis, Zbigniew Zaleski u Olli Rehn.

Id-dibattitu ngħalaq.

## 12. **Dibattiti dwar każi ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta' l-istat ta' dritt** (dibattitu)

*(Għat-titoli u l-awturi tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, ara punt 3 tal-Minuti ta' 14.11.2006)*

### 12.1. L-Etjopja

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0596/2006, B6-0598/2006, B6-0600/2006, B6-0603/2006, B6-0606/2006 u B6-0613/2006

Adam Bielan, Marios Matsakis, Ana Maria Gomes, Michael Gahler u Alyn Smith ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Tkellmu: Karin Scheele f'isem il-grupp PSE, Marcin Libicki f'isem il-grupp UEN, Ryszard Czarnecki u Olli Rehn (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 13.1 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 12.2. Il-Bangladexx

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0595/2006, B6-0599/2006, B6-0601/2006, B6-0605/2006, B6-0608/2006 u B6-0612/2006

Jaromír Kohlíček, Frédérique Ries, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Thomas Mann u Gérard Onesta ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Tkellmu: Charles Tannock f'isem il-grupp PPE-DE, Marek Aleksander Czarnecki, f'isem il-grupp UEN, Kathy Sinnott f'isem il-grupp IND/DEM, u Olli Rehn (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 13.2 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 12.3. L-Iran

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0597/2006, B6-0602/2006, B6-0604/2006, B6-0607/2006, B6-0609/2006 u B6-0614/2006

Daniel Strož, Christa Prets, Frédérique Ries, Bernd Posselt, Adam Bielan u Carl Schlyter ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Tkellmu: John Purvis f'isem il-grupp PPE-DE, Józef Pinior f'isem il-grupp PSE, Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE, Marcin Libicki f'isem il-grupp UEN, u Olli Rehn (Membru tal-Kummissjoni)

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 13.3 tal-Minuti ta' 16.11.2006.*

## 13. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

## 13.1. L-Etjopja (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0596/2006, B6-0598/2006, B6-0600/2006, B6-0603/2006, B6-0606/2006 u B6-0613/2006

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 11)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0596/2006
(flok B6-0596/2006, B6-0598/2006, B6-0600/2006, B6-0603/2006, B6-0606/2006 u B6-0613/2006):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
- Michael Gahler, Mario Mauro u Bernd Posselt f'isem il-grupp PPE-DE,
- Pasqualina Napoletano u Ana Maria Gomes f'isem il-grupp PSE,
- Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE,
- Marie-Hélène Aubert, Margrete Auken u Raül Romeva i Rueda f'isem il-grupp Verts/ALE,
- Luisa Morgantini f'isem il-grupp GUE/NGL,
- Eoin Ryan, Roberts Zīle, Michał Tomasz Kamiński, Adam Bielan u Romano Maria La Russa f'isem il-grupp UEN

Adottata *(P6_TA(2006)0501)*

## 13.2. Il-Bangladexx (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0595/2006, B6-0599/2006, B6-0601/2006, B6-0605/2006, B6-0608/2006 u B6-0612/2006

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 12)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0595/2006
(flok B6-0595/2006, B6-0599/2006, B6-0601/2006, B6-0605/2006, B6-0608/2006 u B6-0612/2006):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Thomas Mann, Charles Tannock u Bernd Posselt f'isem il-grupp PPE-DE,
— Pasqualina Napoletano, Neena Gill u Robert Evans f'isem il-grupp PSE,
— Frédérique Ries u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE,
— Gérard Onesta u Jean Lambert f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Vittorio Agnoletto u Esko Seppänen f'isem il-grupp GUE/NGL,
— Roberta Angelilli f'isem il-grupp UEN

Adottata *(P6_TA(2006)0502)*

## 13.3. L-Iran (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0597/2006, B6-0602/2006, B6-0604/2006, B6-0607/2006, B6-0609/2006 u B6-0614/2006

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 13)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0597/2006
(flok B6-0597/2006, B6-0602/2006, B6-0604/2006, B6-0607/2006, B6-0609/2006 u B6-0614/2006):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Michael Gahler, Bernd Posselt u Charles Tannock f'isem il-grupp PPE-DE,
— Pasqualina Napoletano, Christa Prets u Lilli Gruber f'isem il-grupp PSE,
— Marco Cappato, Marco Pannella u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE,
— Angelika Beer u Monica Frassoni f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Giusto Catania u André Brie f'isem il-grupp GUE/NGL,
— Romano Maria La Russa, Michał Tomasz Kamiński, Adam Bielan u Mogens N.J. Camre f'isem il-grupp UEN

Adottata *(P6_TA(2006)0503)*

## 14. Talba għall-ħarsien ta' l-immunità parlamentari

Mario Borghezio kien ippreżenta talba bil-miktub lill-President sabiex il-Parlament jinterveni ma' l-awtoritajiet kompetenti Taljani għall-ħarsien ta' l-immunità parlamentari tiegħu fil-proċeduri legali li qed isiru fil-Qorti ta' Ruma.

It-talba ġiet mgħoddija lill-kumitat responsabbli, jiġifieri lill-Kumitat JURI, skond l-Artikolu 6(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

## 15. Talba għat-tneħħija ta' l-immunità parlamentari

L-awtoritajiet kompetenti Taljani ppreżentaw talba għat-tneħħija ta' l-immunità parlamentari ta' Alessandra Mussolini, fid-dawl ta' każ quddiem il-Qorti Ċivili f'Ruma.

It-talbiet ġew mgħoddija lill-kumitat responsabbli, jiġifieri l-Kumitat JURI, skond l-Artikolu 6(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

## 16. Kompożizzjoni tal-kumitati u d-delegazzjonijiet

Fuq talba tal-Grupp PSE, il-Parlament irratifika l-ħatra li ġejja:

Kumitat BUDG: Sorin Dan Mihalache sar membru osservatur.

## 17. Trasferiment ta' approprjazzjonijiet

Il-Kumitat għall-Baġits evalwa l-proposta ta' trasferiment ta' approprjazzjonijiet DEC 40/2006 tal-Kummissjoni Ewropea (C6-0340/2006 — SEC(2006)1280 final).

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill, huwa awtorizza t-trasferiment kollu kemm hu, b'konformità ma' l-Artikolu 24(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002.

## 18. Deċiżjonijiet dwar ċerti dokumenti

**Awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti ta' inizjattiva(Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura)**

Kumitat JURI

— Monitoring the application of Community law (2005) — 23rd annual report (2006/2271(INI))

(Wara d-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti 07.11.2006)

— Better law-making 2005: application of the principles of subsidiarity and proportionality — 13th annual report (2006/2279(INI))

(Wara d-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti 07.11.2006)

**Kompetenza tal-kumitati**

Kumitat ECON

— The future of the European Union's own resources (2006/2205(INI))
irreferut responsabbli: BUDG
opinjoni: AFCO, CONT, REGI, ECON

Kumitat EMPL

— Il-politika tad-djar u reġjonali (2006/2108(INI))
irreferut responsabbli: REGI
opinjoni: EMPL

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

## 19. **Dikjarazzjonijiet bil-miktub imniżżla fir-reġistru** (Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura)

Numru ta' firem miksuba mid-dikjarazzjonijiet bil-miktub fir-reġistru (Artikolu 116(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

| Numru tad-dokument | Awtur | Firem |
|---|---|---|
| 57/2006 | Roberta Angelilli, Cristiana Muscardini, Adriana Poli Bortone, Wojciech Roszkowski et Mieczysław Janowski | 93 |
| 58/2006 | Luís Queiró, Jacek Emil Saryusz-Wolski, Vasco Graça Moura, Roberts Zīle et Ewa Hedkvist Petersen | 76 |
| 59/2006 | Alessandra Mussolini | 31 |
| 60/2006 | Alessandra Mussolini | 7 |
| 61/2006 | Amalia Sartori, John Bowis, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines et Thomas Ulmer | 357 |
| 62/2006 | Robert Evans, Eva Lichtenberger, Jeanine Hennis-Plasschaert et Emanuel Jardim Fernandes | 53 |
| 63/2006 | Bogusław Rogalski | 19 |
| 64/2006 | Robert Evans, Paulo Casaca, David Martin, Sajjad Karim et Carl Schlyter | 42 |
| 65/2006 | Renato Brunetta | 39 |
| 66/2006 | Oldřich Vlasák | 28 |
| 67/2006 | Mary Honeyball, John Bowis et Caroline Lucas | 42 |
| 68/2006 | Manolis Mavrommatis, Vasco Graça Moura et José Albino Silva Peneda | 94 |
| 69/2006 | Aldo Patriciello | 7 |
| 70/2006 | Alessandra Mussolini et Carlo Casini | 15 |
| 71/2006 | Luca Romagnoli | 21 |
| 72/2006 | Milan Gaľa, Barbara Kudrycka, Zita Pleštinská et Peter Šťastný | 67 |
| 73/2006 | Mario Borghezio | 8 |
| 74/2006 | Manuel dos Santos, Fausto Correia, Jamila Madeira et Emanuel Fernandes | 18 |
| 75/2006 | Sepp Kusstatscher, Eva Lichtenberger, Alexander Alvaro, Lissy Gröner et Thomas Mann | 32 |
| 76/2006 | Andreas Mölzer | 16 |
| 77/2006 | Andreas Mölzer | 8 |
| 78/2006 | Bogusław Rogalski, Bogdan Pęk et Ryszard Czarnecki | 13 |
| 79/2006 | Milan Horáček, Simon Coveney et Christa Prets | 64 |
| 80/2006 | Michael Cashman, Andrew Duff et Richard Howitt | 19 |
| 81/2006 | Alessandra Mussolini | 4 |
| 82/2006 | Stanisław Jałowiecki | 23 |
| 83/2006 | Philip Claeys, Frank Vanhecke et Koenraad Dillen | 6 |
| 84/2006 | Catherine Stihler | 10 |

## 20. Trażmissjoni tat-testi adottati waqt is-seduta

Il-Minuti ta' din is-seduta se jiġu pprezentati lill-Parlament għall-approvazzjoni tiegħu fil-bidu tas-seduta li jmiss, skond l-Artikolu 172(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

Bil-qbil tal-Parlament, it-testi li ġew adottati se jintbagħtu minnufih lill-entitajiet imsemmija fihom.

## 21. Dati għas-seduti li jmiss

Is-seduti li jmiss se jsiru fid-dati 29.11.2006 u 30.11.2006.

## 22. Aġġornament tas-sessjoni

Is-sessjoni tal-Parlament Ewropew ġiet aġġornata.

Ħin li fih ingħalqet is-seduta: 17.05.

| | |
|---|---|
| Julian Priestley | Josep Borrell Fontelles |
| *Segretarju Ġenerali* | *President* |

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

## REĠISTRU TA' L-ATTENDENZA

Iffirmaw:

Adamou, Agnoletto, Aita, Albertini, Allister, Alvaro, Andersson, Andrejevs, Andrikienė, Angelilli, Arif, Arnaoutakis, Assis, Atkins, Attard-Montalto, Attwooll, Aubert, Audy, Auken, Ayala Sender, Aylward, Baco, Badia i Cutchet, Barsi-Pataky, Batten, Battilocchio, Bauer, Beaupuy, Beazley, Becsey, Beer, Beglitis, Belet, Belohorská, Bennahmias, Berend, Berès, van den Berg, Berger, Berlato, Berlinguer, Berman, Bielan, Birutis, Böge, Bonde, Bono, Bonsignore, Borghezio, Borrell Fontelles, Bourzai, Bowis, Bowles, Bozkurt, Bradbourn, Braghetto, Brejc, Brepoels, Breyer, Březina, Brok, Budreikaitė, van Buitenen, Buitenweg, Bullmann, Bushill-Matthews, Busk, Busquin, Busuttil, Cabrnoch, Camre, Capoulas Santos, Carlotti, Carlshamre, Carnero González, Carollo, Casa, Cashman, Caspary, Castex, Castiglione, Catania, Cavada, Cederschiöld, Cercas, Chatzimarkakis, Chichester, Chiesa, Chmielewski, Christensen, Chruszcz, Claeys, Clark, Coelho, Cohn-Bendit, Corbett, Correia, Cottigny, Coûteaux, Coveney, Cramer, Crowley, Marek Aleksander Czarnecki, Ryszard Czarnecki, Daul, Davies, De Blasio, de Brún, Degutis, De Keyser, Demetriou, Deprez, De Rossa, De Sarnez, Descamps, Désir, Deß, Deva, De Veyrac, De Vits, Díaz de Mera García Consuegra, Dičkutė, Díez González, Dillen, Doorn, Douay, Dover, Drčar Murko, Duchoň, Duff, Duka-Zólyomi, Ebner, Ek, El Khadraoui, Elles, Esteves, Estrela, Ettl, Jill Evans, Robert Evans, Fajmon, Falbr, Farage, Fatuzzo, Fava, Ferber, Fernandes, Fernández Martín, Anne Ferreira, Elisa Ferreira, Figueiredo, Fjellner, Flasarová, Flautre, Florenz, Foltyn-Kubicka, Fontaine, Fourtou, Fraga Estévez, Frassoni, Freitas, Fruteau, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, García-Margallo y Marfil, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gebhardt, Gentvilas, Geremek, Geringer de Oedenberg, Gewalt, Gierek, Giertych, Gill, Gklavakis, Glante, Glattfelder, Gobbo, Goepel, Golik, Gollnisch, Gomes, Gomolka, Goudin, Grabowska, Grabowski, Graça Moura, Graefe zu Baringdorf, Gräßle, Grech, Griesbeck, Gröner, de Groen-Kouwenhoven, Groote, Grosch, Grossetête, Gruber, Guellec, Guerreiro, Gutiérrez-Cortines, Guy-Quint, Gyürk, Hänsch, Hall, Hammerstein, Hamon, Handzlik, Hannan, Harangozó, Harbour, Harkin, Harms, Hasse Ferreira, Hatzidakis, Haug, Hazan, Heaton-Harris, Hedh, Hedkvist Petersen, Helmer, Henin, Hennicot-Schoepges, Hennis-Plasschaert, Herczog, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Holm, Honeyball, Hoppenstedt, Horáček, Howitt, Hudacký, Hudghton, Hughes, Ibrisagic, in 't Veld, Itälä, Iturgaiz Angulo, Jackson, Jäätteenmäki, Jałowiecki, Janowski, Járóka, Jarzembowski, Jeggle, Jensen, Jöns, Jørgensen, Jonckheer, Jordan Cizelj, Juknevičienė, Kacin, Kaczmarek, Kallenbach, Kamall, Kamiński, Karas, Karim, Kasoulides, Kaufmann, Kauppi, Tunne Kelam, Kindermann, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Klinz, Knapman, Koch, Kohlíček, Konrad, Kósáné Kovács, Koterec, Krahmer, Krasts, Krehl, Kuc, Kuhne, Kułakowski, Kušķis, Kusstatscher, Kuźmiuk, Laignel, Lambert, Lambsdorff, Landsbergis, Lang, Langen, Langendries, Lax, Lechner, Lehideux, Lehne, Leichtfried, Leinen, Jean-Marie Le Pen, Le Rachinel, Lévai, Lewandowski, Liberadzki, Libicki, Lichtenberger, Lienemann, Liese, Liotard, Lipietz, Locatelli, López-Istúriz White, Losco, Louis, Lucas, Lulling, Lundgren, Lynne, Maat, Maaten, McAvan, McGuinness, McMillan-Scott, Madeira, Manders, Maňka, Thomas Mann, Manolakou, David Martin, Hans-Peter Martin, Maštálka, Mastenbroek, Mato Adrover, Matsakis, Matsis, Matsouka, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Medina Ortega, Meyer Pleite, Miguélez Ramos, Mikko, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Mohácsi, Montoro Romero, Moreno Sánchez, Moscovici, Mote, Mulder, Muscat, Musotto, Mussolini, Myller, Napoletano, Nassauer, Nattrass, Newton Dunn, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Nicholson, van Nistelrooij, Novak, Obiols i Germà, Achille Occhetto, Özdemir, Olajos, Olbrycht, Ó Neachtain, Onesta, Onyszkiewicz, Oomen-Ruijten, Ortuondo Larrea, Őry, Ouzký, Oviir, Paasilinna, Pack, Pahor, Paleckis, Panayotopoulos-Cassiotou, Pannella, Papadimoulis, Papastamkos, Parish, Patrie, Pęk, Alojz Peterle, Pflüger, Piecyk, Pieper, Pīks, Pinheiro, Pinior, Pirilli, Pirker, Piskorski, Pittella, Pleštinská, Podestà, Podkański, Pöttering, Poignant, Poli Bortone, Pomés Ruiz, Portas, Posdorf, Posselt, Prets, Prodi, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Rack, Radwan, Ransdorf, Rapkay, Rasmussen, Remek, Resetarits, Reul, Reynaud, Riera Madurell, Ries, Riis-Jørgensen, Rocard, Rogalski, Roithová, Romagnoli, Romeva i Rueda, Rosati, Roth-Behrendt, Rothe, Rouček, Roure, Rudi Ubeda, Rübig, Rühle, Rutowicz, Ryan, Sacconi, Saïfi, Sakalas, Salafranca Sánchez-Neyra, Salinas García, Samaras, Sánchez Presedo, dos Santos, Sartori, Saryusz-Wolski, Savary, Savi, Sbarbati, Schaldemose, Schapira, Scheele, Schenardi, Schierhuber, Schlyter, Olle Schmidt, Frithjof Schmidt, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Jürgen Schröder, Schroedter, Schuth, Schwab, Seeber, Seeberg, Segelström, Seppänen, Siekierski, Silva Peneda, Simpson, Sinnott, Škottová, Smith, Sommer, Sonik, Sousa Pinto, Spautz, Staes, Staniszewska, Starkevičiūtė, Stauner, Sterckx, Stevenson, Stockmann, Strejček, Strož, Stubb, Sudre, Surján, Susta, Svensson, Swoboda, Szájer, Szejna, Szent-Iványi, Szymański, Tabajdi, Tajani, Takkula, Tannock, Tarabella, Tarand, Thomsen, Thyssen, Titley, Toia, Tomczak, Toussas, Trakatellis, Trautmann, Triantaphyllides, Turmes, Tzampazi, Uca, Ulmer, Väyrynen, Vaidere, Vakalis, Van Lancker, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vaugrenard, Ventre, Veraldi, Vergnaud, Vidal-Quadras, Vincenzi, Virrankoski, Vlasák, Voggenhuber, Wagenknecht, Wallis, Walter, Watson, Henri Weber, Manfred Weber, Weiler, Weisgerber, Westlund, Wieland, Willmott, Wise, von Wogau, Wohlin, Bernard Piotr Wojciechowski, Janusz Wojciechowski, Wortmann-Kool, Wurtz, Yañez-Barnuevo García, Zahradil, Zaleski, Zapałowski, Zappalà, Ždanoka, Železný, Zieleniec, Zīle, Zimmer, Zwiefka

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

Osservaturi:

Arabadjiev, Athanasiu, Bărbuleţiu, Bliznashki, Buruiană-Aprodu, Cioroianu, Coşea, Corina Creţu, Gabriela Creţu, Duca, Ganţ, Hogea, Ivanova, Kelemen, Kirilov, Kónya-Hamar, Mihăescu, Morţun, Parvanova, Paşcu, Podgorean, Popa, Popeangă, Silaghi, Sofianski, Stoyanov

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

*ANNESS I*

## RIŻULTATI TAL-VOTAZZJONIJIET

**Abbrevjazzjonijiet u simboli**

| | |
|---|---|
| + | adottat |
| - | irrifjutat/a |
| ↓ | skadut/a |
| Ir | irtirat/a |
9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-kunsiderazzjoni ta', u deċiżjonijiet dwar aktar azzjoni dwar, ix-xogħol li ttieħed s'issa skond il-programm intersessjonali għall-perjodu 2003 sa l-2005 u l-isforzi għad-diskussjoni u l-promozzjoni ta' ftehim reċiproku u azzjoni effettiva b'mod partikulari dwar: it-titjib tal-kapaċitajiet internazzjonali li jirrispondu għal, jinvestigaw u jimmitigaw l-effetti tal-każijiet ta' użu allegat ta' armi bijoloġiċi u tossiċi jew ta' mard li faqqa' b'mod suspettuż; it-tisħiħ u t-twessigħ ta' l-isforzi istituzzjonali nazzjonali u internazzjonali u mekkaniżmi eżistenti għas-sorveljanza, s-sejba, d-djanożi u l-ġlieda kontra l-mard li jittieħed li jaffettwa l-bnedmin, l-annimali u l-pjanti; il-kontenut, il-promulgazzjoni u l-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għax-xjenzati fil-qasam rilevanti għall-BTWC sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-BTWC u biex atturi rilevanti jkunu megħjuna jikkonformaw ma' l-obbligi legali, regolatorji u professjonali u mal-prinċipji etiċi tagħhom;

10. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw programm ieħor ta' xogħol intersessjonali matul il-perjodu bejn is-Sitt u s-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni, biex jidentifika oqsma speċifiċi u proċeduri għal aktar progress skond dan il-programm ta' ħidma u biex jippromwovi t-tlaqqigħ tas-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC sa mhux aktar tard mill-2011;

11. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jaħdmu kemm jistgħu biex jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll CCW III dwar l-Armi Inċendjarji ikun estiż sabiex iwaqqaf l-użu ulterjuri ta' munizzjonijiet ta' fosfru abjad kontra objettivi militari u mhux militari kif ukoll sabiex jitwaqqaf l-użu ta' testati ta' uranju (użat);

12. Jilqa' l-fatt li l-Protokoll V tas-CCW dwar il-Fdalijiet Splussivi tal-Gwerrer daħal fis-seħħ fit-12 ta' Novembru 2006 u għalhekk sar liġi internazzjonali vinkolanti; jenfasizza li dan ifisser li l-Istati jridu jnaddfu t-territorji tagħhom minn artillerija mhux sploduta biex jitnaqqas in-numru ta' vittmi civili wara l-kunflitti; jenfasizza wkoll li dan il-Protokoll jobbliga lil dawk il-partijiet responsabbli mill-fdalijiet biex jgħinu fittneħħija tagħhom, anke jekk it-territorju kkonċernat mhux taħt il-kontroll tagħhom; jinsisti li dan il-Protokoll japplika għal kull tip ta' artillerija mhux sploduta, inklużi munizzjonijiet tat-tip cluster,

13. Huwa madankollu konvint li ħafna aktar Stati għandhom jiffirmaw u jirratifikaw is-CCW u l-ħames Protokolli tagħha u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu kull ma hu possibbli biex jiżguraw li l-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw il-Protokoll V u li l-pajjiżi kollha li jirċievu għajnuna għad-diżarm jiffirmaw u jirratifikaw il-protokoll ukoll, anke jekk s'issa għadhom m'aċċedewx għas-CCW, (eż. l-Lebanon);

14. Jistieden lill-UE u lill-Istai Membri biex jitolbu — fl-ispirtu ta' l-għan tas-CCW li tistabbilixxi protokolli dwar is-sistemi ta' armi rilevanti fejn jinħass il-bżonn u sakemm ikun hemm Konvenzjoni speċifika dwar il-kwistjoni — il-ħolqien ta' Protokoll VI speċifiku biex jipprojbixxi, mingħajr ambigwità, il-produzzjoni, il-kumulazzjoni, it-trasferiment u l-użu ta' kull tip ta' munizzjon tat-tip cluster (bombi ta' frammentazzjoni);

15. F'dan il-kuntest, jilqa' b'sodisfazzjon b'mod partikulari r-reazzjoni pożittiva minn koalizzjoni ta' aktar minn 30 Stat (fosthom ħafna Stati Membri ta' l-UE, inklużi l-Belġju, l-Iżvezja, il-Ġermanja, Franza, l-Awstrija, id-Danimarka, Spanja u r-Repubblika Ċeka) għas-sejħa li saret kemm minn Kofi Annan kif ukoll minn Jan Egeland fil-bidu tal-Konferenza ta' Reviżjoni tas-CCW sabiex jinbdew mingħajr dewmien negozjati biex jistabbilixxu konvenzjoni komprensiva u effettiva biex ikunu pprojbiti madwar id-dinja munizzjonijiet tat-tip cluster, kif sar fil-każ ta' mini kontra l-persunal; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri kollha biex jappoġġjaw din l-inizjattiva b'mod kemm jista' jkun attiv;

16. Jistieden lill-Istati Membri kollha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaħdmu bis-sħiħ biex jiżguraw li, fil-futur qrib, kemm il-BTWC kif ukoll is-CCW ikollhom segretarjat permanenti biex jissorvelja l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom, skond l-eżempju ta' l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' l-Armi Kimiċi, mwaqqfa għal dan l-iskop mill-Konvenzjoni ta' l-Armi Kimiċi;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti u lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Parlamenti u lill-Gvernijiet ta' l-Istati Kontraenti tal-BTCW u tas-CCW u lill-NGOs speċjalizzati xierqa.

**P6_TA(2006)0494**

## Strateġija tal-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Strateġija tal-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana (2006/2171(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-futur tad-Dimensjoni tat-Tramuntana ([1]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Iżvilupp ta' Dikjarazzjoni Politika u ta' Dokument ta' Politika ta' Qafas għall-politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana mill-2007, kif approvat mil-Laqgħa Ministerjali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana li saret fi Brussell fil-21 ta' Novembru 2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali dwar il-Progress 2005 tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tad-Dimensjoni tat-Tramuntana (SEC(2006)0729),

— wara li kkunsidra t-Tieni Dimensjoni tat-Tramuntana 2004-2006 kif approvata mill-Kunsill Ewropew li sar fi Brussell fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2003,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet taċ-'Chairperson' tas-6 Samit ta' l-Istati tal-Baħar Baltiku li sar f'Reykjavik fit-8 ta' Ġunju 2006,

— wara l-kkunsidra r-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE dwar il-Futur tal-Politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana tal-25 ta' Ġunju 2006,

— wara li kkunsidra l-ħidma ta' l-Intergrupp ta' l-Ewropa tal-Baltiku fil-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku adottata mill-Intergrupp ta' l-Ewropea tal-Baltiku fil-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ħidma tal-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku u tal-Konferenza Parlamentari tal-Baħar Baltiku,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija (A6-0367/2006),

A. billi d-Dimensjoni tat-Tramuntana tifforma qafas wiesa' li jkopri r-Reġjuni tat-Tramuntana kollha — il-Baħar Baltiku u r-Reġjuni tal-Barents u l-Artiku — u l-oqsma tal-politika kollha, kemm interni kif ukoll esterni,

B. billi l-politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana għandha l-potenzjal biex tgħin biex tippromwovi kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali għal tkabbir ekonomiku ulterjuri u biex tidentifika reazzjonijiet konġunti għal sfidi komuni, iżda s'issa ma kinetx kapaċi tilħaq bis-sħiħ il-potenzjal tagħha biex tindirizza l-kwistjonijiet varji pertinenti għar-reġjun,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2005)0430.

C. billi r-reġjun tal-Baħar Baltiku huwa zona storikament kruċjali li tgħaqqad il-Lvant u l-Punent u, bħala tali, għandha tkun fil-qalba tal-politika l-ġdida tad-Dimensjoni tat-Tramuntana,

D. billi l-Baħar Baltiku kważi sar baħar intern, *mare nostrum*, ta' l-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir ta' l-2004, u billi l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tista' sservi bħala kontribuzzjoni sostanzjali għall-evalwazzjoni ġdida tal-kamp ta' applikazzjoni u ta' l-attivitajiet tad-Dimensjoni tat-Tramuntana biex jirriflettu l-bidliet li seħħew minn wara t-tkabbir,

E. billi l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tista' tagħmel kontribuzzjoni importanti għall-kisba ta' koordinazzjoni aħjar bejn il-korpi reġjonali li joperaw fir-reġjun tal-Baħar Baltiku,

***L-għan ta' din ir-riżoluzzjoni***

1. Jaspira, permezz ta' din ir-riżoluzzjoni, biex:

a) jappoġġja l-politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana billi tiddefinixxi r-reġjun tal-Baħar Baltiku bħala waħda miz-zoni ta' prijorità, b'hekk tippromwovi integrazzjoni reġjonali akbar fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, li hi parti vijabbli u komponent dinamiku għal zona ekonomika u politika Ewropea usa'; jenfasizza l-appoġġ kontinwu tiegħu għal ħidma f'oqsma oħra, speċifikament fir-reġjuni ta' Barents u ta' l-Artiku, f'koperazzjoni mal-pajjiżi msieħba: in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Federazzjoni Russa;

b) jisfrutta kemm jista' l-opportunitajiet offruti mill-ekonomiji dinamiċi tar-reġjun tal-Baħar Baltiku u joħloq sistematikament perċezzjoni għar-reġjun bħala wieħed mill-aktar zoni attraenti u kompetittivi fid-dinja;

c) jgħin biex jitjieb l-istat ekoloġiku tal-Baħar Baltiku, li attwalment huwa wieħed miz-zoni ta' baħar l-aktar imiġġsa fid-dinja; jitnaqqas it-tniġġis u l-ewtrofikazzjoni u jevita emissjonijiet ta' żejt u sustanzi tossiċi oħrajn u li jagħmlu l-ħsara;

***F'dan l-isfond, jagħmel dawn il-proposti:***

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal Strateġija tal-Baħar Baltiku ta' l-UE sabiex jissaħħaħ il-pilastru intern tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, jiġu koperti b'mod orizzontali l-aspetti differenti tal-korpi u ta' l-organizzazzjonijiet reġjonali, jiġu promossi sinerġiji u tiġi evitata duplikazzjoni bejn il-korpi u l-organizzazzjonijiet reġjonali differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirranġaw ir-responsabiltajiet ta' l-amministraturi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jħaddmu approċċ orizzontali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana;

3. Jappoġġja l-ħidma tal-Kunsill ta' l-Istati tal-Baħar Baltiku; jipproponi Samit tal-Baħar Baltiku annwali li għandu jinżamm qabel il-Kunsill Ewropew tas-Sajf; jappoġġja l-ħidma tal-Konferenza Parlamentari tal-Baħar Baltiku, il-laqgħa annwali ta' speakers tal-parlamenti nazzjonali mir-reġjun u l-Forum Parlamentari tad-Dimensjoni tat-Tramuntana li ġej;

4. Jenfasizza li l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tinkludi kemm miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha waħidhom kif ukoll miżuri li għandhom jiġu implimentati b'kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa;

5. Ifakkar il-ħtieġa li jiġi stabbilit bureau reġjunali komprensiv tal-Bank Ewropew ta' Investiment fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;

6. Bil-ħsieb li jinkisbu trasparenza u koerenza, jitlob għal linja baġitarja ta' l-UE proprja għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, possibilment taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija, li tissuplementa l-iffinanzjar kurrenti tad-Dimensjoni tat-Tramuntana mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri, pajjiżi terzi, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Ewropew għall-Investiment, il-Bank ta' l-Investiment Nordiku u oħrajn; jenfasizza li l-Istrateġija għandha tirċievi finanzjar xieraq mil-linji baġitarji kollha sabiex tkun kapaċi tilħaq l-objettivi tagħha;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

7. Jinnota li r-responsabiltà għat-tniġġis tal-Baħar Baltiku hija kemm tal-Federazzjoni Russa u kif ukoll ta' l-Istati Membri; jenfasizza li l-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar fir-rigward, b'mod partikulari, għat-tnaqqis ta' l-ewtrofikazzjoni huwa wieħed mill-aspetti l-aktar importanti li għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni tal-programmi agrikoli u strutturali ta' l-Unjoni fir-reġjun; jinnota b'sodisfazzjoni li l-parti l-kbira tar-reġjun tal-Baħar Baltiku ingħatat l-istatus ta' Zona tal-Baħar Partikularment Sensittiva (PSSA) mill-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO); jipproponi li jiġi stabbilit netwerk ta' zoni kostali u zoni barra mix-xtut li jkunu protetti, u li jkunu ekoloġikament rappreżentattivi u siewja;

8. Jinnota li diżastru kbir taż-żejt ikkawżat jew minn trasportazzjoni jew minn esplorazzjoni u sfruttament jista' effettivament joqtol il-biċċa l-kbira mill-ħajja tal-baħar fil-Baħar Baltiku; jitlob għal koordinazzjoni akbar biex jiġu evitati inċidenti bħal dawn u, kieku xorta waħda kellu jseħħ inċident, jitlob biex ikun hemm ftehim dwar mekkaniżmu konġunt għall-ġlieda kontra l-effetti tiegħu; huwa ta' l-opinjoni li n-normi għall-klassifikazzjoni tat-tankers taż-żejt għandhom iqisu l-kundizzjonijiet fir-reġjun, bħall-ħxuna tas-silġ waqt ix-Xitwa;

9. Jenfasizza l-bżonn li jitħarsu u li jissaħħu l-istokkijiet tal-ħut fir-reġjun tal-Baħar Baltiku; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprepara pjan komprensiv għall-konservazzjoni u l-istabbiliment mill-ġdid ta' l-istokkijiet naturali tas-salamun fis-sistema ta' l-ilma tal-Baħar Baltiku billi jiġu utilizzati x-xmajjar kollha fejn jirriproduċu l-ħut;

10. Jisħaq dwar il-bżonn li titnaqqas id-dipendenza tar-reġjun fuq l-enerġija Russa u jħeġġeġ lill-Istati Membri fir-reġjun biex jeżaminaw il-possibiltà ta' suq ta' l-enerġija komuni; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-imsieħba biex jippromwovu proġetti konġunti dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija u dwar riżorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, fid-dawl tal-potenzjal tar-reġjun bħala sors ta' bijoenerġija, u biex jinkuraġġixxu l-użu ta' enerġija mill-bijomassa, mix-xemx, mir-riħ u mill-ilma; jappoġġja l-ħidma tal-Koperazzjoni fl-Enerġija fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;

11. Jitlob għal approċċ ibbażat fuq ġustizzja u qsim ta' responsabiltà fl-implimentazzjoni ta' politika ta' l-enerġija fuq livell nazzjonali, sabiex id-deċiżjonijiet strateġiċi bħall-bini ta' netwerks ta' l-enerġija ġodda jittieħdu wara li tkun saret konsultazzjoni ma' dawk l-imsieħba fost l-Istati Membri ta' l-UE li jistgħu jiġu affettwati b'dawk id-deċiżjonijiet;

12. Jenfasizza li evalwazzjonijiet adegwati ta' l-impatt fuq l-ambjent għandhom ikunu prerekwiżit għall-proġetti ta' infrastruttura kollha relatati ma' l-enerġija, sabiex jiġi garantit li jintlaħqu l-istandards internazzjonali tal-ħarsien ta' l-ambjent; jitlob f'dan ir-rigward tal-Federazzjoni Russa biex tirratifika l-Konvenzjoni Espoo dwar Evalwazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali;

13. Jisħaq fuq l-importanza li l-prinċipji internazzjonalment rikonoxxuti ta' l-iżvilupp sostenibbli, tal-governabilità tajba, tat-trasparenza u l-parteċipazzjoni, ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, tad-drittijiet tal-minoritajiet, u tal-ħarsien tal-popli indiġeni, u ta' l-adozzjoni ta' politiki ekonomiċi, ta' l-impjiegi u soċjali li jirrinforzaw lil xulxin, jiġu rispettati mill-partijiet involuti, b'konformità ma' l-Istrateġija ta' Liżbona;

14. Ifakkar l-irwol tal-Baħar Baltiku bħala fattur li jgħaqqad fir-reġjun; jissuġġerixxi programm ġdid, li għandu jġib l-isem ta' "Baħar Baltiku Mingħajr Fruntieri", imfassal biex jiffaċilita l-qsim mingħajr xkiel ta' fruntieri fir-reġjun, inkluż bejn l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa; jappoġġja t-twaqqif ta' "motorway' tal-Baħar Baltiku" li tgħaqqad lir-reġjun tal-Baħar Baltiku ma' l-Istati Membri fl-Ewropa ċentrali u tal-Punent sa l-2010;

15. Huwa tal-fehma li, sabiex jissodisfaw ir-responsabiltà tagħhom biex inaqqsu t-tniġġis tal-Baħar Baltiku, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jżommu jew li jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti minn dawk proposti mill-UE;

16. Jrrikonoxxi ż-żieda fit-traffiku marittimu, prinċipalment minħabba t-tkabbir ekonomiku b'saħħtu tal-Federazzjoni Russa; iqis is-sikurezza marittima bħala waħda mill-aktar tħassib urġenti tar-reġjun; jipproponi t-tkabbir gradwali tas-Sistemi ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku u ta' l-Informazzjoni tal-Bastimenti (VTMIS) biex ikopru l-Baħar Baltiku kollu minflok il-Golf tal-Finlandja biss; jenfasizza l-bżonn għal impenn komuni għal implimentazzjoni rapida tal-klassifikazzjoni tal-Baħar Baltiku PSSA, inkluż projbizzjoni fuq trasport taż-żejt b'buq wieħed;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

17. Jissuġġerixxi li t-Trijangolu Nordiku tan-Netwerk Transewropew (TEN) jitkabbar sabiex ikopri r-reġjun kollu u jinkludi r-rotot ferrovjarji u tat-toroq tal-Golf ta' Barents u l-Golf ta' Bothnia fi ħdan is-sistema TEN; jitlob għat-twettiq tal-proġett "Rail Baltica"; ibassar konnessjoni permezz ta' ferrovija veloċi li tgħaqqad ir-reġjun kollu;

18. Jitlob għat-twettiq tal-"highway" Via Baltica sa l-2013 bħala proġett ta' projorità li jgħaqqad ir-reġjun tal-Baħar Baltiku ma' l-Istati Membri fl-Ewropa ċentrali u tal-Punent; jenfasizza l-importanza ta' finanzjament Ewropew għat-twettiq tal-proġett;

19. Jirrikonoxxi li l-biċċa l-kbira tas-swieq nazzjonali fir-reġjun huma relattivament żgħar, u dan f'ħafna każijiet irriżulta f'livell baxx ta' kompetizzjoni; jinnota l-interdipendenza ekonomika eċċezzjonali ta' l-Istati Membri fir-reġjun; jitlob għal implimentazzjoni sħiħa ta' l-erba' libertajiet bażiċi (moviment ħieles ta' persuni, moviment ħieles ta' prodotti, libertà ta' l-istabbiliment u l-moviment ħieles tal-kapital) bejn l-Istati Membri ta' l-UE li jinsabu fir-reġjun;

20. Jinnota li l-istatus tat-territorju tal-Kaliningrad Oblast imdawwar bl-Unjoni Ewropea jitlob għall-kooperazzjoni ġenwina bejn l-awtoritajiet reġjonali, il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa u lill-Unjoni Ewropea biex jeżaminaw il-possibiltà li jiżviluppaw lill-Kaliningrad Oblast f'reġjun pilota aktar miftuħ, inqas militari u b'aċċess aħjar għas-suq intern; jenfasizza l-bżonn għall-implimentazzjoni sħiħa tal-libertà tan-navigazzjoni fil-Baħar Baltiku, inklużi l-Vistula Lagoon u l-Kaliningradzkij Zalif, u l-passaġġ mingħajr ħlas mill-Istrett ta' Pilava u mill-Baltijskij Proliv;

21. Jinnota li l-Isħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana fis-Saħħa Pubblika u l-Benessri Soċjali (NDPHS) għandha ssir aktar prattika fil-ġlieda kontra mard serju u għandha wkoll ittejjeb u tippromwovi s-saħħa u l-istili ta' ħajja li jippremjaw soċjalment; jitlob lill-Federazzjoni Russa u lill-UE biex jeżaminaw il-possibiltajiet li jinvolvu lill-Kaliningrad Oblast f'attivitajiet ta' l-NDPHS;

22. Jenfasizza li l-Kaliningrad Oblast għadu territorju infestat b'ħafna problemi soċjali, ekonomiċi u ekoliġiċi, bħar-riskju ekoloġiku sinifikanti li jirriżulta mill-preżenza ta' bażijiet militari u armi fir-reġjun, ir-riskju sostanzjali għas-saħħa u l-livell għoli tal-kriminalità organizzata u tal-vizzju tad-droga;

23. Jitlob lir-Reġjun tal-Baħar Baltiku biex jappoġġja b'mod attiv programmi li għandhom l-għan li jiġġeneraw forom ġodda ta' arti u komunikazzjoni u li jrawwmu mobilità multinazzjonali u programmi ta' skambji kulturali;

24. Jappoġġja skambju ta' studenti fir-reġjun; jissuġġerixxi li l-universitajiet fir-reġjun jiffurmaw netwerks u jaqblu dwar qsim tax-xogħol għat-trawwim ta' ċentri ta' eċċellenza li jkunu kapaċi jikkompetu fuq livell internazzjonali;

25. Huwa mħasseb minħabba li l-fruntiera tal-Lvant tar-reġjun qed isservi bħala passaġġ għal livell sinifikanti ta' kriminalità organizzata, bi traffikar ta' bnedmin u ta' drogi; iħeġġeġ involviment aktar b'saħħtu ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u kooperazzjoni imsaħħa fuq livelli kemm ta' l-UE u kif ukoll fuq livelli intergovernattivi dwar dawn il-kwistjonijiet;

26. Jenfasizza l-bżonn li jirdoppjaw l-isforzi biex titjieb l-effiċjenza tal-kontrolli tal-fruntiera fuq il-fruntiera tal-Lvant, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-aġġornar ta' l-infrastruttura eżistenti u l-promozzjoni ta' qsim legali ta' fruntieri, u jitlob sabiex jiġu indikati fondi suffiċjenti mill-Fond Ewropew għall-Fruntieri Esterni propost;

*

* *

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvern tal-Federazzjoni Russa u lill-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Istati tal-Baħar Baltiku.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

**P6_TA(2006)0495**

# L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fil-kuntest ta' l-ESDP (2006/2033(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li ġie ffirmat f'Ruma fid-29 ta' Ottubru 2004,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsilli Ewropej tas-16 -17 ta' Ġunju 2005 u tal-15 -16 ta' Diċembru 2005, u b'mod partikulari r-rapporti tal-Presidenza dwar l-ESDP,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' April 2005 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-proliferazzjoni ta' l-Armi tal-Qerda tal-Massa, li kienet approvata mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu 'Għal qawwa Ewropea tal-protezzjoni ċivili: għajnuna Ewropea' mressaq f'Mejju 2006 mill-ex Kummissarju Michel Barnier,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' l-'Isteering Board' ta' l-Aġenzija għad-Difiża Ewropea ta' Settembru 2005,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2006 dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tas-CFSP, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej — 2004 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0366/2006),

***Kunsiderazzjonijiet Ġenerali***

A. billi l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà hija parti mill-Politika Barranija u ta' Siġurtà Komuni (CFSP) u l-Politika Ewropea dwar is-Sigurtà u d-Difiża (ESDP), li taħthom tista' tittieħed il-firxa sħiħa ta' azzjonijiet politiċi possibbli mill-Unjoni Ewropea, inklużi miżuri ta' politika diplomatiċi, ekonomiċi u ta' l-iżvilupp,

B. billi l-istħarriġ ta' l-opinjoni pubblika ta' dawn l-aħħar għaxar snin urew livell ogħli u konsistenti ta' approvazzjoni, għax irriżulta li iżjed minn 60 % taċ-ċittadini ta' l-UE huma favur li l-Unjoni Ewropea jkollha politika barranija komuni u li iżjed minn 70 % huma favur li l-Unjoni Ewropea jkollha politika ta' difiża komuni; billi, barra minn hekk, stħarriġ ieħor ta' l-opinjoni pubblika juri li ma hemmx appoġġ sabiex tiżdied in-nefqa militari,

C. C billi s-sigurtà u l-ġlieda kontra t-tixrid ta' armi tal-qrid tal-massa (WMD) kif ukoll kontra t-terroriżmu internazzjonali huma meqjusin bħala prijorità għall-UE; billi huma meħtieġa reazzjoni konġunta u strateġija komuni fl-ESDP,

D. billi l-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet ta' l-armi għandhom ikunu issikkati mill-Unjoni Ewropea u kif ukoll fuq livell internazzjonali,

1. Jirrikonoxxi li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà ta' Diċembru 2003, li hi bbażata fuq inizjattiva tal-Presidenza Griega, fiha analiżi eċċellenti tat-theddid fuq id-dinja moderna u tippreżenta l-prinċipji fundamentali tal-politika barranija ta' l-UE; jenfasizza, madankollu, il-bżonn li tiġi sorveljata l-implimentazzjoni tagħha fuq bażi regolari, sabiex din tkun tista' tirreaġixxi għal żviluppi ġeopolitiċi;

([1]) ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 580.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0037.

2. Jinnota li, kif mistqarr fl-ESS, it-terroriżmu internazzjonali, il-proliferazzjoni ta' WMD, il-kunflitti reġjonali, il-fallimenti l-istati dgħajfa u l-kriminalità organizzata illum jirrappreżentaw it-theddid ewlieni li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha; jenfasizza li l-kompetizzjoni dinjija dejjem tikber għar-riżorsi ta' l-ilma u l-enerġija, kif ukoll tad-diżastri naturali u tas-sigurtà tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni, irid jiġi inkluż bħala objettiv strateġiku fl-iżvilupp ulterjuri ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà; huwa mħasseb dwar il-prospett tat-tiġdid ta' ġirjiet għall-armamenti fuq livelli globali u reġjonali u dwar il-proliferazzjoni ta' armi konvenzjonali li għadha għaddejja;

3. Madankollu jirrikonoxxi li l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali ma tistax ssir permezz ta' mezzi militari biss, u li l-prevenzjoni u r-ripressjoni tat-terroriżmu teħtieġ firxa vasta ta' miżuri mhux militari, bħall-iskambju ta' informazzjoni u l-koperazzjoni tal-pulizija u ġugizzjarja, li jeħtieġu koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-pilastri, u li l-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi, ta' infrastruttura u tas-soċjetà ċivili fi stati falluti jew li qegħdin ifallu huma meħtieġa; jisħaq li waħda mill-ikbar kontribuzzjonijiet ***ta' l-Unjoni Ewropea*** għall-prevenzjoni tat-terroriżmu internazzjonali hija l-ħila tagħha li tkun effettiva fil-bini jew fil-bini mill-ġdid ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi, ta' l-infrastruttura soċjali u ekonomika, tal-governabilità tajba u tas-soċjetà ċivili u l-ġlieda b'suċċess kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;

4. Jinnota li l-ħidma ta' l-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni hija li tipproteġi liċ-ċittadini ta' l-UE minn dan it-theddid, li tiddefendi l-interessi ġustifikati ta' l-UE u li tippromwovi l-objettivi tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti billi taħdem bħala attur globali responsabbli għall-paċi u d-demokrazija dinjija; jappoġġja b'qawwa l-idea ta' Strateġija ta' Sigurtà Ewropea li l-aqwa mezz sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi huwa l-"multilateraliżmu effettiv", jiġifieri l-istituzzjonijiet internazzjonali u l-liġi internazzjonali;

5. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE, permezz ta' l-ESDP, trid twettaq il-ħidmiet tagħha primarjament b'mezzi ċivili u paċifiċi, u b'mezzi militari biss meta jkunu ġew esplorati l-possibiltajiet ta' negozjati kollha kemm huma u jinstab li m'hemmx soluzzjoni oħra; fit-twettiq ta' dawn il-ħidmiet leġittimi, il-kunsiderazzjoni primarja għandha tkun ir-rispett mhux ekwivoku għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini kemm fil-fruntieri ta' l-UE u kemm 'il barra minnhom;

6. Iqis li mill-adozzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà fl-2003, l-isfidi ġeopolitiċi evolvew b'mod konsiderevoli u li għaldaqstant hemm il-ħtieġa li jiġu riveduti sa mhux iżjed tard mill-2008; huwa tal-fehma li l-Istrateġija għandha tkun riveduta kull 5 snin u li għandha tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew u fil-parlamenti ta' l-Istati Membri;

7. Jinnota li huwa importanti ħafna li jiġu kkoordinati b'mod effettiv l-elementi ċivili u militari tar-reazzjoni tal-komunità internazzjonali għall-kriżijiet;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw id-dimensjoni parlamentari ta' l-ESDP li fiha l-iżviluppi fuq il-livell istituzzjonali u finanzjarju jmorru id f'id ma' estensjoni ta' drittijiet parlamentari ta' kontroll; ifakkar li r-responsabilità tas-sorveljanza parlamentari ta' l-ESDP hija maqsuma bejn l-parlamenti ta' l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew fuq il-bażi tad-drittijiet u d-dmirijiet rispettivi tagħhom skond trattati u kostituzzjonijiet rilevanti;

9. Huwa favur inizjattivi għal relazzjonijiet iktar mill-qrib u skambju intensifikat ta' informazzjoni bejn il-parlamenti ta' l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-ESDP, sabiex id-djalogu iżjed strutturat u regolari bejn il-parlamenti jsir possibbli;

10. Jisħaq li l-Unjoni Ewropea trid tkun f'pożizzjoni li tati kontribut ewlieni sabiex:

a) tiddefendi lilha nnfisha kontra kwalunkwe theddida reali u ċara għas-sigurtà tagħha;

b) tassigura l-paċi u l-istabbilità qabel xejn fl-inħawi ġeografiċi tagħha u f'partijiet oħrajn tad-dinja, skond il-prinċipji tal-Karta tan-NU;

c) tagħmel interventi umanitarji u operazzjonijiet ta' salvataġġ;

d) tipprevjeni u timmaniġġja l-kunflitti, tippromwovi d-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem;

e) tippromwovi d-diżarmament reġjonali u globali;

11. Jenfasizza li, fil-każ ta' attakk mill-forzi armati ta' pajjiż terz fuq it-territorju ta' l-UE, in-NATO għandha tibqa' l-garanti tad-difiża kollettiva, iżda l-UE hija mistennija tirreaġixxi b'solidarjetà u li tipprovdi lill-Istat Membru attakkat bl-assistenza kollha meħtieġa skond l-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU, jilqa' l-ħila dejjem tikber tan-NATO li tilgħab rwol f'operazzjonijiet barra l-Ewropa; iqis ukoll li n-NATO hija l-forum xieraq għad-djalogu transatlantiku dwar kwistjonijiet ta' sigurtà;

12. Jirrikonoxxi li l-ħiliet tal-forzi armati ta' l-Istati Membri u d-disponibilità tagħhom għall-UE huma influwenzati mill-fatt li l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri huma membri sew ta' l-UE u sew tan-NATO u jżommu sett wieħed ta' forzi armati għad-dispożizzjoni taż-żewġ organizzazzjonijiet; għaldaqstant jitlob li l-UE tkompli taħdem b'mod intensiv man-NATO, b'mod speċjali fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-ħiliet;

13. Jisħaq li l-“awtonomija strateġika” inerenti fl-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea, l-iżjed l-abilità biex isiru operazzjonijiet fl-ambitu tagħha b'mod indipendenti minn atturi oħrajn li jirrikjedu l-interoperabilità u katina ta' appoġġ iżjed sostenibbli u li wieħed jista' joqgħod fuqha fuq il-bażi ta' appoġġ u għajnuna reċiproka, bl-evitar ta' duplikazzjoni u użu subottimali ta' riżorsi skarsi f'livell Ewropew jew bejn l-Istati Membri; iwissi dwar duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' sforzi bejn in-NATO u l-UE, u bejn l-Istati Membri ta' l-UE;

14. Iqis li bħalissa l-ESDP għandha riżorsi limitati għal operazzjonijiet ċivili u militari; għalhekk jitlob li l-UE — sabiex tiżviluppa l-kredibilità tagħha bħala attur globali — tikkonċentra l-ħiliet tagħha fuq l-inħawi ġeografiċi tagħha, b'mod partikulari fil-Balkani; fl-istess ħin jipprevedi l-iżvilupp ta' iżjed ħiliet sabiex jippermettu l-UE tagħmel kontribut attiv biex jissolvew ukoll il-kunflitti f'partijiet oħra tad-dinja, bi qbil mal-prinċipji tal-Karta tan-NU;

### *Koperazzjoni ċivili-militari integrata*

15. Jilqa' l-enfasi ta' l-UE dwar it-tisħiħ tal-koperazzjoni ċivili u militari fl-immaniġġjar tal-kriżijiet u jirrikonoxxi li l-iżvilupp tal-ħiliet ċivili fl-immaniġġjar tal-kriżijiet kien fattur ewlieni li pprovda valur miżjud fl-iżvilupp ta' l-ESDP u fl-ispettru sħiħ ta' reazzjonijiet għall-prevenzjoni ta' kunflitti, l-interventi umanitarji, ir-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti u l-bini tal-paċi; jenfasizza l-bżonn li jiġu involuti NGOs internazzjonali u lokali speċjalizzati u n-netwerks tagħhom; iħeġġeġ l-UE biex tkompli tiġġieled għall-implimentazzjoni ta' politika koerenti li tikkonċerna l-prevenzjoni ta' kunflitti fl-ispirtu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Göteborg tal-15-16 ta' Ġunju 2001;

16. Huwa mħeġġeġ bit-tentattivi riċenti skond is-Civilian Headline Goal 2008 li jiġi rimedjat in-nuqqas ta' enfasi li kien hemm fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-ħiliet ċivili; huwa mħeġġeġ ukoll mill-potenzjal taċ-Ċellula Ċivili u Militari u miċ-Ċentru ta' l-Operazzjonijiet li jilgħabu parti importanti fl-iżvilupp ta' l-approċċ ta' l-UE lejn l-integrazzjoni tal-koperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn iċ-ċivil u l-militar; għalhekk jirrikomanda li ċ-Ċellula Ċivili u Militari u ċ-Ċentru ta' l-Operazzjonijiet jiġu aġġornati sabiex isiru Kwartieri Ewropew għat-twettiq ta' missjonijiet ċivili-militari;

17. Jagħraf li l-ħiliet ewlenin fil-qasam ta' sistemi ta' informazzjoni bbażati fuq is-satellita u mill-ajru, ta' sistemi ta' telekomunikazzjonijiet integrati u ta' sistemi ta' trasport bil-baħar u bl-ajru, huma essenzjali għall-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' kriżi, kemm dawk ċivili u kemm dawk militari; jitlob li jitnieda proċess integrat ta' riċerka u żvilupp mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) flimkien mal-Kummissjoni f'oqsma li jirrinforzaw approċċi ċivili-militari integrati u kkoordinati, u b'mod partikulari f'oqsma ta' sistemi ta' informazzjoni bbażati fuq is-satellita u mill-ajru kif ukoll ta' sistemi ta' telekomunikazzjonijiet integrati;

### *L-immaniġġjar ta' kriżijiet*

18. Jilqa' t-twaqqif tas-Sistema Globali ta' Allert u Koordinazzjoni għal Diżastri, li kienet iffinanzjata mill-Kummissjoni b'koperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti; jinnota li din is-sistema għandha ttejjeb b'mod konsiderevoli l-ħila ta' l-UE li tirreaġixxi;

19. Jinnota l-attivitajiet tal-Faċilità għall-Operazzjonijiet ta' Emerġenzi tas-Saħħa imwaqqfa mill-Kummissjoni; jisħaq fuq l-importanza ta' din il-faċilità fir-rigward ta' l-arkivju tagħha ta' informazzjoni u dejta u fir-rigward tal-ħila tagħha li toħroġ twissijiet dwar pandemiji u epidemiji, u wkoll dwar theddid bijoloġiku u kimiku; għalhekk jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun involuta fil-koordinament tal-miżuri fil-każ ta' emerġenzi sanitarji u attakki bijoterroristiċi transkonfinali;

20. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni li tfassal proċedura Komunitarja għall-protezzjoni mid-diżastri, inkluż fil-każ ta' attakk terroristiku serju; jinnota li din il-proċedura hija primarjament bbażata fuq l-informazzjoni miżmuma f'bażi ta' dejta li żżomm dettalji dwar ir-riżorsi nazzjonali disponibbli għall-għoti ta' għajnuna; jinnota li l-effettività ta' din il-bażi ta' dejta, f'termini tal-ħin li jiġi ffrankat u tas-sinerġiji, tista' tkun imtejba b'mod sostanzjali jekk tintegra fiha l-bażijiet tad-dejta ta' l-Istaff Militari ta' l-UE, li fihom dettalji tar-riżorsi kollha disponibbli għall-immaniġġjar tal-kriżijiet. għaldaqstant jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jorganizzaw it-taħditiet meħtieġa u biex jaddottaw il-miżuri neċessarji sabiex din l-integrazzjoni tkun tista' ssir;

21. Jilqa' l-isforzi tal-Kunsill li fil-każ ta' diżastru jiżgura l-iżvilupp bla telf ta' żmien u effettiv tal-bosta riżorsi ta' l-ESDP disponibbli; f'dan is-sens, jisħaq fuq l-urġenza li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fir-rigward tal-koordinazzjoni strateġika tat-trasport (bl-ajru); għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex kemm jista' jkun malajr jagħmlu l-fondi meħtieġa disponibbli sabiex tissolva din il-problema; jitlob ukoll lill-Kunsill sabiex jeżamina bis-serjetà l-proposti magħmulin fir-rapport fuq imsemmi ippreżentat minn Michel Barnier, anke b'mod partikulari l-ħolqien ta' Kunsill Ewropew ta' Sigurtà Ċivili informali, approċċ Ewropew integrat biex jiġu antiċipati kriżijiet, l-għaqda ta' riżorsi nazzjonali li diġà jeżistu u l-istabbiliment ta' konsulati Ewropej sabiex jassistu liċ-ċittadini ta' l-UE li qegħdin barra; u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaħdmu flimkien sabiex gradwalment jimplimentaw dawn il-proposti;

22. Iqis li l-iżvilupp ta' l-ESDP kkontribwixxa għall-iffurmar ta' 'zoni griżi' fir-rigward tal-poteri tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li huma konnessi mat-twettiq ta' missjonijiet primarjament ċivili; jistenna li l-adozzjoni ta' l-Istrument ta' Stabbilità għandu jipprovdi kjarifika, mingħajr ma dan ikollu effett negattiv fuq il-flessibilità fl-immaniġġjar tal-kriżijiet li ntweriet s'issa fil-prattika;

23. Jilqa' l-progress magħmul fir-rigward tas-Civilian Headline Goal 2008 u, b'mod partikulari, fir-rigward ta' l-iżvilupp tal-pjani għall-użu ta' timijiet ta' reazzjoni ċivili u ta' gruppi integrati ta' pulizija; jinnota wkoll l-iżvilupp ta' kompetenza konnessa mal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ittraffikar tal-bnedmin; jilqa' bl-istess mod it-twaqqif fil-Kummissjoni ta' pjattaforma għall-kriżijiet, li għandha l-għan li tħaffef il-fażi inizzjali ta' missjonijiet fuq il-post ta' l-ESDP; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom u għalhekk jipproponi li jitfassal programm konġunt ta' taħriġ għall-istaff kollu li jaħdem fuq it-tfassil tal-missjonijiet;

***Sigurtà tat-territorju***

24. Jinnota li l-ewwel ħidma ta' kwalunkwe politika ta' sigurtà hija li tassigura s-sigurtà fit-territorju tagħha stess; jirrikonoxxi li mill-politika Ewropea għad-difiża ċ-ċittadini ta' l-Ewropa jistennew, qabel xejn, kontribut sinifikanti għall-ħarsien tas-sigurtà personali tagħhom u għar-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom bħala bnedmin;

25. Jirrimarka li l-UE għandha tagħmel il-fruntieri tagħha iżjed siguri, tħares l-infrastrutturi vitali tagħha, telimina n-netwerks tal-finanzjament tat-terroriżmu internazzjonali u tissielet kontra l-kriminalità organizzata; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw sistema ta' mmaniġġjar integrat tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni, mingħajr ma jillimitaw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u fundamentali u tal-liġi umanitarja, b'mod speċjali fir-rigward tar-refuġjati u ta' persuni li jfittxu kenn;

26. Jirrimarka li l-UE għandha:

— tassigura ċ-ċirkolazzjoni libera tal-provvisti għall-industrija u għall-konsumaturi individwali, u b'mod partikulari tal-idrokarboni, li tinvolvi s-sigurtà tat-tbaħħir, tat-titjiriet u tal-pajplines;

— tiddefendi lilha nnifisha kontra attakki ċibernetiċi li jistgħu jisfrattaw is-sistemi vitali ta' komunikazzjoni, dawk finanzjarji u ta' l-enerġija;

***Azzjoni rapida fuq il-bażi tal-Karti tan-Nazzjonijiet Uniti***

27. Fil-waqt li jassumi li l-UE, fid-dawl ta' theddid ġdid, għandha tkun lesta li taġixxi qabel ma jiskattaw il-kriżijiet u li tieħu azzjoni preventiva bikrija sabiex tindirizza l-kunflitt u t-theddid, japprova l-fatt li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tibbaża lilha nnifisha mingħajr riżervi fuq il-Karta tan-NU, bħala l-qafas fundamentali għar-relazzjonijiet internazzjonali;

***Regoli ta' mġiba/taħriġ***

28. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-imġiba ta' l-istaff waqt l-operazzjonijiet kollha ta' l-ESDP huma mmexxija minn firxa ta' linji gwida u regoli ġenerali ta' mġiba li huma stipulati f'dokumenti; jilqa' s-sinjali inizzjali tal-ħarsien ta' l-istandards u regoli tad-drittijiet tal-bniedem minn dawn il-linji gwida u regoli; jinsisti li l-osservanza ta' regoli ta' dan it-tip għandha tkun kompletament obbligatorja u li l-kmandanti fil-kamp għandhom ikunu meqjusa responsabbli għad-dixxiplina u għall-kondotta tal-persunal tagħhom, anke taħt kundizzjonijiet ta' stress estrem f'sitwazzjonijiet ta' gwerra; jirrimarka b'mod favorevoli l-isforzi sabiex jiġi żgurat li d-dimensjoni tas-sessi jkollha profil aqwa fil-politika, programmi u inizjattivi varji ta' l-ESDP tal-ġejjieni;

29. Jinnota l-isforzi tal-Kunsill sabiex jiġu żviluppati iżjed il-programmi speċifiċi ta' taħriġ ta' l-ESDP, kemm strateġiċi u kemm operattivi, għall-istaff diplomatiku, militari u ċivili; jistenna li l-esperti tal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-programmi; japprova l-approċċ li jiġu stabbiliti standards minimi għat-taħriġ ta' l-istaff dwar missjonijiet fuq il-post ta' l-ESDP, u jitlob lill-Kunsill biex jaħdem mal-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jiġu standardizzati l-miżuri kollha ta' taħriġ fil-livelli kollha;

30. Huwa tal-fehma li jekk l-istruttura tal-kmand, it-tagħmir jew l-armamenti ma jkunux jilħqu r-rekwiżiti ta' l-operazzjoni, is-suldati se jkunu esposti għal riskji bla bżonn; għalhekk iqis li huwa partikularment importanti li jkun żgurat li l-unitajiet li jitpoġġew taħt il-kmand ta' l-UE jkunu mgħammra kif xieraq;

31. Huwa tal-fehma li l-użu effettiv tal-ħiliet militari ma jistax ikun possibbli mingħajr tisħiħ serju tal-ħila Ewropea tal-projjezzjoni tal-qawwa, inklużi t-trasport bl-ajru u bil-baħar; f'dan il-kuntest, jirrikonoxxi l-isforzi minn pajjiżi differenti li jkabbru l-ħiliet ta' trasport bl-ajru u l-ħiliet amfibji tagħhom, u l-pjani li jiksbu iżjed vapuri li jġorru l-ajruplani;

32. Jinnota li f'operazzjonijiet multinazzjonali, l-użu ta' apparati u armamenti differenti (u spiss ukoll inkompatibbli) mill-unitajiet parteċipanti jwassal għal spejjeż żejda u għal inqas effiċjenza; għalhekk iqis li l-UE għandha tippromwovi miżuri sabiex tormonizza t-tgħamir u l-armamenti bil-ħsieb li tipperfezzjona r-riżorsi u l-effettività ta' l-operazzjonijiet multinazzjonali;

***Informazzjoni***

33. Jikkritika l-fatt partikularment serju li l-gruppi ta' battalja li bħalissa qegħdin jiżviluppaw m'għandhomx l-istess aċċess għall-intelliġenza mill-ajru u intelliġenza mill-ispazju, u jiddispjaċih li d-dejta tas-sistemi nazzjonali tal-ġbir ta' l-informazzjoni bis-satelliti Helios, SAR–Lupe u Cosmo-Skymed m'humiex disponibbli għall-Istati Membri kollha fuq bażi komuni;

34. Sabiex jiġu rimedjati dawn in-nuqqasijiet:

a) jitlob bil-qawwa li l-gruppi ta' battalja li qegħdin jiżviluppaw jkollhom tagħmir komuni jew almenu kompatibbli fl-oqsma ta' l-informazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet;

b) jitlob li l-ġenerazzjoni li jmiss tas-sistemi ta' informazzjoni satellitari tkun integrata f'sistema Ewropea u li l-informazzjoni tagħha tkun disponibbli għall-iskopijiet militari, tal-pulizija u ta' l-immaniġġjar tad-diżastri bl-użu taċ-ċentru satellitari f'Torrejón;

35. Jirrimarka li bħalissa n-NATO qiegħda tiżviluppa s-sistema ta' ġbir ta' informazzjoni bl-ajru AGS (Airborne Ground Surveillance) b'żieda mas-sistemi nazzjonali li diġà jeżistu jew li qegħdin jiġu żviluppati; jinsisti li din is-sistema għandha ssir disponibbli għall-Istati Membri kollha ta' l-UE, b'mod speċjali fil-kuntest tal-gruppi ta' battalja ta' l-UE;

36. Iqis li fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, huwa meħtieġ li tiġi żviluppata sistema konġunta għall-kmand ta' l-unitajiet multinazzjonali; għalhekk jesprimi l-fehma li l-apparati użati mis-servizzi militari, tal-pulizija u ta' l-emerġenza għandhom jikkonformaw ma' l-istess standards tekniċi, bħalma hu l-każ, ngħidu aħna, fil-Finlandja;

## *Sorveljanza tal-fruntieri*

37. Jisħaq fuq l-importanza tat-tħeġġiġ tal-kapaċità kollettiva ta' l-UE biex tipproteġi l-fruntieri esterni tagħha; jibqa' partikularment imħasseb dwar l-inkompatibilità u l-kwalità tat-tgħamir tas-sorveljanza tal-fruntieri u jenfasizza l-bżonn għal teknoloġija ġdida sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni;

## *Transport*

38. Iqis li, minħabba li t-trasport, b'mod partikulari t-transporti strateġiċi, huwa nuqqas essenzjali fi kwalunkwe azzjoni ta' mmaniġġjar ta' kriżi ta' l-UE, ikun ta' interess kbir li jkun hemm arranġament indipendenti Ewropew li jassigura aċċess għat-transport ċivili multi-modali konvenzjonali, li jibni fuq approċċ ċivili/militari integrat u li jassigura ekonomiji ta' skala għall-parteċipanti Ewropej kollha li jieħdu sehem fl-immaniġġjar tal-kriżijiet għal skopijiet ta' ESDP u ta' għajnuna wara d-diżastri;

## *Dgħufijat fil-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-ESDP*

39. Iqis li l-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet li tippreċedi d-deċiżjoni ta' twettiq ta' missjoni ta' l-ESDP fiha numru ta' dgħufijat, kif deher fil-każ tal-missjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo; għalhekk jistieden lill-Kunsill sabiex jirrevedi l-istadji varji ta' din il-proċedura u, jekk ikun xieraq, biex jieħu passi ħalli jelimina dawn id-dgħufijat; f'dan is-sens, ifakkar lill-Kunsill u, b'mod partikulari, lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tiegħu, dwar l-obbligu li jikkonsulta lill-Parlament;

40. Itenni t-talba tiegħu għall-involviment bla ristrizzjonijiet kif ukoll id-dritt tiegħu li jkun ikkonsultat kull sena bil-quddiem dwar l-aspetti li ġejjin u l-għażliet għas-CFSP, kif stipulat fit-Trattati eżistenti; jistieden b'empatija lill-Kunsill biex isegwi politika ta' informazzjoni ferm iżjed trasparenti fil-konfront tal-Parlament, fir-rigward tas-CFSP u l-ESDP; f'dan ir-rigward, jikkritika l-proċedura għall-aċċess tal-Parlament għad-'dokumenti kunfidenzjali' tal-Kunsill, li f'ħafna każi jkun fihom biss tagħrif ġenerali ħafna;

41. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li m'għandha tibda l-ebda missjoni militari li fiha tkun involuta l-UE qabel ma l-Parlament Ewropew ikun ġie mgħarraf u kkonsultat kif xieraq;

42. Jitlob li fuq it-tgħamir u l-armamenti militari tkun adottata f'baġits li jkunu suġġetti għal kontroll parlamentari; għalhekk huwa tal-fehma li l-baġits u l-mekkaniżmi paralleli għandhom jiġu evitati, għax dawn la jistgħu jkunu sorveljati b'mod effettiv mill-parlamenti nazzjonali u lanqas mill-Parlament Ewropew;

43. Jinnota li l-baġit ta' l-Unjoni Ewropea fih bosta intestaturi b'aspetti ta' sigurtà, bħall-approprjazzjonijiet għall-immaniġġjar ta' kriżijiet, is-sigurtà tal-fruntieri esterni u ta' l-infrastrutturi vitali, ir-riċerka fis-sigurtà u l-implimentazzjoni tal-programmi Galileo u Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà GMES;

44. Iħeġġeġ, b'mod partikulari, li l-baġit disponibbli għall-missjonijiet ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet, għas-sigurtà ta' fruntieri esterni, għar-riċerka fis-sigurtà u għall-programm Galileo għandu jiżdied; fil-ġejjieni, il-qasam tar-riċerka fis-sigurtà għandu jkun orjentat lejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament iddeterminat mill-grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riċerka fis-Sigurtà;

45. Jitlob ukoll li l-operazzjonijiet militari ta' mmaniġġjar ta' kriżi jkunu ffinanzjati mill-baġit ta' l-UE u li, għal dan il-għan, l-Istati Membri jagħmlu disponibbli riżorsi addizzjonali;

46. Jikkritika l-fatt li, minħabba l-mekkaniżmu ATHENA u mekkaniżmi ad hoc oħrajn iffinanzjati mill-Istati Membri u anke l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Parlament Ewropew m'hux f'pożizzjoni li jeżerċita skrutinju baġitarju fuq l-operazzjonijiet militari ta' l-ESDP; jirrimarka li hemm ukoll il-ħtieġa għat-trasparenza fl-operazzjonijiet ċivili-militari (bħall-missjonijiet tal-pulizija) li jaqgħu f'zona griża bejn l-arranġamenti ad hoc u l-finanzjament tal-baġit tas-CFSP;

47. Konsegwentament, jitlob għal metodoloġija baġitarja ġdida li ssaħħaħ t-trasparenza fl-infiq fuq l-ESDP u li tappoġġja l-iżvilupp tal-ħiliet militari u ċivili meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea;

a) fil-fażi inizzjali, li għandha tibda fl-2007 u m'għandhiex iddum iżjed minn sentejn, il-Kunsill għandu jfassal dokument baġitarju li jirrifletti l-impenji magħmulin mill-Istati Membri sabiex jilħqu s-Civilian Headline Goal 2008 u l-Military Headline Goal 2010 u li jkun ibbażat fuq il-katalgi eżistenti (il-katalgu tar-rekwiżiti, il-katalgu tal-qawwiet u l-katalgu tal-progress);

b) fit-tieni fażi, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom għall-ESDP permezz ta' 'baġit' virtwali li fih jimpenjaw fondi fuq bażi multi-annwali sabiex jiffinanzjaw l-apparati u l-istaff meħtieġ għall-operazzjonijiet ta' l-ESDP. Dan id-dokument, għad li ma jorbotx legalment, għandu madankollu jsir dokument politiku importanti li jakkumpanja l-baġit ta' l-UE, u għandu jindika kemm l-Istati Membri huma lesti jonfqu fuq l-ESDP. Dan għandu jiffaċilita "il-qsim tal-piż" bejn l-Istati Membri billi jassigura iżjed trasparenza fir-rigward ta' l-infiq militari, u għandu jkun diskuss b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti ta' l-Istati Membri fuq bażi annwali;

c) deċiżjonijiet finali dwar ir-razzjonalizzazzjoni tal-baġit għas-CFSP u l-ESDP, inkluża l-valutazzjoni ta' l-ispiża nazzjonali fil-livell ta' l-UE fid-dimensjoni tas-sigurtà u tad-difiża, għandhom jagħmlu parti minn sistema finanzjarja riveduta ta' l-Unjoni prevista għall-2008-09;

***Suq Ewropew ta' tagħmir tad-difiża u riċerka koperattiva***

48. Jenfasizza li l-ESS jissuponi l-eżistenza ta' industrija tad-difiża Ewropea b'saħħitha u indipendenti u b'kapaċitajiet awtonomi ta' riċerka teknoloġika u ta' żvilupp teknoloġiku li jkollhom il-ħila jipproteġu b'mod xieraq l-interessi essenzjali ta' sigurtà ta' l-UE u ta' l-Istati Membri; mid-dibattitu pubbliku jasal għall-konklużjoni li sabiex titrabba l-kompetittività ta' l-industrija tad-difiża Ewropea u sabiex tiġi żviluppata bażi industrijali awtonoma li tipprovdi l-kapaċitajiet ta' difiża neċessarji, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli tas-suq intern għal prodotti relatati mad-difiża li huma adattati għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-settur; jenfasizza li dawn ir-regoli għandhom jiffaċilitaw il-koperazzjoni u l-kummerċ industrijali fil-Komunità; ifakkar li d-deroga li hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikolu 296 tat-Trattat KE tħalli intatt id-dmir ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji li jilleġislaw dwar l-iżvilupp tas-suq intern ta' tagħmir u servizzi relatati mad-difiża, sakemm leġiżlazzjoni bħal din tipproteġi l-interessi essenzjali ta' sigurtà ta' l-Istati Membri u ta' l-UE; jiddikjara li jeħtieġ li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni;

49. Jistenna bil-ħerqa l-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 296, il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva speċifika dwar kuntratti ta' difiża, u l-ħolqien ta' strument legali li jorbot dwar il-faċilitazzjoni ta' trasferimenti intra-Komunitarji ta' prodotti relatati mad-difiża li għandhom jissostitwixxu sistema komuni ssimplifikata minflok il-liċenzji nazzjonali ta' esportazzjoni li jeżistu bħalissa; huwa tal-fehma li din is-sistema għandha tħares l-interessi essenzjali ta' sigurtà ta' l-UE u ta' l-Istati Membri billi tiddefinixxi l-prinċipji ta' politika Ewropea għall-esportazzjoni fuq il-bażi tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi;

50. Ifakkar li regoli bħall-Artikolu XXIII tal-Ftehima tad-WTO dwar Akkwisti tal-Gvern jirrikonoxxu l-possibilità tal-ħarsien ta' interessi essenzjali ta' sigurtà relatati ma' kuntratti ta' difiża; jenfasizza li, sabiex ikun żgurat il-ħarsien ta' dawk l-interessi ta' l-UE u ta' l-Istati Membri, ir-regoli komuni li għandhom jiġu adottati għandhom jagħtu preferenza lill-prodotti relatati mad-difiża li huma ta' oriġini Ewropea qabel dawk li joriġinaw minn pajjiżi terzi, għandhom jippermettu t-twettiq sħiħ tal-prinċipju ta' reċiproċità fir-relazzjonijiet kummerċjali, u favur l-użu tat-teknoloġija protetta mid-drittijiet Ewropej tal-proprjetà intellettwalii;

51. Jilqa' l-Kodiċi ta' Mġiba ta' l-EDA dwar il-kuntratti ta' difiża u jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jikkonformaw magħha; jinsisti li l-prattika tal-kumpensi u tal-"juste retour' trid titneħħa; iqis li hu neċessarju li jiżdied ix-xogħol ta' l-EDA fil-kuntest ta' l-ESDP;

52. Jirrikonoxxi l-importanza tar-riċerka koperattiva għall-kompetittività ta' l-industrija Ewropea; għalhekk jitlob iżjed kumplimentaritajiet bejn il-ħidma tal-Kummissjoni u l-EDA, permezz ta' djalogu iżjed effettiv dwar ir-riċerka konnessa mal-qasam ċivili, mas-sigurtà u mad-difiża fl-Ewropa; jenfasizza li l-provvista tat-teknoloġiji ta' użu dupliċi u tal-ħiliet multifunzjonali, u wkoll it-tneħħija tad-diviżjoni li tifred ir-riċerka ċivili mir-riċerka għad-difiża, għandhom ikunu fost l-għanijiet u l-objettivi ta' l-UE; minħabba d-diversità ta'

l-istrutturi tal-kumpaniji f'dan is-settur meta mqabbla ma' oqsma ta' riċerka oħrajn, iqis li hu meħtieġ li tinbidel id-definizzjoni tan-negozji ta' daqs żgħir jew medju fil-qasam tar-riċerka fis-sigurtà Ewropea;

53. Jitlob li l-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-1998 dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi tidħol fis-seħħ u tkun applikata u implimentata b'mod korrett fl-Istati Membri kollha; huwa tal-fehma li d-deċiżjoni dwar liema pajjiżi destinatarji jilħqu l-kriterji tal-kodiċi ta' kondotta għandha tittieħed fuq bażi komuni;

***WMD/Iran***

54. Jirrealizza li ma jista' jkun hemm l-ebda garanzija ta' suċċess fl-attentati li l-Iran jitwaqqaf milli jipproduċi uranju maħdum għall-skopijiet militari; madanakollu jqis li l-offerta konġunta tan-negozjati magħmula mir-Renju Unit, minn Franza u mill-Ġermanja (EU Three), mill-Istati Uniti, mir-Russja u miċ-Ċina tirrappreżenta l-iżjed soluzzjoni promettenti; jilqa' l-approċċ multilaterali tal-bażi ta' din l-offerta; jinnota b'ferħ s-sehem Ewropew biex dan iseħħ; jisgħobbih li d-diskussjonijiet bejn ir-Rappreżentant Għoli ta' l-UE u l-UE Tlieta fuq naħa u l-Iran fuq l-oħra għadhom s'issa ma laħqux riżultati sodisfaċenti; għalhekk, bħala konsegwenza, jaċċetta li l-kwistjoni tiġi trattata fil-livell tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jenfasizza li n-negozjati jistgħu jitkomplew meta jridu sakemm ikun hemm indikazzjonijiet minn naħa ta' l-Iran li jistgħu jkunu ta' suċċess; jilqa' r-rieda ta' l-Istati Uniti li tieħu sehem fl-istess negozjati ma' l-Iran;

***Lejn Unjoni ta' Sigurtà u Difiża***

55. Jinnota li l-UE qiegħda tiżviluppa f'Unjoni ta' Sigurtà u Difiża wkoll, li tkopri s-sigurtà esterna kif ukoll l-aspetti varji tas-sigurtà interna, il-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-forom kollha tiegħu u l-immaniġġjar tal-kriżijiet bl-elementi li ġejjin:

a) l-impenn ta' l-Istati Membri li jkunu kapaċi:

— jiskjeraw 60 000 suldat fi żmien 60 ġurnata u jżommuhom għal sena għal operazzjonijiet tażżamma u tal-bini tal-paċi kif kien deċiż fil-Kunsill Ewropew ta' Ħelsinki, u jibnu 13-il grupp ta' battalja li jistgħu jiġu skjerati malajr, bi tnejn ikunu 'standby' b'mod permanenti mill-2007;

— jiżviluppaw ħiliet ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet ċivili fil-qasam ta' l-operazzjonijiet tal-pulizija, fl-istat tad-dritt, fl-amministrazzjoni u fil-protezzjoni ċivili, kif kien ġie deċiż fil-Kunsill Ewropew ta' Santa Maria da Feira fid-19-20 ta' Ġunju 2000;

b) struttura ta' kmand Ewropea li tikkonsisti f'Kumitat għall-Politika u s-Sigurtà, Kumitat Militari, Staff Militari (li li lkoll ilhom jaħdmu mill-2001) u Ċellula Ċivili u Militari b'Ċentru ta' Operazzjonijiet ġdid;

c) Forza ta' Ġendarmerija Ewropea bil-Kwartieri tagħha f'Viċenza, li għandha tintuża għall-missjoni futura tal-pulizija fil-Kosovo;

d) l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża proposta mill-Kunsill Ewropew, li ilha taħdem mill-2004;

e) l-Europol u l-mandat ta' arrest Ewropew;

f) regoli komuni għall-kisba u l-esportazzjonijiet ta' l-armi;

g) Ir-riċerka Ewropea dwar is-sigurtà bħala prijorità tematika indipendenti taħt is-Seba' Programm ta' Qafas dwar is-Sigurtà;

56. Hu tal-fehma li dan il-proċess għandu jkun imsaħħaħ permezz ta' l-elementi li ġejjin:

a) it-twaqqif ta' suq komuni fil-qasam tad-difiża, bħala mezz biex tinħoloq bażi teknoloġika tad-difiża Ewropea li tkun verament integrata skond il-prinċipji ta' interdipendenza u speċjalizzazzjoni fost l-Istati Membri ta' l-UE;

b) sistema komuni ta' intelliġenza bis-satellita u bl-ajru u standards komuni għat-telekomunikazzjonijiet, li għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-militar, tal-pulizija u tas-servizzi għall-immaniġġjar tad-diżastri;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

c) it-twaqqif ta' forza navali permanenti Ewropea, inkluż servizz ta' għassiesa tal-kosta, attiv fil-baħar Mediterran sabiex turi preżenza Ewropea u ssaħħaħ il-potenzjal ta' l-UE fl-immaniġġjar ta' kriżijiet f'dan ir-reġjun ta' importanza mill-akbar għall-interessi ta' sigurtà tagħha;

d) baġit Ewropew li jkopri mhux biss l-aspetti ċivili tas-sigurtà imma anke dawk militari;

e) viċi-ministru għall-affarijiet barranin Ewropew għall-politika tas-sigurtà u d-difiża;

f) laqgħat aktar spissi tal-Ministri tad-Difiża ta' l-UE;

g) forza tal-protezzjoni ċivili Ewropea kif proposta fir-rapport fuq imsemmi ta' Michel Barnier, kif ukoll Korp Ewropew tal-Paċi Ċivili u s-Sħubija għall-Bini tal-Paċi;

h) ħila Ewropea li tkun disponibbli għat-trasport bl-ajru u bil-baħar f'każi ta' għajnuna f'diżastri, operazzjonijiet ta' salvataġġ u operazzjonijiet ta' difiża (trasport multimodali li jikkombina l-assi l-aktar xierqa);

i) skrutinju parlamentari adegwat mill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew;

57. Jisħaq fuq l-importanza tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li jġib progress kbir lejn Unjoni ta' Sigurtà u Difiża, b'mod partikulari permezz ta':

a) l-uffiċċju ta' Ministru għall-Affarijiet Barranin Ewropew li hu fl-istess ħin Viċi President tal-Kummissjoni;

b) il-klawsola tas-solidarjetà, għal każijiet li fihom Stat Membru jkun affettwat minn attack terroristiku, diżastru naturali jew diżastru magħmul mill-bniedem;

c) klawsola dwar l-għajnuna reċiproka bejn l-Istati Membri fil-każ ta' aggressjoni armata kontra t-territorju ta' Stat Membru;

*

* *

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri u lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, l-OSCE u l-Kunsill ta' l-Ewropa.

---

**P6_TA(2006)0496**

## Suċċessjoni u testmenti

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar suċċessjoni u testmenti (2005/2148(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper dwar is-suċċessjoni u t-testmenti ppreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2005 (COM(2005)0065) u l-anness tagħha (SEC(2005)0270),

— Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 192, it-tieni paragrafu, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 39 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0359/2006),

([1]) ĠU C 28, 3.2.2006, p. 1.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

A. billi, skond ir-rapport imfassal fl-2002 mid-*Deutsches Notarinstitut* fuq talba tal-Kummissjoni, jinfetħu bejn 50 000 u 100 000 suċċessjoni transnazzjonali kull sena fl-Unjoni Ewropea,

B. billi din l-istima ovvjament se jkollha tkun riveduta 'l fuq fid-dawl ta' l-adeżjoni riċenti ta' għaxar Stati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea u t-tkabbir tagħha li jmiss li se jseħħ dalwaqt,

C. billi bħalissa hemm differenzi importanti bejn is-sistemi tal-liġi internazzjonali privata ta' l-Istati Membri u l-liġi sustantiva rispettiva tagħhom dwar is-suċċessjoni u t-testmenti,

D. billi dawn id-differenzi, sakemm huma kapaċi jagħmluha diffiċli u għalja li l-eredi jieħdu l-pussess ta' l-assi, jistgħu joħolqu ostakoli għall-eżerċizzju tal-moviment ħieles u l-libertà ta' l-istabbiliment imsemmija fl-Artikoli 39 u 43 tat-Trattat KE u għat-tgawdija tad-dritt li wieħed ikollu l-propjetà tiegħu stess, li huwa prinċipju ġenerali tal-liġi Komunitarja ([1]),

E. billi hu ta' min jirrikkmanda li jitfassal strument legali Komunitarju li għandu x'jaqsam mal-liġi internazzjonali privata dwar is-suċċessjoni u t-testmenti, kif diġà kien mitlub fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna ta' l-1998 ([2]), il-programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([3]), adottat mill-Kunsill u l-Kummissjoni fis-sena 2000, il-Programm ta' l-Aja ta' l-4 ta' Novembru 2004 għat-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplimenta l-Programm ta' l-Aja dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea ([4]).

F. billi l-adozzjoni ta' inizzjattivi leġiżlattivi li jittrattaw is-suċċessjoni u t-testmenti tkun tidher li hi konsistenti ma' l-objettivi tal-liġi Komunitarja, li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità u li għandha l-għan li trawwam l-integrazzjoni soċjali ta' l-individwi kollha li r-residenza prinċipali tagħhom u ċ-ċentru ta' l-interessi tagħhom ikunu jinsabu f'wieħed mill-Istati Membri, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom,

G. billi, filwaqt li l-armonizzazzjoni tal-liġi sustantiva ta' l-Istati Membri dwar is-suċċessjoni u t-testmenti tiġi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Komunità Ewropea, il-Komunità hija kompetenti, skond l-Artikolu 65(b) tat-Trattat KE, li tadotta miżuri "li jippromwovu l-kompatibilità tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-kunflitt tal-liġijiet u tal-ġurisdizzjoni",

H. billi, skond it-tieni inċiżi ta' l-Artikolu 67(5) tat-Trattat KE, kull att Komunitarju li jittratta s-suċċessjoni u t-testmenti għandu jkun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat KE,

I. billi, meta jkunu qed jiġi ttrattat is-suġġett tas-suċċessjoni u t-testmenti, huwa essenzjali li jkunu sostnuti ċerti prinċipji fundamentali tal-politika pubblika li jimponu limiti fuq il-libertà testamentarja għall-ġid tal-familja ta' testatur u dipendenti oħra,

1. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, matul l-2007, tressaq proposta leġiżlattiva lill-Parlament skond l-Artikoli 65(b) u 67(5), it-tieni inċiż, tat-Trattat KE sabiex ikunu ttrattati s-suċċessjoni u t-testmenti; jitlob li dik il-proposta titfassal fid-dawl tad-diskussjoni interistituzzjonali u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet dettaljati stipulati fl-anness;

2. Jitlob lill-Kummissjoni, fil-kuntest tad-deliberazzjonijiet dwar il-Programm għall-Iffinanzjar tal-Ġustizzja Ċivili 2007-2013, sabiex tagħti bidu għal sejħa għal proposti għal kampanja ta' informazzjoni rigward kwistjonijiet ta' testmenti u suċċessjoni transkonfinali, immirata għall-avukati li jaħdmu f'dan il-qasam;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tidentifika bħala prijorità, fi ħdan il-Programm għall-Iffinanzjar tal-Ġustizzja Ċivili għall-2007-2013, it-twaqqif ta' netwerk ta' avukati fil-qasam ċivili biex tkunu żviluppata il-fiduċja u ftehim reċiproki bejn il-professjonisti f'dan il-qasam, li tinqasam l-informazzjoni u tkun żviluppata l-aħjar prattika;

([1]) Il-każ C-368/96, *Generics (UK) u oħrajn*, [1998] ECR I-7967, punt 79, u l-każistika msemmija hemmhekk.
([2]) ĠU C 19, 23.1.1999, p. 1.
([3]) ĠU C 12, 15.1.2001, p. 1.
([4]) ĠU C 198, 12.8.2005, p. 1.

4. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet stipulati fl-anness jaqblu mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin;

5. Iqis li l-proposta mitluba ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja għall-baġit tal-Komunità;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati li jakkumpanjawha lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

---

*ANNESS*

RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

***Rakkomandazzjoni 1 (dwar il-forma u l-kontenut minimu ta' l-istrument li għandu jkun adottat)***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jimmira li b'mod eżawrenti jirregola s-suċċessjoni fil-liġi intenazzjonali privata u fl-istess ħin:

— jarmonizza r-regoli li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli (ir-"regoli ta' kunflitt") u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi u strumenti pubbliċi ġejjin minn barra, ħlief għal-liġi materjali sustantiva u l-liġi proċedurali ta' l-Istat Membru;

— jintroduċi "Ċertifikat Ewropew ta' Wirt".

***Rakkomandazzjoni 2 (dwar il-kriterji biex tkun stabbilita ġurisdizzjoni u l-fattur objettiv li jgħaqqad)***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat fil-prinċipju għandu jiżgura l-koinċidenza ta' "forum" u "ius", u b'hekk jagħmilha anqas diffiċli li tkun applikata l-liġi barranija.

Għal dawk ir-raġunijiet, il-Parlament Ewropew għandu tendenza jippreferi l-post tar-residenza abitwali bħala l-kriterju li fuqu jkunu stabbiliti kemm il-ġurisdizzjoni prinċipali u l-fattur li jgħaqqad, fejn il-post tar-residenza abitwali tfisser jew:

a) ir-residenza abitwali tal-mejjet fil-mument tal-mewt tiegħu, sakemm kien il-post ta' residenza abitwali sa mill-anqas sentejn qabel mewtu, jew, fejn ma kienx,

b) il-post fejn il-mejjet kellu ċ-ċentru prinċipali ta' l-interessi fil-mument tal-mewt tiegħu.

***Rakkomandazzjoni 3 (dwar il-libertà ta' l-għażla li trid tingħata lill-individwi)***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jħalli ċertu livell ta' libertà ta' l-għażla, b'mod partikulari billi jippermetti li:

— l-partijiet ikkonċernati jagħżlu, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, il-qorti kompetenti, skond il-linji mogħtija fl-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [1],

— it-testatur jagħżel liema liġi għandha tikkontrolla s-suċċessjoni, il-liġi tal-pajjiż li tiegħu għandu n-nazzjonalità jew il-liġi tal-pajjiż fejn tinsab ir-residenza abitwali tiegħu fil-ħin meta ssir l-għażla; din l-għażla trid tkun indikata fi stqarrija li tieħu l-forma ta' klawsola testamentarja;

***Rakkomandazzjoni 4 (dwar il-liġi applikabbli għall-forma tat-testmenti)***

Il-Parlament Ewropew hu tal-fehma li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jistipola regoli speċifiċi li jikkonċernaw il-liġi li hi applikabbli għall-forma ta' klawsoli testamentari — liema klawsoli għandhom jitqiesu bħala validi jekk huma meqjusa bħala tali mil-liġi ta' l-Istat li fih it-testatur fassalhom, jew mil-liġi ta' l-Istat li fih it-testatur kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-ħin meta fassal it-testment jew miet, jew mil-liġi ta' wieħed mill-Istati li tagħhom it-testatur kellu n-nazzjonalità fil-ħin meta fassal it-testment jew miet;

[1] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

***Rakkomandazzjoni 5 (dwar il-liġi applikabbli għall-ftehim rigward suċċessjonijiet futuri)***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jistipola regoli speċifiċi rigward il-liġi applikabbli għall-ftehim rigward suċċessjonijiet futuri, li jridu jkunu rregolati:

a) fil-każ tas-suċċessjoni ta' individwu wieħed, mill-liġi ta' l-Istat li fih dik il-persuna għandha r-residenza abitwali tagħha fil-ħin li l-ftehima ġiet konkluża;

b) fil-każ tas-suċċessjoni ta' numru ta' persuni, mill-liġi ta'kull Stat li fih kull waħda minn dawk il-persuni għandha r-residenza abitwali tagħha fil-ħin li l-ftehima hija konkluża;

Għal ftehim rigward suċċessjonijiet futuri l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu wkoll iħalli ftit lok għal-libertà ta' l-għażla, billi jippermetti li l-partijiet jiftiehmu, permezz ta' stqarrija espliċita, li l-ftehima rigward suċċessjonijiet futuri għandha ssir suġġetta għal-liġi ta' l-Istat li fih il-persuna jew waħda mill-persuni involuti jkollha r-residenza abitwali tagħha fil-ħin meta l-ftehima hi konkluża jew ta' l-Istat li tiegħu għandu n-nazzjonalità f'dak il-ħin;

***Rakkomandazzjoni 6 (dwar kwistjonijiet ġenerali li jirrigwardaw il-liġi applikabbli)***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu wkoll jittratta l-kwistjonijiet ġenerali li jirrigwardaw il-liġi applikabbli.

B'mod partikulari, il-Parlament Ewropew iqis:

— li l-liġi speċifikata fl-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandha tkun kompetenti li tkopri, tkun xi tkun in-natura u l-lok ta' l-assi, is-suċċessjoni kollha kemm hi, mill-bidu tal-proċedura sat-trasmissjoni tal-wirt lill-persuni intitolati;

— l-att leġislattiv li għandu jiġi adottat għandu jkun *erga omnes,* jiġifieri, applikabbli anke jekk il-liġi speċifikata hija l-liġi ta' pajjiż terż;

— għall-fini tal-koordinazzjoni tas-sistema Komunitarja tar-regoli ta' kunflitt li jikkontrollaw is-suċċessjoni ma' dawk ta' pajjiżi terzi, l-att leġislattiv li għandu jiġi adottat għandu jistipola regoli speċifiċi li jikkonċernaw ir-*renvoi,* billi jistabbilixxi li, fejn il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni hija l-liġi ta' pajjiż terz u r-regoli ta' kunflitt ta' dak il-pajjiż jagħżlu l-liġi ta' Stat Membru jew il-liġi ta' pajjiż terz ieħor li, skond is-sistema ta' liġi privata internazzjonali, jista' wkoll japplika l-liġi tiegħu stess għall-każ inkwistjoni, għandha tapplika l-liġi ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jew, jekk ikun xieraq, ta' dak il-pajjiż terz l-ieħor;

— l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jispeċifika b'liema mezzi u manjieri l-awtoritajiet li huma mistennija japplikaw liġi barranija għandhom jaċċertaw il-kontenut tagħha, kif ukoll ir-rimedji f'każ li ma jirnexxilux ikun aċċertat il-kontenut;

— l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jagħmel ir-riżoluzzjoni ta' kwistjoni preliminarja suġġetta għal-liġi speċifikata mir-regoli ta' kunflitt relevanti tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, filwaqt li tagħmilha ċara li s-soluzzjoni se tkun valida biss fir-rigward tal-proċedimenti li fihom tqum il-kwistjoni preliminarja;

— l-att leġiżlattiv li se jkun adottat għandu jispeċifika li l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi applikabbli tista' tiġi eskluża jekk applikazzjoni bħal din tipproduċi effett li jkun jidher biċ-ċar li hu kuntrarju għall-politika pubblika tal-forum.

— l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat għandu jispeċifika li fejn Stat għandu żewġ sistemi ta' liġi jew aktar jew aktar minn sett wieħed ta' regoli li jikkonċernaw is-suċċessjoni u t-testmenti applikabbli f'unitajiet territorjali differenti, kull unita' territorjali għandha tkun meqjusa bħala pajjiż għall-finijiet li tkun identifikata l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni. Barra minn hekk, l-att leġiżlattiv futur għandu jispeċifika, fir-rigward ta' Stat bħal dan, li:

  a) kull referenza għal residenza abitwali f'dak l-Istat trid tinftiehem bħala referenza għal residenza abitwali f'unita' territorjali;

  b) kull referenza għal nazzjonalità trid tkun tinftiehem bħala referenza għat-taqsima territorjali speċifikata mill-liġi ta' l-Istat. Fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, ir-referenza għandha tinftiehem bħala referenza għas-sistema legali li magħha l-persuna kkonċernata kellha l-eqreb rabta;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

***Rakkomandazzjoni 7 (dwar iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Wirt)***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat għandu jimmira li jissimplifika l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti mill-werrieta u l-legatarji biex jakkwistaw il-pussess tal-propjetà li tkun tinkludi l-assi, b'mod partikolari billi:

— jaħseb għal regoli ta' liġi internazzjonali privata biex jiżgura l-koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi legali rigward l-amministrazzjoni, il-likwidazzjoni u t-trasmissjoni ta' assi, kif ukoll biex tkunu żgurata l-identifikazzjoni tal-werrieta, b'dispożizzjonijiet li jiddikjaraw: li dawn l-aspetti tas-suċċessjoni, suġġetti għal eċċezzjonijiet minħabba n-natura u l-post ta' ċerti assi, għandhom ikunu rregolati mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni; li jekk dik il-liġi tipprovdi għall-intervent ta' awtorità indikata mil-liġi nnifisha, jew maħtura skond dik il-liġi, il-poteri ta' dik l-awtorità għandhom ikunu rrikonoxxuti fl-Istati Membri kollha; li, jekk il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni hija l-liġi ta' Stat Membru, il-poteri ta' awtoritajiet bħal dawn għandhom jestendu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mit-testatur, għall-assi kollha, ikun fejn ikun, anke jekk, skond il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, dawk il-poteri huma llimitati għall-propjetà mobbli; li l-miżuri relatati ma' l-attività ta' dawk l-awtoritajiet preskritti mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jistgħu jkunu mitluba mill-qrati ta' l-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għas-suċċessjoni jew li fuq it-territorju tiegħu il-mejjet kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-ħin ta' mewtu, jew li fuq it-territorju tiegħu tinsab il-propjetà li tifforma parti mill-assi;

— jintroduċi 'Ċertifikat Ewropew tal-Werriet' li jindika, b'effett li jorbot, il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, il-benefiċjarji ta' l-assi, il-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-assi u l-poteri tagħhom u l-propjetà li tifforma l-assi, liema ċertifikat għandu jinħareġ minn awtorità li jkollha s-setgħa li toħroġ jew li tawtentika dokumenti uffiċjali skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti,

Iċ-ċertifikat, li għandu jispeċifika l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, għandu jitfassal skond mudell standard li għandu jkun stipolat fl-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat u għandu jikkostitwixxi titolu xieraq li fuq il-bażi tiegħu l-akkwist tal-propjetà li tkun intirtet jista' jiddaħħal f'reġistru pubbliku ta' l-Istat Membru li fih tinsab il-propjetà, mingħajr ħsara għall-konformità mar-regoli ta' dak l-Istat Membru dwar il-funzjonament ta' reġistri bħal dawn u għall-effetti li jirriżultaw mill-informazzjoni li tinsab fihom.

Barra minn hekk, l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat għandu jiżgura l-ħarsien ta' partijiet terzi li jkunu qed jaġixxu b'bona fide li, għal konsiderazzjoni siewja, ikunu daħlu f'kuntratt ma' persuna li tkun tidher li hi intitolata li tiddisponi mill-propjetà kompriża fl-assi fuq il-bażi taċ-ċertifikat, li b'dan ikun qed jitħares l-akkwist tagħha, sakemm dik il-persuna ma tkunx taf li d-dettalji mogħtija fiċ-ċertifikat mhumiex preċiżi jew li l-awtorità kompetenti tkun ħadet passi biex tirrevoka jew temenda ċ-ċertifikat;

***Rakkomandazzjoni 8 (dwar il-"lex loci rei sitae" u l-prinċipju tas-"sehem riservat")***

Il-Parlament Ewropew iqis li l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat għandu:

— jiżgura l-koordinament tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni mal-liġi tal-post fejn tinsab il-propjetà, sabiex tirrendi lil din ta' l-aħħar applikabbli b'mod partikulari fir-rigward tal-proċeduri għall-akkwist tal-propjetà kompriża fl-assi u kull jedd ieħor tanġibbli ma' din, għall-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tas-suċċessjoni u l-formalitajiet relevanti li jikkonċernaw il-pubbliċità;

— jiżgura li l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni ma taffettwax l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' l-Istat fejn jinsabu ċerti propjetajiet immobbli, intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra ta' assi u li r-regoli tiegħu jistitwixxu sistema ta' wirt partikulari fir-rigward ta' assi bħal dawn minħabba konsiderazzjonijiet ekonomiċi, ta' familja jew soċjali;

— jiżgura li l-abilità ta' l-għażla tal-liġi applikabbli ma tmurx kontra l-prinċipji fundamentali tas-sehem riservat mill-assi tas-suċċessjoni għall-eqreb qraba tal-persuna l-mejta liema prinċipji huma stipulati mill-liġi applikabbli b'mod oġġettiv għas-suċċessjoni;

***Rakkomandazzjoni 9 (dwar it-"trusts")***

Il-Parlament Ewropew jirrimarka li r-regoli dwar is-sjieda tal-propjetà jaqgħu fi ħdan il-kompetenza ta' l-Istati Membri, skond l-Artikolu 295 tat-Trattat, u għalhekk jitlob li l-att leġiżlattiv li se jkun adottat m'għandux japplika għat-*trusts*. Madanakollu, dak l-istrument għandu jispeċifika li meta *trust* tinħoloq bħala riżultat ta' mewt, il-fatt li l-liġi speċifikata mill-istrument inkwistjoni tapplika għas-suċċessjoni ma jżommx liġi oħra milli tkun applikabbli għall-immaniġġjar tat-*trust* u li, bl-istess mod, il-fatt li l-liġi li tikkontrolla t-*trust* tapplika għaliha m'għandux iżomm il-liġi li tirregola s-suċċessjoni bis-saħħa ta' l-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat milli jkun applikabbli għaliha.

***Rakkomandazzjoni 10 (dwar "exequatur")***

Il-Parlament Ewropew jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li l-att leġiżlattiv li se jiġi adottat għandu, fir-rigward ta' l-għarfien u l-infurzar ta' deċiżjonijiet, jirriproduċi s-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 44/2001, li jirrikjedi "exequatur" biss fil-każ li sentenza mogħtija mill-qrati fi Stat Membru wieħed trid tkun infurzata fuq il-bażi ta' proċedimenti ta' infurzar fi Stat Membru ieħor;

Madankollu, jekk deċiżjoni għandha tiddaħħal f'reġistri pubbliċi, għandu jsir provvediment, minħabba r-regoli li jvarjaw ħafna bejniethom fid-diversi Stati Membri, biex dik id-deċiżjoni tkun akkumpanjata minn "ċertifikat ta' konformità" mal-politika pubblika u ma' l-imperattivi ta' l-Istat Membru li hu indirizzat, maħruġ — skond forma standard — minn awtorità ġudizzjarja lokali;

***Rakkomandazzjoni 11 (dwar strumenti pubbliċi)***

Il-Parlament Ewropew iqis li huwa xieraq li jkunu rregolati effetti simili għal strumenti pubbliċi relatati mas-suċċessjoni, li, b'mod partikolari, għandhom ikunu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha, permezz tal-provi tal-fatti u ta' dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet li jkunu ħarġuhom li l-istrumenti kienu mfassla fil-presenza tagħhom, fejn il-liġi ta' l-Istat Membru jistabbilixxi dan;

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 57 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, id-dokument għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' l-awtentiċità stipolati fl-Istat Membru fejn ikun oriġina d-dokument, u mhux se jkun rikonoxxut jekk ir-rikonoxximent tiegħu joħloq effett li jidher ċar li hu kuntrarju għall-politika pubblika fl-Istat Membru indirizzat.

Barra minn hekk, meta strument pubbliku jkun se jiddaħħal fir-reġistri pubbliċi għandu jkun speċifikat, kif imniżżel fil-każ ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, li d-dokument għandu jkun akkumpanjat minn "ċertifikat ta' konformità" mal-politika pubblika u ma' l-imperattivi ta' l-Istat Membru indirizzat, maħruġ — skond forma standard — mill-awtorità li għandha l-kompetenza li tfassal l-istrument f'dak il-pajjiż.

***Rakkomandazzjoni 12 (dwar in-netwerk Ewropew ta' reġistri tat-testmenti)***

Il-Parlament Ewropew jittama li, eventwalment, jkun stabbilit netwerk ta' reġistri nazzjonali tat-testmenti billi jintrabtu r-reġistri nazzjonali eżistenti, sabiex ikun imħaffef ix-xogħol ta' tiftix u aċċertazzjoni tal-kontenut tat-testment ta' persuna mejta.

---

**P6_TA(2006)0497**

# In-nisa fil-politika internazzjonali

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-nisa fil-politika internazzjonali (2006/2057(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra mill-ġdid il-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3(2), 13, 137(1)(i) u 141 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea proklamata fl-2000 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 23 tagħha li jgħid li "L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tiġi assigurata fl-oqsma kollha, inklużi l-impjieg, ix-xogħol u l-ħlas. Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza m'għandux jostakola l-manutenzjoni jew l-adozzjoni ta' miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi favur is-sess anqas rappreżentat",

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ta' l-1950,

(1) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa u b'mod partikulari r-riżoluzzjoni u l-pjan ta' azzjoni tiegħu adottati fit-8-9 ta' Ġunju 2006 fi Stokkolma waqt is-Sitt Konferenza Ministerjali Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, u b'mod partikulari t-Taqsima I, punt F ta' l-Appendiċi, li jikkonċerna l-parteċipazzjoni bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Ateni ta' l-1992 waqt il-Konferenza Ewropea dwar in-Nisa fil-Poter, li pproklamat li n-nisa jirrappreżentaw nofs it-talenti u l-abiltajiet potenzjali ta' l-umanità u n-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet hija telfa għas-soċjetà kollha kemm hi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Pariġi ta' l-1999 waqt il-Konferenza Ewropea dwar in-Nisa u l-Irġiel fil-Poter – soċjetà li tagħti kura, ekonomija dinamika u viżjoni għall-Ewropa,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni finali tal-Konferenza annwali tan-Netwerk ta' Kumitati Parlamentari għall-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel (NCEO) adottata f'Ruma fil-21 ta' Novembru 2003,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u x-xogħol, ta' Marzu 2000, u b'mod partikulari l-enfasi tagħha fuq l-impatt pożittiv li politiki ekonomiċi sensibbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi se jkollhom fuq l-istrateġija globali għat-tkabbir u l-kompetittività ta' l-UE,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 1995 [1] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 96/694/KE tat-2 ta' Diċembru 1996 [2] dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Jannar 2001 [3] dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 96/694/KE u tat-2 ta' Marzu 2000 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet [4],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Konferenza tal-Ministri għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi li saret fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 2005,

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010)(COM(2006)0092) u b'mod partikulari l-proposta tagħha li jiġi appoġġjat netwerk ta' nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti(NU) dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) ta' l-1979, li tiddikjara, fost l-oħrajn, li l-istati firmatarji għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja politika u privata ta' pajjiżhom,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv għas-CEDAW, adottat fl-1999, li jistqarr li individwi jew gruppi ta' individwi li jiddikjaraw li huma vittmi ta' ksur ta' kwalunkwe wieħed mid-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni jistgħu jippreżentaw komunikazzjonijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' stat firmatarju,

— waqt li jfakkar li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Politiċi tan-Nisa ta' l-1952 tistqarr li n-nisa għandhom ikunu fuq livell ugwali ma' l-irġiel u għandhom ikunu, bla ebda diskriminazzjoni, intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet kollha, eliġibbli li jkunu eletti fi ħdan l-entitajiet kollha eletti publikament u stabbiliti mid-dritt nazzjonali, u intitolati li jżommu kariga pubblika u li jeżerċitaw il-funzjonijiet pubbliċi kollha stabbiliti mid-dritt nazzjonali,

— waqt li jfakkar il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi ta' l-1966 u b'mod partikulari l-Artikolu 25 tiegħu li jistqarr li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt u l-opportunità li jieħu sehem fit-tmexxija ta' l-affarijiet pubbliċi, direttament jew permezz ta' rappreżentanti magħżula liberament u li jivvota u jiġi elett f'elezzjonijiet perjodiċi ġenwini,

(1) ĠU C 168, 4.7.1995, p. 3.
(2) ĠU L 319, 10.12.1996, p.11.
(3) ĠU C 262, 18.9.2001, p. 248.
(4) ĠU C 346, 4.12.2000, p. 82.

— wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa li saret f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni adottati f'Beijing, kif ukoll id-dokumenti li rriżultaw minnhom li ġew adottati fis-Sessjonijiet Speċjali suċċessivi tan-NU Beijing + 5 u NU Beijing + 10 dwar azzjonijiet u inizjattivi addizzjonali biex jiġu implimentati d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati rispettivament fid-9 ta' Ġunju 2000 u fil-11 ta' Marzu 2005,

— wara li kkunsidra l-Objettivi għall-Iżvilupp tal-Millenju (MDGs), b'mod partikulari l-MDG3 dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa bħala prerekwiżit sabiex jingħelbu l-ġuħ, il-faqar u l-mard, sabiex jintlaħqu l-ugwaljanza f'kull livell ta' l-edukazzjoni u f'kull qasam tax-xogħol, il-kontroll indaqs tar-riżorsi u r-rappreżentazzjoni indaqs fil-ħajja pubblika u politika,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU adottata fil-31 ta' Ottubru 2000 ("UNSCR 1325(2000"), b'mod partikulari l-paragrafu 1 tagħha, li tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw aktar rappreżentazzjoni tan-nisa f'kull livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u internazzjonali u mekkaniżmi għall-prevenzjoni, l-immaniġġjar u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti, kif ukoll l-Istqarrija Presidenzjali adottata fl-okkażjoni tal-5 anniversarju tal-UNSCR 1325(2000) tal-UNSC f'Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2000 dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fir-riżoluzzjoni paċifika ta' kunflitti [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa f'kunflitti armati u l-irwol tagħhom fir-rikostruzzjoni u l-proċess demokratiku f'pajjiżi li ħerġin minn kunflitt [2],

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni li saret fit-23 u l-24 ta' Mejju 2005 dwar il-Politika Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża u l-abbozz ta' linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325(2000) fil-kuntest tal-Politika Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża (ESDP) approvat mill-Kunsill Ewropew fis-16 ta' Diċembru 2005,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-gvern Norveġiż li jintroduċi, bil-liġi, kwota ta' 40 % għar-rappreżentazzjoni tan-nisa fuq il-bordijiet ta' tmexxija ta' kumpaniji b'ishma konġunti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0362/2006),

A. A billi l-konferenza ta' Beijing ta' l-1995 kienet kruċjali biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi inkluż l-aspett tar-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-politika,

B. billi l-parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-proċess politiku u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tirrifletti aħjar il-mod kif inhi komposta s-soċjetà u billi din hija essenzjali għall-ġenerazzjonijiet futuri u biex is-soċjetajiet demokratiċi jimxu tajjeb,

C. billi t-tmexxija tajba tinkludi r-rispett tal-libertajiet fundamentali u li d-drittijiet tan-nisa jiġu ttrattati bħala drittijiet bażiċi fundamentali,

D. billi l-qagħda tan-nisa fil-politika internazzjonali tiddependi primarjament fuq is-sitwazzjoni nazzjonali tan-nisa u fuq l-istrateġiji għall-avvanz tal-mara adottati fuq livell nazzjonali,

E. billi s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu rwol sinifikanti permezz tal-politika tan-NU dwar l-istaff biex iservi ta' eżempju għal xena politika globali aktar bilanċjata rigward is-sessi,

F. billi mill-191 pajjiż li bħalissa huma membri tan-Nazzjonijiet Uniti, huma biss 47 li huma firmatarji u 115 li huma partijiet fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Politiċi tan-Nisa ta' l-20 ta' Diċembru 1952 u billi, b'riżultat ta' dan, in-nisa ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet politiċi tagħhom b'mod sħiħ u huma pprojbiti milli jieħdu sehem fl-elezzjonijiet jew milli jkollhom karigi pubbliċi f'għadd ta' pajjiżi,

[1] ĠU C 228, 13.8.2001, p. 186.
[2] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0245.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

G. billi, skond l-Unjoni Inter-Parlamentari, mill-43961 membru tal-parlament madwar id-dinja (meta jitqiesu ż-żewġt ikmamar flimkien), 16.4 % biss huma nisa (i.e. 7,195); billi l-pajjiżi Skandinavi għandhom l-ogħla numru ta' Membri Parlamentari nisa (40 %), imbagħad l-Amerki (19.6 %) u l-Ewropa (il-pajjiżi ta' l-OSCE, apparti l-pajjiżi Skandinavi) b'medja ta' 16.9 %, kemm kemm ogħla mill-Afrika 'l isfel mis-Saħara (16.4 %), l-Ażja (16.3 %), il-Paċifiku (12 %) u l-Istati Għarab (8.3 %).

H. billi dawn il-persentaġġi jindikaw defiċit demokratiku fundamentali kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fil-kuntest internazzjonali usa',

I. billi, minkejja l-eżistenza ta' ugwaljanza de jure fil-parti l-kbira tal-pajjiżi Ewropej u madwar id-dinja, jibqgħu jeżistu l-inugwaljanzi de facto fit-tqassim tal-poter, tar-responsabbiltajiet u fl-aċċess għar-riżorsi ekonomiċi, soċjali u kulturali bejn in-nisa u l-irġiel minħabba l-persistenza ta' rwoli prevalenti skond is-sess u l-impatt tagħhom fit-tqassim mhux ugwali ta' responsabbiltajiet tal-familja u fil-konċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja mal-ħajja tax-xogħol għall-parti l-kbira tan-nisa,

J. billi, minkejja l-leġiżlazzjoni Komunitarja u nazzjonali li ddaħħlet matul l-aħħar 30 sena, id-differenza fil-pagi ta' bejn is-sessi fl-UE hija ta' medja ta' 15 % għal impjiegi ta' valur ugwali,

K. billi llum hemm aktar nisa milli rġiel li huma lawreati mill-Università,

L. billi, jekk il-pajjiżi jiġu rikjesti li jintroduċu listi tal-kandidati li jkunu bilanċjati bejn is-sessi, dan ma jkunx effettiv jekk in-nisa jitpoġġew kollha fin-naħa ta' isfel tal-listi, u billi lista perfettament strutturata taf ma tiksibx ir-riżultati mixtieqa jekk il-pajjiż juża sistema ta' vvutar ta' "lista miftuħa", li tagħti ċ-ċans lill-votanti biex ibiddlu l-ordni tal-kandidati fuq il-lista,

M. wara li kkunsidra l-irwol kruċjali tal-partiti politiċi biex ikun hemm jew ma jkunx hemm żieda fir-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-politika permezz ta' diversi mezzi; filwaqt li jinnota li aktar u aktar partiti politiċi jiddikjaraw li s-sħubija ġenerali tagħhom hija bilanċjata bejn is-sessi, il-livelli għolja tal-partiti politiċi rarament jirriflettu dan, bi 11 % biss tal-kapijiet tal-partiti madwar id-dinja li huma nisa,

N. filwaqt li jinnota b'interess qawwi li, varjetà sħiħa ta' għodda oħra huma disponibbli biex jassiguraw żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, bħal miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva bil-għan li jassiguraw il-preżenza u l-attività tan-nisa fil-parlamenti u f'karigi oħra eletti,

O. filwaqt li jenfasizza li l-pajjiżi li għaddew minn kunflitt, fejn is-sistemi elettorali ġew iddisinjati u l-elezzjonijiet ġew organizzati min-NU, għandhom tendenza akbar li jkollhom aktar nisa f'karigi eletti, minħabba l-impożizzjoni tan-NU ta' rappreżentazzjoni aktar bilanċjata bejn il-ġeneri;

P. wara li kkunsidra l-importanza li tinbidel l-aċċettazzjoni kulturali ta' teħid bilanċjat ta' deċiżjonijiet permezz ta' kampanji li jżidu l-kuxjenza u billi bilanċ bejn is-sessi fil-politika spiss jeħtieġ tibdiliet fl-attitudnijiet pubbliċi,

Q. filwaqt li jqis il-fatt li l-qsim ta' responsabbiltajiet tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel għandu impatt fuq il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-politika,

R. filwaqt li jagħraf l-irwol ewlieni ta' assoċjazzjonijiet mhux governattivi u volontarji fl-isforz biex jinfluwenzaw is-soċjetà kollha kemm hi biex taċċetta bilanċ aktar ekwitabbli bejn is-sessi fil-politika,

S. wara li kkunsidra li n-nisa jistgħu jagħtu kontribut pożittiv, u fil-fatt għamlu dan, biex iġibu kultura ta' bidla dwar kwistjonijiet tas-sessi u dwar kwistjonijiet politiċi u soċjetali essenzjali inġenerali permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fuq livell bażiku,

T. wara li kkunsidra l-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ fi stadju bikri biex jiġi assigurat li n-nisa jiżviluppaw l-għarfien, il-kapaċitajiet u l-kunfidenza meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà u fil-politika,

U. wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni magħmula min-nisa biex jidhru ċari l-ħtiġijiet partikulari tan-nisa sabiex il-politika futura tintegra l-perspettiva tas-sessi u taqdi lid-demokrazija ġenerali b'mod aħjar,

V. filwaqt li jenfasizza li r-rikonoxximent tal-kontribut pożittiv tan-nisa fil-politika internazzjonali mill-pari tagħhom huwa essenzjali sabiex jikkontribwixxi għal kultura aktar bilanċjata mill-perspettiva tas-sessi, u filwaqt li jinnota li mit-92 rebbieħ tal-Premju Nobel għall-paċi, 12 biss kienu nisa,

1. Ifakkar li diġà ġie rikonoxxut, fuq livell Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Marzu 2000 imsemmija hawn fuq, li l-parteċipazzjoni bilanċjata miż-żewġ sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet hija kundizzjoni essenzjali għad-demokrazija;

2. Jinnota li l-elezzjonijiet riċenti tellgħu lil nisa fl-ogħla funzjonijiet bħala Kapijiet ta' Stat u u tal-Gvern f'xi Stati Membri u f'pajjiżi terzi;

3. Jifraħ lill-Kapijiet ta' Gvern li użaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji għall-għażla tal-membri tal-kabinett tagħhom;

4. Jiddispjaċih ħafna li, minkejja ammont kbir ta' stqarrijiet u rakkomandazzjonijiet politiċi, programmi ta' azzjonijiet adottati globalment u leġiżlazzjoni speċifika li ddaħħlet f'livell nazzjonali, l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi u n-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa fil-politika għadhom jippersistu fl-Ewropa u fid-dinja kollha; jinnota, b'mod partikulari, li l-persentaġġ tan-nisa eletti fil-Parlament Ewropew ivarja bejn 58 % u 0 %, skond l-Istat Membru (b'medja ta' ftit aktar minn 30 %) u li l-persentaġġ ta' nisa eletti fil-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri jvarja bejn 45 % u 9 %;

5. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-livell baxx ta' parteċipazzjoni tan-nisa f'ċentri ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' tmexxija spiss huwa marbut ma' problemi dwar kif il-ħajja tax-xogħol tista' tiġi kkombinata mal-ħajja tal-familja, mat-tqassim mhux indaqs tar-responsabbiltajiet tal-familja u mad-diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol u fit-taħriġ professjonali;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed iħares lil hinn min-numri u realment jiffoka fuq kif in-nisa attivi fil-politika jinfluwenzaw it-tiswir ta' l-iggvernar u tar-riżoluzzjoni ta' kunflitti, u kif jikkontribwixxu biex ikun żgurat li r-riformi fl-iggvernar, ir-responsabiltà u l-istat tad-dritt jitpoġġew 'il quddiem fuq l-aġenda politika f'livell nazzjonali u internazzjonali;

7. Jenfasizza li l-proporzjon baxx ta' nisa fil-politika iċaħħad lill-Ewropa minn potezjal uman prezzjuż;

8. Jappoġġja l-ħidma mwettqa mill-Unjoni Inter-Parlamentari lejn xena politika aktar bilanċjata bejn is-sessi;

9. Jilqa' l-inklużjoni tal-kwistjoni tal-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha fil-programm ta' ħidma tas-CEDAW għall-2006 u qed jistenna bil-ħerqa s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha; jitlob li l-Kummissjoni u l-Presidenza tal-Kunsill jinfurmaw lill-Parlament dwar in-negozjati CEDAW;

10. Jiddispjaċih li hemm daqshekk ftit nisa li jservu bħala Rappreżentanti u Mibgħuta Speċjali u Personali, u Konsulenti Personali u Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u f'pożizzjonijiet oħra ta' livell għoli fin-Nazzjonijiet Uniti b'mod ġenerali;

11. Iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex jaħtar aktar nisa fil-karigi ta' Rappreżentant Speċjali u Personali u Mibgħuta tas-Segretarju Ġenerali, u Konsulenti Personali jew Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU; jisħaq li jkun xieraq li l-Istati Membri tan-NU jressqu ismijiet ta' kandidati nisa flimkien ma' dawk ta' kandidati irġiel meta s-Segretarju Ġenerali tan-NU jkun qed jikkunsidra l-mili ta' tali pożizzjonijiet ta' livell għoli;

12. Iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jinkludu lin-nisa, sabiex tiġi żgurata attenzjoni lill-kwistjoni tal-ġeneru f'kull missjoni għaż-żamma tal-paċi, għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti u għall-bini tal-paċi, u anke sabiex jiltaqgħu ma' l-organizzazzjonijiet tan-nisa fuq livell lokali waqt li jkunu qed iżuru nħawi f'kunflitt;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jintbagħat kwestjonarju lill-Istati Membri biex tintalab informazzjoni dwar x'passi ttieħdu lejn l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325(2000); jitlob lill-Kunsill biex jaqsam is-sejbiet tiegħu mal-Parlament;

14. Jinkuraġġixxi bil-kbir l-inklużjoni ta' uffiċjali tal-pulizija, ċivili u militari nisa fil-missjonijiet ta' l-UE u tan-NU għaż-żamma tal-paċi sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni man-nisa fil-komunitajiet lokali u mal-komunitajiet lokali b'mod ġenerali;

15. Jiddipjaċih li bħalissa hemm biss mara waħda li qed isservi bħala Rappreżentant Personali tar-Rappreżentant Għoli ta' l-UE għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni (CFSP) minn 14-il post ta' Rappreżentant Speċjali/Rappreżentant Personali/Mibgħut Speċjali jew Koordinatur Speċjali [1] ta' l-UE; iħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli ta' l-UE għas-CFSP biex jaħtar aktar nisa fil-karigi ta' Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali (SRSG), Rappreżentant jew Mibgħut Speċjali; jistieden lir-Rappreżentant Għoli ta' l-UE għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni biex jitlob lill-Istati Membri biex flimkien ma' l-ismijiet ta' kandidati rġiel iressqulu l-ismijiet ta' kandidati nisa meta jkun qed jikkunsidra l-mili ta' tali pożizzjonijiet ta' livell għoli;

16. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli għas-CFSP, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha biex jirreklutaw aktar nisa bħala uffiċjali ċivili, militari u tal-pulizija, u kif ukoll biex jaħtru koordinatur għall-ġeneru f'kull missjoni tal-ESDP, kif inbeda fil-missjoni tal-EUFOR għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

17. Iħeġġeġ bis-saħħa li jsir taħriġ speċifikament fuq kwistjonijiet ta' ġeneru għall-istaff kollu mibgħut fuq missjonijiet ESDP; iħeġġeġ ukoll il-publikazzjoni ta' sett ta' għodda dwar il-ġeneru ddedikat għall-implikazzjonijiet tal-ġeneru f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitti għall-istaff kollu li jifforma parti mill-operat ta' l-ESDP;

18. Jilqa' l-ammont ikbar ta' kummissarji nisa taħt il-President tal-Kummissjoni Barroso imma jiddeplora l-fatt li għadha ma nkisbitx parità sħiħa fil-livell ta' Kummissarju biex jiġi stabbilit eżempju fl-Ewropa u fid-dinja;

19. Jilqa' l-pjan direzzjonali ġdid tal-Kummissjoni imsemmi hawn fuq għall-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikulari d-deċiżjoni tagħha li tippromwovi netwerk ta' nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet;

20. Jilqa' l-fatt li għandu jinħoloq Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, li għandu jieħu l-inizjattiva biex jippromwovi rappreżentazzjoni akbar tan-nisa fil-politika internazzjonali;

21. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżommu infurmat regolarment dwar il-progress tax-xogħol tal-Grupp tal-Kummissarji għad-Drittijiet Fundamentali, għal kontra d-diskriminazzjoni u għall-opportunitajiet indaqs;

22. Jiddeplora l-fatt li minn 107 delegazzjoni u uffiċju tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi, hemm biss 7 nisa li attwalment iservu fil-livell ta' Kap ta' tali delegazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħtar iktar nisa fl-ogħla pożizzjonijiet fid-delegazzjonijiet esterni;

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex tuża l-istrumenti ta' l-UE għar-relazzjonijiet esterni, l-iżvilupp u l-politika ta' koperazzjoni bħala vektors għall-promozzjoni tan-nisa fil-politika, b'mod partikulari il-parteċipazzjoni tan-nisa bħala votanti u kandidati politiċi, l-inklużjoni ta' kwistjonijiet ta' ġeneru fil-programmi tal-partiti politiċi waqt il-kampanji elettorali, kif ukoll waqt li jittrattaw ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra, b'mod partikulari fir-rigward tal-bini ta' kapaċità;

24. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-appoġġ tagħha għall-proġetti intenzjonati biex jiggarantixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika fl-Ewropa u lil hinn minnha, speċifikament f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

25. Jirrakkomanda li l-kumitat kompetenti tiegħu jistabbilixxi u jappoġġja koperazzjoni permanenti u regolari bejn Parlamentari nisa minn madwar id-dinja; jagħmel stedina biex jiġu pprovduti riżorsi sabiex il-Forum tan-Nisa taħt l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE, u "fora" bħalu f'Assemblej Parlamentari oħra fejn tipparteċipa l-UE, ikunu jistgħu jseħħu u jieħdu inizjattivi flimkien;

---

(1) Annalisa Gianella, ir-Rappreżentant Personali ta' Javier Solana għal-limitazzjoni ta' l-għadd u t-tixrid ta' l-Armamenti tal-Qirda tal-Massa.

26. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, kif jixraq, jippromwovu programmi edukattivi li jissensibilizzaw liċ-ċittadini, b'mod partikulari liż-żgħażagħ, għad-drittijiet indaqs tan-nisa li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika minn età żgħira;

27. Jitlob lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi futur biex jirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew dwar il-ġbir tiegħu ta' dejta u l-impatt tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-parità u politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi mwettqa mill-Istati Membri u l-aħjar prattiki ta' partiti politiċi Ewropej u nazzjonali;

28. Jitlob lill-Istitut Ewropew futur għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jimmonitorja u jevalwa l-progress fil-kisba ta' parteċipazzjoni bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħajja politika u pubblika madwar l-Ewropa billi jwaqqaf u japplika indikaturi għall-monitorjar u l-evalwazzjoni fuq il-bażi ta' dejta separata skond is-sessi li tkun komparabbli fuq livell internazzjonali, u biex imbagħad jippubblika rapporti dwar il-miżuri meħuda u l-progress miksub fl-involviment tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u biex dawn ir-rapporti jxerridhom ma' udjenza wiesgħa;

29. Jiltob lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi futur biex jaħdem flimkien ma' korpi indipendenti, bħal ma huma l-osservaturi tal-parità jew korpi speċjali u indipendenti ta' medjazzjoni stabbiliti fuq livell nazzjonali, bil-għan li jimmonitorja l-politiki tal-gvern fil-qasam tal-parteċipazzjoni bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħajja politika u pubblika;

30. Jinkoraġġixxi lill-Istitut Ewropew futur għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jikkollabora ma' istituzzjonijiet tar-riċerka biex ikompli jistudja l-fatturi li jostakolaw l-aċċess tan-nisa għal ħatriet pubbliċi ta' livell għoli u għall-ħajja politika, inkluż permezz tar-riċerka dwar l-isterjotipi tan-nisa fil-politika;

31. Jinkoraġġixxi lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi futur biex iħares lil hinn min-numri, u biex fil-fatt ikejjel kif in-nisa jinfluwenzaw l-aġendi politiċi, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali, b'mod partikulari billi jippromwovu t-tmexxija tajba, ir-responsabbiltà u l-istat tad-dritt;

32. Jirrikonoxxi li l-istati huma l-mutur ewlieni biex isseħħ bidla effettiva fir-rappreżentazzjoni politika; iħeġġeġ lill-istati kollha biex jonoraw l-impenji tagħhom skond id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni adottata f'Beijing f'Settembru 1995 u waqt il-laqgħat ta' Beijing + 5 u ta' Beijing + 10, u kif ukoll l-impenji tagħhom skond il-liġi internazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 (2000) u l-Istrateġija ta' Liżbona;

33. Jitlob lill-Istati Membri kollha biex iħeġġu lin-nisa biex japplikaw għall-pożizzjonijiet ta' livell għoli fix-xena internazzjonali u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu ismijiet ta' kandidati femminili flimkien ma' l-ismijiet tal-kandidati maskili għall-pożizzjonijiet ta' livell għoli f'negozjati u fit-tħejjija ta' politika internazzjonali, speċifikament f'organizzazzjonijiet internazzjonali;

34. Jitlob lill-Kummissjoni biex tanalizza u xxerred l-aħjar prattiki dwar miżuri internazzjonali u nazzjonali bil-għan li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ogħla pożizzjonijiet fil-politika internazzjonali;

35. Jitlob lill-Istati Membri biex jattiraw, iħarrġu u jaħtru aktar nisa f'karriera fid-diplomazija u jippromwovu bilanċ bejn is-sessi għad-delegazzjonijiet tagħhom lin-Nazzjonijiet Uniti u f'laqgħat u konferenzi internazzjonali oħra;

36. Jitlob lill-Istati Membri biex joħolqu għarfien pubbliku fil-pajjiżi tagħhom bil-ħsieb li jintemmu l-attitudnijiet negattivi tas-soċjetà dwar il-kapaċità tan-nisa li jipparteċipaw ugwalment fil-proċess politiku f'livelli nazzjonali u internazzjonali; jinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex jippromwovu l-għan ta' bilanċ bejn is-sessi fil-karigi pubbliċi kollha;

37. Jitlob lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri intenzjonati li jirrikonċiljaw il-ħajja soċjali, familjari u professjonali bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002 u ma' l-Istrateġija ta' Liżbona biex b'hekk jinħoloq ambjent li jippermetti lin-nisa jipparteċipaw bis-sħiħ fil-politika;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

38. Jitlob lill-Istati Membri biex jadottaw leġiżlazzjoni xierqa u/jew miżuri amministrattivi biex jappoġġjaw rappreżentanti eletti fir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom familjar u pubbliċi u, b'mod partikulari, jinkoraġġixxu lill-parlamenti u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jassiguraw li l-iskedi u l-metodi ta' ħidma tagħhom jagħtu ċans lir-rappreżentanti eletti taż-żewġ sessi li jirrikonċiljaw il-ħajja tagħhom tax-xogħol ma' dik tal-familja;

39. Jitlob lill-Istati Membri biex joffru aktar opportunitajiet ta' taħriġ għan-nisa biex dawn jiksbu l-kapaċitajiet meħtieġa biex b'hekk aktar ikunu jistgħu isegwu karriera politika u jiksbu pożizzjonijiet ta' livell għoli;

40. Jitlob lill-partijiet politiċi fl-Ewropa kollha biex jippromwovu l-parteċipazzjoni bbilanċjata taż-żewġ sessi fil-listi tal-kandidati tagħhom;

41. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi fl-Ewropa kollha biex ineħħu x-xkiel li, direttament jew indirettament, jiddiskrimina kontra l-parteċipazzjoni tan-nisa, sabiex ikun żgurat li n-nisa għandhom id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ f'kull livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istrutturi kollha għat-tfejjija ta' politika u l-proċessi ta' ħatra interni u fit-tmexxija tal-partiti politiċi fuq livell indaqs ma' l-irġiel;

42. Jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti biex jipprovdu taħriġ politiku, inkluż taħriġ dwar kif jitkellmu fil-pubbliku, lil nisa u rġiel li jixtiequ jinvolvu ruħhom fil-politika;

43. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi biex jinkludu lil nisa u rġiel kwalifikati fil-listi tal-partit għal karigi elettivi;

44. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi biex jappellaw lin-nisa biex jipparteċipaw u jivvutaw fl-elezzjonijiet u biex iqajmu kuxjenza dwar il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet speċifiċi tan-nisa fil-programmi tal-partiti tagħhom;

45. Iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet interparlamentari u lill-missjonijiet u d-delegazzjonijiet tal-Kumitati tiegħu biex jagħtu kas, fil-qafas ta' l-attivitajiet tagħhom, tal-kwistjoni ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ta' biżżejjed tar-rappreżentanza femminili fil-koperazzjoni instituzzjonali tagħhom;

46. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-approċċ tiegħu lejn l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tas-sessi u lejn rappreżentanza bilanċjata tas-sessi fid-delegazzjonijiet u l-missjonijiet kollha, inklużi fil-missjonijiet għal osservazzjoni elettorali;

47. Iħeġġeġ lill-Missjonijiet għal Osservazzjoni Elettorali mmexxija minn uħud mill-Membri tiegħu biex joqogħdu partikolarment attenti dwar il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa f'kampanji politiċi, kemm jekk bħala kandidati, u kemm jekk bħala votanti;

48. Iħeġġeġ il-promozzjoni ta' nisa żgħażagħ fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex ikollhom iċ-ċans li jiksbu esperjenza, ħiliet u kapaċitajiet li jistgħu jiġu trasferiti fil-qasam tal-parteċipazzjoni politika;

49. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' NGOs, partikularment dawk bil-għan li jippromwovu l-għoti lin-nisa tal-kapaċità li jaġixxu, li jipprovdu taħriġ fit-tmexxija, fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fil-ħiliet tat-taħdit fil-pubbliku, fl-użu tat-teknologiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, fil-bini tal-kunfidenza u fil-kampanji politiċi, u l-appoġġ ta' NGOs bħal dawn fejn jeżistu;

50. Iħeġġeġ il-midja biex tirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess politiku, tipprovdi rappurtaġġ ġust u bilanċjat ta' kandidati rġiel u nisa u wkoll biex toqgħod attenta għall-impatt ta' programmi tal-partiti politiċi dwar il-promozzjoni tal-ħtiġijiet u l-jeddijiet u r-rappreżentazzjoni demokratika tan-nisa;

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra ta' l-UE, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, u l-membri tan-NU, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

**P6_TA(2006)0498**

# Ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni

## Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni (2006/2078(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' Barbara Kudrycka f'isem il-grupp PPE-ED dwar il-ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni (B6-0613/2005),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-1948, b'mod speċjali l-Artikoli 4 u 5 li jenfasizzaw li l-kummerċ ta' l-iskjavi għandu jkun ipprojbit fil-forom kollha tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Beijing tar-Raba' Konferenza Dinjija tan-NU dwar in-Nisa, is-segwitu ta' Beijing+5 u +10 u r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Marzu 2005 dwar is-segwitu tal-Pjattaforma għal Azzjoni tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa (Beijing + 10) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-1989 tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikulari l-Artikoli 1, 7, 32, 34 u 35 tagħha u l-Protokoll mhux obbligatorju għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ ta' tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU ta' l-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra l-Mara ([2]) (CEDAW), l-aktar l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Palermo tan-NU ta' l-2000 għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal, sabiex tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Tranżnazzjonali Organizzata,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Nru 29 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol li tikkonċerna xogħol sfurzat jew obbligatorju (1930) u l-Konvenzjoni Nru 183, li tikkonċerna l-projbizzjoni u l-azzjoni immedjata għall-eliminazzjoni ta' l-agħar forom ta' thaddim tat-tfal, adottata mill-konferenza waqt is-sebgħa u tmenin sessjoni tagħha (1999),

— wara li kkunsidra r-Rapport Globali ta' l-ILO 2005 bit-titlu "Alleanza Globali Kontra x-Xogħol Sfurzat" bħala segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' l-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-post tax-xogħol 2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' l-2004 tad-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin Amerikan dwar "ir-rabta bejn il-prostituzzjoni u t-traffikar ta' persuni għal sfruttament sesswali" ([3]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea ta' l-1997 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u l-Artikolu 22 tal-Protokoll Adizzjonali ta' l-2002 li jikkonċerna it-Trapjant ta' Organi u Tessuti li Joriġinaw mill-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-3 ta' Mejju 2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar is-Sitwazzjoni tal-Kriminalità Organizzata 2005 — Iffukar fuq it-theddida tal-kriminalità ekonomika,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 1611/2003 tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-traffikar ta' organi fl-Ewropa,

([1]) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 247.
([2]) http://www.un.org/Overview/rights.html.
([3]) Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin Amerikan (2004), http://www.humantrafficking.org/countries/eap/united_states/news/2005_05/tip_factsheet_response.html

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), b'mod partikulari l-Artikoli 1, 3, 4, 5 u 6 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Brussell dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Persuni, adottata fl-20 ta' Settembru 2002 fil-Konferenza Ewropea dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Persuni — Sfida Globali għas-Seklu 21,

— wara li kkunsidra l-programm ta' l-Aja ([2]) dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, li jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jiżviluppaw pjan dwar l-aħjar prattiki, standards u mekkaniżmi fil-ġlieda kontra t-traffikar,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Traffikar tal-Persuni ta' l-2725 laqgħa tal-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern li saret fis-27 u fit-28 ta' April 2006 ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/629/JHA tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal u l-pornografija bit-tfal ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar ta' persuni jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni biex tiġi ffaċilitata l-immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ([6]),

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, ibbażat fuq l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni (COM(2006)0187),

— wara li kkunsidra l-pjan ta' l-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda u l-prevenzjoni tat-traffikar tal-persuni ([7])(il-"Pjan ta' Azzjoni"),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2005 bit-titolu 'Il-Ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni — approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni' (COM(2005)0514),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar strateġiji għall-prevenzjoni tat-traffikar tan-nisa u tfal li huma vulnerabbli għall-esplojtazzjoni sesswali ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2000 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar azzjonijiet ulterjuri fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' nisa ([9]),

— wara li kkunsidra r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tat-22 ta' Diċembru 2004 tal-Grupp ta' Esperti dwar it-Traffikar tal-Persuni, imwaqqaf fl-2003 mill-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-programmi DAPHNE sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, żgħażagħ u nisa ([10]),

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' l-Europol dwar it-traffikar tal-persuni, b'mod partikulari r-Rapport tiegħu ta' l-2005 dwar il-Kriminalità Organizzata fl-UE ([11]),

---

([1]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
([2]) Il-Programm ta' l-Aja approvat mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004.
([3]) http://www.consilium.europa.eu
([4]) ĠU L 203, 1.8.2002, p. 1.
([5]) ĠU L 13, 20.1.2004, p. 44.
([6]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.
([7]) ĠU C 311, 9.12.2005, p.1.
([8]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0005.
([9]) ĠU C 59, 23.2.2001, p. 307.
([10]) Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni komunitarja (il-programm Daphne)(2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra t-tfal, żgħażagħ u nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p.1) u Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni komunitarja (2004 sa 2008) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra t-tfal, żgħażagħ u nisa u biex tipproteġi vittmi u gruppi vulnerabbli (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4.2004, p.1).
([11]) http://www.europol.eu.int

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida ta' l-UNICEF dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tat-Tfal Vittmi tat-Traffikar (2003) u l-Gwida ta' Riferenza dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tat-Tfal Vittmi tat-Traffikar fl-Ewropa (2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 114(3) u 94 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0368/2006),

A. billi t-traffikar tal-persuni huwa forma moderna ta' skjavitù, reat serju u vjolazzjoni serja tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tirriduċi lin-nies għal stat ta' dipendenza minħabba theddid, vjolenza u umiljazzjoni,

B. billi t-traffikar tal-persuni huwa problema globali li sseħħ 'il ġewwa mill-fruntieri nazzjonali u li wkoll taqsamhom, irrispettivament minn jekk pajjiż ikunx tan-nisel, ta' tranżitu jew ta' destinazzjoni, u jikk-lassifika bħala wieħed mill-aktar forom ta' attivitajiet tal-kriminalità organizzata internazzjonali li jħallu qligħ;

C. billi, skond il-Kunsill ta' l-Ewropa, it-traffikar tal-persuni jirrappreżenta t-tielet l-akbar sors ta' dħul għall-kriminalità organizzata [1],

D. billi l-miżuri meħuda s'issa sabiex jitnaqqas it-traffikar tal-persuni ma tawx riżultati f'terminu ta' tnaqqis fin-numru ta' vittmi; billi, għall-kuntrarju, it-traffikar tal-persuni huwa l-aktar attività kriminali li qed tikber [2] b'ħeffa meta mqabbla ma' forom oħra ta' kriminalità organizzata fl-UE;

E. billi għaldaqstant huwa meħtieġ li jkunu stipulati miri ċari u speċifiċi bħalma hija r-riduzzjoni ta' l-għadd tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin bin-nofs matul l-għaxar snin li ġejjin, għalkemm l-għan pri-marju għandu jkun li jiġi eliminat kompletament u mingħajr dewmien dan it-tip ta' reat,

F. billi ħames Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, ħames Stati Membri ma rratifikawx il-Protokoll għall-Prevenzjoni, t-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment tan-Nisa u t-Tfal, li jissuppli-menta din il-Konvenzjoni, għaxar Stati Membri ma rratifikawx il-Protokoll mhux Obbligatorju għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal li jitratta dwar il-bejgħ ta' tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal, u l-porno-grafija bit-tfal, u Stat Membru wieħed biss irratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Persuni,

G. billi t-traffikar ta' persuni ma jitwettaqx biss għal skop ta' sfruttament sesswali, iżda wkoll għal sfrutta-ment tax-xogħol, adozzjonijiet illegali, skjavitu domestiku sfurzat, bejgħ ta' organi, li jfisser li l-ġlieda kontra t-traffikar għandha tmur ferm lil hinn mill-ġlieda kontra l-prostituzzjoni sfurzata u għandha tqis il-forom kollha ta' sfruttament u oppressjoni relatati,

H. billi t-traffikar tal-persuni mhux bilfors huwa reat li huwa speċifiku għall-ġeneru, peress li l-irġiel, u b'mod partikulari s-subien, huma wkoll vittmi ta' sfruttament sesswali u tax-xogħol; billi madankollu, il-biċċa l-kbira tal-vittmi tat-traffikar xorta waħda huma nisa u bniet,

I. billi n-nisa u t-tfal huma partikolarment vulnerabbli u għalhekk għandhom riskju akbar li jispiċċaw vittmi tat-traffikar,

J. billi l-vittmi tat-traffikar, li bosta minnhom huma minorenni, jiġu esposti għal vjolenza u abbuż fiżiku u psikoloġiku, jiġu miċħuda lilhom id-dinjità, il-libertà mill-iskjavitù, mit-tortura u minn trattament inuman u degradanti ieħor, is-sigurtà tal-persuna, il-libertà taċ-ċaqliq u d-drittijiet tax-xogħol, u billi ta' spiss isibu ruħhom f'relazzjoni ta' dipendenza fuq it-traffikanti tagħhom li tkun sfurzata u mhux mix-tieqa;

(1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar azzjoni kontra t-traffikar tal-persuni — Rapport Spjegattiv, 2005.
(2) "Tfal mitlufa, ġejjieni mitluf" Ir-risposta ta' l-UE għat-traffiku tat-tfal, 2004.

K. billi, minkejja l-fatt li skond il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kull wild għandu jkun irreġistrat minnufiħ wara li jitwieled, skond il-UNICEF [1] aktar minn nofs it-twelidiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw — eskluża ċ-Ċina — ma jiġux irreġistrati (aktar minn 50 miljun wild); billi dawn it-tfal 'inviżibbli', flimkien ma' miljuni ta' orfni u tfal tat-triq, huma l-aktar vulnerabbli għat-traffikar, u jsiru priża faċli għall-adozzjoni illegali jew għall-użu fil-kummerċ ta' l-organi tal-bniedem; billi l-konflitti, id-diżastri u s-sitwazzjonijiet ta' wara l-konflitti u d-diżastri bl-istess mod jesponu t-tfal għal riskji akbar ta' sfruttament fit-traffikar tal-persuni,

L. billi l-kawżi ta' l-immigrazzjoni illegali huma differenti minn dawk li jikkawżaw it-traffikar tal-persuni u għaldaqstant dawn il-kwistjonijiet għandhom jitqiesu separatament,

M. billi r-"Rapport dwar it-Traffikar tal-Persuni (2005)" tad-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin Amerikan wera li mis-600,000 sa 800,000 ruħ li huma stmati li huma ttraffikati fis-sena, bejn wieħed u ieħor 80 % huma nisa u bniet,

N. billi l-biċċa l-kbira tan-nisa u l-bniet ittraffikati huma suġġetti għal tipi differenti ta' sfruttament, b'mod partikulari l-isfruttament sesswali, li huwa l-iskop ewlieni tat-traffikar, xogħol sfurzat u t-traffiku ta' l-organi,

O. billi r-rapport ta' l-ILO ta' l-2005 [2] jistima li 80 % tal-vittmi tat-traffikar huma nisa u bniet; billi r-rapport jagħti stima wkoll li bejn 40 % u 50 % tal-vittmi kollha huma tfal; billi, skond ir-rapport, 56 % tal-vittmi speċifikament fix-xogħol sfurzat huma nisa u bniet; billi 98 % ta' dawk ittraffikati għall-isfruttament sesswali huma nisa u bniet,

P. billi l-industrija tas-sess hija bbażata fuq il-prinċipju tal-provvista u d-domanda; billi r-rapport ta' l-2003 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni jirrikonoxxi li "m'hemmx dubju li ż-żjieda fid-domanda mill-konsumatur hija waħda mill-fatturi li jikkontribwixxu għall-fenomenu tax-xogħol sfurzat fl-industrija tas-sess",

Q. billi r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi tat-traffikar tal-persuni, speċjalment nisa u tfal, bit-titlu "L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-perspettiva tal-ġeneru" jgħid li "filwaqt li d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tat-tfal huma mkasbra mill-ħafna forom tat-traffikar, it-traffikar għal skopijiet ta' sess huwa tip partikolari ta' traffikar li fih id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal huma mkasbra proprju minħabba l-fatt li huma nisa u tfal",

R. billi l-aċċess għas-suq tax-xogħol ta' l-UE huwa kkumplikat u saħansitra ristrett u rregolat wisq, filwaqt li fl-istess ħin hemm domanda ċara għax-xogħol, liema fatturi jwasslu għall-immigrazzjoni illegali, kuntrabandu u traffikar,

S. billi t-trattament tal-kwistjoni tal-provvista tas-servizzi hija prijorità politika għolja; billi l-eżistenza ta' sfruttament tax-xogħol ta' spiss hija ferm ittollerata mill-opinjoni pubblika,

T. billi d-domanda fl-UE għal ħaddiema li jingħataw ħlas baxx, li m'għandhomx dokumenti u li jkunu ġwejda, tikkontribwixxi għall-kummerċ illegali tat-traffikar tal-persuni; billi l-eżistenza ta' dawn il-ħaddiema tista' tnižżel l-ispejjeż iżda tagħmel dan a skapitu tad-dinjità tal-bniedem u billi ddgħajjef l-istandards tax-xogħol, il-miżuri ta' saħħa u sikurezza, il-pagi ġusti u d-dħul lokali u/jew statali peress li ma jitħallsux taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali;

U. billi l-profitti għoljin mit-traffikar tal-persuni ta' spiss huma rriċiklati ('maħsula'), u jagħmlu possibbli attivitajiet kriminali organizzati oħra, inklużi r-rikatt u l-frodi u jippermettu 'l dawk responsabbli li jiksbu setgħat ekonomiċi, soċjali jew anke politiċi illeġittimi,

[1] Il-Qagħda tat-Tfal fid-Dinja 2006: Esklużi u inviżibbli', UNICEF 2005.
[2] Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (2005), Alleanza globali kontra x-xogħol sfurzat http://www.ilo.org/dyn/declaris/DECLARATIONWEB.GLOBALREPORTSLIST?var_language=EN.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

V. billi d-domanda għal servizzi mogħtija minn persuni ttraffikati, pereżempju d-domanda minn irġiel li jixtiequ jixtru jew li jixtru nisa u tfal għal skopijiet ta' sess, flimkien mal-faqar, l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' alternattivi vijabbli ta' xogħol deċenti, hija l-forza ewlenija li tmexxi t-traffikar tal-persuni, u jekk ma jissaħħux ir-rieda politika u l-isforz komuni sabiex titnaqqas din id-domanda, jkun kważi impossibbli li jitwaqqaf jew saħansitra li jitnaqqas b'mod sostanzjali t-traffikar ([1]),

W. billi n-nuqqas ta' prospetti ekonomiċi u soċjali sostenibbli, il-livelli għoljin ta' qgħad u l-biża' ta' faqar dejjem jikber f'ċerti pajjiżi ta' oriġini, flimkien mal-livell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali li hemm fl-Ewropa, jikkontribwixxu għal ambjent li jagħmilha faċli li organizzazzjonijiet tal-kriminalità japprofittaw mit-traffikar;

X. billi t-tisħiħ ta' l-infurzar tal-liġi billi jiġu kkriminalizzati t-traffikanti responsabbli u dawk intermedjarji huwa aspett kruċjali tal-ġlieda kontra t-traffikar; billi l-infurzar tal-liġi għandu jinkludi wkoll il-possibilità li jiġu kkunfiskati l-introjti tal-kriminalità; billi huwa meħtieġ li jissaħħu l-ispezzjonijiet ta' l-impjiegi, inkluż l-ikkastigar ta' l-isfruttament tax-xogħol u l-impjieg illegali; billi l-ħolqien ta' netwerk ta' spezzjonijiet nazzjonali ta' l-impjiegi, li jarmonizza l-ikkastigar ta' l-isfruttament tax-xogħol jista' jwassal għal tnaqqis f'dawn ir-reati; billi, sabiex ikunu żgurati l-investigazzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni tal-każijiet ta' traffikar, ikun meħtieġ li jitwaqqfu unitajiet mgħammra u mħarrġa b'mod speċjali fi ħdan il-pulizija nazzjonali u l-uffiċji tal-prosekuturi,

Y. billi l-identifikazzjoni b'ħeffa tal-vittmi hija kruċjali fil-ġlieda kontra t-traffikar,

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill:

***Qafas legali u infurzar tal-liġi***

a) it-traffikar tal-persuni għandu jkun miġġieled permezz ta' approċċ ta' politika koerenti (politika ta' migrazzjoni, ta' ġeneru, ta' impjiegi, soċjali, ta' żvilupp, esterna, ta' viċinanza u ta' ħruġ ta' viżi) u l-kriminalizzazzjoni sussegwenti, li talanqas jilħaq l-istandards tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE b'konformità mad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/629/JHA;

b) jistieden lill-Komunità Ewropea sabiex tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin mill-aktar fis; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex mingħajr aktar dewmien tagħti bidu għall-proċedura interna li tippermetti lill-Komunità Ewropea li tiffirma u tirratifika din il-konvenzjoni; u bl-istess mod jitlob lill-Kunsill sabiex jieħu d-deċiżjoni li jiffirma u jirratifika l-Konvenzjoni,

c) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw strateġija sabiex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni;

d) il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u ffukat fuq il-vittmi, billi jwettqu l-Pjan ta' Azzjoni;

e) jikkunsidra li huwa meħtieġ approċċ antidiskriminatorju kontra t-traffikar apparti approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u li, għaldaqstant, ir-referenzi għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma kritiċi;

f) jekk ikunu għadhom m'għamlux dan, l-Istati Membri għandhom jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha, inklużi l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, il-Protokoll għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal li jissumplimentah, u l-Protokoll kontra l-Kuntrabandu ta' Migranti permezz ta' l-art, tal-baħar jew ta' l-ajru, il-Protokoll mhux obbligatorju tan-NU għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti u tal-Familji tagħhom, il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar ta' Bnedmin, Konvenzjonijiet u standards bażiċi ta' xogħol ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol, b'mod partikolari Nru 29 li tikkonċerna x-xogħol sfurzat, Nru 182 li tikkonċerna l-projbizzjoni u l-azzjoni immedjata għall-eliminazzjoni ta' l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal, u dawk li jikkonċernaw il-libertà ta' l-assoċjazzjoni, l-ispezzjonijiet ta' l-impjiegi u l-aġenziji ta' l-impjiegi;

([1]) Gabal, I. Potírání obchodu s lidmi v ČR a možnosti optimalizace bezpečnostní politiky státu., Dokument ta' Politika tal-Ministeru ta' l-Intern tar-Repubblika Ċeka, 2006, Praga.

g) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw malajr kemm jista' jkun id-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/629/JHA u d-Direttiva 2004/81/KE u talanqas jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar, irrilevanti jekk jikkoperawx ma' l-awtoritajiet kompetenti waqt l-investigazzjonijiet u bħala xhieda fi proċeduri kriminali, jingħataw status ta' residenza għal żmien qasir, inkluż perjodu ta' riflessjoni/rkupru għall-vittmi li jdum talanqas 30 jum, u aċċess għal informazzjoni dwar il-proċeduri legali u amministrattivi f'lingwa li l-vittmi jifhmu, flimikien ma' assitenza legali bla ħlas;

h) l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mid-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/212/JHA tal-Kunsill ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' l-Introjti, Mezzi u Proprjetà relatati mal-Kriminalità [1], b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha, bħala parti mill-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni;

i) l-Istati Membri għandhom jerfgħu r-responsabilità tal-vittmi tat-traffikar tal-persuni, billi jtuhom l-opportunità li jirċievu għajnuna, billi, jekk ikunu jridu, jmorru lura lejn pajjiżhom jew jibqgħu fl-Unjoni [2]; huma għandhom ukoll jirċievu assistenza u inkuraġġiment sabiex jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti waqt l-investigazzjonijiet u bħala xhieda fi proċeduri kriminali;

j) l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi li jinkuraġġixxu, jappoġġjaw u jipproteġu informaturi li jistgħu jiffaċċjaw ritaljazzjonijiet;

k) l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar, speċjalment tat-tfal, titwettaq minn staff ta' l-aġenzija ta' l-infurzar tal-liġi mħarrġin u kkwalifikati fil-prevenzjoni tat-traffikar, billi ssir distinzjoni aktar konsistenti bejn il-kuntrabandu u t-traffikar tal-persuni; l-aġenziji tal-gvern għandhom jiżviluppaw linji gwida biex jiżguraw li meta migranti mingħajr dokumenti jiġu intervistati, jiġu mistoqsija l-mistoqsijiet xierqa sabiex il-vittmi tat-traffikar jistgħu jkunu identifikati bħala tali;

l) l-Istati Membri għandhom inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju tat-traffikar ta' organi fl-Ewropa inkluż billi jnaqqsu d-domanda, jippromwovu d-donazzjoni ta' organi b'mod aktar effettiv, iżommu leġiżlazzjoni stretta fir-rigward ta' donaturi ħajjin li m'humiex qraba, jiggarantixxu t-trasparenza ta' reġistri u listi ta' stennija nazzjonali, u jistabbilixxu responsabilità legali għall-irregolaritajiet;

m) l-Istati Membri għandhom itejbu l-analiżi tas-sitwazzjoni attwali billi jimplimentaw metodi uniformi biex jiġbru dejta kumparabbli, partikolarment dik relatata mar-rotot tat-traffikar u tal-profili tal-vittmi, b'konformità ma' protokolli eżistenti u leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tad-dejta;

n) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod koerenti l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/629/JHA sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal reati mwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi kemm individwalment jew bħala parti minn organu ta' persuna ġuridika, li għandha l-pożizzjoni dominanti fi ħdan il-persuna ġuridika, li għandha konnessjoni mat-traffikar tal-persuni jew li tuża s-servizzi tal-vittmi tat-traffikar;

o) l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li l-ħtif u t-trasport ta' persuni, inklużi l-akkomodazzjoni u l-manteniment tagħhom u t-trasferiment tal-kontroll fuqhom, jkunu definiti mil-liġi bħala reat u kkunsidrat reat li għalih hemm il-piena tal-ħabs;

p) jikkunsidra li l-prattika tajba tal-kumpaniji, inkluż li tesiġi li sottokuntratturi jissodisfaw l-obbligazzjonijiet kuntrattwali u legali tagħhom (konformità mar-rekwiżiti tal-katina tal-produzzjoni), għandha rwol importanti li tnaqqas id-domanda, u l-irwol tal-kumpaniji, kif ukoll aġenti soċjali oħra, huwa vitali sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-liġijiet kollha soċjali u tax-xogħol eżistenti u b'mod partikulari biex tiżgura li l-ħaddiema jirċievu l-benefiċċji li għalihom għandhom dritt bil-liġi; jilqa' b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni ta' Ateni, li għandha l-iskop li tiżgura li l-kumpaniji ma jittollerawx xogħol sfurzat;

(q) Huwa tal-fehma li għandhom jiġu imposti pieni ħorox ħafna fuq kumpaniji li jinstab li kienu qed jutilizzaw xogħol bi rħis fornut permezz tat-traffikar tal-persuni, partikularment fejn il-kumpaniji kkonċernati jkunu aġixxew b'mod qarrieqi.

r) l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-penalitajiet finanzjarji imposti skond il-liġi kriminali jew ta' natura amministrattiva fuq persuni ġuridiċi li jkunu nstabu ħatja ta' traffikar għandhom jinkludu l-konfiska jew il-qabda ta' l-introjti mit-traffikar, bil-għan, bħala kwistjoni ta' prijorità, li jiżguraw kumpens u riżarċiment għall-vittmi bħala tpattija għad-danni finanzjarji, fiżiċi u psikoloġiċi li jkunu soffrew;

[1] ĠU L 68, 15.3.2005, p.49.
[2] B'konformità ma' l-opinjoni PE 362 828 tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

s) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw mekkaniżmi li joffru soluzzjonijiet integrati sabiex jippermettu lill-pulizija li jikkumbattu t-traffikar internazzjonali tan-nisa u t-tfal għal skopijiet ta' sfruttament sesswali, b'miżuri ta' prevenzjoni, tqawwim tal-kuxjenza, edukazzjoni u taħriġ, għajnuna u ħarsien għall-vittmi, u evalwazzjoni tar-riżorsi meħtieġa sabiex jitwettqu l-miżuri kkonċernati;

t) jikkunsidra li l-mekkaniżmi ta' spezzjoni u l-infurzar relatati mal-liġi tax-xogħol għandhom ikunu msaħħa fl-Istati Membri kollha; iqis ukoll li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom il-qafas legali meħtieġ u li l-mekkaniżmi rilevanti, taħriġ u riżorsi tekniċi adegwati jkunu disponibbli sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obligazzjonijiet legali tagħhom, u jagħtu responsabilità lill-uffiċjali mill-entitajiet ta' spezzjoni u jipprovduhom b'informazzjoni u b'taħriġ ta' għarfien sabiex ikunu jistgħu jagħrfu l-vittmi tat-traffikar li x-xogħol tagħhom huwa sfruttat; iqis li netwerk transnazzjonali ta' ispettorati relatat ma' l-impjieg jista' jkun ta' użu fejjiedi fl-iskambju ta' l-aħjar prattiki u fil-ġlieda kontra l-isfruttament tax-xogħol; f'dan il-qasam l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koperazzjoni u l-koordinazzjoni fuq livell ta' l-UE;

u) l-Istati Membri għandhom jikkontrollaw aħjar l-attivitajiet ta' l-aġenziji tax-xogħol u ta' l-aġenziji li jirreklutaw ħaddiema staġjonali; il-Kunsill għandu jikkunsidra l-possibilità ta' netwerk ta' l-ispezzjonijiet tax-xogħol nazzjonali;

v) L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw is-servizzi li jqabblu d-domanda għax-xogħol mal-provvista tax-xogħol, billi jimmoniterjaw l-Aġenziji Privati ta' Ingaġġ, li spiss jinħbew wara l-libsa ta' aġenziji ta' żwieġ jew turistiċi u jistgħu jwasslu għal prattiki abbużivi ta' reklutaġġ u, b'konsegwenzi, għat-traffikar,

w) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istaff tal-konsulati tagħhom jaqsmu esperjenzi u jirċievu taħriġ xieraq dwar kif jagħrfu applikazzjonijiet għal visa li jistgħu jinvolvu traffikar ta' persuni; ikun xieraq li l-Kunsill u l-Kummissjoni, kemm jista' jkun malajr, ilestu l-iżvilupp ta' Sistema ta' Tagħrif tal-Viża komuni;

x) il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iwaqqfu linji gwida ta' l-UE dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni, bħala strument ulterjuri biex titwettaq il-politika koerenti ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tat-tfal;

***Prevenzjoni u tnaqqis tad-domanda***

y) id-dibattitu dwar it-traffikar tal-persuni għandha tagħmel parti mill-edukazzjoni fl-iskejjel u jindirizza t-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi soċjali u tal-ġeneru; il-provvista ta' informazzjoni lill-pubbliku u t-tqawwim tal-kuxjenza pubblika dwar it-traffikar bħala reat mhux aċċettabbli għandhom ikunu rikonoxxuti bħala elementi importanti ħafna fil-ġlieda kontra t-traffikar; l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-introduzzjoni ta' tagħlim ta' ħiliet għall-ħajja fil-klassijiet kollha bħala mezz ta' prevenzjoni tat-traffikar tat-tfal,

z) il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-2007, tniedi studju dwar kemm il-korrelazzjoni kawżali bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-prostituzzjoni f'diversi Stati Membri kif ukoll it-traffikar għal skop ta' sfruttament sesswali, kif ukoll dwar il-korrelazzjoni kawżali bejn il-leġiżlazzjoni tad-diversi Stati Membri u l-politika dwar il-migrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin, kif ikkunsidrat mill-Kummissarju Frattini fit-8 ta' Marzu 2006; sabiex tkun żgurata l-kredibilità xjentifika ta' l-istudju, dan għandu jkun ibbażat fuq figuri kumparabbli; għaldaqstant għandu jkun imfassal u implimentat mill-aktar fis metodu standardizzat ta' ġbir ta' dejta; sussegwentement ir-riżultati għandhom jintużaw sabiex tkun implimentata l-aħjar prattika għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni għal sfruttament sesswali;

aa) inizjattivi kontra t-traffikar min-naħa tal-gvernijiet jew is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari kampanji prattiċi li jqajmu l-kuxjenza, għandhom ikunu appoġġjati mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Istati Membri;

ab) il-Kummissjoni għandha tevalwa u xxerred l-aħjar prattiki sabiex tnaqqas id-domanda fl-Istati Membri għal servizzi pprovduti minn persuni ttraffikati għal skopijiet ta' sfruttament sesswali jew ta' xogħol jew għal kwalunkwe skop ieħor;

ac) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri sabiex inaqqsu d-domanda u sabiex jindirizzaw kawżi oħra bħalma huma l-marġinalizzazzjoni u n-nuqqas ta' opportunitajiet indaqs għall-impjieg u għal xogħol diċenti fuq bażi ta' l-aħjar prattiki u sabiex jinkuraġġixxu s-settur tan-negozju, partikolarment dak tat-turiżmu u tal-fornituri ta' l-Internet, biex jiżviluppaw kodiċijiet ta' kondotta u jaderixxu magħhom bil-għan li jipprevjenu t-traffikar ta' persuni;

ad) il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-25 ta' Marzu bħala l-jum kontra t-traffikar, b'bidu fl-2007, sabiex tfakkar l-abolizzjoni tal-kummerċ ta' l-iskjavi f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja;

ae) għandhom jittieħdu miżuri sabiex itejbu l-mekkaniżmi legali favur migrazzjoni bla periklu, sabiex ikun żgurat l-aċċess għall-informazzjoni dwar opportunitajiet ta' migrazzjoni sikura u sabiex tkun iggarantita t-trasparenza tal-proċeduri bħala l-aħjar metodu biex jonqos it-traffikar;

af) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, fil-politiki interni tagħhom u fil-politiki ta' viċinanza, żvilupp u għajnuna, jikkunsidraw miżuri li jsaħħu s-sistemi nazzjonali għall-ħarsien tat-tfal, li jinkuraġġixxu r-reġistrazzjoni tat-tfal ħalli titnaqqas il-vulnerabilità tagħhom għall-adozzjonijiet illegali, żwiġijiet sfurzati, kummerċ ta' l-organi tal-bniedem u t-traffikar tat-tfal għal kwalunkwe skop, inkluż l-isfruttament sesswali;

ag) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikulari għall-użu mhux xieraq tat-teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni u informazzjoni għat-traffikar tan-nisa u tat-tfal, u għandha tippromwovi l-konformità ma' l-inizjattivi kollha legali u teknoloġiċi li huma meħtieġa biex tingħeleb din il-problema;

ah) il-Kummissjoni għandha tadotta proposta ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, partikolarment waqt il-missjonijiet ta' l-UE f'pajjiżi terzi, li jixbaħ lill-'Kodiċi ta' Kondotta' maħruġ min-NU; il-Kodiċi għandu juri diżapprovazzjoni ċara fir-rigward tax-'xiri' ta' servizzi sesswali, forom oħra ta' sfruttament sesswali u vjolenza fuq il-ġeneru, u għandu jkun fih is-sanzjonijiet meħtieġa f'każ ta' kondotta ħażina; l-uffiċjali għandhom jiġu mogħtija informazzjoni ddettaljata dwar il-kontenut tal-Kodiċi ta' Kondotta qabel ma jintbagħtu fuq missjoni;

ai) il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom b'mod regolari jqajmu l-kwistjoni tat-traffikar tal-persuni fid-djalogi politiċi ma' pajjiżi terzi (b'mod partikulari ma' dawk il-pajjiżi li minnhom jiġu l-biċċa l-kbira tal-vittmi tat-traffikar) ([1]), waqt li jieħdu mill-elementi essenzjali tal-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem inkluża fil-ftehimiet ta' l-UE ma' dawk il-pajjiżi;

aj) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jindirizzaw il-kwistjoni tat-traffikar tal-bnedmin fi ħdan l-Unjoni u l-Istati Membri individwali u jappoġġjaw riċerka sabiex itejbu l-fehim ta' dan il-fenomenu u jsostnu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika effettivi;

ak) ikun xieraq li l-Kunsill u l-Kummissjoni jsegwu kull allegazzjoni ta' traffikar ta' organi fil-qafas tad-djalogu ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi;

***Il-Ħarsien tal-vittmi***

al) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu 'hotline' b'diversi lingwi b'numru uniku Ewropew bl-iskop li jipprovdi l-ewwel għajnuna lill-vittmi;

am) ikun xieraq li l-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra t-traffikar tal-persuni filwaqt li jirrispettaw lill-prostituti u ma jħallux li ssir diskriminazzjoni kontrihom jew li jkunu emarġinati jew stigmatizzati aktar, li jkabbar il-vulnerabilità tagħhom għat-traffikar u għal għamliet oħra ta' vjolenza jew abbuż,

an) il-Kunsill għandu jinkuraġġixxi l-ħolqien ta' websajt Ewropea b'informazzjoni u ritratti tal-persuni li għebu, b'koperazzjoni mill-qrib mal-koordinaturi nazzjonali;

ao) huma meħtieġa miżuri sabiex jiżguraw il-ħarsien mhux biss tal-vittmi ta' l-isfruttament sesswali iżda wkoll ta' l-isfruttament tax-xogħol u ta' forom oħra ta' traffikar;

ap) il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw standards Ewropej ċari u linji gwida dwar l-għajnuna u l-ħarsien tal-vittmi, irrispettivament jekk ikunux kapaċi jew lesti li jservu bħala xhieda, iklużi standards speċjali għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal u mekkaniżmu ta' riferenza tal-vittmi li jiżgura li l-identifikazzjoni tal-vittmi tkun parti integrali mill-appoġġ u l-għajnuna;

([1]) Ara l-pajjiżi elenkati fir-Rapport tal-5 ta' Ġunju 2006 tad-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin Amerikan dwar it-Traffikar ta' Persuni.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

aq) l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess tal-vittmi għall-għajnuna fuq żmien fil-qosor u/jew fit-tul; dan l-appoġġ għandu fost l-oħrajn jinkludi, l-ewwelnett ċentri speċjalizzati ta' kenn, bil-possibilità li jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni fi stadju aktar 'il quddiem, servizzi mediċi u terapija psikoloġika, assistenza legali, informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar l-involviment tal-vittmi bħala xhieda, korsijiet fil-lingwi u ta' taħriġ vokazzjonali, korsijiet u fil-lingwa, korsijiet ta' induzzjoni kulturali, għajnuna finanzjarja u għajnuna biex isibu impjieg, inkluża t-tutela legali speċjali għat-tfal;

ar) l-appoġġ għall-vittmi tat-traffikar għandu jkun imfassal għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom, minħabba l-fatt li l-vittmi tat-traffikar m'humiex grupp omoġenu; f'dan ir-rigward huma partikolarment rilevanti l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tat-tfal, nies indiġeni u minoranzi, peress li ħafna vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar tal-persuni huma nisa, tfal u individwi li ġejjin minn grupp etniku jew grupp ta' minoranza li seta' kien suġġett għal diskriminazzjoni fil-post fejn huma oriġinaw;

as) l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-vittmi l-aċċess għall-edukazzjoni, programmi ta' taħriġ u s-suq tax-xogħol kif ukoll ħarsien tad-drittijiet tagħhom waqt proċeduri ċivili, kriminali u amministrattivi, u aċċess għal rimedji legali;

at) il-vittmi tat-traffikar m'għandhomx jintbagħtu lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom meta jista' jkun hemm suspett raġonevoli li jistgħu jsofru aktar dannu minħabba stigmatizzazzjoni u diskriminazzjoni, riskji ta' tpattija jew riskju li jerġgħu jiġu ttraffikati; jenfasizza l-importanza tar-ritorn sikur, ir-riintegrazzjoni u tal-programmi ta' inklużjoni soċjali għall-vittmi, bir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-vittmi għas-sikurezza u l-privatezza, inkluż li jkun żgurat li l-istati jkunu responsabbli, meta l-vittmi jkunu identifkati, li jwettqu evalwazzjoni tar-riskju individwalment qabel, waqt u wara li l-vittma tintbagħat lura;

au) kemm fil-leġiżlazzjoni kif ukoll fil-prattika amministrattiva tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-definizzjoni tan-NU għal "tfal" ([1]), jiġifieri kull persuna taħt it-18-il sena; għaldaqstant id-deċiżjonijiet dwar soluzzjoni fit-tul għat-traffikar tat-tfal għandhom jittieħdu jew minn awtorità li għandha r-responsabilità statutorja għall-benessri tat-tfal jew minn awtorità ġudizzjarja li r-responsabilità ewlenija tagħha hi li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal waqt il-proċess kollu tat-teħid tad-deċiżjonijiet; fl-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw it-tfal, kemm jekk meħuda minn istituzzjonijiet ta' għajnuna soċjali pubbliċi jew privati, qrati tal-liġi, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jitqiesu ta' l-ewwel; l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tifel jew tifla li jkun/tkun kapaċi jifforma/tifforma l-opinjoni tiegħu/tagħha għandu/għandha d-dritt li jesprimi/tesprimi dawn l-opinjonijiet fil-beraħ fil-kwistjonijiet kollha li jolqtuh/a u li l-opinjonijiet tat-tifel/tifla għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni xierqa skond l-età u l-maturità tiegħu/tagħha;

av) l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li t-tfal vittmi tat-traffikar huma mħarsa minn prosekuzzjoni kriminali jew sanzjonijiet għal reati mwettqa b'relazzjoni ma' l-istejtus tagħhom bħala vittmi tat-traffikar; bħala regola ġenerali, it-tfal vittmi m'għandhomx ikunu mċaħħda mil-libertà tagħhom, inkluż fuq il-bażi tal-fatt li t-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati, jew fuq bażi ta' l-istejtus ta' migrazzjoni jew ta' residenza tagħhom, jew in-nuqqas tiegħu;

aw) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal li huma vittmi u li huma xhieda tat-traffikar jibbenefikaw minn garanziji tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, jirċievu ħarsien speċjali, għajnuna u appoġġ sabiex jipprevjenu aktar tbatija minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess ta' ġustizzja penali u sabiex jiżguraw li fl-istadji kollha jkunu mħarsa fis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, l-aħjar interessi u d-dinjità tagħhom; L-Istati membri għandhom iħarsu wkoll it-tfal mill-effetti tax-xhieda tagħhom f'seduta pubblika tal-qorti (Artikolu 8(4) tal-Qafas ta' Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/220/JHA tal-15 ta' Marzu 2001 dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fi proċeduri kriminali ([2]);

ax) miżuri speċajli ta' ħarsien għat-tfal u politika ta' ħarsien tat-tfal skond il-Linji Gwida ta' l-UNICEF u l-Gwida ta' Riferenza msemmija hawn fuq, għandhom ikunu implimentati kemm fil-pajjiżi ta' l-oriġini kif ukoll f'dawk ta' destinazzjoni, fosthom aktar ħidma soċjali fit-toroq, assistenza familjari, il-bini ta' xibka ta' kenn għat-tfal, aktar informazzjoni dwar ir-riskji ta' migrazzjoni perikoluża, u r-ritorn lura skond l-opinjonijiet u l-aħjar interessi tat-tfal,

([1]) Artikolu 1, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, NU, 1989.
([2]) ĠU L 82, 22.3.2001, p. 1.

ay) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod sħiħ il-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-Ħarsien tat-Tfal u l-Koperazzjoni fir-rigward ta' l-Adozzjoni bejn Pajjiżi sabiex ikunu evitati adozzjonijiet illegali;

az) l-Istati Membri għandhom isaħħu s-sħubija bejn il-gvern u l-privat fil-qasam tal-ħarsien tal-vittmi, inkluż l-iffinanzjar sostenibbli ta' l-attivitajiet tagħhom;

***Il-Koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet fuq livell nazzjonali u ta' l-UE***

ba) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jsaħħu strutturi nazzjonali tal-koordinazzjoni kontra t-traffikar u jintegraw dawn l-istrutturi f'netwerk internazzjonali;

bb) jenfasizza l-importanza li l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri jippromwovu strateġiji ta' prevenzjoni li jkunu speċifiċi għall-ġeneru bħala element ewlieni fil-ġlieda kontra t-traffikar tan-nisa u l-bniet, japplikaw prinċipji ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jeliminaw id-domanda għal kull forma ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament sesswali u l-isfruttament tax-xogħol domestiku,

bc) il-Kummissjoni għandha tinkuraġġixxi u tappoġġja t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali sabiex jikkumbattu t-traffikar tal-persuni;

bd) l-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ finanzjarju għall-unitajiet speċjali li jinvestigaw każijiet ta' traffikar tal-persuni;

(be) Il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-pajjiżi tan-nisel, ta' tranżizzjoni jew ta' destinazzjoni tat-traffikar huma ta' importanza kbira; il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw strateġiji kontra t-traffikar sabiex jikkumplimentaw ix-xogħol tan-NU, tal-Kunsill ta' l-Ewropa, ta' l-OSCE, ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, tal-proċess ta' reviżjoni ta' Beijing, tal-Patt għall-Istabilità għan-Nofsinhar ta' l-Ewropa u tal-G8;

bf) ikun xieraq li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jippromwovu l-inizjattivi reġjonali li jikkumplimentaw u jipprovdu ispirazzjoni għall-koperazzjoni madwar l-UE kollha, eż. it-Task Force tal-Baltiku Nordiku kontra t-Traffikar tal-Persuni, l-Inizjattiva Koperattiva ta' l-Ewropa tax-Xlokk, il-Proċess pan-Ewropew ta' Budapest, id-"djalogu 5+5" bejn il-pajjiżi tal-Punent tal-Mediterran, id-Djalogu Mediterranju dwar il-Migrazzjoni ta' Transitu, u pjanijiet ta' azzjoni reġjonali fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani u l-Komunità Ekonomika tar-reġjun ta' l-Istati Afrikani tal-Punent;

bg) filwaqt li jagħraf il-ħtieġa għal rapport speċifiku li jittratta t-traffikar ta' organi u tessuti umani, ikun xieraq li l-Kummissjoni u l-Kunsill iqisu t-traffikar ta' l-organi umani bħala parti mill-istrateġija ġenerali tagħhom biex jittrattaw mat-traffikar tal-persuni, mill-perspettiva ta' politika interna u esterna;

bh) il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Esperti tagħha għandhom jagħtu bidu, jippromwovu u jevalwaw riċerka dwar it-tendenzi ġodda tat-traffikar, ir-rabtiet bejn it-traffikar u d-domanda għal xogħol bi rħis, bejn it-traffikar u l-migrazzjoni u riċerka bil-għan li tkun evalwata l-effettività ta' programmi eżistenti ta' kontra t-traffikar, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-promozzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal u partikolarment fid-dawl tal-Pjan t'Azzjoni;

bi) il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom iqisu l-importanza ta' l-identifikazzjoni minn kmieni tal-vittmi tat-traffikar tal-persuni waqt il-proċess ta' żvilupp ta' Sistema ta' Tagħrif tal-Viża komuni u fl-istess waqt jiġġieldu t-traffikar fi ħdan il-fruntieri ta' kull Stat Membru u ta' l-UE fis-sħuħija tagħha;

bj) l-Istati membri għandhom isaħħu l-koperazzjoni fi ħdan l-UE fil-ġlieda kontra t-traffikar billi regolarment jinvolvu entitajiet ta' l-UE bħalma huma l-Europol, il-Eurojust u l-Frontex;

bk) il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-applikazzjoni tal-klawsola tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ma' pajjiżi terzi, anke b'riferenza għall-addattamenti leġiżlattivi meħtieġa għall-fini tal-prosekuzzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni;

bl) it-Task Force Finanzjarja, u speċjalment il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tipoloġiji, għandhom ikomplu l-ħidma tagħhom dwar il-metodi ta' riċiklaġġ tal-flus marbuta mat-traffikar tal-persuni;

bm) ikun xieraq li jiġi stabbilit Netwerk Ewropew Kontra t-Traffikar li jkun jikkonsisti minn punti ta' kuntatt innominati minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni, inklużi aġenziji governattivi u mhux governattivi u li jkun ikopri l-prevenzjoni, l-għajnuna lill-vittmi, l-infurzar tal-liġi u l-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjali;

bn) il-Kummissjoni u l-Gvern Ġermaniż għandhom jiġbru u janalizzaw informazzjoni miksuba firrigward tal-prostituzzjoni sfurzata u forom oħra ta' sfruttament relatati mat-traffikar tal-persuni waqt it-Tazza tad-Dinja tal-Futbol ta' l-2006 u jaqsmu dawn l-esperjenzi bil-għan li jiżviluppaw l-aħjar prattiki għal avvenimenti fil-ġejjieni;

bo) il-Kummissjoni għandha tindirizza l-problema tat-traffiku tat-tfal fis-settur ta' l-isports fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/JHA fil-ġlieda kontra l-ittraffikar tal-persuni, b'attenzjoni partikolari għall-każijiet fejn xi clubs jjistgħu jikkunsidraw li jagħtu kuntratti lil tfal żgħar ħafna sabiex jevitaw ir-regola ta' trawwim fil-lokal (home grown players rule);

bp) jistieden lill-Istati Membri sabiex jikkonsultaw u jaħdmu fil-qrib ma' l-NGOs u ma' l-assoċjazzjonijiet li huma attivi f'dan il-qasam fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu jew ta' destinazzjoni, speċjalment billi jipprovdu finanzjar fuq tul taż-żmien għall-attivitajiet tagħhom;

bq) il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu l-koperazzjoni ma' l-NGOs li jaħdmu fil-pajjiżi ta' l-oriġini, li għandhom jiġbru dejta, jimplimentaw attivitajiet, iħarrġu ħaddiema soċjali, u jaħdmu mal-midja tal-massa sabiex iqajjmu l-kuxjenza pubblika dwar it-traffikar tal-persuni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi ta' adeżjoni.

---

**P6_TA(2006)0499**

## Rapport annwali ta' l-Ombudsman għas-sena 2005

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fis-sena 2005 (2006/2117(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fis-sena 2005,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 195 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/ECSC, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994, rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq ta' l-obbligi ta' l-Ombudsman [1],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2005 dwar "Il-poter ta' l-adozzjoni u t-trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet lill-Ombudsman Ewropew u l-awtorizzazzjoni lill-uffiċjali biex jidhru quddiem l-Ombudsman Ewropew" (SEC(2005)1227),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman, b'mod partikolari ir-riżoluzzjoni ta' l-4 ta' April 2006 dwar ir-rapport speċjali ta' l-Ombudsman b'segwitu għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' l-ilment 2395/2003/GG dwar il-grad ta' trasparenza fil-laqgħat tal-Kunsill meta jkun qed jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 195(2), it-tieni u t-tielet sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A6-0309/2006),

[1] ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2002/262/KE, ECSC, Euratom (ĠU L 92, 9.4.2002, p. 13).
[2] Testi Adottati, P6_TA(2006)0121.

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

A. billi r-rapport annwali ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew ġie sottomess formalment lill-President tal-Parlament fit-13 ta' Marzu 2006 u l-Ombudsman, is-Sur Nikiforos Diamandouros ippreżenta r-rapport tiegħu fit-3 ta' Mejju 2006 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

B. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ġiet proklamata fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000 u billi teżisti r-rieda politika biex din tingħata forza legali li torbot,

C. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiddikjara li kull persuna għandha d-dritt li l-affarijiet tagħha jiġu ttrattati mill-istituzzjonijiet u l-organi ta' l-Unjoni b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġjonevoli,

D. billi l-Artikolu 195 tat-Trattat KE u l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjaraw li kull ċittadin ta' l-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandha d-dritt li tirreferi għall-Ombudsman ta' l-Unjoni każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet jew organi tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim Istanza li jaġixxu fl-irwol ġudizzjarju tagħhom,

E. billi huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet u l-organi tal-Komunità ikunu mgħammra bir-riżorsi ta' baġit neċessarji sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiżguraw li ċ-ċittadini jirċievu tweġiba konkreta fi żmien qasir għat-talbiet, l-ilmenti u l-petizzjonijiet tagħhom,

F. billi l-Ombudsman wera x-xewqa li l-istituzzjonijiet u l-organi Ewropej kollha jadottaw approċċ komuni fir-rigward ta' Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba u r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 ([1]),

G. billi l-2005 kellu l-ogħla numru ta' lmenti lill-Ombudsman li qatt saru ([2]), u billi fl-2005 l-Ombudsman ipprovda għajnuna effettiva f'iżjed minn 75 % tal-każi kollha li kienu rreferiti lilu, inkluż f'ilmenti mhux ammissibbli, billi fetaħ inkjesti dwar il-każi, jew irreferihom għand xi korp kompetenti, jew billi ta parir dwar fejn wieħed għandu jmur sabiex tinstab soluzzjoni bla dewmien u effettiva għall-problema,

H. billi, madankollu, kważi 70 % ta' l-ilmenti li saru xorta waħda ma jaqgħux fit-termini ta' riferenza ta' l-Ombudsman u fi 93.7 % tal-każijiet dan huwa minħabba l-fatt li, fil-kontenut, ma jaqgħux taħt dawk it-termini ta' riferenza peress li mhumiex diretti lejn istituzzjoni jew organu tal-Komunità,

I. billi l-attivitajiet ta' l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistgħu jidħlu fil-kamp ta' xulxin, b'mod partikolari, fejn l-Ombudsman jeżamina jekk l-eżekuzzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' proċeduri ta' ksur tal-liġi kontra Stat Membru tkunx konformi mal-prinċipji ġenerali tal-liġi ta' l-UE u l-amministrazzjoni tajba, u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, fl-istess ħin, ikun qed jeżamina petizzjonijiet li jallegaw li sar ksur tal-liġi Komunitarja minn dak l-Istat Membru dwar l-istess suġġett,

J. billi fl-2005 l-Ombudsman ittratta ma' total ta' 627 investigazzjoni; u billi r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet li ġew mitmuma juri li f'114-il każ ma setgħetx tiġi aċċertata l-ebda amministrazzjoni ħażina, u billi 89 każ kienu ssetiljati mill-istituzzjoni jew mill-korp innifsu wara t-tressiq ta' ilment mill-Ombudsman u kienu ġew proposti 22 soluzzjoni bonarji;

K. billi l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman spiss jagħtu riżultati pożittivi favur min jagħmel l-ilment u jgħinu biex titjieb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni permezz ta' l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa mill-istituzzjonijiet u l-organi kkonċernati,

L. billi l-Ombudsman issottometta tliet rapporti speċjali lill-Parlament fl-2005; u billi s-sottomissjoni ta' rapport speċjali lill-Parlament tirrappreżenta mezz prezzjuż li bih l-Ombudsman jista' jfittex l-appoġġ politiku tal-Parlament u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu sabiex jissodisfa x-xewqat taċ-ċittadini li jkunu nkisrulhom id-drittijiet tagħhom, kif ukoll ikompli jippromwovi t-titjib ta' l-istandards ta' l-amministrazzjoni Ewropea,

M. billi l-akbar numru ta' investigazzjonijiet ta' ilmenti, kien dwar allegat nuqqas ta' trasparenza; u billi din hija kwistjoni ta' tħassib fir-rigward tar-responsabilità demokratika ta' l-Unjoni

(1) ĠU C 72 E 21.3.2002, p. 331.
(2) Total ta' 3920, li jfisser żieda ta' 5 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Madankollu 335 ilment kienu dwar l-istess suġġett u ġew trattati fl-istess investigazzjoni komuni.

N. billi 68 % ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman kienu dwar il-Kummissjoni; billi wkoll il-Kummissjoni adottat proċeduri interni ġodda fl-4 ta' Ottubru 2005 biex tkompli fuq investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman,

O. billi fl-2005 l-Ombudsman kompla jibni relazzjonijiet ta' ħidma kostruttivi ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej l-oħrajn permezz ta' laqgħat u attivitajiet konġunti; billi fl-2005 l-Ombudsman kompla jestendi u jenerġizza in-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsman bl-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u ta' qsim ta' l-aqwa prattika; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu ħa sehem f'dan in-Netwerk;

P. billi fl-2005 l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman iċċelebrat l-għaxar anniversarju tagħha; u billi l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju kellha l-iskop li tqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom, dwar kif jistgħu jeżerċitaw dawn id-drittijiet u dwar it-termini ta' riferenza ta' l-Ombudsman,

1. Jikkunsidra li l-Ombudsman kompla jsegwi b'suċċess l-objettivi li jkabbar l-effett ta' l-istituzzjoni tiegħu fuq il-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba u r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem;

2. Iqis l-irwol ta' l-Ombudsman li jsaħħaħ it-trasparenza u r-responsabilità fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni u l-amministrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea bħala kontribuzzjoni essenzjali lejn Unjoni fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu bl-aktar mod miftuħ u l-eqreb iċ-ċittadin possibbli, kif stabbilit mill-Artikolu 1(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-possibilità li l-proċeduri parlamentari interni jkunu aktar konċiżi sabiex fil-ġejjieni l-ipproċessar tar-rapport annwali ta' l-Ombudsman mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet isir b'aktar ħeffa;

4. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-Komunità biex ikunu mogħnija bir-riżorsi neċessarji tal-baġit sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jirċievu tweġiba konkreta fi żmien qasir tat-talbiet, l-ilmenti u l-petizzjonijiet tagħhom;

5. Itenni s-sejħa tiegħu kif espressa fir-riżoluzzjonijiet preċedenti, għal approċċ komuni mill-istituzzjonijiet kollha tal-Komunità fir-rigward tal-Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba fuq il-bażi tar-Riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tas-6 ta' Settembru 2001;

6. Jaqbel ma' l-Ombudsman li l-mod u manjiera li bihom l-amministrazzjoni twieġeb għal ilmenti leġittimi huma l-qies li bih jitkejjel kemm l-istituzzjonijiet u l-organi huma qrib iċ-ċittadini, u li għad hemm ħafna lok għal titjib;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li anki f'każijiet fejn amministrazzjoni ħażina ma setgħetx tiġi aċċertata, il-persuni li għamlu l-ilmenti ġew provduti b'assistenza, u l-investigazzjoni fl-istess ħin intużat bħala opportunità biex titjieb il-kwalità ta' amministrazzjoni;

8. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-ħidma pubblika ta' l-Ombudsman li għandha bħala skop li tinforma lill-pubbliku, u jikkunsidra li l-informazzjoni ta' kwalità tista' tgħin sabiex jonqsu n-numru ta' lmenti li ma jaqgħux taħt it-termini ta' riferenza ta' l-Ombudsman; jistieden lill-Ombudsman biex fl-istess ħin, immedjatament, jgħaddi l-ilmenti li ma jaqgħux taħt it-termini ta' riferenza tiegħu, lill-aktar netwerk xieraq, mill-aspett ta' sussidjarjetà, f'livell nazzjonali jew reġjonali;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni kostruttiva bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet u l-organi tal-Komunità u jappoġġjah fl-irwol tiegħu ta' mekkaniżmu ta' kontroll estern u kif ukoll bħala sors prezzjuż ta' titjib kontinwu għall-amministrazzjoni Ewropea;

10. Jinnota li l-Ombudsman issottometta tliet rapporti speċjali li tnejn minnhom diġà ġew ikkunsidrati mill-Parlament waqt li l-kunsiderazzjoni tar-rapport l-ieħor issa tista' tibda wara t-tmiem tal-konklużjoni ta' proċeduti ġudizzjarji;

11. Huwa konvint li l-adattament neċessarju ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman tad-9 ta' Marzu 1994, kif diġà talbet il-Kummissjoni fl-aħħar rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar ir-rapport annwali ta' l-Ombudsman, għandu jitwettaq kemm jista' jkun malajr; jilqa' b'sodisfazzjon is-sottomissjoni ta' l-Ombudsman lill-President tal-proposta konkreta għal adattament bħal dan fil-11 ta' Lulju 2006;

12. Japprezza l-koperazzjoni tajba ta' l-Ombudsman mal-Kumitat tiegħu għall-Petizzjonijiet;

13. Jenfasizza madankollu l-bżonn ta' definizzjoni u dimarkazzjoni ċara ta' l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew fil-konfront ta' l-irwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament u jħeġġeġ lill-Ombudsman biex jibqa' fil-qafas tat-termini ta' riferenza tiegħu meta jipprova jassisti liċ-ċittadini;

14. Iqis, madankollu, li meta l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li jaġixxu fil-qafas tal-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, jinvestigaw kwistjonijiet li jkopru l-kampijiet ta' xulxin, bħal, pereżempju, il-mod kif il-Kummissjoni minn naħa waħda tmexxi proċedura ta' ksur u min-naħa l-oħra l-ksur tal-liġi nnifsu, huma jistgħu jilħqu sinerġija utli permezz ta' koperazzjoni mill-qrib;

15. Jistieden lill-Ombudsman Ewropew biex jeżerċita l-poteri tiegħu ta' skrutinju ex officio bl-għan li jiżgura trasparenza u l-iffunzjonar korrett tal-proċeduri kollha ta' reklutaġġ, sew jekk jitwettqu permezz ta' l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) kif ukoll direttament permezz ta' korp Ewropew, inkluż is-servizz tal-persunal ta' l-Ombudsman inniffsu;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport speċjali dwar it-trasparenza tal-laqgħat tal-Kunsill meta jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu, u jistieden lill-Kunsill biex ikun konformi mar-riżoluzzjoni tiegħu imsemmija hawn fuq ta' l-4 ta' April 2006 u, fil-futur, sabiex il-laqgħat fejn huwa jaġixxi fil-kapaċità leġiżlasttiva tiegħu jkunu miftuħa u aċċessibbli għall-pubbliku;

17. Jistieden lill-Presidenzi futuri tal-Kunsill, bħala parti mill-isforzi biex tingħata spinta lit-trasparenza, biex jipprovdu l-paġni tagħhom fuq l-internet anki fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE (b'konformità ma' l-Anness I tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2006) biex jippermettu u jiffaċilitaw l-aċċess għall-attivitajiet tagħhom għal numru kemm jista' jkun wiesa' taċ-ċittadini;

18. Jipproponi wkoll, bħala parti mill-isforzi li jkun aktar qrib iċ-ċittadin, li l-portal ta' dħul http://europa.eu jkun stabbilit bħala l-paġna ta' dħul uniformi għall-istituzzjonijiet kollha tal-Komunità sabiex tkun iggarantita liċ-ċittadini ħarsa ġenerali tal-qafas istituzzjonali, it-tqassim ta' proċeduri ta' responsabilitajiet u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, permezz ta' struttura kemm jista' jkun ċara u sempliċi u biex tiġi evitata konfużjoni ma' siti li jeżistu parallelament;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' proċeduri interni ġodda fil-Kummissjoni bħala l-organu prinċipali li huwa fid-dmir li jwieġeb talbiet mill-Ombudsman, fejn il-Kummissarji individwali jassumu patroċinju għal każ speċifiku, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi dan it-tip ta' proċedura għall-ipproċessar tal-petizzjonijiet ukoll;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon in-netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen u l-kollaborazzjoni bejn l-Ombudsmen Ewropej, u ombudsmen u organi simili f'livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri, u jħeġġeġ biex jissaħħaħ aktar l-iskambju ta' l-aħjar prattika;

21. Jistieden lill-Ombudman biex jinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet regolarment dwar l-attivitajiet tiegħu fl-Istati Membri u l-kuntatti tiegħu ma' l-ombudsmen nazzjonali;

22. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-proċedura speċjali bil-miktub fejn ombudsman nazzjonali jew reġjonali jirċievi tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar il-liġi tal-Komunità u l-interpretazzjoni tagħha permess ta' l-Ombudsman Ewropew bħala kontribut prezzjuż għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni aħjar tal-liġi tal-Komunità;

23. Jinkuraġġixxi l-Ombudsman Ewropew biex ikompli jagħmel enfasi huwa stess fuq avvenimenti għaċ-ċittadini u, għalhekk, li potenzjalment jistgħu jilmentaw, peress li d-dimarkazzjoni tal-proċessi u tar-responsabilitajiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet bejn il-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali għadhom wisq ikkumplikati għaċ-ċittadin u għal min imexxi negozju;

24. Jirrikonoxxi li l-isforzi ta' l-Ombudsman biex ikabbar il-kuxjenza taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom li jirreġistraw ilment ma' l-Ombudsman; iħeġġu, madankollu, fid-dawl tan-numru kbir ta' lmenti li ma jaqgħux taħt it-termini ta' riferenza tiegħu, sabiex jintensifika l-isforzi tiegħu biex jipprovdi ammont ta' informazzjoni ċara dwar dawk it-termini ta' riferenza fuq bażi aktar regolari;

25. Jilqa' b'sodisfazzjon il-parteċipazzjoni dejjem akbar tal-midja fil-pubblikazzjoni tal-ħidma ta' l-Ombudsman;

26. Japprova r-rapport annwali għall-2005 mressaq mill-Ombudsman Ewropew u japprezza, b'mod partikulari, il-qsim dettaljat ta' l-ilmenti f'proċeduri adottati, in-natura ta' l-allegata amministrazzjoni ħażina, l-istituzzjoni konċernata, eċċ;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, u lill-ombudsmen tagħhom jew lill-entitajiet simili kompetenti.

**P6_TA(2006)0500**

## Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-White Paper dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea (2006/2087(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "White Paper dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea" (COM(2006)0035),

— wara li kkunsidra l-Parti II tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 195, 211 u 308 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 41, 42 u 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni "Il-Pjan ta' Azzjoni għat-titjib mill-Kummissjoni tal-kommunikazzjoni fl-Ewropa" (SEC(2005)0985),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Il-kontribut tal-Kummissjoni għall-perijodu ta' riflessjoni u lil hinn: Pjan-D għad-Demokrazija, Djalogu u Dibattitu" (COM(2005)0494),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2002 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar qafas ġdid għall-koperazzjoni f'attivitajiet li jirrigwardaw il-politika ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ([2])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' April 2003 dwar strateġija ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għall-Unjoni Ewropea ([3])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2005 dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ([4])

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Affarjiet Kostituzzjonali (A6-0365/2006),

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
([2]) ĠU C 47 E, 27.2.2003, p. 400.
([3]) ĠU C 64 E, 12.3.2004, p. 591.
([4]) ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 403.

A. billi l-komunikazzjoni hija element importanti kemm fid-demokrazija rappreżentattiva kif ukoll f'dik parteċipattiva,

B. billi, għal din ir-raġuni, wieħed mill-vantaġġi ta' l-elementi demokratiċi ta' l-UE huwa marbut ma' l-istrutturi ta' komunikazzjoni f'livell Ewropew li joħolqu rabta bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini,

C. billi d-dritt għall-informazzjoni u l-libertà ta' l-espressjoni għandhom ikunu l-qofol tad-demokrazija fl-Ewropa u jsostnu s-sistemi politiċi f'livell Ewropew u nazzjonali, u b'hekk, meta huwa possibbli, informazzjoni għandha tkun disponibbli lill-pubbliku,

D. billi l-esperjenza miksuba mill-elezzjonijiet u referendums Ewropej hija li dawk li kienu konxji u interessanti fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-UE kienu l-aktar probabbli li jipparteċipaw, filwaqt li kien hemm inqas probabbiltà li dawk li kienu neqsin minn informazzjoni jipparteċipaw,

E. billi s'issa ma teżistix sfera pubblika konsolidata Ewropea iżda jeżistu sferi pubbliċi nazzjonali attivi ħafna; billi dawk l-isferi pubbliċi nazzjonali juru varjazzjonijiet kbar rigward sa l-punt sa fejn jiġu diskussi kwistjonijiet Ewropej kif ukoll il-kontenut tagħhom,

F. billi jkun titjib importanti kieku kwistjonijiet Ewropej ikunu aktar prominenti fl-isferi pubbliċi nazzjonali,

G. billi sabiex tinħoloq sfera pubblika Ewropea, l-ewwel pass għandu jkun li jingħeleb l-iżolament ta' l-isferi nazzjonali permezz ta' azzjoni komunikattiva Ewropea; billi dan huwa relatat mill-qrib ma' l-istrutturi tal-midja pan-Ewropej jew għallinqas transnazzjonali,

H. billi hemm evidenza ċara li ċ-ċittadini huma neqsin mill-informazzjoni dwar kwistjonijiet Ewropej, kif intwera mir-riżultati li ħarġu minn stħarriġ tal-Eurobarometer,

I. billi l-komunikazzjoni hija marbuta wkoll mal-kwistjoni tat-trasparenza, ta' proċeduri simplifikati, taċ-ċittadinanza u ta' valuri komuni,

J. billi jirrimarka li kwistjonijiet Ewropej u l-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità rari jiġu rrikonoxxuti waqt dibattiti nazzjonali, u politiċi nazzjonali ġieli jieħdu krettu għal suċċessi fil-kuntest Ewropew, waqt li, bil-kuntrarju, dejjem ikunu lesti jikkritikaw lill-UE, ta' spiss għal nuqqasijiet fil-politika li jinħolqu f'livell nazzjonali,

K. billi l-Kunsill Ewropew ta' Brussel tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2006 poġġa l-kwistjoni tar-riforma istituzzjonali lura fuq l-aġenda,

L. billi l-għan ta' 'perjodu ta' riflessjoni' huwa sabiex l-Unjoni ssir aktar demokratika u effettiva u sabiex tissawwar 'rabta ġdida' maċ-ċittadini,

***Politika ta' komunikazzjoni u l-isfera pubblika Ewropea***

1. Jilqa' l-preżentazzjoni tal-White Paper u jesprimi l-kunsens tiegħu rigward l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibdel il-politika ta' komunikazzjoni f'politika awtonoma ġdida.

2. Jara li hemm il-ħtieġa li titjieb il-komunikazzjoni bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha; għalhekk jappoġġja t-tentattiv li jiġi eżaminat bir-reqqa u jissewwa l-mod kif inhi organizzata l-komunikazzjoni maċ-ċittadini; jenfasizza li komunikazzjoni aħjar ma tistax tagħmel tajjeb għal politiki li mhumiex suffiċjenti iżda tista' ttejjeb l-għarfien tal-politiki mwettqa;

3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għarfet li ebda komunikazzjonijiet ma tista' tinfired mill-kontenut u li l-proċess tagħha għandu jkun "f'żewġ direzzjonijiet" li jimplika li ċ-ċittadini għandhom jiġu mismugħin, imma jiddispjaċih li dawn il-prinċipji li ġew stabbiliti fil-bidu tal-White Paper ma rriżultaw f'ebda żvilupp konkret; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreċiża kif biħsiebha tikkunsidra l-vuċi taċ-ċittadini, u jissuġġerixxi għal dan il-għan li jiġu eventwalment integrati l-inizjattivi ta' l-istituzzjonijiet l-oħra, bħalma hi "l'Agora", korp konsultattiv b'rappreżentanza tas-soċjetà ċivili stabbilit mill-Parlament;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-ħolqien ta' sfera pubblika Ewropea, strutturata primarjament bis-saħħa tal-midja nazzjonali, lokali u reġjonali, iżda waqt li tibqa' konxja ta' l-irwol importanti li għandhom gazzetti nazzjonali u reġjonali u aħbarijiet televiżivi ta' kwalità meta jkopru b'mod suffiċjenti kwistjonijiet Ewropej; u għal dak il-għan, jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu lill-istazzjonijiet awdjoviżivi pubbliċi nazzjonali biex jinfurmaw b'mod xieraq liċ-ċittadini dwar politiki mħaddma f'livell Ewropew;

5. Jinnota li l-għan ta' politika ta' komunikazzjoni Ewropea m'għandux ikun il-ħolqien ta' sfera ta' komunikazzjoni li tikkompeti ma' l-isferi pubbliċi nazzjonali, iżda minflok, li jkun hemm allinjament mill-qrib tad-dibattiti nazzjonali mad-dibattiti f'livell ta' l-UE;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-proposti konkreti stipulati fir-riżoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tat-12 ta' Mejju 2005 meta tkun qed tfassal politika ta' komunikazzjoni;

*Definizzjoni tal-prinċipji komuni*

7. Jappoġġja l-idea li tiġi stabbilita komunikazzjoni reċiproka bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha, li jkollha l-kapaċità u r-rieda li tisma' iktar mill-qrib dak li jixtiequ jgħidu ċ-ċittadini dwar l-Ewropa; jirrimarka, madankollu, li l-idea li ċ-ċittadini jsiru parteċipanti attivi fil-parteċipazzjoni u fid-djalogu ma tidhirx raġonevoli, peress li mhumiex iċ-ċittadini li għandhom ifittxu l-informazzjoni, iżda għal kuntrarju, hija l-informazzjoni li għandha tfittex liċ-ċittadini;

8. Ma jikkunsidrax li huwa xieraq li l-Parlament jiġi sottomess għal kodiċi ta' kondotta li tirregola l-komunikazzjoni tiegħu maċ-ċittadini ta' l-UE;

9. 9 Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi abbozz ta' ftehima interistituzzjonali li jiddefinixxi l-prinċipji komuni li jistgħu jindirizzaw il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej fir-rigward ta' komunikazzjoni;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilità li jitnieda programm Komunitarju ġenwin, għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar l-Ewropa, sabiex jitjiebu l-mekkaniżmi ta' sħubija interistituzzjonali li jeżistu f'dan il-qasam; jiddikjara li jekk il-Kummissjoni tressaq proposta bħal din, il-Parlament ikun involut bis-sħiħ fid-definizzjoni u fit-tqegħid f'qafas tal-kontenut preċiż u l-kamp ta' applikazzjoni tal-programm;

11. Huwa ta' l-opinjoni li għandha ssir referenza iktar qawwija għall-prinċipji u l-valuri mħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali sabiex jiġi determinat il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika ta' komunikazzjoni Ewropea;

12. Ifakkar li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, diġà tistipula d-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward ta' l-informazzjoni u li kull strument ġdid għandu jirrispetta l-prerogattiva tal-Parlament elett, partikularment is-setgħa tiegħu li jindirizza liċ-ċittadini ta' l-Unjoni kollha; jitlob lill-Kumitat għall-Affarjiet Kostituzzjonali sabiex janalizza l-possibilitajiet tan-natura u tal-kontenut ta' strument interistituzzjonali bħal dan;

13. Jenfasizza l-importanza ta' Kostituzzjoni għall-Ewropa li tkun tista' tagħti lill-Unjoni karattru aktar politiku u aktar demokratiku u li jagħmilha aktar attraenti f'għajnejn iċ-ċittadini; ifakkar ir-responsabbiltà politika li għandhom il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex jappoġġaw dan il-proċess.

*It-tisħiħ ta' l-irwol taċ-ċittadini*

14. Jilqa' x-xewqa li wriet il-Kummissjoni li l-Ewropa titwassal sal-livelli kollha, fi kliem ieħor, li jiġu kkomunikati kwistjonijiet Ewropej f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex il-messaġġ jiġi diċentralizzat, u jinsisti fuq il-ħtieġa li din il-komunikazzjoni ssir fuq bażi regolari ħafna; jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u jistenna li jiġi implimentat mill-iktar fis;

15. Jikkunsidra li l-iżvilupp ta' amministrazzjoni Ewropea lokali, li kapaċi tassisti l-għadd kbir ta' punti attwali fejn jilqgħu u jagħtu informazzjoni dwar l-Ewropa tikkontribwixxi sabiex jitnissġu rabtiet diretti importanti bejn l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha, li b'mod partikulari tippermettilhom aċċess għall-inizjattivi u l-programmi Ewropej; jemmen li l-uffiċċji ta' informazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Parlament fl-Istati Membri għandhom irwol importanti xi jwettqu rigward dan; f'dan il-kuntest jemmen li jeħtieġ evalwazzjoni funda-

mentali mill-ġdid tax-xogħol li sar s'issa minn dawn l-uffiċċji ta' informazzjoni, billi huwa magħruf li l-politika ta' relazzjoniet pubbliċi tagħhom ma tqisx l-interess taċ-ċittadini u li l-mezzi li jintużaw għal dan l-iskop jista' jsir użu ferm aktar effikaċi minnhom; jixtieq li għalhekk dawn ikollhom karattru aktar attiv u anqas burokratiku;

16. Jilqa' l-inizjattiva ta' trasparenza, li tnediet mill-Kummissjoni f'Novembru 2005, li tenfasizza l-istandards għoljin ta' trasparenza li huma parti mil-leġittimità ta' kwalunkwe amministrazzjoni moderna; il-pubbliku Ewropew huwa intitolat li jistenna istituzzjonijiet effiċjenti, responsabbli u ffukati fuq l-għoti ta' servizzi;

17. Jaħseb li r-regjuni u l-ibliet huma l-iktar pjattaformi xierqa għall-promozzjoni ta' l-idea ta' l-Ewropa fost iċ-ċittadini u jitlob għall-involviment tal-Kumitat tar-Reġjuni fl-implimentazzjoni ta' politika ta' komunikazzjoni futura;

18. Jappoġġja l-idea li jissaħħu d-dibattiti fil-parlamenti nazzjonali u reġjonali;

19. Jinkuraġġixxi lill-parlamenti nazzjonali biex isaħħu l-irwol ta' skrutinju tal-gvernijiet tagħhom meta jaġixxu fil-Kunsill, biex b'hekk iqajmu kuxjenza u bħala riżultat ta' dan, isaħħu r-responsabiltà demokratika ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE;

20. Jenfasizza li l-parlamenti nazzjonali għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħtu aktar kas tal-proġetti leġiżlattivi Ewropej ħafna iktar kmieni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

21. Jiġbed l-attenzjoni għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-Konferenza ta' l-Ispikers tal-Parlamenti ta' l-Unjoni Ewropew (Budapest, is-6 u s-7 ta' Mejju 2005) li stiednu lill-parlamenti nazzjonali biex ikollhom dibattitu annwali, l-aħjar f'sessjoni plenarja, dwar il-programm leġiżlattiv u ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni;

22. Jenfasizza l-importanza tal-konvokazzjoni ta' forums interparlamentari dwar il-futur ta' l-Ewropa li waħda minnhom se tiltaqa' fl-okkażżjoni tal-50 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma; jitlob li, fi ħdan il-politika għall-komunikazzjoni ta' l-Ewropa jingħata kas tad-diskussjonijiet fil-livell tar-rappreżentanza tal-popolazzjoni Ewropea;

23. Jenfasizza l-importanza ta' l-edukazzjoni ċivika għall-integrazzjoni ta' l-UE; Iqis li ċertu livell ta' għarfien dwar l-Ewropa huwa prerekwiżit għas-suċċess ta' komunikazzjoni interattiva ma' l-UE, u għall-kontribuzzjoni ta' sens ta' ċittadinanza Ewropea;

24. Jiddispjaċih li tnaqqas l-appoġġ għall-programmi settorjali li għandhom effett multiplikatur qawwi, bħal Leonardo da Vinci, Socrates u Erasmus, peress li jenfasizzaw id-dimensjoni Ewropea u jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' netwerks transnazzjonali;

25. Jemmen li sabiex jintlaħaq iċ-ċittadin huwa importanti li permezz ta' koperazzjoni ma' istituzzjonijiet reġjonali u lokali titjieb il-komunikazzjoni u li tintwera r-relevanza u l-impatt li jkollhom deċiżjonijiet ta' l-UE fuq il-ħajja ta' kuljum; jissuġġerixxi li għandha ssir enfasi fuq il-komunikazzjoni regolari maċ-ċittadini dwar proġetti reġjonali u lokali rilevanti fejn ħadet sehem l-UE, bl-objettiv li jiġi favorit proġett komuni Ewropew;

26. Iqis li d-dibattitu għandu jqis il-ħtiġijiet u l-attivitajiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilità u ta' gruppi ta' minoranza kif ukoll l-udjenzi nazzjonali u lokali u l-gruppi ta' mira speċifiċi; jirrimarka li għandha tingħata aktar attenzjoni sabiex informazzjoni rilevanti għar-reġjuni jkun indirizzat lill-udjenzi partikulari, u b'hekk jorbtu kwistjonijiet Ewropej mal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;

27. Jilqa' l-inizjattivi meħuda minn ċerti rappreżentanti tal-Kummissjoni u minn amministrazzjonijiet nazzjonali sabiex jikkolaboraw fuq kampanji ta' informazzjoni relatati ma' l-UE; jirrimarka li kollaborazzjoni bħal din għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' rabta aktar diretta bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet;

28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi konsultazzjoni mal-partijiet interessati u mal-pubbliku fl-istadju bikri tat-tfassil tal-politika; iqis li l-proposti ewlenin għandhom jiġu akkumpanjati mit-taqsima addizzjonali fl-evalwazzjoni ta' l-impatt li tispeċifika kif it-tħassib taċ-ċittadini tqies kif jixraq fl-abbozzar tal-proposta; jirrimarka li għandu jiġi ċċarat l-impatt tal-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-UE;

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa politika ta' komunikazzjoni dinamika u reattiva, li minflok ma tirrapporta l-iktar il-kunsens finali li jintlaħaq, tkun iktar iffukata fuq ir-rappurtar ta' l-evoluzzjoni tad-deċiżjonijiet li jiġu adottati fi stadji differenti tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jaħseb li l-għan tal-politika ta' komunikazzjoni ta' l-Unjoni huwa li ċ-ċittadini jkollhom stampa ċara ta' kif titfassal liġi Ewropea;

### *Ħidma mal-midja u teknoloġiji ġodda*

30. Jenfasizza l-importanza tal-midja bħala intermedjarji, li joħolqu opinjonijiet, u jittrasmettu messaġġi liċ-ċittadin fl-isfera pubblika Ewropea li l-Kummissjoni għandha l-għan li tiżviluppa; f'dak il-kuntest, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja inizjattivi konkreti bħal forums ta' diskussjoni dwar kwistjonijiet kulturali u politiċi Ewropej fejn jistgħu jkunu disponibbli f'diversi lingwi materjali sabiex ħafna ċittadini Ewropej jistgħu jirrelataw ma' xulxin u jagħmlu skambji;

31. Jenfasizza li ċ-ċittadin infurmat huwa l-bażi ta' sistema demokratika parteċipattiva li taħdem sew;

32. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiddifenixxi, bl-ikbar preċiżjoni possibbli, liema rwol tixtieq tassenja lill-midja u jenfasizza l-ħtieġa li tinstab formula li tinvolvi l-midja nazzjonali, reġjonali u lokali aktar mill-qrib fil-politika ta' komunikazzjoni, li għaliha għandha tiġi kkunsidrata wkoll l-użu ta' midja alternattivi bħala mezz ta' komunikazzjoni;

33. Huwa tal-fehma li għandha tkun intensifikata l-koperazzjoni transkonfinali fuq proġetti ta' politika Ewropea bejn il-midja reġjonali u lokali; jemmen li l-koperazzjoni Ewropea bejn il-midja u l-ġurnalisti hija ta' benefiċċju għar-rappurtar dwar l-Unjoni Ewropea, u jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, bħala parti mill-baġit, Fond Ewropew għall-Ġurnaliżmu (Investigattiv) li jsostni proġetti fejn ġurnalisti minn diversi Stati Membri janalizzaw flimkien fil-fond suġġett Ewropew u japplikawh għad-differenzi li jeżistu fis-sitwazzjonijiet lokali u reġjonali;

34. Jilqa' l-irtirar tal-proposta dwar il-ħolqien ta' aġenzija ta' l-aħbarijiet ta' l-UE;

35. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tuża lingwaġġ ċar u konċiż meta tikkomunika mal-midja u maċ-ċittadini, u li tagħmel dan b'mod sistematiku fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew ta' residenza tagħhom; jemmen li l-'jargon' ta' l-UE jżid u mhux inaqqas il-firda li hemm bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u ċ-ċittadini;

36. Jirrakkomanda l-ħolqien ta' skambji regolari ta' fehmiet dwar kwistjonijiet ta' komunikazzjoni Ewropea bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikulari l-Parlament, u l-midja;

37. Jikkunsidra li hija r-responsabiltà tal-Kummissjoni inġenerali, u ta' l-Istati Membri b'mod partikulari, li tkun provduta informazzjoni oġġettiva, ta' min joqogħod fuqha u imparzjali dwar politiki Ewropej bħala bażi għal dibattitu msejjes fuq l-għarfien; għalhekk jistieden lill-ta' l-aħħar biex jinforma lill-impjegati tas-servizz ċivili ta' l-Istati Membri dwar politiki mwettqa f'livell Ewropew;

38. Jilqa' l-fatt li fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda, il-White Paper huwa konformi ma' l-aħħar rapport tal-Parlament dwar l-istrateġija ta' l-UE dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

39. Jilqa' l-proposta mill-Kummissjoni sabiex it-teknoloġiji l-ġodda ta' komunkazzjoni jintużaw aħjar, imma jitlob li jittieħdu miżuri biex jiġi evitat li "il-firda diġitali" ma tkabbarx l-esklużżjoni ta' parti miċ-ċittadini mill-aċċess għall-informazzjoni dwar l-Unjoni; Jenfasizza f'dan ir-rigward li jkun jaqbel li f'gieħ l-approċċ komprensiv jiġu integrati l-mezzi ta' komunikazzjoni speċifiċi ta' l-istituzzjonijiet differenti bħalma se tkun il-"Web TV" tal-Parlament Ewropew, eċċ. filwaqt li xorta tibqa' tiġi rrispettata l-awtonomija tagħha; jenfasizza minbarra dan li għandu jiġi mseddaq il-valur tal-mezzi tradizzjonali ta' komunikazzjoni tal-massa bħalma hi t-televiżjoni;

**Il-Ħamis, 16 ta' Novembru 2006**

***Fehim ta' l-opinjoni pubblika Ewropea***

40. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinfurma lill-Parlament dwar l-evalwazzjoni tal-konsultazzjoni li għamlet;

41. Tikkunsidra li l-istabbiliment ta' Osservatorju dwar l-Opinjoni Pubblika Ewropea fuq medda ta' żmien qasira huwa kwestjonabbli u jaħseb li qabel ma jsir dan, għandu jsir użu aktar ikkoordinat tad-dejta u r-riżorsi li diġà huma disponibbli;

42. Josserva li ma jistax ikun hemm politika għall-komunikazzjoni sodisfaċenti mingħajr għarfien preċiż tan-nuqqas ta' informazzjoni li għandhom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni, kemm jekk din hi dwar il-kontenut ta' l-attività tal-Komunità kemm jekk dwar l-istituzzjonijiet u l-proċeduri li taħdem bihom, għalhekk jitlob li s-servizz ta' l-ewrobarometru jiġu inkarigati biex jinvestigaw l-opinjoni pubblika b'mod speċifiku u fil-fond, hekk li tkun tista' jitkejjel eżattament u b'mod differenzjat il-livell ta' informazzjoni li għandhom iċ-ċittadini tal-Komunità dwar l-Istat ta' oriġini tagħhom, il-kategorija soċjoprofessjonali u l-orjentazzjoni politika tagħhom;

***Kollaborazzjoni***

43. Jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal proposti konkreti għall-implimentazzjoni tal-politika ta' komunikazzjoni u biex tevalwa l-implikazzjonijiet legali u finanzjarji tagħha;

44. Jaħseb li x-xogħol tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI) għandu jiġi analizzat sabiex issir evalwazzjoni dwar jekk titjib huwiex possibbli;

45. Jenfasizza l-ħtieġa ta' involviment aktar mill-qrib tal-partiti politiċi pan-Ewropej fid-djalogu mal-kostitwenzi tagħhom dwar kwistjonijiet ta' l-UE;

46. Jagħti importanzi speċjali għall-irwol tal-partiti politiċi rigward il-livelli kollha tad-demokrazija parlamentari; jiddispjaċih li l-potenzjal tal-partiti politiċi transnazzjonali għadu mhux qed jiġi esplojtat; jiddeplora l-fatt li għadd ta' partiti politiċi nazzjonali lanqas m'għandhom inklinazzjoni biex jadottaw dimensjoni Ewropea b'mod koerenti u konvinċenti; jistieden b'insistenza lill-partiti politiċi biex jagħtu kas ta' kwistjonijiet Ewropej fid-deċiżjonijiet li jieħdu u fil-kampanji elettorali tagħhom u biex jagħmlu mod li joffru liċ-ċittadini għażliet tabilħaqq politiċi għall-futur ta' l-Ewropa;

47. Jenfasizza li politika ta' komunikazzjoni għandha tikkunsidra t-"tempo", partikolarment tal-kwistjonijiet Ewropej, li ħafna drabi jkunu mifrudin mill-aġendi politiki nazzjonali; jikkunsidra għalhekk li l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament għandhom jaslu għal ftehim dwar skeda ta' skadenzi għal bosta kwistjonijiet li jistgħu aktar jinteressaw b'mod partikulari l-opinjoni pubblika Ewropea sabiex jikkonċentraw l-isforzi tagħhom għall-komunikazzjoni fuq dawn is-suġġetti:

48. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jeżaminaw il-possibilità li jiġi stabbilit grupp ta' koordinazzjoni fuq it-tieni livell, fejn ikunu rappreżentati d-DGs ta' l-istituzzjonijiet varji u r-rappreżentanti tal-kumitati tal-Parlament, biex jikkoordina l-attivitajiet speċifiċi għall-implimentar tal-linji gwida stipulati fl-IGI;

49. Jirrepeti l-fehma tiegħu li ċ-ċittadini jaraw lill-Unjoni Ewropea bħala unità sħiħa li huma mhumiex mistennija jkunu jafu d-dettalji istituzzjonali tagħha u li għalhekk jeħtieġ li l-politika ta' komunikazzjoni ta' kull istituzzjoni tkun integrata f'loġika komuni, b'rispett għall-kompetenzi u l-awtonomija ta' kull istituzzjoni; jerġa' jappella għal dibattitu interistituzzjonali kbir annwali f'dan ir-rigward, waqt sessjoni plenarja, sabiex tiġi adottata dikjarazzjoni komuni dwar l-objettivi u l-mezzi ta' din il-politika;

50. Jappoġġja l-iżvilupp ta' djalogu u ta' dibattiti pubbliċi komuni organizzati bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali; jenfasizza l-importanza li l-komunikazzjoni sserraħ fuq inizjattivi msaħħa minn miżuri għall-komunikazzjoni "populisti" bħall-programmi kulturali (premji letterarji u taċ-ċinema), l-avvenimenti sportivi, eċċ.; iqis li l-komunikazzjoni trid tikkunsidra li timmira strateġikament fuq għażliet speċifiċi ta' pubbliku bħal dawk ta' l-universitajiet, awtoritajiet regjunali u organizzazzjonijiet professjonali;

51. Jappoġġja t-tisħiħ ta' l-irwol ta' l-Ombudsman sabiex it-trasparenza tkun aktar kredibbli;

52. Jirrimarka li l-Programm Prince tradizjonalment kien ibbażat fuq sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri; fir-rapport l-aktar reċenti dwar l-istrateġija ta' komunikazzjoni ta' l-UE, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa ta' l-involviment parlamentari fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-Programm Prince, u għalhekk huwa tal-fehma li l-MEPs għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fl-avvenimenti organizzati taħt il-patroċinju tal-programm;

53. Jirrakkomanda li jiżdiedu l-approprjazzjonijiet allokati għall-programmi ta' finanzjar li jeżistu sabiex ikun hemm komunikazzjoni aħjar dwar l-integrazzjoni Ewropea, bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja, Iż-Żgħażagħ, Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Midja u l-Kultura, sakemm l-objettivi tal-programmi individwali jkunu rispettati bis-sħiħ;

54. Jappoġġja s-sostituzzjoni tal-ħames linji baġitarji għall-Programm Prince li jeżistu bħalissa bi programm wieħed immexxi mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, peress li b'hekk ikun hemm aktar flessibilità u interlokutur ċentrali;

55. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata għarfien kemm jista' jkun viżibbli u wiesa' dwar l-appoġġ finanzjarju li tagħti l-Unjoni Ewropea u l-obbligu reċiproku li tagħmel l-pubbliċità xierqa li għandu jkollha kull istituzzjoni, assoċjazzjoni jew skema li tibbenefika minn għajnuna ta' l-Unjoni;

56. Jenfasizza li sabiex ikun hemm komunikazzjoni b'suċċess, il-parteċipazzjoni attiva ta' l-Istati Membri hija essenzjali u għalhekk jistedinhom biex isibu l-mezzi tekniċi u finanzjarji biex jikkontribwixxu għall-isforzi konġunti ta' komunikazzjoni ta' l-UE;

57. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jittrasponu b'mod xieraq u mill-iktar fis il-leġiżlazzjoni tal-Komunità sabiex jiggarantixxu li ċ-ċittadini kollha ta' l-UE jgawdu l-istess drittijiet kif mogħtija mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiggarantixxi b'mod aktar attiv li d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità jiġu applikati; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex taħdem fi sħubija mal-gvernijiet ta' l-Istati Membri sabiex dawn jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-dritt ta' l-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju jekk kemm-il darba d-drittijiet tagħhom jinkisru;

58. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel prijoritazzjonijiet aħjar għal sħubijiet ta' komunikazzjoni billi tiżviluppa relazzjonijiet speċjali ma' msieħba "b'sejħa transnazzjonali", bħalma huma l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea li għaddejjin minn ristruttarurazzjoni, tal-partiti politiċi u tal-ġurnalisti; jisħaq fuq l-importanza li ma' dawn jiġu inklużi l-mezzi ta' komunikazzjoni għaż-żagħżagħ sabiex jissaħħaħ spazju Ewropew tac-cittadin;

59. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati u li jitwettqu l-istrateġiji u s-sustanza tal-White Paper b'relazzjoni mad-dibattiti li għaddejjin bħalissa fis-sċċjetà Ewropea u bejn l-Istati Membri.

*

* *

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**P6_TA(2006)0501**

# Etjopja

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Etjopja

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kriżi wara l-elezzjoni u l-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Etjopja, b'mod partikolari dik tas-7 ta' Lulju 2005 dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Etjopja, dik tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja [1] u dik tal-15 ta' Diċembru 2005 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja [2] u l-kunflitt ġdid fuq il-fruntiera [3],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. Imħasseb bl-arrest u t-tkeċċija mill-Etjopja ta' żewġ uffiċjali tal-Kummissjoni fuq allegazzjoni li ppruvaw jgħinu lis-Sna Yalemzewd Bekele**,** avukat involuta f'kampanji favur id-drittijiet tan-nisa, li taħdem għall-Kummissjoni f'Addis Ababa, sabiex toħroġ mill-pajjiż,

B. Billi hemm rapporti ta' arresti, fastidji, detenzjoni arbitrarja, umiljazzjoni u intimidazzjoni dejjem għad-dejjin tal-politiċi fl-oppożizzjoni, ta' attivisti tas-soċjetà ċivili, ta' istudenti u ta' ċittadini komuni oħra,

C. Billi, wara intervenzjoni ta' livell għoli mill-UE f'isimha, Yalemzewd Bekele inħelset fis-27 ta' Ottubru 2006 wara li ġiet miżmuma f'iżolament għal ftit ġranet,

D. Billi l-Parlament Etjopjan waqqaf fl-aħħar ta' Novembru 2005 Kumitat ta' Inkjesta bil-kompitu li jinvestiga l-qtil ta' Ġunju u Novembru 2005,

E. Billi membri tal-Kumitat ta' Inkjesta kellhom pressjoni mill-Gvern Etjopjan sabiex ibiddlu s-sejbiet u tlieta minnhom inkluż iċ-'Chairman' u l-'Viċi-Chairman' ħallew il-pajjiż wara li rrifjutaw ordnijiet tal-gvern sabiex ibiddlu s-sejbiet tar-rapport finali,

F. Billi l-membri tal-Kumitat ta' Inkjesta rnexxilhom iħallu l-pajjiż bir-rapport finali u billi dan id-dokument jikkundanna kategorikament il-mod kif il-gvern tratta l-kriżi li ħalliet 193 ċittadin mejta wara d-dimostrazzjonijiet ta' Ġunju u Novembru 2005,

G. Billi wara l-arresti tal-massa ta' avversarji tal-gvern, ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u ta' ġurnalisti waqt id-dimostrazzjonijiet ta' Ġunju u Novembru 2005, 111 -il mexxej tal-partit ta' l-oppożizzjoni, ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għadhom miżmuma f'kustodja u jistennew li jitressqu l-qorti akkużati fost l-oħrajn b' "inġurji kontra l-Kostituzzjoni", tixwix, organizzazzjoni jew tmexxija ta' rewwixta armata' u 'attentat ta' ġenoċidju',

H. Ifakkar li l-priġunieri politiċi miżmuma wara l-elezzjoni jinkludu lil Hailu Shawel President tal-Koalizzjoni għall-Għaqda u d-Demokrazija, lill-Professur Mesfin Woldemariam eks President tal-Kunsill Etjopjan għad-Drittijiet tal-Bniedem, lil Dr Yacob Hailemariam eks mibgħut speċjali tan-NU u eks prosekutur tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Ruwanda, lil Birtukan Mideksa eks-imħallef, lil Dr Berhanu Nega sindku elett ta' Addis Ababa, lil Netsanet Demissie, Direttur ta' l-Organizzazzjoni għall-Ġustizzja Soċjali fl-Etjopja u lil Daniel Bekele ta' l-ActionAid Ethiopia,

I. Jinsab imħasseb dwar l-arresti riċenti ta' Wassihun Melese u Anteneh Getnet, membri ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Għalliema Etjopjani u li dawn l-arresti ġodda jidhru li huma risposta għall-ilmenti ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Għalliema Etjopjani kontra l-indħil tal-Gvern fl-attivitajiet tagħha u kontra l-intimidazzjoni tal-mexxejja tagħha,

[1] ĠU C 157 E, 6.7.2006, p.495.
[2] ĠU C 233 E, 28.9.2006, p.116.
[3] Testi Adottati, P6_TA(2005)0535.

J. Billi l-Prim Ministru Meles Zenawi huwa wieħed mill-mistiedna tal-Kummissjoni għall-Ġranet Ewropej għall-Iżvilupp, li se jiġu organizzati mit-13 sas-17 ta' Novembru 2006 fi Brussell,

K. Billi, l-Etjopja hija firmatarja tal-Ftehima AKP-UE ta' Cotonou, li l-Artikoli 9 u 96 tagħha jistabbilixxi li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma element essenzjali tal-koperazzjoni ACP-EU,

1. Jilqa' l-isforzi ta' l-UE biex jiżgura l-ħelsien ta' Yalemzewd Bekele u jiddispjaċih ħafna dwar it-tkeċċija mill-Etjopja ta'l-uffiċjali tal-Kummissjoni Björn Jonsson u Enrico Sborgi;

2. Jistieden lill-Gvern Etjopjan biex jippubblika mingħajr emendi u fis-sħuħija tiegħu, u mingħajr aktar dewmien, ir-rapport finali tal-Kumitat ta' Inkjesta; jitlob li l-qrati rilevanti jingħataw ir-rapport, u jħeġġiġhom biex iqisuh kif xieraq sabiex ikunu jistgħu jsiru kawżi ġusti;

3. Jitlob lill-awtoritajiet Etjopjani biex ma jagħmlux atti ta' intimidazzjoni u ta' fastidju kontra l-mexxejja nazzjonali, inklużi mħallfin tal-qrati u membri ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Għalliema Etjopjani, li qed jaqdu l-obbligi professjonali tagħhom;

4. Jitlob lill-Gvern Etjopjan biex jeħles immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet lill-priġunieri politiċi kollha, kemm jekk huma ġurnalisti, attivisti tat-trejdjunjins, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u kemm jekk huma ċittadini normali, u biex jissodisfa l-obbligi tiegħu b'rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-prinċipji demokratiċi u għall-istat tad-dritt;

5. Jitlob lill-gvern Etjopjan biex jiżvela n-numru totali ta' persuni miżmuma taħt arrest fil-pajjiż kollu, biex jippermetti żjajjar mill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, u biex jippermetti lill-dawk kollha miżmuma taħt arrest aċċess għall-familji tagħhom, għal avukat u għal kwalunkwe kura medika li l-kundizzjoni ta' saħħithom tista' teħtieġ;

6. Jitlob lill-Gvern Etjopjan biex jirrispetta l-Istqarrija Universali dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem u l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, inklużi l-jedd għall-assemblea paċifika u l-libertà ta' l-opinjoni, u sistema ġudizzjarja indipendenti;

7. Jiddispjaċih ħafna dwar l-istedina tal-Kummissjoni lill-Prim Ministru Meles Zenawi biex jindirizza l-Ġranet Ewropej għall-Iżvilupp, b'mod speċjali rigward kwistjonijiet ta' tmexxija, deċiżjoni li tibgħat il-messaġġ żbaljat rigward il-politika Ewropea dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u t-tmexxija tajba;

8. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimmonitoraw is-sitwazzjoni fl-Etjopja u jikkunsidra li l-programmi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp skond il-Ftehima ta' Cotonou għandhom jiddependu fuq ir-rispett għad-drittjiet tal-bniedem u t-tmexxija tajba, kif definit b'mod ċar fl-Artikoli 9 u 96;

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jesploraw mezzi ta' organizzazzjoni ta' djalogu inter-Etjopjan li jinkludi lill-partijiet kollha bil-parteċipazzjoni ta' partiti politiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati kollha sabiex tintlaħaq soluzzjoni dejjiema għall-kriżi politika attwali;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern Etjopjan, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-President ta' l-Unjoni Afrikana.

---

**P6_TA(2006)0502**

## Bangladexx

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Bangladexx

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bangladexx, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' April 2005 dwar il-Bangladexx [1],

[1] ĠU C 33 E, 9.2.2006, p.594.

— wara li kkunsidra ż-żjara tat-Trojka tad-Diretturi Reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea mit-23 sal-25 ta' Jannar 2006 f'Dhaka;

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-16 ta' Marzu 2006 mill-Presidenza f'isem l-UE li laqa' b'sodisfazzjon l-arrest ta' żewġ mexxejja terroristi mill-awtoritajiet tal-Bangladexx;

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2006 mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bangladexx,

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladexx dwar sħubija u żvilupp ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li gvern provviżorju ġie ffurmat, fdat bix-xogħol ta' tħejjija għall-elezzjonijiet parlamentari li jmiss fil-Bangladexx, iżda jinnota bi tħassib li ħafna mill-kundizzjonijiet preliminari neċessarji dwar in-newtralità ta' preparazzjonijiet elettorali għad iridu jseħħu,

B. billi jilqa' b'sodisfazzjon li l-Bangladexx huwa sieħeb importanti ħafna għall-UE, li għamel progress fil-prestazzjoni ekonomika tiegħu; filwaqt li jinnota, iżda, li l-pajjiż qed jissokta jsofri minn diffikultajiet politiċi serji, minn korruzzjoni fuq skala kbira, faqar, skuntentizza popolari mifruxa u attiviżmu militanti Islamiku;

C. billi l-ġbir tar-reġistru elettorali hija kkritikata ħafna minn osservaturi nazzjonali u internazzjonali; skond stima tal-Kummissjoni, 13-il miljun isem mhux validi ġew miżjuda fir-reġistru;

D. billi fl-2006 tliet ġurnalisti inqatlu u mill-anqas 95 oħra ġew attakkati, u 55 korrispondent ta' l-istampa kienu l-mira ta' intimidazzjonijiet minħabba xi artikoli ġġudikati mhux Islamiċi; u billi matul is-sena, aktar minn 70 ġurnalist kienu mġiegħla jaħarbu mill-pajjiż minħabba theddid, skond ir-rapporti tar-"Reporters mingħajr Fruntieri" dwar il-libertà ta' l-istampa fil-Bangladexx;

E. wara li kkunsidra l-każ partikolarment skandaluż ta' direttur tal-gazzetta tal-Bangladexx *Weekly Blitz*, Salah Uddin Shoaib Choudhury, ġurnalist li jaħdem favur id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u l-għarfien ta' Iżrael, li kien arrestat fid-29 ta' Novembru 2003 u qiegħed fil-periklu li jiġi kkundannat għall-mewt matul il-ġuri tiegħu mixli b'sedizzjoni li kellu jibda jinstema' fit-13 ta' Novembru 2006,

F. billi l-vjolenza mwettqa minn organizzazzjonijiet paramilitari b'orjentament Islamiku naqset bħala riżultat ta' passi li kien ħa l-gvern ta' qabel fl-aħħar parti taż-żmien tiegħu fil-kariga,

G. billi l-Bangladexx kellu tradizzjoni għal żmien twil ta' demokrazija sekulari, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għad-drittijiet tan-nisa, għall-indipendenza tal-ġudikatura u għal-libertà ta' l-Istampa;

H. billi l-UE laqgħet b'sodisfazzjon l-arrest ta' żewġ mexxejja suspetti terroristi; u tikkunsidra dan bħala suċċess sinifikanti, li juri l-impenn tal-Bangladexx fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,

I. billi fir-Rebbiegħa ta' l-2006 l-Gvern ħa miżuri drastiċi biex jikkontrolla l-estremiżmu, iżda billi gruppi Islamiċi jissoktaw fil-beraħ bil-mira tagħhom kontra membri ta' minoritajiet reliġjuzi komunitarji,

1. Jiddeplora atti reċenti ta' vjolenza u jikkundanna bis-saħħa l-attakki fiżiċi fuq ġurnalisti, persunal ta' NGOs, membri ta' trade unions u oħrajn, u l-vjolenza relatata ma' l-elezzjoni ġenerali li ġejja u ma' l-arranġamenti tranżizzjonali;

2. Jirrikonoxxi l-importanza ta' l-elezzjonijiet u jappella għal Gvern Provviżorju sod u deċiżiv li jikkumbatti l-instabilità u li jnissel fiduċja fil-proċess ta' elezzjonijiet parlamentari liberi u ġusti skond standards internazzjonali, bil-parteċipazzjoni tal-partiti kollha u fil-perjodu ta' żmien ippjanat;

([1]) ĠU L 118, 27.4.2001, p 48.

3. Jistieden lill-Gvern Provviżorju tal-Bangladexx, immexxi mill-President Iajuddin Ahmed, li jieħu malajr passi biex jifforma mill-ġdid il-Kummissjoni Elettorali, sabiex jiżgura li din ta' l-aħħar tkun tista' taqdi xogħolha, u tkun tista' tidher li qed taqdi xogħolha b'mod verament newtrali;

4. Jistieden lill-Gvern Provviżorju li joħloq klima li fiha l-membri kollha ta' l-elettorat iħossuhom ġenwinament liberi li jużaw id-dritt tagħhom tal-vot, b'mod partikulari billi jiddiżarma l-partitarji tal-gruppi Islamiċi mogħtija għal azzjonijiet u propaganda karatterizzati b'intolleranza reliġjuża;

5. Jistieden lill-Kummissjoni Elettorali, b'koperazzjoni ma esperti nazzjonali u internazzjonali, biex ittejjeb il-kwalità u l-preċiżjoni tar-reġistru elettorali;

6. Jistieden lill-BNP, l-AL u l-partiti politiċi kollha biex jilħqu ftehim dwar il-kwistjonijiet elettorali kontroversjali kollha, biex jevitaw il-vjolenza politika u l-instabilità, u biex jiżviluppaw programmi politiċi li jtejbu l-istandard tal-kundizzjonijiet ta' l-għixien tal-popolazzjoni;

7. Jappella biex il-ġuri jerġa jsir u biex Salah Uddin Shoaib Choudhury jinħeles; il-kawża tiegħu tmur kontra l-istandards kollha tal-liġi internazzjonali u l-konvenzjonijiet kontra l-ksur tal-libertà ta' l-istampa;

8. Jistieden lill-awtoritajiet sabiex iġibu fit-tmiem il-klima ta' impunità u sabiex iressqu quddiem il-qrati lil dawk responsabbli ta' vjolenza u persekuzzjoni kontra l-ġurnalisti fil-Bangladexx;

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jommonitorjaw bir-reqqa s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, is-sitwazzjoni politika u l-libertà ta' l-istampa fil-Bangladexx u biex ifasslu programmi fil-qafas tal-koperazzjoni UE-Bangladexx biex jippromwovu l-libertà ta' l-istampa u l-libertà tal-kelma;

10. Jistieden lill-Gvern Provviżorju biex jiggarantixxi bilanċ tal-midja matul il-kampanja ta' l-elezzjoni;

11. Itenni l-impenn tiegħu għat-tradizzjoni waħdanija tal-Bangladexx ta' tolleranza reliġjuża u s-sekulariżmu kif imħaddna fit-tradizzjonijiet kulturali tal-pajjiż għal żmien twil u fil-wirt artistiku, u kif approvat fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kundanna reċenti minn qorti ta' żewġ militanti Islamiċi talli qatlu persuna kkonvertita għal Kristjaneżimu, iżda jikkundanna l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt;

13. Jilqa' b'soddisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibgħat Missjoni Elettorali ta' l-UE għall-Osservazzjoni ta' l-Elezzjoni (EUEOM) biex tosserva l-elezzjoni ġenerali li ġejja, u jħeġġeġ li tiġi stabbilita malajr Missjoni politika ta' Osservazzjoni ta' Elezzjonijiet mill-Parlament fuq tul ta' żmien qasir;

14. Jistieden lill-Kummissjoni li tagħmel użu mis-servizzi tajba tagħha ma' donaturi oħra u mal-Gvern tal-Bangladexx biex tippromwovi l-adozzjoni ta' miżuri effettivi skond id-dispożizzjonijiet ta' din ir-riżoluzzjoni;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern Provviżorju tal-Bangladexx, lill-Kummissjoni Elettorali tal-Bangladexx u lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

**P6_TA(2006)0503**

# Iran

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Iran

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, notevolment dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li tagħhom kollha l-Iran huwa parti,

— wara li kkunsidra d-Djalogu bejn l-UE u l-Iran dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra t-8 Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (2006) adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2006,

— wara li kkunsidra l-istqarrija ta' l-20 ta' Diċembru 2005 tal-Presidenza ta' l-UE dwar id-Djalogu bejn l-UE u l-Iran dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-10 sal-11 ta' April, tal-15 sas-16 ta' Mejju u tas-17 ta' Lulju 2006, l-istqarrija tas-26 ta' Lulju 2006 tal-Kunsill dwar il-Libertà ta' l-Espressjoni, l-istqarrija tal-5 ta' Mejju 2006 tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran, l-istqarrija ta' l-24 ta' Awissu 2006 tal-Kunsill dwar il-mewt ta' Akbar Mohammadi u t-tfigħ il-ħabs ta' Manouchehr Mohammadi u l-istqarrija tal-5 ta' Ottubru 2006 tal-Kunsill dwar il-Libertà ta' l-Istampa,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

***Qagħda ġenerali***

A. billi l-qagħda fl-Iran rigward it-tħaddim tad-drittijiet ċivili u tal-libertajiet politiċi marret lura fl-aħħar sena, notevolment minn mindu saru l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Ġunju 2005, minkejja diversi impenji min-naħa ta' l-awtoritajiet Iranjani biex jippromwovu valuri universali,

B. billi l-Iran obbliga lilu nnifsu li jippromwovi u jħares id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali taħt id-diversi strumenti internazzjonali f'dan il-qasam,

***Priġunieri politiċi***

C. billi l-awtoritajiet Iranjani ħabbru li rapport imħejji mill-ġudikatura ipproduċa evidenza ddettaljata dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi tortura u trattament ħażin ta' priġunieri u ta' persuni taħt arrest f'ħabsijiet jew f'ċentri ta' detenzjoni, iżda li wkoll ikkonferma li kienu ttieħdu miżuri biex il-problemi identifikati jiġu indirizzati,

D. billi, madankollu, il-prattika tat-tortura u tat-trattament ħażin tal-priġunieri, is-segregazzjoni ta' ħabsin f'ċelel waħedhom, id-detenzjoni klandestina, il-kastigi krudili, inumani u degradanti u l-impunità għall-aġenti ta' l-istat jibqgħu mifruxa,

E. imħasseb li ċ-Ċentru għad-Difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem (is-CDHR), mibdi fost l-oħrajn mir-rebbieħa tal-Premju Nobel għall-paċi fl-2003 Shirin Ebadi u li pprovda difiża legali pro-bono lil Zahra Kazemi, Akbar Ganji u Abdoulfatah Soltani, ġie ddikjarat bħala organizzazzjoni illegali mill-President Ahmadinejad f'Awissu 2006 u li l-Ministeru ta' l-Intern hedded li dawk li se jibqgħu jaħdmu fih se jiġu mħarrka,

***Prosekuzzjoni ta' minorenni li jiksru l-liġi***

F. imħasseb bil-kbir dwar l-għadd li qed jikber ta' rapporti dwar l-issentenzjar għall-mewt u l-ġustizzjar ta' minorenni li jiksru l-liġi, filwaqt li jinnota li l-Iran iwettaq l-ogħla għadd ta' ġustizzjar ta' minorenni fid-dinja kollha,

***Drittijiet tal-minoranzi***

G. billi xi drittijiet tal-minoranzi huma mogħtija mill-Kostituzzjoni Iranjana, bħalma huwa d-dritt tal-minoranzi għal ilsienhom, iżda billi ħafna drabi tali drittijiet ma jistgħux jitħaddmu fil-prattika; billi f'dawn l-aħħar xhur gruppi minoritarji għamlu dimostrazzjoni, sabiex jitħallew jeżerċitaw tali drittijiet, u dan wassal għat-tfigħ il-ħabs fuq skala kbira ta' dawk li ħadu sehem,

H. billi l-Azeri, l-ikbar minorità etnika fl-Iran, ħassewhom apertament offiżi, bħala grupp etniku minoritarju, b'kartuns f'ġurnal ta' kuljum ta' l-Istat f'Mejju 2006; billi minoranzi oħra jibqgħu jiġu ddiskriminati u ffastidjati minħabba l-isfond reliġjuż jew etniku tagħhom, fosthom il-Kurdi u l-abitanti ta' l-inħawi madwar il-belt ta' Ahwaz, il-kapitali provinċjali tal-provinċja tal-Khuzestan, li hi ddominata mill-Għarab, liema abitanti pereżempju qed jiġu spostati mill-irħula tagħhom, skond stqarrijiet minn Miloon Kothari, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni Adegwata, filwaqt li xi wħud minnhom għadhom taħt arrest jew ingħataw sentenza għall-mewt,

***Libertà tar-reliġjon***

I. billi, minbarra l-Iżlam, il-liġi tagħraf biss liż-Żoroastrijaniżmu, lill-Kristjaneżmu u lill-Ġudajiżmu bħala reliġjonijiet, filwaqt li dawk li jipprattikaw reliġjonijiet mhux rikonoxxuti, bħall-Baha'i u s-Sufiċi, issir diskriminazzjoni kontrihom u jitrażżnu bil-vjolenza; billi notevolment dawk li jħaddnu l-fidi Baha'i ma jistgħux jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom u jiġu, barra minn hekk, konsegwentement imċaħħda mid-drittijiet ċivili kollha, bħal ma huma d-drittijiet tagħhom għall-proprjetà, u aċċess għall-edukazzjoni ogħlja,

J. billi anki membri tal-kleru li jopponu r-reġim teokratiku ta' l-Iran jinsabu f'riskju, kif jixhed il-każ ta' l-Ajatollah Sayed Bouroujerdi, li kien arrestat flimkien mas-segwaċi tiegħu f'Ottubru 2006, u billi għad-hom miżmumin taħt arrest,

***Libertà ta' l-istampa***

K. imħasseb b'mod partikulari dwar l-għadd li qed jikber ta' rapporti dwar arresti arbitrarji ta' u theddid kontra ġurnalisti, ġurnalisti fuq l-internet u webloggers; billi mill-inqas 16-il ġurnalist ġew irrappurtati bħala li ġew arrestati mill-bidu tas-sena 'l hawn, u dan ipoġġi lill-Iran fost l-agħar pajjiżi fid-dinja fir-rigward tat-taħrik ta' ġurnalisti u tar-restrizzjoni tal-libertà ta' l-istampa bl-għeluq, tista' tgħid, tal-ġurnali kollha u tar-rivisti kollha ta' fuq l-internet li jikkritikaw, li b'konnessjoni magħhom qed jiġu ffastidjati membri tal-familja, qed jiġu imposti projbizzjonijiet tas-safar fuq il-ġurnalisti u qed jiġu kkonfiskati d-dixxijiet tas-satellita,

L. billi, skond rapporti, l-awtoritajiet Iranjani qegħdin aktar ma jmur jgħarblu s-siti fuq l-internet u jim-blukkaw l-aċċess għal bosta tużżani ta' pubblikazzjonijiet fuq l-internet kif ukoll ta' bloggs politiċi, soċjali u kulturali; billi, bil-fatt li ma jħallux li jsir użu ħieles ta' l-internet, l-awtoritajiet Iranjani qed jirrestrinġu l-uniku mezz li għandu l-pubbliku Iranjan biex ikollu aċċess għal tagħrif mhux iċċensurat,

***Id-drittijiet tan-nisa***

M. billi l-Iran għadu mhux parti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Qirda ta' Kull Sura ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

N. billi dimostrazzjonijiet li saru favur riformi legali sabiex tintemm id-diskriminazzjoni kontra n-nisa ġew sfrattati u dawk li ħadu sehem ġew arrestati, għalkemm aktar tard reġgħu inħelsu,

***Ksur ta' drittijiet Oħra***

O. billi l-President Mahmoud Ahmadinejad, f'Settembru 2006, sejjaħ fil-miftuħ għat-tkeċċija ta' l-akkade-miċi liberali u sekulari kollha mill-universitajiet; billi l-gvern ta' l-Iran qed jipprojbixxi dejjem aktar studenti universitarji milli jkomplu bl-edukazzjoni għolja tagħhom minkejja l-fatt li jkunu għaddew minn eżamijiet ta' dħul kompetittivi, u billi l-ġudikatura ħarrket u kkundannat ħafna studenti għall-ħabs, multi jew swat bil-frosta tul din l-aħħar sena,

P. billi persuni għadhom qed jittieħdu f'kustodja u xi drabi maqtula għal reati sesswali inter alia għal attività sesswali b'kunsens bejn adulti bejn persuni mhux miżżewġa u omosesswali,

Q. billi fl-2005 fl-Iran kien hemm it-tieni l-akbar numru ta' eżekuzzjonijiet fid-dinja, b'282 kundanna għall-mewt irrappurtati li minnhom 111 każ twettqu bejn Ottubru 2005 u Settembru 2006; barra minn hekk, huwa mħasseb ħafna li persuni għadhom qed jiġu kkundanati għall-mewt permezz tat-tħaġġir, minkejja li ġie impost moratorju fuq it-tħaġġir f'Diċembru 2002, u notevolment f'dan ir-rigward ta' nisa għal reati ta' kondotta sesswali ħażina,

R. wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Ġudikatura tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran f'April 2004 biex tiġi pprojbita t-tortura u r-riformi sussegwenti fil-leġiżlazzjoni mill-Parlament Iranjan li ġew appro-vati mill-Kunsill tal-Gwardjani f'Mejju 2004,

S. billi f'Diċembru 2006 se jkun hemm elezzjonijiet għall-Assemblea ta' l-Esperti, pilastru ta' l-istabiliment klerikali, li tagħżel u tagħmel superviżjoni tax-xogħol tal-mexxej suprem, kif ukoll elezzjonijiet għall-Kunsill; billi għall-elezzjonijiet għall-Kunsill ġie rrappurtat li fid-distretti elettorali ta' Rey u Shemiranat, persuni nominati kienu mċaħħda milli jirreġistraw u għall-elezzjonijiet għall-Assemblea ir-riformisti heddew li jagħmlu bojkott ta' l-elezzjonijiet jekk il-kandidati kollha ma jiġux aċċettati,

T. juri tħassib kbir dwar in-nuqqas ta' konformità sħiħa ma' l-istandards internazzjonali fl-amminsitrazzjoni tal-ġustizzja, in-nuqqas ta' garanziji tal-proċess normali tal-liġi u n-nuqqas ta' rispett għal salvagwardji legali rrikonoxxuti fil-kamp internazzjonali,

***Ksur ta' l-obbligi internazzjonali***

U. billi l-Iran ma wasalx għal qbil dwar rawnd ieħor tad-Djalogu bejn l-UE u l-Iran dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li kien stabilit fl-2002 u billi, wara r-raba' rawnd li sar fl-14 sal-15 ta' Ġunju 2004 l-Iran waqaf milli jipparteċipa, minkejja tentattivi ripetuti mill-UE matul l-aħħar sena u tul din is-sena biex toffri dati għall-ħames rawnd,

V. billi relazzjonijiet ta' l-UE ma' l-Iran huma bbażati fuq approċċ triplu, ikkaratterizzat minn negozjati dwar ftehima tal-kummerċ u l-koperazzjoni, djalogu politiku u djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, u billi d-djalogu politiku ġie sospiż minħabba l-pożizzjoni attwali ta' l-Iran fir-rigward tal-programm nukleari tiegħu,

***Qagħda ġenerali***

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-deterjorazzjoni tal-qagħda tad-drittjiet tal-bniedem fl-Iran minn mindu nħatar il-President Ahmadinejad f'Ġunju 2005;

2. Jitlob lill-Iran biex jagħti lill-persuni kollha d-dritt li jeżerċitaw id-drittijiet ċivili u l-libertajiet politiċi tagħhom u jittama li l-awtoritajiet Iranjani jwettqu l-impenji tagħhom biex jippromwovu valuri universali, li għalihom l-Iran għandu obbligi skond konvenzjonijiet internazzjonali li rratifika;

***Priġunieri politiċi***

3. Jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex jgħaġġlu l-proċess ta' investigazzjoni fl-imwiet u l-qtil b'mod suspettuż ta' intellettwali u attivisti politiċi, biex iressqu dawk li huma ħatja quddiem il-qorti u biex jipprovdu mingħajr kundizzjonijiet assistenza medika xierqa għal dawk il-priġunieri li mhumiex f'saħħithom;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex jeħilsu mingħajr kundizzjoni l-priġunieri tal-kuxjenza kollha, notevolment Keyvan Ansari, Keyvan Rafii, Kheirollah Derakhshandi, Abolfazl Jahandar u Koroush Zaim;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon f'dan il-kuntest il-ħelsien ta'l-eks Membru tal-Parlament Iranjan Sayed Ali Akbar Mousavi-Kho'ini, kif ukoll il-ħelsien li sar preċedentement ta' Ramin Jahanbegloo u Akbar Ganji; jistenna li s-Sur Ganji, li kien mistieden fil-Parlament Ewropew f'Ottubru, ikun jista jmur lura lejn l-Iran b'mod ħieles u mingħajr xkiel;

***Prosekuzzjoni ta' żgħażagħ li jiksru l-liġi***

6. Sorpriż bil-qawwi mill-fatt li għad hemm każijiet ta' eżekuzzjonijiet ta' minorenni u kundanni għal tħaġġir u li minkejja l-assikurazzjonijiet tal-gvern, ġew applikati mill-inqas żewġ kundanni għat-tħaġġir;

7. Jikkundanna b'mod qawwi l-piena tal-mewt inġenerali, u jikkundanna b'mod partikulari sentenzi tal-mewt kontra żgħażagħ u minorenni li jiksru l-liġi u l-eżekuzzjoni tagħhom, u jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex jirrispettaw is-salvagwardji legali rrikonoxxuti fil-kamp internazzjonali fir-rigward ta' minorenni, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

***Drittijiet tal-minoranzi***

8. Jitlob lill-awtoritajiet biex jirrispettaw is-salvagwardji legali rrikonoxxuti fil-kamp internazzjonali fir-rigward ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi, kemm dawk li huma rrikonoxxuti b'mod uffiċjali kif ukoll dawk li mhumiex; jikkundanna n-nuqqas ta' rispett attwali għal drittijiet tal-minoranzi u jitlob li l-minoranzi jkunu permessi jeżerċitaw id-drittijiet kollha tagħhom mogħtija mill-Kostituzzjoni ta' l-Iran u l-liġi internazzjonali; jitlob ukoll lill-awtoritajiet biex jeliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet reliġjużi jew etniċi jew kontra persuni li jagħmlu parti minn minoranza, bħall-Kurdi, l-Ażeri, l-Gharab u l-Baluċi;

9. Jibqa' mħasseb dwar il-każ ta' l-avukat Saleh Kamrani, li ddefenda lit-Torok Azeri f'kawża tal-qorti u għeb fl-14 ta' Ġunju 2006; jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex iwaqqfu immedjatament l-eżekuzzjoni imminenti ta' l-Għarab Abdullah Suleymani, Abdulreza Sanawati Zergani, Qasem Salamat, Mohammad Jaab Pour, Abdulamir Farjallah Jaab, Alireza Asakreh, Majed Alboghubaish, Khalaf Derhab Khudayrawi, Malek Banitamim, Sa'id Saki u Abdullah Al-Mansouri;

***Libertà ta' l-Istampa***

10. Ifakkar lill-gvern ta' l-Iran bl-obbligi tiegħu bħala firmatarju tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi kif ukoll il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, li jissalvagwarda d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikulari l-libertà ta' l-opinjoni, u jitlob għall-ħelsien tal-ġurnalisti u l-webloggers kollha li jinsabu miżmuma l-ħabs, inklużi Motjaba Saminejad, Ahmad Raza Shiri, Arash Sigarchi u Masoud Bastani;

11. Jikkundanna l-arresti u l-priġunerija ta' ġurnalisti ċibernetiċi u webloggers, u ċ-ċensura parallela ta' diversi pubblikazzjonijiet *online*, *blogs* u siti ta' l-*internet*, għax huma l-aktar sors ta' aħbarijiet bla ċensura għall-poplu Iranjan; jikkundanna wkoll il-mewġa ta' arresti arbitrarji ta' ġurnalisti, kif ukoll ir-restrizzjonijiet kbar u b'mod partikolari l-egħluq ta' mezzi ta' komunikazzjoni f'Iran;

12. Jistieden lill-Parlament Iranjan sabiex jadatta l-Liġi Iranjana dwar l-Istampa kif ukoll il-Kodiċi Penali għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u b'mod partikulari sabiex jirrevoka d-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-espressjoni paċifika ta' l-opinjonijiet, fosthom fl-istampa.

***Libertà tar-Reliġjon***

13. Isejjaħ lill-awtoritajiet Iranjani biex jeliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni bbażati fuq raġunijiet reliġjużi; b'mod partikulari jitlob li titneħħa l-projbizzjoni *de facto* fuq il-fidi Baha'i;

14. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-arrest taż-żewġ avukati li ngħataw sentenzi ta' priġunerija minħabba l-involviment tagħhom fid-difiża ta' persuni Sufiċi f'Qom; daqstant ieħor jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sikurezza ta' Ayatollah Sayad Hossein Kazemeyni Boroujerdi, li ilu s-snin jiġġieled għas-separazzjoni tar-reliġjon mill-bażi politika ta' l-istat, u li reġa' ġie arrestat flimkien ma' allegatament aktar minn 400 misseġwaċi tiegħu;

***Drittijiet tan-Nisa***

15. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diskriminazzjoni kontinwa, fil-liġi u fil-prattika, kontra n-nisa, minkejja xi progress; jikkundanna l-użu tal-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fl-Iran, li għadha problema serja; barra minn hekk, jikkundanna l-użu tal-vjolenza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra nisa li nġabru aktar kmieni din is-sena sabiex jiċċelebraw il-Jum Dinji tal-Mara fit-8 ta' Marzu 2006; Barra minn hekk, jikkundanna l-isfrattu vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani ta' dimostrazzjoni paċifika fit-12 ta' Ġunju 2006 minn nisa u rġiel li qed jiġġieldu sabiex tiġi fit-tmiemha d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fl-Iran;

16. Iħeġġeġ lill-Iran sabiex jiffirma l-Patt tal-Qirda ta' Kull Sura ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u apparti hekk, jitlob li l-età legali li fiha n-nisa jsiru maġġorenni fl-Iran tinbidel għal 18-il sena;

***Ksur ta' Drittijiet Oħra***

17. Jikkundanna bil-qawwa it-talba miftuħa tal-President Ahmadinejad għat-tkeċċija ta' akkademiċi liberali u sekulari fl-universitajiet, u jitlob li dawk kollha li ġew imkeċċija jitħallew imorru lura u jgħallmu skond id-drittijiet bażiċi tal-libertà akkademika;

18. Bil-qawwa jiddeplora l-imwiet ta' l-istudent attivist Akbar Mahdavi Mohammadi u l-priġunier politiku Valiollah Feyz b'riżultat ta' strajk tal-ġuħ, u jitlob għall-ħelsien ta' Manoucher Mohammadi; jitlob li l-istudenti ma jinżammux milli jsegwu edukazzjoni għolja minħabba attivitajiet politiċi paċifiċi;

19. Jitlob li ma jsirx tħarrik għal attività sesswali b'kunsens bejn persuni adulti mhux miżżewġa; barra minn hekk, jitlob li ma jiġux mibgħuta l-ħabs jew iġġustizzjati persuni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali;

20. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani sabiex jagħtu evidenza li qed jimplimentaw il-moratorju ddikjarat tagħhom fuq it-tħaġġir, u jitlob għall-implimentazzjoni immmedjata u stretta tal-projbizzjoni fuq it-tortura kif tħabbret, għaddiet mill-Parlament Iranjan u ġiet approvata mill-Kunsill tal-Gwardjani; barra minn hekk, jitlob li l-Kodiċi Penali Islamiku ta' l-Iran jiġi riformat sabiex jabolixxi t-tħaġġir;

21. Huwa mħasseb ħafna li għall-elezzjonijiet li ġejjin, xi persuni nominati għal darba oħra ma setgħux jirreġistraw u li persuni riformisti se jibbojkottjaw l-elezzjonijiet minħabba l-proċeduri mhux demokratiċi fil-proċess sabiex wieħed jitniżżel fil-lista ta' l-elezzjonijiet;

22. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex jagħmlu sforzi sabiex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tal-proċess normali tal-liġi u proċeduri ġusti u trasparenti mill-ġudikatura, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-verdetti f'kull każ;

***Inizjattivi Ewropej***

23. Jistieden lill-Iran sabiex flimkien ma' l-Unjoni Ewropea, jerġa' jibda d-Djalogu UE-Iran dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u barra minn hekk, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jimmonitorjaw mill-qrib l-iżviluppi fl-Iran u wkoll sabiex iqajjmu każi konkreti ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem bħala kundizzjoni bażika għall-progress tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-Iran;

24. Jistieden lill-Kummissjoni, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, biex tagħmel użu effettiv ta' l-Istrument għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem il-ġdid, sabiex tiġi żgurata d-demokrazija u rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, permezz ta', pereżempju, appoġġ għal mezzi ta' komunikazzjoni bla ċensura;

25. Jistieden lill-Kunsill sabiex jeżamina l-mod li bih jista' jiġi involut il-Parlament fl-aġġornamenti regolari tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill Nru 2001/931/CFSP tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu [1], filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi li seħħew mill-2001 'l quddiem;

26. Jilqa' l-ewwel żjara tad-delegazzjoni tal-*Majlis* fil-Parlament Ewropew f'Ottubru, u jesprimi t-tama tiegħu li dawn l-iskambji siewja kif ukoll din ir-riżoluzzjoni jkunu jifformaw parti minn djalogu kontinwu li għandu jwassal għal tqarrib gradwali bejn l-Iran u l-Unjoni Ewropea fuq il-bażi ta' valuri komuni mħaddna fil-Karta u fil-Konvenzjonijiet tan-NU;

*

* *

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tas-CFSP, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissjoni tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kap tal-Qorti Suprema ta' l-Istat ta' l-Iran u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Islamika ta' l-Iran.

---

[1] ĠU L 344, 28.12.2001, p.93.